ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 332 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

15 ta' Novembru 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2012-2013

Dati tas-seduti: 12 – 14 ta' Ġunju 2012

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 284 E, 20.9.2012.

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

2013/C 332 E/01 Id-definizzjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ġdida mal-Amerika Latina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar id-definizzjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ġdida mal-Amerika Latina (2011/2286(INI)) ..... 1

2013/C 332 E/02 Ħidmiet volontarji transkonfinali fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar ir-rikonoxximent u l-promozzjoni fl-UE tal-ħidmiet volontarji transkonfinali (2011/2293(INI)) ..... 14

2013/C 332 E/03 Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni: lejn ċibersigurtà dinjija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni. Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija (2011/2284(INI)) ..... 22

2013/C 332 E/04 Kooperazzjoni fir-rigward tal-politika enerġetika ma' sħab lil hinn mill-fruntieri tagħna

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna. Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija (2012/2029(INI)) ..... 28

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| | **L-Erbgħa 13 ta’ Ġunju 2012** | |
| 2013/C 332 E/05 | Perspettivi finanzjarji multiannwali u riżorsi proprji<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar Perspettivi Finanzjarji Multiannwali u riżorsi proprji (2012/2678(RSP)) | 42 |
| 2013/C 332 E/06 | Negozjati kummerċjali tal-UE mal-Ġappun<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar negozjati kummerċjali tal-UE mal-Ġappun ((2012/2651(RSP)) | 44 |
| 2013/C 332 E/07 | Il-Ginea Bissaw<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar il-kolp ta’ stat militari fil-Ginea Bissaw (2012/2660(RSP)) | 45 |
| 2013/C 332 E/08 | Is-Sudan u s-Sudan t’Isfel<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan u s-Sudan t’Isfel (2012/2659(RSP)) | 49 |
| 2013/C 332 E/09 | Ftehim kummerċjali tal-UE mal-Kolombja u l-Perù<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar il-ftehim kummerċjali tal-UE mal-Kolombja u l-Perù (2012/2628(RSP)) | 52 |
| 2013/C 332 E/10 | In-negozjati dwar it-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar in-negozjati dwar it-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) (2012/2636(RSP)) | 58 |
| 2013/C 332 E/11 | Segwitu tal-elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar segwitu tal-elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2012/2673(RSP)) | 63 |
| | **Il-Ħamis 14 ta’ Ġunju 2012** | |
| 2013/C 332 E/12 | Il-konsultazzjonijiet pubbliċi u d-disponibbiltà tagħhom fil-lingwi kollha tal-UE<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2012 dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi u d-disponibilità tagħhom bl-ilsna kollha tal-UE (2012/2676(RSP)) | 68 |
| 2013/C 332 E/13 | Sitwazzjoni fit-Tibet<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2012 dwar is-Sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet (2012/2685(RSP)) | 69 |
| 2013/C 332 E/14 | Il-futur tal-Att dwar is-Suq Uniku<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2012 dwar ‘l-Att dwar is-Suq Uniku ": Il-Passi li Jmiss għal Tkabbir" (2012/2663(RSP)) | 72 |
| 2013/C 332 E/15 | Il-futur tad-Dritt Soċjetarju Ewropew<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2012 dwar il-Futur tad-Dritt Soċjetarju Ewropew (2012/2669(RSP)) | 78 |
| 2013/C 332 E/16 | Lejn irkupru mogħni bl-impjiegi<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2012 dwar "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta’ impjiegi" (2012/2647(RSP)) | 81 |


**MT**

*(Ikompli fuq paġna 209)*

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Id-definizzjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ġdida mal-Amerika Latina

P7_TA(2012)0235

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar id-definizzjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ġdida mal-Amerika Latina (2011/2286(INI))**

(2013/C 332 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-sitt samits tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Amerika Latina u l-Karibew u l-UE li saru f'Río de Janeiro (fit-28 u d-29 ta' Ġunju 1999), f'Madrid (fis-17 u t-18 ta' Mejju 2002), fi Guadalajara (fit-28 u d-29 ta' Mejju 2004), fi Vjenna (fit-12 u t-13 ta' Mejju 2006), f'Lima (fis-16 u s-17 ta' Mejju 2008) u f'Madrid (fis-17 u t-18 ta' Mejju 2010),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni adottata waqt is-17-il Samit Iberoamerikan tal-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern, li sar f'Asunción (Paragwaj), fid-28 u l-29 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-Protokoll ta' Kjoto u r-riżultati tal-ħmistax-il Konferenza tal-partijiet tal-UNFCCC f'Kopenhagen, is-sittax-il-Konferenza f'Cancun u s-sbatax-il Konferenza f'Durban;

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Monterrey (2002), il-Konferenza dwar il-finanzjament tal-Iżvilupp ta' Doha (2008), id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi (2005) u l-Aġenda għall-bidla ta' Accra (2008),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti, tat-8 ta' Settembru 2000, li fiha ġew stabbiliti l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG) bħala kriterji miftehma flimkien mill-komunità internazzjonali għall-qerda tal-faqar,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni adottati fil-Laqgħa ta' Livell Għoli ta' Busan dwar l-Effiċjenza tal-Għajnuna għall-Iżvilupp, f'Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra l-proċess ta' tħejjija għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio+20),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-XIV-il laqgħa ministerjali bejn il-Grupp ta' Río u l-Unjoni Ewropea, li saret fi Praga fit-13 u l-14 ta' Mejju 2009,

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jgħid li "L-objettiv prinċipali tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni għandu jkun it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar. L-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-objettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp ([1]), u b'mod partikolari l-punt 61 tiegħu, fejn tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-Pajjiżi bi Dħul Medju għat-twettiq tal-MDGs u fejn jiġu riflessi d-diffikultajiet li jiffaċċjaw dawn il-pajjiżi flimkien ma' dawk tal-Pajjiż bi Dħul Medju-Għoli,

— wara li kkunsidra l-kodiċi ta' komplementarjetà u d-diviżjoni tax-xogħol tal-2007,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tat-8 ta' Diċembru 2009 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni ta' Madrid adottat fis-Samit UE-LAC f'Mejju 2010 u s-6 temi prinċipali tiegħu: 1- Ix- Xjenza, ir-Riċerka, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija; 2- L-Iżvilupp sostenibbli; l-ambjent; it-tibdil fil-klima; il-bijodiversità; l-enerġija; 3- L-Integrazzjoni reġjonali u l-interkonnettività għall-promozzjoni tal-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali; 4- Il-Migrazzjoni; 5- L-edukazzjoni u l-impjiegi; 6 - Id-drogi

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra d-dokument tal-Kummissjoni dwar il-programmazzjoni reġjonali għall-Amerika Latina (2007-2013) tat-12 ta' Lulju 2007 (E/2007/1417), u l-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2009 bl-isem "L-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina: Atturi Globali fi Sħubija' (COM(2009)0495),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2009 intitolata "Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp – L-Istabbiliment ta' qafas ta' politika għall-approċċ uniku tal-Unjoni (COM (2009)0458), il-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tas-17 ta' Novembru 2009 dwar il-Koerenza fil-Politiki għall-Iżvilupp u l-Qafas Operattiv għall-Effikaċja tal-Għajnuna,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2010 bl-isem 'Politika tal-iżvilupp tal-UE għall-appoġġ ta' tkabbir inklussiv u żvilupp sostenibbli - Żieda fl-impatt tal-politika tal-iżvilupp tal-UE' (COM(2010)0629),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2011 bl-isem "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla' (COM(2011)0637),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-20 ta' Awwissu 2009 bl-isem "Il-PDG u lil hinn. Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel' (COM(2009)0433),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Tħejjija tal-qafas finanzjarju multiannwali li jirrigwarda l-finanzjament tal-kooperazzjoni tal-UE għal pajjiżi tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u l-Paċifiku u l-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej għall-perjodu 2014-2020» (COM(2011)0837, SEC(2011)1459, SEC(2011)1460),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, (COM(2011)0843, SEC(2011)1475, SEC(2011)1476),

([1]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 bl-isem 'Baġit għall-Ewropa 2020' (COM(2011)0500) u d-dokument ta' ħidma bl-istess data bl-isem 'A Budget for Europe 2020: the current system of funding, the challenges ahead, the results of stakeholders consultation and different options on the main horizontal and sectoral issues' (SEC(2011)0868),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Ewropa Globali: Approċċ Ġdid għall-iffinanzjar tal-azzjoni esterna tal-UE' (COM(2011)0865),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Shubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, (COM(2011)0840, SEC(2011)1469, SEC(2011)1470),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana (EuroLat), u b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet approvati fil-Ħames Sessjoni Plenarja Ordinarja tat-18 u d-19 ta' Mejju 2011 f'Montevideo, l-Urugwaj, dwar il-prospetti għal relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina u dwar l-Istrateġiji ta' ħarsien u ta' ħolqien tal-impjieg, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ,u dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina f'termini ta' sigurtà u difiża,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru 2001 dwar sħubija globali u strateġija komuni għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina [1], tas-27 ta' April 2006 dwar sħubija iktar mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina [2], u tal-24 ta' April 2008 dwar il-Ħames Samit bejn l-Amerika Latin u l-Karibew u l-Unjoni Ewropea f'Lima [3],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-Istrateġija tal-UE għar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina [4], tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar i-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Amerika Latina [5], u tal-5 ta' Lulju 2011 dwar iż-żieda fl-impatt tal-politika ta' żvilupp tal-UE [6],

— wara li kkunsidra l-istudju dwar politika ġdida ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE mal-Amerika Latina: enfasi fuq il-koeżjoni soċjali, l-integrazzjoni reġjonali u l-kooperazzjoni bejn Nofsinhar u Nofsinhar (Diċembru 2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0159/2012),

A. Billi, kif definit fit-Trattat ta' Lisbona, l-għan globali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hu dak tal-qerda tal-faqar u l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, inkluż is-seħħ tal-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju (MDG) fl-2015;

B. Billi dan ir-reġjun jinsab fi grupp ta' pajjiżi ta' dħul medju li kiseb suċċess notevoli fit-tnaqqis tal-faqar – minn 44 % għal 33 % f'għaxar snin biss – u l-inugwaljanza permezz tat-tkabbir ekonomiku u politiki soċjali mtejba, iżda minkejja dan wieħed minn kull tliet Latino-Amerikani għadhom jgħixu taħt il-livell tal-faqar –180 miljun ruħ, li 52 miljun minnhom jgħixu b'inqas minn 2 euro kuljum –u li 10 pajjiżi tar-reġjun għadhom fost il-15 bl-ikbar inugwaljanza fid-dinja [7]; billi xi pajjiżi għandhom rati ta' malnutrizzjoni akbar minn 20 % u billi 28 miljun ruħ ma jafux jaqraw u jiktbu, peress li 44 miljun ruħ huma barra s-sistemi tal-protezzjoni soċjali;

C. Billi l-FMI għamel stima ta' livell medju ta' tkabbir tal-PDG ta' 4.5 % għall-Amerika Latina fl-2011 u li attwalment qed jiġu ffaċċjati perspettivi ta' tnaqqis ekonomiku globali għall-2012, peress li tibqa' tippersisti inċertezza kbira fuq l-impatt tal-kriżi ekonomika u dik globali finanzjarja fir-reġjun;

[1] ĠU C 140 E, 16.3.2002, p. 569.
[2] ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.
[3] ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 64.
[4] ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 54.
[5] ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 79.
[6] Testi adottati, P7_TA(2011)0320.
[7] Data mill-ECLAC u l-OECD.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

D. Billi l-pajjiżi bi dħul medju għandhom magna ta' żvilupp u integrazzjoni reġjonali u billi kriżi f'dawn timpedixxi l-progress f'pajjiżi bi dħul baxx li jinsabu fir-reġjuni tagħhom;

E. Billi t-tnaqqis fil-pajjiżi tar-reġjun mhuwiex regolari, u billi fil-Bolivja, il-Ħonduras, in-Nikaragwa u s-Surinam l-għajnuna esterna, tibqa' tkun waħda mill-iktar mezzi importanti ta' finanzjament għall-iżvilupp flimkien mal-kontribuzzjonijiet tar-rimessi tal-emigranti, li jirrappreżentaw madwar 6 % u 25 % tal-PDG ta' dawn il-pajjiżi;

F. Billi d-definizzjoni ta' politika ġdida ta' kooperazzjoni trid tqis il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż u li l-UE għandha tikkollabora mal-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina, u speċjalment mal-MICs, meta tkun qed tmexxi l-Kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u l-ġlieda kontra l-faqar u l-iżvilupp fuq livell reġjonali u globali;

G. Billi l-koeżjoni soċjali kienet għan ewlieni tal-Assoċjazzjoni Strateġika mit-tnedija tagħha fil-Forum fi Guadalajara fl-2004, minħabba l-importanza li għandu għar-reġjun għall-kisba ta' distribuzzjoni mill-ġdid aħjar tad-dħul u l-ġid, permezz ta' politiki adegwati li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u aktar ġustizzja u koeżjoni soċjali;

H. Billi r-rilevanza speċjali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba fil-Programm għall-Bidla; billi l-Amerika Latina hija kontinent fejn id-demokrazija hija normalment stabbilita, li magħha l-Ewropa taqsam valuri u prnċipji demokratiċi, u fejn hu meħtieġ tiġi appoġġjata l-governanza u l-istituzzjonalità tal-Istat, mhedda minn vjolenza u nuqqas ta' sigurtà;

I. Billi fl-MICs se jkun aktar adegwat li l-għajnuna tiġi orjentata mill-ġdid lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u regolatorji, it-tfassil tal-politiki pubbliċi, l-appoġġ għall-atturi soċjali, kif ukoll lejn il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali lill-ODA;

J. Billi l-Amerika Latina u l-UE jiffurmaw Assoċjazzjoni Strateġika Bireġjonali bbażata fuq valuri komuni u b'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; billi 2 mid-9 imsieħba strateġiċi tal-UE fid-dinja huma mill-AL (il-Brażil u l-Messiku); billi l-UE hi l-investitur ewlieni u t-tieni sieħeb kummerċjali, kif ukoll id-donatur ewlieni ta' għajnuna għall-iżvilupp, jiġifieri qed tipprovdi 53 % tat-total ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) li qed jirċievi r-reġjun;

K. Billi l-maġġor parti tan-nies f'sitwazzjoni ta' faqar madwar id-dinja jgħixu f'dawn il-Pajjiżi bi Dħul Medju; billi dawn il-pajjiżi ta' spiss jiffaċċjaw inugwaljanza notevoli u governanza dgħajfa li jheddu s-sostenibbiltà tal-proċess ta' żvilupp tagħhom; billi ħafna pajjiżi bi dħul medju għandhom rwol importanti fil-kwistjonijiet ta' politika, ta' sigurtà u ta' kummerċ fid-dinja, billi jipproduċu u jipproteġu l-ġid pubbliku globali, u jaġixxu bħala "pajjiżi ankra" fuq livell reġjonali; u li apparti minn perjodi ta' ġid jibqgħu jkunu vulnerabbli għal riskji globali tat-tip ekonomiku, ambjentali, jew tas-sigurtà;

L. Billi xi pajjiżi tal-Amerika Latina bdew jiġu involuti fl-isforzi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp permezz ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni reġjonali u tal-Kooperazzjoni bejn Nofsinhar u Nofsinhar (CSS);

M. Billi l-Amerika Latina ma tistax ma tibqax tkun prijorità għall-UE, kif inhu rifless fir-relazzjonijiet bireġjonali UE- Amerika Latina li kellhom progress sinifikanti fis-snin riċenti, bħall-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali, iċ-Ċili u l-Messiku, il-ftehim kummerċjali bejn bosta partijiet kuntraenti mal-Kolombja u l-Peru, in-negozjati mal-Mercosur, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Madrid u t-tnedija tal-Fondazzjoni UE-ALK;

N. Billi skont il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-appoġġ għall-pajjiżi bi dħul medju jibqa' jkun importanti biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

O. Billi l-UE, permezz tal-ftehimiet stabbiliti mal-imsieħba tar-reġjun, inklużi fil-Ftehimiet ta' assoċjazzjoni u tal-għajnuna tagħha għall-iżvilupp, għandha tkompli tagħti appoġġ sinifikanti għall-proċess ta' żvilupp u stabbilizzazzjoni tar-reġjun; u dan ifisser li l-fatt li tista' tieqaf tagħmel dan meta jiġu kkonsolidati r-riżultati tal-imsemmi proċess iqanqal tħassib serju; Ea.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

P. Billi fil-proposta attwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ICD huwa mistenni tnaqqis fl-għajnuna bilaterali tal-UE lill-pajjiżi bi dħul medju fl-Amerika Latina u li s-servizzi bażiċi m'għadhomx fuq il-lista ta' prijoritajiet għar-reġjun;

Q. Billi l-allokazzjoni baġitarja tal-ICD attwali għall-AL turi li hija l-aktar reġjun traskurat finanzjarjament fl-istruttura tal-Kapitolu IV tal-baġit komunitarju rigward oqsma oħra li jirċievu għajnuna Ewropea;

R. Billi l-koeżjoni soċjali għandha dimensjoni wiesgħa li tinvolvi l-ġlieda kontra l-faqar, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, l-iżgurar tal-aċċess universali għas-servizzi bażiċi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-pensjonijiet jew id-djar, ir-rikonoxximent u l-protezzjoni tad-djalogu soċjali u tad-drittijiet tax-xogħol; billi l-ħtieġa ta' patt fiskali li jiggarantixxi b'mod ekwu d-distribuzzjoni aħjar tar-riżorsi;

S. Billi ċ-Ċina saret it-tielet investitur fl-Amerika Latina kif ukoll is-suq prinċipali, jekk mhux l-uniku wieħed ta' esportazzjoni għal ċerti prodotti; billi għalhekk l-UE għandu jkollha rwol iktar attiv sabiex issaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħha mal-pajjiżi tal-Amerika Latina fi ħdan sistema tal-ODK;

T. Billi indipendentement mill-konnotazzjonijiet tal-kunċett ta' koeżjoni soċjali fuq livell Ewropew jew fl-Amerika Latina, fiż-żewġ reġjuni jista' jinftiehem bħala prinċipju ta' gwida tal-politiki pubbliċi li jippermetti l-orjentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp lejn il-kisba ta' benesseri tal-popolazzjoni kollha, biex b'hekk tiġi evitata l-polarizzazzjoni, in-nuqqas ta' kuntentizza u t-telf ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi;

U. Billi fost l-isfidi ewlenin tad-donaturi fir-reġjun hemm dik tal-koerenza bejn il-politiki, kif ukoll koordinazzjoni u komplementarjetà akbar fil-qafas ta' diviżjoni aħjar tax-xogħol, li jimplika konċentrazzjoni u prevedibbiltà akbar tal-għajnuna;

V. Billi l-ħolqien tal-għana u l-ġlieda kontra l-faqar, l-inugwaljanza, l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni, speċjalment tan-nisa, taż-żgħażagħ u tal-gruppi etniċi minoritarji - kif ukoll il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem għadhom prijorità ewlenija tal-assoċjazzjoni strateġika UE-Amerika Latina;

W. Billi r-reġjun joffri indikaturi kompromettenti fil-ġlieda kontra l-mortalità tat-trabi u tal-ommijiet, u billi l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-setgħa politika u ekonomika tan-nisa huma fatturi essenzjali sabiex jitnaqqas il-faqar;

X. Billi s-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (SPĠ) tal-UE tikkostitwixxi strument ewlieni li jippermetti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jipparteċipaw iżjed fil-kummerċ globali u b'hekk jiġġeneraw dħul addizzjonali mill-esportazzjoni biex jgħinu t-tkabbir ekonomiku u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-politika dwar l-iżvilupp u t-tnaqqis fil-faqar;

Y. Billi l-insuffiċjenza tal-indiċi tal-PDG bħala indikatur uniku għall-kejl tal-inugwaljanza u għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' għajnuna għall-iżvilupp tal-UE bil-għan primarju li jinqered il-faqar;

Z. Billi l-pajjiżi tal-Amerika Latina jesportaw ferm inqas lejn il-ġirien tagħhom minn kemm jesportaw il-kontropartijiet tagħhom f'kontinenti oħra; l-iskambju kummerċjali relattivament baxx huwa minħabba d-distanzi importanti, it-tariffi għolja, id-dwana, il-ftehimiet kummerċjali separati u n-networks tal-infrastruttura inadegwati;

AA. Billi titqies l-importanza vitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa pubblika, fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali;

AB. Billi d-degradazzjoni tal-ambjent għandu impatt dirett fuq il-ġenerazzjoni tal-faqar; billi l-Amerika Latina hija r-riżerva ambjentali kbira fid-dinja peress li l-Brażil, il-Messiku, il-Perù jew il-Kolombja huma l-pajjiżi bl-akbar bijodiversità fid-dinja, iżda fl-istess ħin hija kontinent vulnerabbli b'mod sepċjali għat-tibdil fil-klima;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

AC. Billi t-titjib fil-ġbir tat-taxxa huwa fundamentali sabiex jinbena stat kompetenti li kapaċi jipprovdi lill-poplu tiegħu bis-servizzi bażiċi bħas-saħħa, is-sanità pubblika u l-edukazzjoni;

AD. Billi l-aktar effetti devastanti tat-tibdil fil-klima u t-tisħin globali jaffettwaw fuq skala kbira lill-Amerika Latina u l-Karibew, billi huma l-pajjiżi tar-reġjun l-aktar vulnerabbli tad-dinja; billi d-diżastri naturali kkawżaw telf ta' 54 % tal-PDG reġjonali tal-Amerika Ċentrali;

AE. Billi r-referenza espliċita għas-settur privat bħala attur ewlieni għall-ġenerazzjoni ta' żvilupp sostenibbli u l-kontribuzzjoni għall-koeżjoni soċjali inkluża fil-Programm għall-Bidla;

AF. Billi l-importanza tad-djalogu bireġjonali strutturat u globali dwar il-migrazzjoni bejn l-UE u l-AL, u l-importanza li l-politiki u l-prattiki tal-migrazzjoni taż-żewġ reġjuni jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-migranti kollha;

AG. billi xi pajjiżi fl-Amerika Latina huma fost l-iżjed vjolenti fid-dinja, u li l-kriminalità flimkien ma' fenomeni bħat-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-armi u l-korruzzjoni għadhom problema gravi ħafna fir-reġjun, li hi theddida għall-iżvilupp tiegħu;

AH. Billi l-proposta tal-Kummissjoni għall-Istrument ta' sħubija tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 fir-reġjun; billi din il-proposta tiffoka b'mod preferenzjali fuq l-imsieħba strateġiċi tagħha u l-ekonomiji emerġenti, filwaqt li jinżamm ukoll approċċ globali li jiffoka fuq l-isfidi u t-theddid globali;

AI. Billi t-theddida għas-sistemi demokratiċi u s-sigurtà kollettiva tal-Amerika Latina tinvolvi l-korruzzjoni marbuta ma' netwerks kriminali, iddedikati b'mod speċjali għad-distribuzzjoni u t-traffikar ta' drogi, li tippenetra fl-istituzzjonijiet, tinfirex f'żoni ta' influwenza territorjali, tikkawża danni kollaterali, u twassal għal problemi serji ta' nuqqas ta' stabbiltà u governanza politika;

1. Ifakkar li, għalkemm l-impatti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali fl-Amerika Latina kienu inqas gravi milli kien f'reġjuni oħra, il-livelli tal-inugwaljanza u r-rati tal-faqar għadhom għoljin ħafna, u l-progress tar-reġjun għat-twettiq ta' sitta mit-tmien MDG (Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp) mhuwiex biżżejjed;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koordinament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina fil-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, b'mod speċjali l-azzjonijiet immirati lejn il-ġlieda kontra l-faqar, il-ħolqien tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi emarġinati; jenfasizza li l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju li jimmiraw lejn sħubija globali għall-iżvilupp (MDG 8) għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-politika ta' kooperazzjoni mal-Amerika Latina tal-UE, b'oqsma magħżula li fihom tiġi implimentata l-istrateġija ġdida ta' "tkabbir inklużiv" f'dawn il-pajjiżi; jissottolinja l-fatt li l-Fondazzjoni UE-Amerika Latina u l-Karibew tista' tagħti kontribut kbir biex dawn l-għanijiet jintlaħqu;

3. Iqis li l-progressi ekonomiċi u teknoloġiċi ta' wħud mill-pajjiżi tal-Amerika Latina jesiġu li jiġu riveduti l-għanijiet tal-kooperazzjoni bilaterali tal-UE għall-iżvilupp; jinsisti li għandna sfidi komuni li jeħtieġ niffaċċjaw permezz ta' tisħiħ tal-multilateraliżmu; 2. Jitlob li tintemm l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE; Jikkunsidra li l-progressi ekonomiċi u teknoloġiċi ta' wħud mill-pajjiżi tal-Amerika Latina jesiġu li l-għanijiet tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp jiġu kkunsidrati; jenfasizza li r-rabtiet bejn it-tkabbir, il-kummerċ, l-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar la huma sempliċi u lanqas awtomatiċi; fid-dawl ta' dan, jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni fil-kuntest tad-dibattitu dwar l-iżvilupp futur tal-politika ta' kooperazzjoni tal-UE biex twettaq riflessjoni wiesgħa u profonda dwar il-mudell tal-iżvilupp attwali, u biex tislet il-lezzjonijiet minn deċennji li għaddew, bl-għan li ttaffi l-faqar u l-inugwaljanza b'mod effettiv mingħajr ma jitnaqqas jew jiġi limitat l-ispazju tal-politika;

4. Iqis li l-politika ta' kooperazzjoni u ta' żvilupp tal-UE għandha tkun definita b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Amerika Latina bil-għan li tinkiseb politika ta' żvilupp sostenibbli, ġusta u bbilanċjata tajjeb fil-konfront tar-reġjun;

5. Jindika li minkejja l-għajnuna tista' taġixxi bħala ingranaġġ għall-pajjiżi tal-Amerika Latina, din mhijiex bżżejjed biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli u dejjiemi; għalhekk jistieden lill-pajjiżi tal-Amerika Latina biex isaħħu u jimmobilizzaw ir-riżorsi domestiċi tagħhom, jistabbilixxu sistemi trasparenti ta' tassazzjoni u jiffurmaw governanza fiskali li tkun mingħajr korruzzjoni u frodi, jinvolvu b'mod effettiv is-settur privat, il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili fl-aġenda UE-Amerika Latina b'mod partikolari permezz tal-kooperazzjoni, l-għajnuna teknika u t-twaqqif ta' taħriġ legali u fiskali fejn l-amministrazzjonijiet lokali, u jżidu s-sjieda tagħhom tal-proġetti;

6. Iqis li l-investiment qawwi Asjatiku, speċjalment fid-depożiti ta' materja prima, fir-riżorsi tal-idrokarburi u agrikulturali ta' bosta pajjiżi tal-Amerika Latina, għandha tikkonvinċi lill-Unjoni Ewropea sabiex ma ddumx biex issaħħaħ b'mod effikaċi l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun;

7. Huwa tal-fehma, fid-dawl tal-bżonn ta' bilanċ tal-politika ta' żvilupp bejn l-Amerika Latina u l-UE, li l-Amerika Latina trid tagħmel sforz speċjali biex tippromwovi l-integrazzjoni reġjonali tagħha f'termini politiċi, ekonomiċi u kummerċjali;

8. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir progress fir-relazzjonijiet mal-AL permezz ta' politika koerenti tal-iżvilupp; iqis għalhekk li jeħtieġ li jinħolqu strumenti u għanijiet ta' kooperazzjoni mfassla għal kull pajjiż, filwaqt li r-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq l-iżjed vulnerabbli tal-PCD, li b'hekk jittejbu;

9. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinżamm il-volum ta' terz tal-ammont ġeografiku totali tal-kooperazzjoni tal-ICD għall-perjodu 2014-2020 għall-Amerika Latina;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon il-prinċipju ta' differenzazzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-għajnuna propost mill-Kummissjoni; jinsisti li d-differenzazzjoni għandha ssir b'mod gradwali fil-fażi tal-programmazzjoni - kemm fil-pajjiżi li jirċievu kif ukoll fl-istrumenti proprji ta' kooperazzjoni - waqt li jiġu żviluppati forom oħra ta' kooperazzjoni iżjed adattati għall-MIC (pajjiżi ta' dħul medju); jirrakkomanda li l-kriterji għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' differenzjazzjoni jkunu oġġettivi u l-istess fil-pajjiżi kollha;

11. Ifakkar li l-approċċ ta' differenzjazzjoni m'għandux jirriżulta fi tnaqqis drastiku fl-importanza tar-reġjun fil-projezzjoni esterna tal-UE, li hija u għandha taġixxi bħala attur globali, peress li hi membru attiv fis-soċjetà internazzjonali u mhux biss id-donatur globali ewlieni; għall-kuntrarju ta' dan, l-UE tista' tikkundanna lilha nnifisha għal nuqqas ta' importanza fir-reġjuni kollha, filwaqt li tħalli spazju miftuħ għall-involviment ta' atturi globali oħrajn;

12. Jinsisti li kull rilokazzjoni ta' fondi għandha tkun għall-benefiċċju tal-programmi ġeografiċi għall-qerda tal-faqar tal-LIC u tal-LMIC tal-istess reġjun;

***L-importanza tal-MIC – il-ħtieġa ta' approssimazzjoni differenzjata***

13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' severità fl-implimentazzjoni tal-kriterji eliġibbli stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni tal-ICD biex tirtira, fir-rigward ta' ħdax-il MIC tal-LAC, l-aċċess tagħhom għall-programmi bilaterali; ifakkar li xi pajjiżi tal-Amerika Latina huma fost dawk bl-ikbar inugwaljanza fid-dinja - fid-dħul per capita - u li l-inugwaljanza persistenti teżisti f'kuntest ta' mobilità soċjoekonomika baxxa; jinsisti li huma grupp ta' pajjiżi eteroġenji ħafna u li, minħabba f'hekk, għandha tinżamm kooperazzjoni differenzjata, ibbażata fuq il-koordinazzjoni u d-djalogu politiku;

14. Iqis li l-messaġġ imwassal mill-UE lejn ir-reġjun huwa ferm inkwetanti peress li, fil-prattika, huwa dikjarazzjoni li ma tagħtihx l-importanza li jixraqlu, minkejja diversi impenji politiċi u kummerċjali miksuba u l-interessi globali konġunti;

15. Jissottolinja l-ħtieġa, kif espress mill-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, fil-punt 66 tiegħu, sabiex tingħata attenzjoni xierqa lill-MICs, b'mod partikolari lill-pajjiżi ta' bi dħul medju-baxx, li ħafna minnhom jiffaċċjaw problemi simili għal dawk ta' pajjiżi bi dħul baxx;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

16. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwettqu analiżi oġġettiva u trasparenti fil-qafas tal-prinċipju tad-differenzjazzjoni bl-għan li jiġu riveduti u mwessgħin l-indikaturi użati biex jiġi valutat l-iżvilup, li tmur lil hinn mill-fattur tad-dħul finanzjarju u tinterpreta l-kriterji ekonomiċi fid-dawl ta' fatturi oħra bħall-faqar, il-vulnerabilità i l-indiċi ta' kriżi ECHO, u l-koeffiċjenti Gini u tal-inugwaljanza; javża li l-klassifikazzjoni tal-pajjiżi skont il-livell ta' dħul hija bbażata fuq kalkoli li jaħbu l-inugwaljanza u l-faqar;

17. Jenfasizza li, meta jitqiesu dawk l-indikaturi, l-UE għandha tkompli bil-kooperazzjoni bilaterali taħt il-futura DCI, mill-inqas mal-Kolombja, l-Ekwador u il-Peru;

18. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija koerenti għat-tneħħija gradwali tal-għajnuna bilaterali lill-MICs, li jippermettilhom jikkonsolidaw is-sitwazzjoni tagħhom ta' "gradwati" tal-għajnuna u b'hekk jiġi segwit il-prinċipju ta' prevedibbiltà tal-għajnuna msemmi fil-Laqgħa ta' Busan dwar l-Effiċjenza tal-Għajnuna;

19. Jitlob lill-Kummissjoni din it-tneħħija gradwali tal-għajnuna bilaterali minn meta jidħol fis-seħħ l-ICD il-ġdid, iqis il-kriterji li ġejjin:

— Rabta espliċita tal-għanijiet u l-konċentrazzjoni settorjali tal-għajnuna bilaterali għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, speċjalment permezz tal-kofinanzjament ta' politiki u programmi attivi għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fid-dħul u fl-opportunitajiet, kif ukoll programmi oħra iżjed avvanzati ta' appoġġ għall-kompetittività u l-fenomenu tal-iżvilupp sostenibbli, inkluża l-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika u xjentifika u ta' assistenza teknika; aċċess ta' preferenza għall-programmi tematiċi, reġjonali u sottoreġjonali, u għall-Istrument ta' Sħubija li jinkludi ammont minimu garantit; sforz qawwi favur l-għajnuna li tiġi rimburzata u l-programmi ta' boroż ta' studju;

— id-definizzjoni tal-prijoritajiet permezz ta' djalogi bilaterali u bireġjonali mal-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili;

— iż-żamma tal-kooperazzjoni bilaterali tul perjodu ta' tranżizzjoni adattat għall-indikaturi għall-allokazzjoni tal-għajnuna u s-sitwazzjoni ta' kull pajjiż, tul perjodu massimu ta' tranżizzjoni ta' erba' snin;

20. Jinsisti fuq il-ħtieġa għat-tisħiħ, b'iktar minn EUR 1,000 miljun, tal-Istrument ta' sħubija għall-promozzjoni tal-mudell il-ġdid ta' kooperazzjoni favur il-MIC u l-UMIC li jiżgura l-prevedibbiltà, il-kwantifikazzjoni u l-iskrutinju tal-fondi; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun strument li jsaħħaħ ir-rispons tal-UE għall-isfidi globali bħall-ġlieda kontra l-inugwaljanza, il-bidla fil-klima, is-sigurtà jew il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi;

***l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar;***

21. Iqis li l-livelli għoljin ta' inugwaljanza u n-nuqqas ta' mekkaniżmu effettiv ta' ħarsien soċjali huma l-ikbar xkiel għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u għat-tkabbir ekonomiku ġust u sostenibbli tar-reġjun, u għalhekk jitlob attenzjoni ikbar fuq ir-rabta bejn il-governanza demokratika u l-koeżjoni soċjali;

22. Iqis li l-objettiv tal-koeżjoni soċjali tal-assoċjazzjoni UE-AL ma jistax jitwettaq sakemm ma jsirx livell għoli ta' żvilupp u ta' distribuzzjoni ekwa tad-dħul u l-ġid, u li dan il-għan jeħtieġ li jiżgura l-qerda tal-faqar permezz ta' politiki fiskali iktar ġusti u progressivi, li jsaħħu l-kapaċità fiskali u l-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa;

23. Jenfasizza l-importanza tal-għajnuna għall-iżvilupp permezz tal-kummerċ; jinnota li l-iskambji kummerċjali Amerika Latina-UE huma fattur kruċjali fit-tnaqqis tal-faqar u fl-iżgurar tal-ħolqien tal-ġid fiż-żewġ kontinenti; iwissi kontra t-tendenzi protezzjonisti li jirriżultaw mill-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali;

24. Jisħaq fuq il-fatt li hu importanti li jinżamm l-għan ta' 20 % għall-programmi ta' edukazzjoni u saħħa u jinsisti li l-perspettiva tal-ġeneru għandha tiġi kkunsidrata fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali; itenni li l-edukazzjoni u l-investiment fil-kapital uman huma l-pedament tal-koeżjoni soċjali u tal-iżvilupp soċjoekonomiku; jitlob li jiġu implimentati politiki effettivi u l-finanzjament adegwat għall-ġlieda kontra l-illitteriżmu li jibqa' għoli f'ċerti pajjiżi fir-reġjun, li jaffettwa b'mod speċjali lill-bniet u n-nisa, u l-promozzjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni pubblika mingħajr ħlas (tal-primarja u s-sekondarja), ħafna drabi limitata minħabba nuqqas ta' riżorsi adegwati f'ċerti baġits statali; jappoġġa f'dan is-sens il-proġett imħejji mill-OEI (Organizzazzjonijiet ta' Stati Ibero-Amerikani) "Miri Edukattivi 2021: l-edukazzjoni li nixtiequ għall-ġenerazzjoni tal-biċentenarji";

25. Jenfasizza li, għalkemm sar titjib kbir fil-kopertura u l-infiq fuq l-edukazzjoni fl-Amerika Latina tul l-aħħar deċennji, il-kwalità għadha baxxa u l-aċċess mhuwiex ekwu; jenfasizza l-ħidma mwettqa mill-Unjoni Ewropea permezz tal-programmi Erasmus, Alban u Alfa u jitlob lill-Kummissjoni biex iżżomm l-isforz baġitarju mwettaq sal-lum;

26. Jinsisti li d-differenzi kbar fil-prestazzjoni fl-iskejjel fl-Amerika Latina komplew jikbru f'dawn l-aħħar snin jekk wieħed iqabbel iż-żoni rurali ma' dawk urbani, it-tip ta' skola pubblika jew privata, is-sess jew il-livell soċjoekonomiku, għaldaqstant il-problema ta' nuqqas ta' koeżjoni soċjali kompliet tmur għall-agħar;

27. Jinsisti li l-koeżjoni soċjali tkun marbuta mill-qrib ma' politiki oħra bħal dawk dwar il-kummerċ, l-investiment u l-finanzi; Iqis li l-ICD għandu jintroduċi l-għanijiet tal-koeżjoni soċjali b'mod iżjed effiċjenti fil-programmazzjoni tematika, nazzjonali u reġjonali tiegħu, waqt li jappoġġa prinċipalment politiki fiskali, tributarji u soċjali iżjed ġusti, li jippromwovu l-ugwaljanza, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, ix-xogħol deċenti u r-riforma tas-sistema ġudizzjarja;

28. Jindika l-importanza tal-programmi bħal EuroSocial, URB-AL u AL-INVEST; COPOLA,D kif ukoll dawk għat-tisħiħ tad-Djalogu u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u l-AL għat-twaqqif ta' mudelli ta' ġestjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Politika għall-Iżvilupp; iqis li fl-ICD ġdid dawn il-programmi għandhom jiġu msaħħa, billi jiġi esplorat il-potenzjal tagħhom f'termini ta' kooperazzjoni trijangulari;

29. Jinnota l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea, permezz tal-ICD, talloka r-riżorsi neċessarji sabiex it-tfal itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja tagħhom u jkunu jistgħu jiżviluppaw bis-sħiħ il-ħiliet u l-potenzjal tagħhom primarjament fi ħdan il-familja;

30. Itenni l-importanza tal-forum ta' koeżjoni soċjali UE-Amerika Latina u jitlob li jiġi stabbilit bħala spazju għal djalogu politiku bireġjonali fil-qasam tal-koeżjoni soċjali, permezz tal-promozzjoni ta' mekkaniżmi aktar ambizzjużi u ta' koordinazzjoni tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam, kif ukoll li tingħata spinta lill-koeżjoni soċjali fl-aġendi tal-fora internazzjonali ewlenin;

31. Jindika li l-Fondazzjoni UE-LAC jista' jkollha rwol rilevanti fil-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-azzjonijiet u d-dibattiti tas-soċjetà ċivili fuq ir-rwol tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fir-reġjun;

***Koerenza tal-politika għall-iżvilupp***

32. Ifakkar fl-importanza tal-PCD, definita fl-Artikolu 208 tat-TFUE, għall-qerda tal-faqar, il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali, il-ħarsien tal-ambjent, il-governanza tajba u għall-iżvilupp sostenibbli u inklussiv;

33. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-viżibbiltà tal-proġetti tagħha mwettqa fil-pajjiżi tal-Amerika Latina u tagħmilhom iżjed jinftiehmu miċ-ċittadini tagħhom biex b'hekk turi l-valur miżjud tal-kooperazzjoni mal-UE;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

34. Jindika li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/Kummerċ Ħieles tal-UE m'għandhom fl-ebda ċirkostanza jkunu f'kunflitt mal-għan tal-Koerenza ta' Politiki għall-Iżvilupp; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-bżonnijiet u t-taħssib dwar il-bilanċ jiġu riflessi b'mod xieraq fil-kapitoli relatati mal-kummerċ bħas-servizzi finanzjarji, l-akkwist mill-gvern u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, u permezz ta' mekkaniżmu b'saħħtu tiżgura l-ilħiq ta' standards komuni dwar drittijiet soċjali, ta' xogħol u ambjentali fi kwalunkwe proċess tan-negozjati li għadu għaddej jew li għad jiġi rieżaminat;

35. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati tinjora n-natura strateġika tar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina billi ċċaħħad lil għadd ta' pajjiżi fir-reġjun minn dan l-istrument allavolja huwa essenzjali għall-iżvilupp tar-reġjun;

36. Jitlob lis-SEAE u lill-Kummissjoni jikkonsolidaw l-isforzi tagħhom biex iwittu t-triq lejn Ftehim ta' Assoċjazzjoni sħiħ tal-futur mal-Komunità Andina, fl-interess tat-tkabbir ekonomiku u tal-iżvilupp soċjali tal-Istati Membri kostiwenti tiegħu, u konformi mal-valuri, il-prinċipji u l-objettivi tal-UE, li minn dejjem ippromovew l-integrazzjoni tal-Amerika Latina;

37. Jistieden lill-UE tiżgura li r-riżorsi magħżula għall-iżvilupp ma jiġux użati;

38. Iqis li l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE mal-MERCOSUR tista' trawwem u żżid il-kooperazzjoni u l-iżvilupp bejn l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, sakemm tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' kummerċ ġust u r-rispett tal-ħidma internazzjonali u tal-istandards ambjentali u l-prinċipju taċ-ċertezza legali għall-investimenti, u sakemm is-sħab ukoll iġibu ruħhom b'mod li jispira l-fiduċja;

39. Jenfasizza li l-ICD l-ġdid għandu jrawwem il-proċess reġjonali ta' integrazzjoni; f'dan ir-rigward, ifakkar li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ta' Kummerċ bejn bosta partijiet, jekk ikunu mmirati kif xieraq fuq li jqisu l-asimettriji, jistgħu jkunu inċentiv qawwi fl-iżvilupp tagħha u fl-integrazzjoni reġjonali, imma jsostni li l-inkoerenza bejn il-politiki tikkomprometti dan il-proċess; iħeġġeġ lill-UE biex tiżgura li kwalunkwe ftehim konkluż bilateralment ma jipperikolax il-proċess ta' integrazzjoni tal-Amerika Latina; jinnota wkoll li filwaqt li r-relazzjonijiet interreġjonali naqsu għall-benefiċċju tar-relazzjonijiet bilaterali, din il-bidla lejn il-bilateraliżmu għandha t-tendenza li żżid il-frammentazzjoni u r-rivalità fost il-blokok reġjonali tal-Amerika Latina;

40. Jinsisti fuq il-ħtieġa li fid-delegazzjonijiet tal-UE jiġu stabbiliti punti fokali għall-PCD u l-iżvilupp permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ f'dan il-qasam;

41. Jenfasizza l-importanza għall-Unjoni Ewropea li tiżviluppa politika kummerċjali iktar koerenti mal-politiki tal-iżvilupp, sabiex il-kummerċ ikun jista' wkoll iġib miegħu standards soċjali ġusti b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' klawżoli soċjali li jkunu jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' sħubija.

42. Jenfasizza l-importanza ta' konsistenza akbar fl-ODA u jqis li l-preżenza tal-UE u tat-tliet pajjiżi tal-Amerika Latina fil-G20, għandha tikkontribwixxi għal tqarrib tal-pożizzjonijiet li jippermettu l-PCD tkun tista' tiġi implimentata b'mod konġunt;

43. Ifakkar fl-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju inkluż fl-Artikolu 208 fuq il-PCD u li jiġu evitati l-effetti negattivi għar-reġjun tkun tfisser l-esklużjoni ta' 11-il pajjiż tal-kooperazzjoni bilaterali tal-UE kif ukoll l-eliminazzjoni tal-preferenzi kummerċjali li ġejjin mill-iskemi tal-SPĠ+;

44. Ifakkar li s-soċjetà ċivili għandha rwol importanti fil-konsolidazzjoni tad-demokrazija u fid-definizzjoni, implimentazzjoni u skrutinju tal-politiki ta' żvilupp fl-Amerika Latina; jikkundanna l-ftit importanza li tingħata lill-programmi attwali ta' kooperazzjoni u l-allokazzjoni skarsa ta' riżorsi li jingħataw;

45. Jenfasizza li fil-kuntest tas-sjieda demokratika, il-parlamenti, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u s-soċjetà ċivili għandhom jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex ikollhom rwol xieraq fid-definizzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp, biex iżommu lill-gvernijiet responsabbli għal dak li jagħmlu, jissorveljaw u jevalwaw ir-rendiment tal-passat u r-riżultati li nkisbu; jenfasizza b'mod speċjali l-importanza li tingħata iżjed setgħa lir-rwol tal-parlamentari tal-Amerika Latina fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

46. Huwa għalhekk iddiżappuntat ferm, li fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles li għadhom kif ġew innegozjati mal-pajjiżi tal-Amerika Latina, il-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili hija llimitata b'mod espliċitu għal kwistjonijiet relatati mal-kapitolu tal-Iżvilupp Sostenibbli;

47. Iqis li l-appoġġ għas-soċjetà ċivili għandu jibqa' jirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet tal-ICD li jmiss; jenfasizza li dan l-appoġġ għandu jiġi inkluż fl-istrateġiji tal-pajjiż u fil-programmi reġjonali tiegħu, b'enfasi fuq ir-rwol determinanti tiegħu fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza, il-korruzzjoni u l-iskrutinju tal-użu tar-riżorsi finanzjarji;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju, tekniku u ta' kompetenza lill-amministrazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi tal-Amerika Latina fil-programmi ta' strateġija reġjonali sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza, it-trasparenza u l-kontabilità tagħhom, li hija kruċjali biex il-parlamenti jwettqu r-rwol proprju tagħhom fil-proċessi demokratiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

49. Ifakkar li l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp fil-punt 18 tiegħu jistabbilixxi li "L-UE se tintensifika l-appoġġ tagħha għall-ħolqien ta' kapaċitajiet tal-atturi mhux statali bil-għan li ssaħħaħ il-vuċi tagħhom fil-proċess tal-iżvilupp u li tavvanza d-djalogu politiku, soċjali u ekonomiku"; jiddispjaċih li l-Green Paper dwar it-titjib tal-impatt tal-politika ta' żvilupp fl-UE, naqset sew milli tispjega kif se tkun il-parteċipazzjoni u t-taħriġ tas-soċjetà ċivili fil-politika futura ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE;

50. Jistieden lill-Viċi-President / Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna sabiex jassiguraw l-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjoni esterna tal-UE fil-konfront tal-Amerika Latina, kif imsemmi fit-Trattat ta' Lisbona;

***Vjolenza u kriminalità***

51. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt soċjali tal-livelli għoljin ta' kriminalità u vjolenza fir-reġjun, b'mod partikolari l-femminiċidju; iqis li tinħtieġ definizzjoni ta' strateġija ġdida u iżjed effiċjenti biex jingħeleb dan il-fenomenu kif ukoll il-kawżi ekonomiċi, soċjali u politiċi tiegħu;

52. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja bis-saħħa l-proċessi ta' konsultazzjoni tal-komunitajiet lokali kkonċernati permezz ta' proġetti estrattivi; jisħaq ukoll, f'dan il-kuntest, dwar l-importanza li jiġi żgurat ir-rappurtar ta' kull pajjiż tal-industriji estrattivi, kif previst fil-proposta għad-direttiva dwar il-kontabbiltà u t-trasparenza, bħala għodda biex titnaqqas il-korruzzjoni, it-tixħim u l-evażjoni tat-taxxa;

53. Ifakkar li l-kriminalità u n-nuqqas ta' sigurtà għandhom impatt kbir fuq il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi u demokratiċi, kif ukoll fuq is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem;

54. Ifakkar li wieħed mill-għanijiet prijoritarji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni huwa li jiffavorixxi l-konsolidazzjoni tas-sistemi demokratiċi u d-difiża tad-drittijiet umani fid-dinja, u konsegwentement fl-AL;

55. Juri t-tħassib tiegħu rigward l-impatt sinifikanti tal-vjolenza fuq il-bażi tas-sess li teżisti fir-reġjun;

56. Jistieden lill-Kummissjoni tpoġġi l-ġlieda kontra l-impunità bħala prijorità fl-iżvilupp tagħha mal-Amerika Latina, u tippreżenta sal-aħħar tal-2012 komunikazzjoni dwar dak is-suġġett b'kapitoli dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-kooperazzjoni finanzjarja u l-iskambju tal-informazzjoni, u dwar il-ħarsien tal-vittmi;

57. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fil-vjolenza fuq in-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi responsabbiltajiet ċari fis-SEAE u tikkoordina l-azzjonijiet rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE ma' dawk tal-ambaxxati tal-Istati Membri fil-pajjiżi involuti sabiex jikkonvertu d-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentanta Għolja Catherine Ashton dwar il-femminiċidju ta' Ġunju 2010 f'politiki konkreti allokati b'riżorsi suffiċjenti;

58. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ politiku u finanzjarju lill-ħidma tas-Sistema Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kwistjoni tal-femminiċidju u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-sentenzi tagħha;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

59. Iheġġeġ lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tikkonsulta u tgħarraf lill-Parlament Ewropew dwar id-djalogi eżistenti li jittrattaw id-drittijiet tal-bniedem, u tikkoopera, fl-ambitu tas-sħubija bireġjonali, fit-tfittxija ta' rimedji għall-eliminazzjoni tal-femminiċidju u forom oħrajn ta' vjolenza fuq in-nisa;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu sehem b'mod attiv u b'mod regolari tqajjem is-suġġett fid-djalogi politiċi, u b'mod partikolari fid-djalogi attwali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u toffri l-kooperazzjoni fit-tiftix għal rimedji li jeliminaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-femminiċidju fil-kuntest tas-sħubija bireġjonali;

***It-tibdil fil-klima***

61. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-bijodiversità, il-qerda tal-foresti u l-produzzjoni agrikola fl-Amerika Latina;

62. Jinsisti li l-UE ma tagħmilx promozzjoni u lanqas tappoġġja l-produzzjoni agrokarburant fuq skala kbira permezz tal-kooperazzjoni tagħha għall-iżvilupp, minħabba l-impatti negattivi tagħha fuq is-sigurtà alimentari, id-deforestazzjoni, l-aċċess għall-art u l-ambjent;

63. Jitlob lill-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi tal-Amerika Latina biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-investimenti li qed jiżdiedu li jistgħu jostakolaw l-iżvilupp sostenibbli u l-ekosistemi ta' pajjiż, speċjalment fil-kuntest ta' impatt negattiv tat-tibdil fil-klima;

64. Ifakkar li t-tibdil fil-klima jirrappreżenta piż żejjed għall-Amerika Latina u li jeħtieġ li jiġu ffinanzjati b'mod urġenti azzjonijiet ta' ġlieda, taffija u adattament;

65. Jitlob il-promozzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni bejn l-UE u l-AL fil-qafas tal-programm EuroClima u tal-Kooperazzjoni bejn Nofsinhar u Nofsinhar, skont kif miftiehem fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Madrid; ifakkar l-importanza tal-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali;

66. Jindika li, minkejja li tinvolvi 30 % tar-riżorsi tal-ilma globali, id-distribuzzjoni tal-ilma fl-Amerika Latina hija irregolari ħafna u mhux ugwali; iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tibqa' tassisti lill-pajjiżi msieħba għal ġestjoni aħjar tal-provvista u t-titjib tar-riżorsi tal-ilma;

67. Ifakkar l-impenn tal-UE li tikkontribwixxi biex issaħħaħ ir-rwol tal-enerġija sostenibbli bħala wieħed mill-mezz għall-iżvilupp sostenibbli;

***Settur privat u infrastrutturi***

68. Jinnota li l-mekkaniżmi bħall-Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina huma maħsuba li jsiru iżjed importanti fil-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp, li bħala prijoritajiet għandha l-effiċjenza enerġetika, l-enerġiji rinnovabbli, it-trasport, il-ħarsien tal-bijodiversità u l-appoġġ għall-SMEs, u jenfasizza l-importanza potenzjali tar-rwol tagħha fil-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali u l-aġendi tar-reġjun għall-kompetittività internazzjonali; jenfasizza l-fatt li s-soċjetà ċivili għandha rwol ċentrali u xieraq fl-iskrutinju ta' politiki ta' żvilupp, imma jinnota li m'hemmx mekkaniżmu previst fl-istruttura tal-Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina biex jiżgura r-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni tal-parlamenti u tas-soċjetà ċivili jkunu garantiti sabiex jiżguraw il-monitoraġġ effettiv u s-segwitu tal-fondi tal-kooperazzjoni tal-KE għall-iżvilupp;

69. Jenfasizza l-ħtieġa ta' iżjed studju tal-esperjenzi mal-Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina u jinsisti li l-proġetti futuri għandhom jiġu soġġetti fl-implimentazzjoni tagħhom għal mekkaniżmi ta' monitoraġġ stabbiliti b'mod ċar u trasparenti u għal studji tal-impatt soċjali u ambjentali;

70. Jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-appoġġ għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju minħabba l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp, it-tkabbir ekonomiku tar-reġjun u l-konsolidazzjoni soċjali u ekonomika; jenfasizza li l-SMEs huma s-sorsi ewlenin tal-ħolqien tal-impjieg; jistma li se tkun meħtieġa wkoll il-promozzjoni tal-attivitajiet ta' responsabbiltà soċjali korporattiva tal-imsieħba Ewropej tagħha bil-għan li tiffavorixxi l-għanijiet tal-politika ta' tkabbir inklussiv tal-UE;

71. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta urġenti lill-bini ta’ infrastrutturi fl-Amerika Latina sabiex jiġu appoġġjati r-rati għolja ta’ tkabbir attwali u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali; jirrakkomanda l-użu ta’ strumenti bħall-MIAL (Mekkaniżmu ta’ Investiment tal-Amerika Latina) għall-appoġġ ta’ proġetti ta’ infrastruttura tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, peress li l-investiment attwali li qed isir mill-pajjiżi Latinoamerikani f’dawn l-oqsma huwa ħafna inqas minn dak meħtieġ; ifakkar li l-użu ta’ ODA għal dawn il-proġetti għandu jkun iġġustifikat f’termini tal-kontribuzzjoni tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u l-provvista ta’ servizzi pubbliċi ta’ kwalità għall-popolazzjoni;

72. Jinsisti li l-KE teħtieġ li tiżviluppa linji gwida ċari dwar il-proċess trasparenti tat-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar l-għażla ta’ proġetti u tiżgura l-koerenza mal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, il-prinċipju tas-sjieda tal-pajjiż u l-impenn tal-UE li tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq l-għajnuna tagħha;

73. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-oqsma tal-faċilitajiet tat-taħlit tal-għotjiet u s-self bħal fuq skala żgħira u l-enerġija lokali u l-produzzjoni agrikola u favur l-SMEs u l-mikrointrapriżi tas-settur privat ikunu ffukati fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

***Kooperazzjoni differenzjata: riċerka xjentifika u teknoloġika***

74. Jitlob it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma’ ċerti MIC fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, fi ħdan il-programm Orizzont 2020;

75. Jittama li l-ftuħ ta’ djalogu serju dwar it-temi tax-xjenza, l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ, teknoloġija u l-innovazzjoni jista’ jħeġġeġ il-ħolqien ta’ spazju Ewro-Latino-Amerikan ta’ innovazzjoni u għarfien u jgħin biex tiżdied il-kompetittività;

76. Iqis li għandha tiġi promossa l-mobbiltà temporanja tar-riċerkaturi u l-appoġġ għall-universitajiet u ċ-ċentri ta’ riċerka f’oqsma bħal: is-saħħa, is-sigurtà tal-ikel, ir-riċerka tal-baħar u dik marittima, l-enerġija rinnovabbli, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-adattament għal dan;

77. Ifakkar li l-Unjoni Ewropea għandha tagħti każ u tagħmel użu aħjar mill-vantaġġ kbir li għandha minħabba fil-pożizzjoni ġeostrateġika ta’ xi reġjuni ultraperiferiċi viċin l-Amerika Latina.

78. Jinnota li t-titjib fil-ħidma attwali tal-istituti tar-riċerka dwar il-prattiki agrikoli huwa fundamentali għall-iżvilupp tal-kontinent.

***Promozzjoni tal-Kooperazzjoni Reġjonali, bejn Nofsinhar u Nofsinhar (CSS) u Kooperazzjoni Trijangolari***

79. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti iktar kunsiderazzjoni profonda lill-inkorporazzjoni tal-CSS fil-politika ta’ kooperazzjoni;

80. Ifakkar li l-AL huwa l-aktar reġjun dinamiku tad-dinja fil-qasam ta’ CSS, u b’hekk jintwera r-rwol rilevanti tal-MIC bħala dawk li jippromwovu l-integrazzjoni soċjali u l-miri internazzjonali tal-iżvilupp;

81. Ifakkar li l-UE sa issa għad m’għandhiex definizzjoni strateġika ċara dwar is-CSS ([1]) li jippermetti li tiġi żviluppata politika aktar attiva f’dan il-qasam; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti indikaturi li juru l-impatt soċjali u ekonomiku tat-tipi ta’ CSS differenti u trijangolari;

82. Itenni l-importanza tal-iskambji kummerċjali intrareġjonali u tal-kooperazzjoni trijangolari u r-rwol ewlieni tagħha għas-seħħ tal-MDG, il-qerda tal-faqar, il-promozzjoni tal-impjieg u l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-edukazzjoni, il-koeżjoni soċjali, l-agrikoltura u l-iżvilupp sostenibbli;

83. Iqis li jeħtieġ li l-inizjattivi ta’ kooperazzjoni bireġjonali, CSS u trijangolari jiġu estiżi f’setturi bħax-xjenza u r-riċerka, l-iżvilupp sostenibbli, l-ambjent, il-bidla fil-klima, l-enerġija, il-koeżjoni soċjali, l-edukazzjoni jew l-impjieg;

([1]) Ifakkar li jeżistu linji gwida dwar dan is-suġġett b’rabta mal-ekonomiji emerġenti, iżda li dan huwa approċċ xi ftit frammentat;

84. Jenfasizza l-ħtieġa li d-djalogu politiku bejn l-UE u l-Amerika Latina jitwessa' f'livelli differenti, bħalma huma s-Samits tal-Kapijiet ta' Stat u l-Assemblea Parlamentari EUROLAT, bħala strumenti importanti għall-iżvilupp ta' kunsens politiku; jitlob miżuri biex jiżguraw li l-impenji politiċi meħuda fis-Samits UE-Amerika Latina jkunu akkumpanjati mill-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji neċessarji;

85. Jirrakkomanda lill-Assemblea Eurolat u lill-Fondazzjoni UE-LAC biex jagħtu l-importanza strateġika li jixraq lis-CSS u l-kooperazzjoni trijangulari fl-aġenda tal-ħidma tagħha;

86. Iqis li s-CSS u l-kooperazzjoni trijangolari għandhom ikunu wieħed mill-kwistjonijiet ċentrali tas-VII Samit EU-ALK fiċ-Ċilì, ħaġa li tkompli fuq il-konklużjonijiet finali tas-Samit ta' Madrid;

*

* *

87. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iwassal din ir-Riżoluzzjoni lill-Viċipresident/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina u tal-Karibew, lill-Fondazzjoni UE-LAC, lill-Assemblea Parlamentari Euro-Latinamerikana, lill-Parlament Latinamerikan, lill-Parlament tal-Amerika Ċentrali, lill-Parlament Andin u lill-Parlament tal-Mercosur.

## Ħidmiet volontarji transkonfinali fl-UE

P7_TA(2012)0236

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar ir-rikonoxximent u l-promozzjoni fl-UE tal-ħidmiet volontarji transkonfinali (2011/2293(INI))**

(2013/C 332 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165, 166 u 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni għall-perijodu 2007-2013 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinza Ewropea attiva ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011) ([4]),

([1]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.
([2]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.
([3]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.
([4]) ĠU L 17, 22.1.2010, p. 43.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-24 ta' April 2006 dwar ir-rikonoxximent tal-valur ta' tagħlim mhux formali u informali fil-qasam taż-żgħażagħ Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2007 dwar attivitajiet volontarji taż-żgħażagħ (14427/1/2007),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2007, dwar l-implimentazzjoni tal-objettivi komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażagħ ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/961/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar il-mobbiltà transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà ([4]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu, tal-10 ta' Marzu 2011, dwar l-istabbiliment ta' statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet ([5]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill, tat-3 ta' Ottubru 2011, dwar ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali (14552/2011),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill, tad-29 ta' Novembru 2011, dwar ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, tas-27 ta' Ottubru 2010, bit-titolu 'Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE' (COM(2010)0603),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tal-5 ta' Settembru 2007, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni, l-impjieg u s-soċjetà" (COM(2007)0498),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tas-27 ta' April 2009, lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ: Investiment u Responsabbilizzazzjoni – Metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ' (COM(2009)0200),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tat-3 ta' Marzu 2010, bit-titolu 'Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tal-15 ta' Settembru 2010, lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Żgħażagħ mobbli – Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0477),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tal-20 ta' Settembru 2011, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali (COM(2011)0568),

([1]) ĠU C 168, 20.7.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 241, 20.9.2008, p. 1.
([3]) ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8.
([4]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 5.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0101.
([6]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 24.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tat-23 ta' Novembru 2010, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Kif iċ-ċittadini tal-UE jesprimu s-solidarjetà tagħhom permezz tal-volontarjat: L-ewwel riflessjonijiet ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (COM(2010)0683),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tat-22 ta' April 2008, dwar l-irwol tal-volontarjat fil-kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika u soċjali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kummissjoni għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0166/2012),

A. billi 'volontarjat' tfisser l-attivitajiet formali, mhux formali, informali u t-taħriġ u t-tagħlim professjonali li jsiru volontarjament, abbażi ta' għażla u motivazzjoni liberi tal-persuna u mingħajr skop ta' lukru, li jagħtu benefiċċju lill-voluntiera, lil dawk li jirċievu servizzi minn assoċjazzjoni ta' voluntiera, komunitajiet u s-soċjetà fit-totalità tagħha;

B. billi s-suċċess tas-Sena Ewropea tal-attivitajiet ta' volontarjat li jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva (2011) f'livell nazzjonali, reġjonali, lokali u Ewropew għandu konsegwenzi pożittivi f'termini ta' aktar viżibilità u sensibilizzazzjoni pubblika u għandu jinfluwenza t-tfassil tal-politiki pubbliċi;

C. billi l-volontarjat huwa esperjenza ta' tagħlim informali adatt għal persuni ta' kull età; billi l-benefiċċji li joffri f'termini ta' żvilupp personali, ġestjoni tal-ispazju kollettiv, tisħiħ tad-demokrazija, valuri ċiviċi, solidarjetà soċjali u parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, tagħlim interkulturali u kisba ta' ħiliet professjonali kif ukoll il-kontribut tiegħu għall-objettivi tal-politiki tal-Unjoni Ewropea ta' inklużjoni soċjali u ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, impjiegi, edukazzjoni, kultura, żvilupp tal-ħiliet u ċ-ċittadinanza;

D. billi l-volontarjat huwa fattur importanti biex joħloq kapital soċjali u żvilupp u biex jippromwovi l-koeżjoni soċjoekonomika, fid-dawl tal-potenzjal tal-opportunitajiet ta' tagħlim mhux formali biex jgħin lill-voluntiera jiksbu ħiliet li jżidu l-opportunitajiet tagħhom għall-impjiegi u jikkontribwixxi b'tali mod għall-istrateġija ta' tkabbir Ewropa 2020;

E. billi n-numru dejjem ikbar ta' ċittadini tal-UE ta' kull età impenjati fil-volontarjat fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kultura, tal-politiki taż-żgħażagħ, tal-isport, tal-ambjent, tal-iżvilupp sostenibbli, tas-saħħa, tal-immigrazzjoni, tad-difiża tad-drittijiet, tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji u fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi;

F. billi teżisti varjetà enormi ta' kulturi, tradizzjonijiet. sistemi ġuridiċi u metodi ta' organizzazzjoni tal-volontarjat fl-Istati Membri iżda jeżistu ostakli persistenti għall-prattika tiegħu, peress li l-volontarjat la huwa rikonoxxut u lanqas mhuwa rikonoxxut b'mod adegwat f'ħafna sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri, u billi ma jridx jissostitwixxi lil attivitajiet li potenzjalment jistgħu joħolqu impjiegi remunerati;

G. billi l-kriżi ekonomika u l-konsolidament fiskali qed jipperikolaw is-sostenibilità finanzjarja ta' ħafna NGOs u assoċjazzjonijiet ta' volontarjat li kuljum jaħdmu biex iżidu ċ-ċittadinanza attiva, is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali fl-Ewropa kollha;

H. billi l-kriżi ekonomika u fatturi politiċi u ekonomiċi għandhom impatt fuq il-finanzjament sostenibbli u l-ġbir ta' fondi għall-attivitajiet ta' volontarjat;

I. billi ħafna proġetti u organizzazzjonijiet immexxija mill-voluntiera ma għandhomx ir-riżorsi biex jaċċessaw u jiżguraw finanzjamenti fl-ambitu ta' programmi eżistenti tal-UE minħabba l-burokrazija eċċessiva;

J. billi l-azzjoni tal-UE għandha valur miżjud fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattika tajba dwar il-volontarjat fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

([1]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 9.

1. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li ma għandhomx qafas ġuridiku ċar u adegwat għall-voluntiera jadottaw wieħed u jfasslu strateġiji nazzjonali biex jippromwovu l-iżvilupp tal-attivitajiet ta' volontarjat, inkluż ir-rikonoxximent tad-drittijiet tal-voluntiera kif ukoll jiggarantixxu l-kwalità, il-ħarsien u l-aċċess ugwali għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni, partikolarment f'termini ta' aċċess adegwat għall-protezzjoni sanitarja u soċjali;

2. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li ma għamlux progress sostanzjali fl-ambitu tal-volontarjat jiddedikaw, fil-futur, attenzjoni partikolari lil tali settur matul il-tfassil tal-politiki, tal-programmi tagħhom u tal-finanzjament tagħhom;

3. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-voluntiera jkunu rikonoxxuti u rispettati u li l-voluntiera nnifishom ikunu jafu bihom; jissuġġerixxi li, f'dan ir-rigward, l-Istati Membri jużaw il-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet u r-Responsabilitajiet tal-Volontarjat, imfassla mill-konferenza tal-partijiet interessati fit-tieni Konvenzjoni taż-Żgħażagħ dwar il-Volontarjat fl-2011 bħala referenza għat-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam;

4. Jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali u lill-UE jagħtu attenzjoni partikolari liż-żgħażagħ żvantaġġati u b'inqas opportunitajiet (speċjalment persuni b'diżabilitajiet), sabiex ikunu jistgħu jwettqu azzjonijiet ta' volontarjat u, għal dan il-għan, jibbenefikaw minn appoġġ pedagoġiku u finanzjarju xieraq;

5. Jirrimarka li l-volontarjat inaqqas ir-riskju ta' esklużjoni soċjali u għalhekk hu essenzjali li l-gruppi soċjali kollha jiġu attirati minn dawn l-attivitajiet, speċjalment persuni b'diżabilitajiet; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jiġi żgurat li l-volontarjat isir aktar rikonoxxut u inqas imfixkel minn ostakli ta' kull tip;

6. Itenni l-ħtieġa li l-volontarjat isir aċċessibbli għall-immigranti u l-minoranzi bħala fattur neċessarju biex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tagħhom;

7. Josserva l-effett ta' benefiċċju tal-kooperazzjoni bejn il-voluntiera tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u ta' pajjiżi terzi, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din il-kooperazzjoni tieħu importanza partikolari fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat; jirrimarka wkoll li minbarra l-benefiċċji prinċipali li jirriżultaw mill-volontarjat, dan tal-aħħar jista' jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tad-demokrazija u tal-Istat tad-dritt fil-pajjiżi terzi;

8. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkomplu jagħmlu progress fin-negozjati għal reġimi tal-viżi aktar sempliċi għaċ-ċittadini mhux tal-UE li jixtiequ jidħlu fl-UE għal finijiet ta' volontarjat, bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw il-kriterji biex iwettqu attivitajiet ta' volontarjat;

9. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE [1] dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju, u biex jissemplifika l-proċeduri għall-għoti ta' viżi, għall-persuni li jixtiequ jibdew attivitajiet ta' volontarjat, partikolarment fil-qafas tal-Politika Ewropea ta' Viċinat;

10. Jinnota li l-volontarjat jinvolvi ċ-ċittadini fi żvilupp ekonomiku, soċjali u ekoloġiku lokali u transkonfinali sostenibbli u ta' spiss jista' jiżgura l-għoti ta' għajnuna mingħajr telf ta' ħin meta jinqalgħu d-diżastri; jirrimarka li dan għandu rwol fit-tkabbir tas-solidarjetà, taċ-ċittadinanza attiva u tat-tagħlim interkulturali, filwaqt li jipprovdi lill-voluntiera bl-opportunità li jitgħallmu l-lingwa u l-kultura tal-pajjiż li fih jaħdmu u b'hekk isaħħu l-koeżjoni soċjali u d-demokrazija parteċipattiva;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' volontarjat transkonfinali biex iċ-ċittadini jkunu pprovduti b'ħiliet ġodda, li jikkontribwixxu għall-impjegabilità u l-mobilità tagħhom u t-tisħiħ tal-iżvilupp tal-inklużjoni soċjali u biex jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-organizzaturi ta' attivitajiet volontarji fil-pajjiżi tal-UE sabiex tiġi promossa l-mobilità tal-voluntiera ta' kull età fl-Ewropa kollha, bl-għan li jitrawwem arrikkiment kulturali reċiproku;

[1] ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

12. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-faċilitajiet tal-organizzazzjonijiet u taċ-ċentri tal-volontarjat, bil-għan li tagħti l-informazzjoni u t-taħriġ u l-koordinament tal-attivitajiet bejn il-voluntiera u l-organizzazzjonijiet tagħhom;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapport li jidentifika l-ostakli għall-volontarjat transkonfinali, pereżempju l-limiti tal-età fl-assigurazzjonijiet, u jekk ikun meħtieġ, proposti leġiżlattivi;

14. Jenfasizza l-bżonn li jiġi garantit l-iżvilupp tal-volontarjat ta' kwalità, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll transkonfinali, permezz ta' qafas strutturat ta' informazzjoni komprensiva u taħriġ xieraq għall-voluntiera li jinkludi l-aħjar prattika attwali, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' akkoljenza għall-operaturi u l-organizzazzjonijiet fuq livell lokali u nazzjonali, rikonoxximent tad-drittijiet tal-voluntiera li jirrikonċiljaw l-attività tagħhom ta' volontarjat mal-ħajja privata tagħhom u bil-ħolqien ta' infrastruttura neċessarja fil-livelli kollha;

15. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-attivitajiet li jistgħu jiġbru u jinkanalaw il-motivazzjonijiet tal-voluntiera potenzjali, jiġi valorizzat il-potenzjal uman ta' kull persuna u jiżdied il-livell ta' kwalità tal-volontarjat ta' kull realtà u assoċjazzjoni, fil-kuntest ta' kull Stat Membru u b'attenzjoni partikolari fuq il-volontarjat transkonfinali;

16. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-użu tal-ħin tal-voluntiera bħala forma ta' finanzjament ekwivalenti fl-ambitu tal-proġetti Ewropej, b'mod partikolari f'każ ta' inizjattivi transkonfinali;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżvluppaw inizjattivi u programmi ta' volontarjat internazzjonali li jmorru lil hinn mill-fruntieri tal-UE u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżempji pożittivi u l-prattiki tajba li diġà ġew implimentati għal dan il-għan minn ċerti Stati Membri;

18. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu programmi ta' taħriġ u jiżviluppaw gwidi u materjali dwar il-ġestjoni tal-voluntiera u skemi ta' motivazzjoni biex persuni jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet ta' volontarjat transkonfinali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll lid-diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, itejbu n-netwerks tagħhom tal-informazzjoni sabiex kulħadd isir jaf dwar l-opportunitajiet relatati mal-volontarjat, jingħelbu l-ostakli għall-parteċipazzjoni, jittejjeb l-aċċess għall-aħjar prattiki tal-volontarjat u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni lil hinn mill-fruntieri;

20. Jipproponi, għalhekk, il-ħolqien ta' portal ċentralizzat tal-UE, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet impenjati f'dan is-settur u partikolarment in-netwerks Ewropej tagħhom, li jinkludi bank ta' riżorsi dwar l-aħjar prassi tal-volontarjat u taqsima dwar il-volontarjat transkonfinali, b'informazzjoni dwar il-programmi disponibbli, il-kostijiet u l-kundizzjonijiet tagħhom għall-parteċipazzjoni, biex jippermetti skambju ta' informazzjoni dwar il-piżijiet amministrattivi, l-aspetti ġuridiċi u fiskali tal-volontarjat, l-ostakli li dak li jkun jiltaqa' magħhom fl-aċċess għall-programmi u l-aħjar modi biex jegħlibhom;

21. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrikorru għall-Manwal dwar il-Kejl tal-Volontarjat tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u għall-Manwal dwar l-Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru tan-Nazzjonijiet Uniti, bil-għan li tkun disponibbli statistika komparabbli u tingħata stampa ċara tal-kontribut sinifikanti tal-volontarjat u tal-eżiġenzi tal-voluntiera u tal-operaturi fl-Unjoni Ewropea kollha;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw il-Manwal tal-ILO dwar il-Kejl tal-Volontarjat sabiex tiġi żgurata data komparabbli soda li tista' tgħin biex jittejjeb il-monitoraġġ u t-tfassil tal-politiki;

23. Jinnota li l-anzjani li jimpenjaw ruħhom fil-volontarjat isibu t-tranżizzjoni mix-xogħol għall-pensjoni aktar faċli, jiġifieri jħallu x-xogħol attiv b'mod aktar gradwali;

24. Jenfasizza l-importanza li anki ċ-ċittadini anzjani li jixtiequ jwettqu xogħol ta' volontarjat anki f'pajjiż ieħor tal-UE jiġu infurmati, jingħataw finanzjament adegwat u sostenn, permezz tal-promozzjoni tat-tixjiħ attiv bħala riżorsa rikka ta' għerf u ta' esperjenza għas-soċjetà;

25. Jinnota li l-volontarjat jikkontribwixxi għall-integrazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali, u jista' jikkontribwixxi biex jitnaqqas il-faqar, b'hekk jgħin biex tinkiseb il-koeżjoni ekonomika u soċjali; jirrimarka li l-volontarjat jippromwovi wkoll is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet billi jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn iż-żagħżagħ u l-anzjani, u jikkontribwixxi biex ikun hemm tixjiħ attiv u involviment soċjali fil-fażijiet kollha tal-ħajja, kif ukoll jgħin biex jippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent;

26. Jinnota li l-volontarjat jagħmel il-persuni aktar tolleranti, joħloq kapital uman u soċjali u għandu rwol vitali u jagħti s-setgħa lil gruppi soċjalment esklużi; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aċċess għal ammont kemm jista' jkun wiesa' ta' opportunitajiet ta' volontarjat u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tagħmel il-programmi Ewropej aktar inklużivi u miftuħa għall-faxex kollha tal-età;

27. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu objettivi nazzjonali fil-qasam tal-volontarjat u jippreparaw rapporti uffiċjali ta' ċensiment, ta' kontroll u ta' evalwazzjoni tal-azzjonijiet tal-volontarjat;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu profil għoli lill-volontarjat fl-isport, partikolarment fil-livell bażiku, sabiex ikun rikonoxxut ir-rwol importanti li għandhom l-organizzazzjonijiet sportivi mmexxija mill-voluntiera fit-tisħiħ tal-kultura, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-tisħiħ tal-komunitajiet, u jnaqqsu l-ostakli għall-volontarjat sportiv fl-UE kollha;

29. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-UE jagħrfu l-kontribut importanti tal-volontarjat anki fil-ħarsien tal-ambjent, u jappoġġaw lill-attivitajiet ta' volontarjat relatati mal-edukazzjoni ambjentali, ta' prevenzjoni u ġestjoni tal-emerġenzi u ta' difiża tal-wirt artistiku u kulturali;

30. Jinkoraġġixxi lill-impriżi tal-Unjoni Ewropea jappoġġaw lill-impjegati u lill-pensjonanti tagħhom fl-involviment tagħhom fil-volontarjat;

31. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni favur it-twaqqif ta' "Passaport Ewropew tal-Ħiliet", sabiex il-ħiliet miskuba permezz tal-volontarjat jiġu uffiċjalment rikonoxxuti kemm għal finijiet professjonali kif ukoll għal finijiet ta' tagħlim, li huwa element essenzjali biex jiġu motivati voluntiera potenzjali u biex tinħoloq rabta bejn it-tagħlim mhux formali u l-edukazzjoni formali;

32. Jenfasizza li dan il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet ma għandux ikun ġabra ta' ċertifikati distinti ġodda, imma dokument komplet, li jelenka, fuq it-talba tal-voluntier, kull esperjenza prattika, it-taħriġ u l-ħiliet trasversali u professjonali miksuba fl-ambitu ta' programm ta' tagħlim tul il-ħajja, inklużi l-kompetenzi miksuba permezz ta' attività ta' volontarjat;

33. Jipproponi għalhekk lill-istudenti l-inklużjoni fis-sistema ECTS (Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti) tal-ħiliet miksuba bl-ambitu tal-attivitajiet ta' volontarjat;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-iżvilupp ta' sistema simili ta' kalkolu u rikonoxximent tal-ħiliet miksuba fl-ambitu ta' attivitajiet ta' volontarjat għall-adulti barra mis-sistema universitarja;

35. Jistieden lill-Kummissjoni biex il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet isir realtà mill-aktar fis possibbli; jenfasizza li l-ħiliet miksuba bil-volontarjat għandhom ukoll sinifikat konsiderevoli fil-ħajja tax-xogħol u joffru valur miżjud lis-CV, u jinnota li l-volontarjat jista' jgħin liż-żgħażagħ fl-għażla tal-karriera tagħhom;

36. Jenfasizza li huwa essenzjali li jiġu rikonoxxuti l-kompetenzi u l-ħiliet miksuba permezz tal-volontarjat bħala tagħlim mhux formali u informali u esperjenza ta' xogħol;

37. Jinnota li l-volontarjat iwessa' l-orizzonti u jiżviluppa l-personalitajiet ta' dawk li jieħdu sehem fih u jenfasizza l-fatt li l-volontarjat iġib ukoll benefiċċji ekonomiċi lill-Istati Membri, għaliex il-persuni li jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet ta' volontarjat jikkontribwixxu biex jiġi ġġenerat il-PDG;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tqis, fil-"Passaport Ewropew tal-Ħiliet" il-bżonn ta' approċċ koeżiv u trasferibbli għall-analiżi u l-kontroll xierqa tal-voluntiera li jaħdmu mat-tfal u/jew mal-membri vulnerabbli tas-soċjetà;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

39. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw mekkaniżmi għall-konvalida tar-riżultati tat-tagħlim mhux formali u formali, li se jtejjeb il-valur u t-trasferibilità tal-ħiliet miksuba barra mill-edukazzjoni formali, filwaqt li jiffaċilita b'mod partikolari l-ksib ta' krediti ECTS supplementari fl-università bis-saħħa tal-attivitajiet ta' volontarjat u mekkaniżmu standardizzat ta' rikonoxximent tal-ħiliet miksuba permezz tal-volontarjat fl-ECTS kif ukoll teżamina l-possibilitajiet biex jitneħħew l-ostakli tat-taxxa li dak li jkun jiltaqa' magħhom huwa u jipparteċipa f'attivitajiet transkonfinali;

40. Jipproponi li jiġi stabbilit qafas dwar it-taħriġ u l-kwalifiki għal ħarrieġa volontarji u jiġi inkorporat fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki sabiex il-mobilità tal-ħarrieġa volontarji titjieb u tiżdied it-trasferibilità tal-ħiliet u l-kompetenzi żviluppati permezz tal-volontarjat;

41. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw il-volontarjat tal-impjegati u l-volontarjat appoġġat minn min iħaddem ukoll fil-kuntest tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji;

42. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni biex jinħoloq "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja", li permezz tiegħu se tiżdied il-parteċipazzjoni ta' voluntiera f'azzjonijiet ta' solidarjetà fil-kuntest tal-politika dwar l-għajnuna umanitarja tal-UE;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra wkoll l-istrutturi eżistenti mill-bidu nett u tinkludihom b'mod attiv waqt it-twaqqif ta' dan il-korp volontarju; jenfasizza wkoll li d-duplikazzjoni tal-istrutturi fil-qasam tal-protezzjoni ċivili mhijiex awspikabbli u għandha tiġi evitata;

44. Iħeġġeġ lill-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali u lill-UE jassiguraw finanzjament adegwat u stabbli u jissemplifikaw il-proċeduri amministrattivi, inklużi inċentivi tat-taxxa, għall-organizzazzjonijiet impenjati fil-volontarjat, inklużi l-assoċjazzjonijiet u n-netwerks kollha rilevanti, partikolarment dawk ta' daqs żgħir u b'riżorsi limitati, sabiex ir-rwol, l-attivitajiet u r-riżultati jiġu valorizzati għall-ġid tas-soċjetà;

45. Jitlob għaldaqstant li l-kunċett ta' għotja għall-assoċjazzjonijiet ikun iċċarat sabiex il-finanzjamenti tal-assoċjazzjonijiet ma jiġux imfixkla mal-għajnuna mill-Istat, li jista' jxekkel il-kompetizzjoni fis-settur finanzjarju;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu li jippermetti lill-Istati Membri li jixtiequ jsaħħu s-soċjetà ċivili biex jeżentaw mill-VAT l-attivitajiet u t-tranżazzjonijiet kollha, jew il-maġġoranza tagħhom, li jsiru minn organizzazzjonijiet volontarji mingħajr skop ta' lukru; jenfasizza li mill-inqas l-organizzazzjonijiet iżgħar mingħajr skop ta' lukru għandhom ikunu koperti minn mekkaniżmu bħal dan;

47. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw ċertezza ġuridika għall-voluntiera, mhux l-inqas fir-rigward ta' kwestjonijiet ta' assigurazzjoni, sabiex id-diversi sistemi fl-Istati Membri differenti jinkoraġġixxu l-volontarjat transkonfinali, u biex jiżguraw ukoll li l-voluntiera jkunu infurmati aħjar rigward drittijiethom u rigward l-arranġamenti regolatorji u istituzzjonali fis-seħħ fid-diversi Stati Membri;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti l-proċess ta' tneħħija ta' ostakli eżisteni;

49. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw it-taxxa transkonfinali u l-arranġamenti tas-sigurtà soċjali tagħhom b'rabta mal-volontarjat transkonfinali biex jiżguraw li ma joħolqux ostakli addizzjonali għal din l-attività u li l-voluntiera transkonfinali jkunu jistgħu jirċievu l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li għalihom għandhom dritt skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004;

50. Jenfasizza li, għalkemm hu riżorsa importanti tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna, il-volontarjat ma għandux ikun alternattiva għal xogħol regolari u remunerat jew sostitut tiegħu u, fl-ebda ċirkostanza, ma għandu jikkostitwixxi raġuni biex il-gvernijiet jonqsu milli jwettqu l-obbligi soċjali tagħhom;

51. Iqis li dan l-aspett għandu jiġi enfasizzat b'mod partikolari fis-settur tal-assistenza sanitarja, fejn l-ammont ta' volontarjat qed ikompli jikber; jindika wkoll li l-promozzjoni tal-volontarjat b'rabta mal-ksib, l-iżvilupp jew iż-żamma ta' ħiliet ma għandhiex twassal sabiex il-volontarjat isir rekwiżit obbligatorju minħabba li dan jippreġudika n-natura fundamentali tiegħu;

52. Jistieden b'mod partikolari lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali u lill-UE juru lill-atturi u lill-imsieħba tal-volontarjat il-programmi Ewropej eżistenti, partikolarment dawk bl-għan "kooperazzjoni territorjali Ewropea" fil-politika ta' koeżjoni, u sabiex jiffaċilitawlhom l-aċċess biex dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw aħjar minnhom għall-proġetti u l-attivitajiet transkonfinali tagħhom;

53. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jimplimentaw skemi nazzjonali għall-volontarjat transkonfinali sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tiegħu fl-UE kollha;

54. Jistieden partikolarment lill-Kummissjoni, fl-ambitu tal-ħolqien tal-programmi multiannwali l-ġodda u fid-dawl tal-esperjenza importanti miksuba mis-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, tiżgura li jiġi garantit il-finanzjament tal-proġetti ta' volontarjat u tal-istrutturi li jorganizzaw attivitajiet ta' volontarjat u tiżviluppa u tinkoraġġixxi koordinament interistituzzjonali effiċjenti bil-għan li jippromwovi r-rwol tal-volontarjat fil-politiki tal-UE;

55. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-informazzjoni dwar il-finanzjament disponibbli u l-programmi rilevanti tkun disponibbli mingħajr ħlas għal proġetti mmexxija minn voluntiera u li l-proċeduri ta' applikazzjoni ma jsirux inaċċessibbli minħabba burokrazija eċċessiva;

56. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li jingħata finanzjament adegwat lil programmi f'diversi oqsma politiċi li jappoġġaw l-attivitajiet ta' volontarjat transkonfinali; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw attivament skemi għat-trawwim tal-volontarjat nazzjonali u transkonfinali; jitlob li l-appoġġ finanzjarju għall-infrastruttura tal-volontarjat jingħata attenzjoni partikolari, isostni li s-sussidji pubbliċi għall-volontarjat għandhom ikunu allokati mingħajr ma tkun diskriminata l-ebda organizzazzjoni;

57. Jipproponi li għandu jitwaqqaf netwerk ta' organizzazzjonijiet volontarji fid-diversi Stati Membri billi jiġu kkoordinati l-organizzazzjonijiet volontarji eżistenti filwaqt li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' prattika tajba u ta' esperjenzi, u hu tal-fehma li l-punti ta' kuntatt il-ġodda għandhom ikunu miftuħa biss fi Stati Membri li għad ma għandhomx dawn l-istrutturi;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Statut Ewropew għall-Assoċjazzjonijiet biex tagħtihom qafas ġuridiku li fi ħdanu joperaw, inaqqsu l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-attivitajiet ta' volontarjat transkonfinali u jistabbilixxu strutturi volontarji fuq livell Ewropew li jinkoraġġixxu l-mobilità tal-voluntiera fl-UE;

59. Jenfasizza r-rwol li l-volontarjat jiżvolġi fil-promozzjoni tal-politiki tal-UE;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti rikonoxximent xieraq lill-politiki rilevanti tal-UE dwar il-volontarjat u tippromwovihom, filwaqt li tikkunsidra n-natura trasversali ta' dawn l-attivitajiet u tiżgura li l-politiki nfushom jippromwovu l-iżvilupp tal-volontarjat u jinkoraġġixxu l-involviment tas-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà;

61. Jistieden lill-Kummissjoni biex fil-programmi u l-proġetti tal-UE tagħti rikonoxximent xieraq lill-kontribut ġenwin li x-xogħol li jsir mill-voluntiera jagħti lill-komunità;

62. Jistieden lill-Kummissjoni talloka biżżejjed riżorsi għall-ħolqien ta' Fond għall-Iżvilupp ta' Ċentri Ewropej għall-Volontarjat, li għandu l-għan li jiżviluppa infrastruttura li tappoġġa l-volontarjat;

63. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu li l-ħin iddedikat għall-volontarjat ikun inkluż bħala kofinanzjament fil-programmi finanzjati kollha tal-UE abbażi ta' kontribut in natura b'valur finanzjarju;

64. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu kontinwità bejn l-2011 u s-snin li ġejjin billi jintegraw bis-sħiħ fis-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv (2012) kif ukoll fis-sena proposta bħala s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013) id-dimensjoni tal-volontarjat, li hija espressjoni ta' ċittadinanza attiva li tippromwovi l-inklużjoni soċjali anke taċ-ċittadin anzjan;

65. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi promoss il-volontarjat, b'mod partikolari matul is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini fl-2013, u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-appoġġ għall-volontarjat fil-politiki dwar l-assistenza tal-iżvilupp internazzjonali tagħha, mhux l-inqas bil-għan li jintlaħqu l-objettivi kollha mniżżla fl-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju;

66. Isostni eżami formali tal-proposta 'Solidarité' għal programm interistituzzjonali fil-qasam tar-riżorsi umani fl-istituzzjonijiet tal-UE bil-għan li jiffaċilita l-involviment tal-persunal u tal-apprendisti tal-istituzzjonijiet fil-volontarjat, l-attivitajiet umanitarji u soċjali, kemm bħala parti mit-taħriġ tal-persunal kif ukoll bħala volontarjat fil-ħin privat tagħhom;

67. Jenfasizza l-fatt li l-programm propost jiffranka l-ispejjeż u għandu valur miżjud għoli kif ukoll ikun jgħin fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE;

68. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni żżomm il-punti ta' kuntatt utli stabbiliti kemm mal-"EYV 2011 Alliance" u mas-suċċessur tiegħu "Pjattaforma għall-Volontarjat", li jinkludu bosta organizzazzjonijiet ta' volontarjat u netwerks tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-entitajiet nazzjonali ta' koordinament, mal-imsieħba strateġiċi u mal-kelliema għall-gvernijiet nazzjonali f'dan il-qasam, minħabba d-diversità kbira tal-entitajiet responsabbli għall-volontarjat fl-UE u jinkoraġġixxi lil dawn il-punti ta' kuntatt ikunu involuti fil-portal ċentralizzat propost tal-UE, bħala pjattaforma pan-Ewropea biex ikun iffaċilitat aktar il-koordinament u aktar attività transkonfinali;

69. Jisħaq fuq l-importanza tan-netwerks ta' kuntatt u l-iskambju tal-prattiki t-tajb biex titqassam l-informazzjoni dwar il-proċeduri tal-UE attwali li jistgħu jgħinu u jsostnu l-volontarjat transkonfinali;

70. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi, meta tqis li jkun xieraq, fil-konfront tal-Aġenda Politika dwar il-Volontarjat fl-Ewropa (PAVE) maħluqa mill-organizzazzjonijiet ta' volontarjat involuti fl-"EYV 2011 Alliance";

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni: lejn ċibersigurtà dinjija

P7_TA(2012)0237

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni. Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija (2011/2284(INI))**

(2013/C 332 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 intitolata 'Aġenda Diġitali għall-Ewropa: 2015.eu' ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 intitolata 'governanza tal-Internet: il-passi li jmiss' ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 intitolata 'Il-broadband Ewropew investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment' ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0167/2012),

([1]) ĠU C 81E, 15.3.2011, p. 45.
([2]) ĠU C 236E, 12.8.2011, p. 33.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0322.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

A. billi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) jistgħu jużaw il-kapaċità sħiħa tagħhom sabiex jitmexxew 'il quddiem l-ekonomija u s-soċjetà biss jekk l-utenti jkollhom il-fiduċja u l-kunfidenza fis-sigurtà u r-reżiljenza tagħhom, u jekk il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar kwistjonijiet bħall-privatezza tad-dejta u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tiġi infurzata b'mod effettiv fl-ambjent tal-internet;

B. billi l-impatt tal-internet u tal-ICT fuq aspetti differenti ta' ħajjiet iċ-ċittadini qiegħed jikber b'mod veloċi, u billi huma muturi kruċjali għall-interazzjoni soċjali, l-arrikkiment kulturali u t-tkabbir ekonomiku;

C. billi s-sikurezza tal-ICT u tal-Internet hija kunċett komprensiv b'impatt globali fl-aspetti ekonomiċi, soċjali, teknoloġiċi u militari li jitlob definizzjoni u distinzjoni ċara tar-responsabilitajiet, u mekkaniżmu robust ta' kooperazzjoni internazzjonali;

D. billi l-iskop tal-Aġenda Diġitali tal-UE hu li tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE, abbażi tat-tisħiħ tal-ICT, u li jinħolqu l-kondizzjonijiet għal tkabbir kbir u robust u għal impjiegi bbażati fuq it-teknoloġija;

E. billi s-settur privat jibqa' fil-pożizzjoni primarja bħala investitur, sid u ġestur tal-prodotti, is-servizzi, l-applikazzjonijiet u l-infrastruttura tas-sikurezzà tal-informazzjoni, b'investiment ta' biljuni ta' ewro matul l-aħħar deċennju; billi dan l-involviment għandu jissaħħaħ permezz ta' strateġiji xierqa ta' politika għall-promozzjoni tar-reżiljenza tal-infrastrutturi li huma operati minn entitajiet pubbliċi, privati jew pubbliċi-privati, jew li huma l-proprjetà ta' entitajiet bħal dawn;

F. billi l-iżvilupp ta' livell għoli ta' sigurtà u reżiljenza fin-netwerks, fis-servizzi u t-teknoloġiji tal-ICT għandu jżid il-kompetettività tal-ekonomija tal-UE, kemm bit-titjib tal-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku kemm bil-għoti lill-ekonomija tal-UE kollha kemm hi ta' infrastrutturi ta' informazzjoni isħaħ ħalli jsostnu l-innovazzjoni u t-tkabbir, billi joħolqu l-opportunitajiet għalbiex l-impriżi jsiru aktar produttivi;

G. billi d-data disponibbli dwar l-infurzar tal-liġi għaċ-ċiberkriminalità (li tkopri ċiberattakki, iżda wkoll tipi oħra ta' kriminalità onlajn) tissuġġerixxi żidiet kbar f'diversi pajjiżi Ewropej; billi madankollu, dejta statistikament rappreżentattiva li tikkonċerna ċ-ċiberattakki mill-infurzar tal-liġi u l-komunità CERT (grupp ta' reazzjoni f'emerġenzi relatati mal-kompjuters) tibqa' skarsa u għandha tkun aggregata aħjar fil-futur, biex jiġu permessi reazzjonijiet akbar mill-infurzar tal-liġi madwar l-UE kollha u risponsi leġiżlattivi itjeb għat-theddid ċibernetiku li dejjem qed jevolvi;

H. billi livell xieraq ta' sigurtà ta' informazzjoni huwa kruċjali għat-tkabbir robust tas-servizzi bbażati fuq l-Internet;

I. billi l-inċidenti, t-tfixkil u l-attakki ċibernetiċi riċenti kontra l-infrastruttura tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE, tal-industrija u tal-Istati Membri juru l-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema robusta, innovattiva u effettiva ta' ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni (CIIP), abbażi ta' kooperazzjoni internazzjonali sħiħa u standards minimi ta' reżiljenza fost l-Istati Membri;

J. billi l-iżvilupp mgħaġġel ta' toroq ġodda tal-ICT bħall-Cloud computing, jeħtieġ fokus b'saħħtu fuq is-sigurtà tal-Internet jagħmluha possibbli li l-benefiċċji tal-kisbiet teknoloġiċi jkunu jistgħu jiġu sfruttati b'mod sħiħ;

K. billi l-Parlament Ewropew insista ħafna biex jiġu applikati standards għoljin għall-privatezza tad-dejta u l-protezzjoni tad-dejta, in-newtralità tal-Internet u l-protezzjoni intellettwali tad-drittijiet tal-proprjetà;

***Miżuri għat-tisħiħ tas-CIIP fuq livell nazzjonali u tal-Unjoni***

1. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tal-Programm Ewropew għas-CIIP, inkluż it-twaqqif tan-Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika (CIWIN);

2. Iqis li l-isforzi tas-CIIP mhux biss se jtejbu s-sigurtà ġenerali taċ-ċittadini iżda se jtejbu wkoll il-perċezzjoni ta' sigurtà taċ-ċittadini u l-fiduċja tagħhom f'miżuri adottati mill-Gvern għall-ħarsien tagħhom;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

3. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra r-reviżjoni tad-Direttiva 2008/114/KE ([1]) tal-Kunsill u jitlob biex tiġi pprovduta l-prova tal-effettività u l-impatt tad-direttiva qabel jittieħdu aktar passi; jitlob li tkun ikkunsidrata l-espansjoni tal-ambitu tagħha, l-aktar bl-inklużjoni tas-settur ICT u tas-servizzi finanzjarji; jitlob, barra minn hekk, li tingħata kunsiderazzjoni lil oqsma bħalma huma s-saħħa, is-sistemi tal-provvista tal-ikel u tal-ilma, ir-riċerka u l-industrija nukleari (fejn dawn ma jkunux koperti b'dispożizzjonijiet speċifiċi); huwa tal-opinjoni li dawn is-setturi għandhom jibbenefikaw ukoll mill-approċċ transettorjali adottat mis-CIIP (li jikkonsisti minn kooperazzjoni, sistema ta' twissija u l-iskambju tal-aħjar prattiki);

4. Jenfasizza l-importanza li tkun stabbilita u żgurata l-integrazzjoni dewwiema tar-riċerka Ewropea sabiex tinżamm u tissaħħaħ l-eċċellenza Ewropea fil-qasam tal-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni (CIIP);

5. Jitlob, invista tan-natura interkonnessa u altament interdipendenti, sensittiva, strateġika u vulnerabbli tal-infrastrutturi kritiċi nazzjonali u Ewropej tal-informazzjoni, u għall-aġġornament regolari tal-istandards minimi tar-reżiljenza għall-qagħda ta' tħejjija u reazzjoni kontra t-tentattivi jew attakki ta' tħarbit, inċidenti, distruzzjoni, bħalma huma dawk riżultanti minn infrastruttura insuffiċjentement robusta jew end-terminals insuffiċjentement imħarsa;

6. Jenfasizza l-importanza ta' standards u protokolli ta' sigurtà tal-informazzjoni u jilqa' l-mandat tal-2011 tas-CEN, is-Cenelec u l-ETSI biex jiġu stabbiliti standards ta' sigurtà;

7. Jistenna li s-sidien u l-operaturi tal-infrastrutturi tal-informazzjoni kritika għandhom jippermettu, u jekk hemm bżonn, jassistu lill-utenti biex jużaw il-mezzi xierqa li jipproteġuhom minn attakki u/jew tfixkil malizzjuż, permezz ta' superviżjoni umana u awtomatizzata, fejn meħtieġ;

8. Jappoġġja l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, u jinkoraġġixxi l-isforzi tagħhom biex jittieħdu u jiġu żviluppati standards għas-sigurtà u r-reżiljenza għal infrastruttura ta' informazzjoni kritika ċivili (pubbliċi, privati jew pubbliċi-privati) nazzjonali u Ewropej;

9. Jenfasizza l-importanza ta' eżerċizzji pan Ewropej bi tħejjija għal inċidenti ta' sigurtà fin-netwerk fuq skala kbira, u d-definizzjoni ta' sett uniku ta' standards għall-valutazzjoni tat-theddid;

10. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-CIIP; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu CERTs nazzjonali/tal-gvern li jkunu jaħdmu tajjeb, iħeġġiġhom ukoll jiżviluppaw strateġiji nazzjonali ta' ċibersigurtà, jorganizzaw eżerċizzji nazzjonali u pan-Ewropej regolari dwar iċ-ċiberinċidenti, jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza għaċ-ċiberinċidenti għall-iżvilupp ta' pjan Ewropew ta' kontinġenza għaċ-ċiberinċidenti sal-aħħar tal-2012;

11. Jirrakkomanda li jidħlu fis-seħħ pjanijiet ta' sigurtà għall-operatur jew miżuri ekwivalenti għall-infrastrutturi kritiċi Ewropej ta' informazzjoni u li jinħatru uffiċjali ta' kollegament tas-sigurtà;

12. Jilqa' r-rieżami li għaddej bħalissa tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI ([2]) dwar attakki kontra s-sistemi ta' informazzjoni; jinnota l-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra ċ-ċiberattakki fuq skala kbira, billi jiġu inklużi l-ENISA, il-kompetenzi tas-CERTs tal-Istati Membri u tas-CERT Ewropew tal-futur;

13. Iqis li l-ENISA tista' taqdi rwol importanti fil-livell Ewropew fil-protezzjoni ta' infrastruttura ta' informazzjoni kritika, billi tipprovdi kompetenzi tekniċi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll rapporti u analiżi dwar is-sigurtà tas-sistema tal-informazzjoni fil-livell Ewropew u f'dak globali;

***Attivitajiet ulterjuri tal-UE għas-sikurezza robusta tal-internet***

14. Iħeġġeġ lill-ENISA sabiex tkompli tikkoordina u timplimenta, fuq bażi annwali, ix-Xhur ta' Kuxjenza dwar is-Sigurtà tal-Internet tal-UE, sabiex kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà jingħataw attenzjoni speċjali mill-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-UE;

([1]) ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75
([2]) ĠU L 69, 16.3.2005, p. 67.

15. Jappoġġja lill-ENISA, b'konformità mal-għanijiet tal-Aġenda Diġitali, biex teżerċita d-dmirijiet tagħha fir-rigward tas-sigurtà tal-informazzjoni tan-netwerk u b'mod partikolari billi jiġu pprovduti gwida u pariri lill-Istati Membri dwar kif għandhom jissodisfaw il-kapaċitajiet bażiċi għas-CERTs tagħhom, kif ukoll jappoġġja l-iskambju tal-aqwa prattiki permezz tal-iżvilupp ta' ambjent ta' fiduċja; jitlob lill-Aġenzija biex tikkonsulta mal-partijiet interessati rilevanti biex jiġu stabbilti miżuri simili ta' ċibersigurtà għas-sidien/operaturi tan-netwerks u tal-infrastrutturi privati, kif ukoll biex tingħata assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-użu ta' skemi ta' ċertifikazzjoni għas-sigurtà tal-informazzjoni, regoli ta' mġiba u prattiki ta' kooperazzjoni fost is-CERTs nazzjonali u Ewropej u s-sidien/operaturi tal-infrastrutturi, kif u fejn meħtieġ permezz tad-definizzjoni tar-rekwiżiti minimi komuni tat-teknoloġija newtrali;

16. Jilqa' l-proposta attwali għall-analiżi tal-mandat tal-ENISA, b'mod partikolari l-estensjoni tagħha u għall-espansjoni tax-xogħlijiet tal-aġenzija; jemmen li flimkien mal-għajnuna tagħha lill-Istati Membri billi tipprovdi kompetenzi u analiżi, l-ENISA għandha tkun intitolata li tmexxi numru ta' xogħlijiet eżekuttivi f'livell tal-UE, u flimkien mal-kontropartijiet rispettivi tagħha fl-Istati Uniti, relatati mal-prevenzjoni u s-sejba ta' inċidenti ta' sigurtà tal-informazzjoni u tan-netwerks, filwaqt li ttejjeb il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri; jindika li, skont ir-Regolament ENISA, għandu mnejn li lill-aġenzija jiġulha assenjati responsabilitajiet addizzjonali marbutin mar-rispons għall-attakki mill-internet, sal-punt li żżid il-valur mal-mekkaniżmi nazzjonali ta' rispons;

17. Jilqa' r-riżultati tal-eżerċizzji taċ-Ċibersigurtà Pan-Ewropea tal-2010 u l-2011, li saru madwar l-Unjoni u li ġew immonitorjati mill-ENISA, li l-għan tagħhom kien li jassistu lill-Istati Membri fl-iddisinjar, iż-żamma u l-ittestjar ta' pjan ta' kontinġenza pan-Ewropew; jitlob lill-ENISA żżomm eżerċizzji bħal dan fuq l-aġenda tagħha u progressivament tinvolvi lill-operaturi privati rilevanti bħala xierqa ħalli jkabbru l-kapaċitajiet ta' sigurtà globali tal-Ewropa; jistenna b'ħerqa li jkun hemm aktar espansjoni internazzjonali ma' sħab li għandhom l-istess mod kif jaraw l-affarijiet;

18. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali taċ-ċibersigurtà, li għandhom jinkludu elementi prinċipali bħal punti ta' kuntatt rilevanti u dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna, it-trażżin u t-tiswija fil-każ ta' tfixkil jew ċiberattakki b'rilevanza reġjonali, nazzjonali jew transkonfinali; jinnota li l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ ukoll mekkaniżmi u strutturi xierqa ta' koordinazzjoni f'livell nazzjonali, li jgħinu sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar fost awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jagħmlu l-azzjonijiet tagħhom aktar koerenti;

19. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tipproponi miżuri vinkolanti permezz tal-pjan ta' kontinġenza tal-UE għaċ-ċiberinċidenti għal koordinament aħjar f'livell tal-UE tal-funzjonijiet tekniċi u ta' kontroll fost is-CERTs nazzjonali u governattivi;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu l-infrastruttura kritika miċ-ċiberattakki u biex jipprovdu mezzi biex iwaqqfu l-aċċess għal infrastrutturi kritiċi f'każ li l-funzjonament tagħha jiġi mhedded b'mod serju minn ċiberattakk dirett;

21. Jistenna b'ħerqa l-implimentazzjoni sħiħa bejn is-CERT u l-UE li se tkun fattur ewlieni fil-prevenzjoni, is-sejba, ir-respons u l-irkupru miċ-ċiberattakki intenzjonati u malizzjużi mmirati lejn l-istituzzjonijiet tal-UE;

22. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tipproponi miżuri vinkolanti ddisinjati sabiex jiġu imposti standards minimi dwar is-sigurtà u r-reżiljenza u tittejjeb il-koordinazzjoni fost is-CERTs nazzjonali;

23. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżguraw l-eżistenza ta' CERTs li jiffunzjonaw tajjeb, u li jkollhom kapaċitajiet minimi ta' sigurtà u reżiljenza abbażi tal-aqwa prattiki miftiehma; jindika li s-CERTs nazzjonali għandhom ikunu parti minn netwerk effettiv li fih, l-informazzjoni rilevanti tiġi skambjata skont l-istandards neċessarji ta' kunfidenzjalità; jitlob li tiġi stabbilita kontinwità 24/7 tas-servizz tas-CIIP għal kull Stat Membru, kif ukoll li jiġi stabbilit protokoll Ewropew komuni ta' emerġenza li għandu jkun applikabbli bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali;

24. Jenfasizza li t-tkattir tal-fiduċja u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri huma kruċjali għall-protezzjoni tad-dejta u tal-infrastrutturi u n-netwerks nazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni tissuġġerixxi proċedura komuni għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' approċċ komuni biex ikun ittrattat it-theddid transfrontaljier tal-ICT, filwaqt li l-Istati Membri jiġi mistenni minnhom li jagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni ġenerika dwar ir-riskji u t-theddid għall-infrastruttura tagħhom ta' informazzjoni kritika, u l-vulnerabilitajiet tal-istess;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

25. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiġi żviluppata Sistema Ewropea ta' Qsim ta' Informazzjoni u ta' Twissija sal-2013;

26. Jilqa' l-konsultazzjonijiet varji mal-partijiet interessati dwar is-sigurtà tal-internet u s-CIIP mibdija mill-Kummissjoni, bħala s-Sħubija Pubblika Privata Ewropea għar-Reżiljenza; jagħraf l-involviment diġà sinifikanti u l-impenn tal-bejjiegħa fil-qasam tal-ICT f'dan l-isforz, jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex tagħmel aktar sforzi sabiex tinkoraġġixxi lill-assoċjazzjonijiet tal-akkademja u tal-utenti tal-ICT sabiex ikollhom rwol aktar attiv, u sabiex jitrawwem djalogu kostruttiv u bejn bosta partijiet interessati dwar kwistjonijiet ta' ċibersigurtà; jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-Assemblea Diġitali bħala qafas għall-governanza tas-CIIP;

27. Jilqa' x-xogħol imwettaq s'issa mill-Forum Ewropew tal-Istati Membri f'termini ta' stabbiliment ta' kriterji speċifiċi għas-settur biex jiġu identifikati infrastrutturi kritiċi Ewropej b'fokus fuq komunikazzjonijiet fissi u mobbli, kif ukoll id-diskussjoni dwar il-prinċipji u l-linji gwida tal-UE għar-reżiljenza u l-istabilità fl-Internet; jistenna bil-ħerqa li jitkompla l-bini ta' kunsens fost l-Istati Membri, u f'dan il-kuntest, jinkoraġġixxi lill-Forum biex jikkumplimenta l-approċċ attwali ffukat fuq l-assi fiżiċi bi sforzi biex jiġu koperti wkoll l-assi loġiċi tal-infrastrutturi li, waqt li jiżviluppaw it-teknoloġiji cloud u dawk tal-virtwalizzazzjoni, se jsiru aktar rilevanti għall-effettività tas-CIIP;

28. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tniedi inizjattiva pubblika dwar l-edukazzjoni fl-Ewropa kollha, li l-għan tagħha jkun li jkun hemm edukazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza fost l-utenti finali privati u tan-negozju dwar it-theddid potenzjali fuq l-Internet, kif ukoll fl-apparat fiss u mobbli tal-ICT f'kull livell tal-katina ta' utilità, u biex tiġi promossa mġiba individwali aktar sikura onlajn; ifakkar, f'dan ir-rigward, dwar ir-riskji assoċjati mal-apparat u s-softwer mhux aġġornat tal-IT;

29. Jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex isaħħu l-programmi ta' taħriġ u edukazzjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, li huma mmirati lejn l-infurzar tal-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet ġudizzjarji u lejn l-aġenziji rilevanti tal-UE;

30. Jappoġġja l-ħolqien ta' kurrikulu tal-UE għall-esperti akkademiċi fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, minħabba li dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-kompetenza u t-tħejjija tal-UE fir-rigward taċ-ċiberspazju li dejjem qiegħed jevolvi u tat-theddid tiegħu;

31. Jirrakkomanda l-promozzjoni tal-edukazzjoni fiċ-ċibersigurtà (apprendistati għall-istudenti fil-livell ta' PhD, korsijiet fl-università, workshops, taħriġ għall-istudenti, eċċ.) u eżerċizzji ta' taħriġ speċjalizzati fil-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, sal-aħħar tal-2012, strateġija komprensiva tas-sigurtà tal-internet għall-Unjoni, abbażi ta' terminoloġija ċara; huwa tal-fehma li l-istrateġija tas-sigurtà tal-internet għandha l-għan li toħloq ċiberspazju (sostnut minn infrastruttura sikura u reżiljenti u standards miftuħin) li jiffavorixxi l-innovazzjoni u l-prosperità permezz tal-fluss ħieles tal-informazzjoni waqt li tiġi żgurata protezzjoni robusta tal-privatezza u libertajiet ċivili oħra; isostni li l-istrateġija għandha tiddeskrivi l-prinċipji, l-għanijiet, il-metodi, l-istrumenti u l-politiki (kemm interni kif ukoll esterni) meħtieġa sabiex jiġu mtejba l-isforzi nazzjonali u tal-UE, u biex jiġu stabbiliti standards minimi ta' reżiljenza fost l-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat servizz sikur, kontinwu, robust u reżiljenti, kemm f'konnessjoni mal-infrastruttura kritika kif ukoll mal-użu ġenerali tal-internet;

33. Jenfasizza li l-"Istrateġija għas-Sigurtà tal-Internet" li ġejja tal-Kummissjoni għandha tqis ix-xogħol fuq il-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni bħala punt ċentrali ta' referenza u timmira għal approċċ olistiku u sistematiku lejn iċ-ċibersigurtà billi tinkludi kemm miżuri proattivi, bħall-introduzzjoni ta' standards minimi għal miżuri ta' sigurtà jew it-tagħlim ta' utenti individwali, negozji u istituzzjonijiet pubbliċi, kif ukoll miżuri reattivi, bħal sanzjonijiet fid-dritt kriminali, fid-dritt ċivili kif ukoll sanzjonijiet amministrattivi;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu robust biex jiġu kkoordinati l-implimentazzjoni u l-aġġornament b'mod regolari tal-istrateġija ta' sigurtà tal-Internet; huwa tal-fehma li dan il-mekkaniżmu għandu jkun appoġġjat b'riżorsi amministrattivi, esperti u finanzjarji biżżejjed u li l-kamp ta' azzjoni tiegħu għandu jinkludi l-faċilitazzjoni tat-twaqqif ta' pożizzjonijiet tal-UE fir-relazzjoni kemm mal-partijiet interessati interni kemm dawk internazzjonali f'materji marbutin mas-sigurtà tal-internet;

35. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi qafas tal-UE għan-notifika tal-vjolazzjonijiet tas-sigurtà f'oqsma kritiċi bħalma huma l-enerġija, it-trasport, il-provvista tal-ilma u tal-ikel, kif ukoll is-settur tal-ICT u tas-servizzi finanzjarji, ħalli jkun żgurat li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u l-utenti jkunu nnotifikati dwar iċ-ċiberinċidenti, l-attakki u t-tħarbit;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb id-disponibilità tad-dejta statikament rappreżentattiva rigward l-ispejjeż taċ-ċiberattakki fl-UE, fl-Istati Membri u fl-industrija (partikolarment is-servizzi finanzjarji u s-settur tal-ICT) billi jiġu mtejba l-kapaċitajiet tal-ġbir tad-dejta taċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità previst, li għandu jiġi mwaqqaf sal-2013, is-CERTs u inizjattivi oħra tal-Kummissjoni, fosthom is-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Informazzjoni u ta' Twissija (EISAS), sabiex jiġi żgurat rappurtar sistematiku u skambju ta' dejta dwar iċ-ċiberattakki u dwar forom oħra ta' ċiberkriminalità fuq l-industrija Ewropea u l-Istati Membri;

37. Jirrakkomanda relazzjoni u interazzjoni mill-qrib bejn is-setturi privati nazzjonali u l-ENISA sabiex jgħaqqad is-CERTs Nazzjonali/Governattivi mal-iżvilupp tas-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Informazzjoni u ta' Twissija (EISAS),

38. Ifakkar li l-mutur primarju li jixpruna l-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji ddisinjati sabiex iżidu s-sigurtà tal-internet huwa l-industrija tal-ICT; ifakkar li l-politiki tal-UE għandhom jevitaw milli jimpedixxu t-tkabbir tal-ekonomija Ewropea tal-Internet u jinkludu l-inċentivi meħtieġa sabiex jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tan-negozju u ta' sħubiji pubbliċi privati; jirrakkomanda l-investigazzjoni ta' aktar inċentivi ħalli l-industrija tiżviluppa pjanijiet aktar robusti ta' sigurtà operattiva inlinja mad-Direttiva 2008/114/KE;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva biex iċ-ċiberattakki ((jiġifieri spear-phishing, frodi onlajn, eċċ.) jiġu kriminalizzati aktar;

***Kooperazzjoni Internazzjonali***

40. Ifakkar li l-kooperazzjoni internazzjonali hija l-istrument prinċipali għall-introduzzjoni ta' miżuri effettivi ta' ċibersigurtà; jirrikonoxxi li, fil-preżent, l-UE mhijiex involuta b'mod attiv fuq bażi kontinwa fi proċessi u djalogi internazzjonali ta' kooperazzjoni relatati maċ-ċibersigurtà; jistieden lill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) sabiex jibdew djalogu kostruttiv mal-pajjiżi kollha tal-istess fehma bil-għan li jiġu żviluppati fehim u politiki komuni bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza tal-internet u tal-infrastruttura kritika; isostni li, fl-istess ħin, l-UE għandha, fuq bażi permanenti, tinkludi kwistjonijiet tas-sigurtà tal-internet fl-ambitu tar-relazzjonijiet esterni tagħha, fost affarijiet oħra, meta tfassal strumenti varji ta' finanzjament jew meta timpenja ruħha lejn ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-iskambju u l-ħżin ta' dejta sensittiva;

41. Jinnota l-kisbiet pożittivi tal-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2001 dwar iċ-ċiberkriminalità; jindika, iżda, li waqt li jinkoraġġixxi aktar pajjiżi jiffirmaw u jirrattifikaw il-Konvenzjoni, l-SEAE għandu jibni wkoll ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-Internet ma' msieħba internazzjonali tal-istess fehma;

42. Jindika li l-parti l-kbira tal-attivitajiet kurrenti mwettqa minn diversi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji internazzjonali u tal-UE kif ukoll minn Stati Membri jeħtieġu koordinament sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, u għal dan l-iskop hemm lok fejn wieħed iqis il-ħatra ta' uffiċjal responsabbli għall-koordinazzjoni, possibilment permezz tal-ħatra ta' koordinatur taċ-ċibersigurtà tal-UE;

43. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu strutturat bejn l-atturi ewlenin u l-leġiżlaturi fl-UE u fl-Istati Uniti involuti fis-CIIP għal fehim komuni u interpretazzjonijiet u pożizzjonijiet komuni fir-rigward ta' oqfsa legali u ta' governanza;

44. Jilqa' l-ħolqien, fis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' Novembru 2010, tal-Grupp ta' Ħidma bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberkriminalità, u jsostni l-isforzi tiegħu sabiex jinkludi l-kwistjonijiet dwar is-sigurtà tal-Internet fid-djalogu dwar il-politika transatlantika; jilqa' t-twaqqif konġunt mill-Kummissjoni u mill-Gvern tal-Istati Uniti, taħt il-kappa tal-Grupp ta' Ħidma UE-Stati Uniti, ta' programm komuni u ta' pjan dwar iċ-ċibereżerċizzji transkontinentali konġunti/sinkronizzati fl-2012/2013;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

45. Jissuġġerixxi li jiġi stabbilit djalogu strutturat bejn il-leġiżlaturi tal-UE u tal-Istati Uniti sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-internet bħala parti mit-tfittxija għal fehim, interpretazzjoni u pożizzjonijiet komuni;

46. Iħeġġeġ lill-SEAE u lill-Kummissjoni, abbażi tax-xogħol imwettaq mill-Forum Ewropew tal-Istati Membri, sabiex jiżguraw pożizzjoni attiva fi ħdan il-fora internazzjonali rilevanti, fost affarijiet oħra, billi jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri bil-ħsieb li jippromwovu l-valuri, l-għanijiet u l-politiki prinċipali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-internet; jinnota li dawn il-fora jinkludu n-NATO, in-NU (partikolarment permezz tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u l-Forum dwar il-Governanza tal-Internet), il-Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati, l-Awtorità tan-Numri Assenjati tal-Internet, l-OSKE, l-OKŻE u l-Bank Dinji;

47. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-ENISA biex jipparteċipaw fid-djalogi tal-partijiet interessati ewlenin sabiex jiġu ddefiniti l-istandards tekniċi u legali fiċ-ċiberspazju fuq livell internazzjonali;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Kooperazzjoni fir-rigward tal-politika enerġetika ma' sħab lil hinn mill-fruntieri tagħna

P7_TA(2012)0238

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna. Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija (2012/2029(INI))**

(2013/C 332 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali: "Il-Politika tal-Enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna" (COM(2011)0539),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (COM(2011)0540),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2011 dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali – "Il-politika tal-enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 bit-titolu 'Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020' [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0168/2012),

---

[1] ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 64.

A. billi l-isfidi tal-enerġija globali komuni attwali u l-implimentazzjoni tal-objettivi ambizzjużi tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima jirrikjedu azzjoni komuni, effettiva u ekwitabbli mill-Unjoni Ewropea fix-xena internazzjonali, b'mod partikulari billi ssaħħaħ id-dimensjoni esterna tal-politika tagħha dwar l-enerġija u billi tieħu pożizzjoni magħquda sabiex iżżid id-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-enerġija, issaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u tappoġġja l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli;

B. billi bix-xejriet attwali l-popolazzjoni dinjija mistennija tilħaq id-9 biljun ruħ sal-2050, id-domanda globali għall-enerġija sa tiżdied b'40 % sal-2030, l-aktar fil-pajjiżi li mhumiex membri tal-OECD, filwaqt li l-kompetizzjoni globali mill-ekonomiji emerġenti għar-riżorsi tal-fjuwils fossili se tintensifika;

C. billi d-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija aktarx li tiżdied matul id-deċennju li jmiss hekk kif ir-riżorsi tal-fjuwils fossili tagħha jkomplu jinhlew, minkejja l-input miżjud mill-enerġiji rinnovabbli, mill-effiċjenza enerġetika u mir-riċerka dwar it-teknoloġiji tal-enerġija;

D. billi l-effiċjenza enerġetika hija ferm importanti sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija barranija u sabiex jiżdiedu l-indipendenza ġeopolitika u s-sigurtà enerġetika tagħha, billi l-UE qed tonfoq aktar minn EUR 400 biljun fis-sena fuq importazzjonijiet tal-enerġija; billi l-ilħuq tal-mira minima ta' ffrankar ta' 20 % fl-użu ta' enerġija mhux biss se jtejjeb is-sigurtà enerġetika tagħna iżda se jnaqqas ukoll b'tal-inqas EUR 50 biljun kull sena t-trasferiment tal-ġid mill-ekonomiji tal-UE lejn il-pajjiżi li jipproduċu l-enerġija;

E. billi huwa importanti għall-UE li tagħti prijorità sabiex tiżgura u tiżviluppa s-sorsi interni ta' fjuwils fossili, speċjalment ir-riżervi sinifikanti li ġew skoperti reċentement fil-baħar Mediterran, li għandhom inaqqsu d-dipendenza Ewropea fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija; billi hemm opportunitajiet sostanzjali għall-iżvilupp u l-isfruttament konġunti tas-sorsi ta' fjuwils fossili mal-pajjiżi li huma ġirien tal-UE;

F. billi llum l-UE, bħala ekonomija u soċjetà diġitali, hija ħafna aktar dipendenti fuq provvista tal-elettriku kontinwa u affidabbli milli qatt kienet;

G. billi l-UE diġà hija impurtatur ewlieni tal-fjuwils fossili u qed issir dejjem aktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet u aktar vulnerabbli għall-fornituri esterni u għall-pajjiżi ta' tranżitu; billi, mill-banda l-oħra, dan jagħti setgħa konsiderevoli lill-UE bħala waħda mill-akbar xerrejja tal-enerġija fis-swieq tal-enerġija dinjija;

H. billi ż-żieda fil-popolazzjoni u l-istandards dejjem telgħin tal-għajxien kapaċi jżidu d-domanda globali għall-enerġija b'40 % sal-2030; billi d-dipendenza kbira u li qed tiżdied tal-UE fuq l-importazzjonijiet titlob politiki li jirriflettu u jindirizzaw dawn l-iżviluppi potenzjali;

I. billi politika komuni esterna dwar l-enerġija, ibbażata fuq is-solidarjetà, id-diversifikazzjoni u l-kooperazzjoni strateġika, inkluż mal-pajjiżi li l-aktar li jikkunsmaw enerġija, kif ukoll fuq il-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli indiġeni tal-enerġija, toħloq sinerġiji li jgħinu jiżguraw sigurtà tal-provvista għall-Unjoni Ewropea u jsaħħu l-kapaċità tal-UE għal azzjoni tal-politika barranija u l-kredibilità tagħha bħala attur globali, inkluż fil-qasam tat-tibdil fil-klima;

J. billi l-kumpaniji minn pajjiżi terzi jibbenefikaw mill-ftuħ tas-suq tal-enerġija tal-UE, iżda billi l-kummerċ mhux trasparenti u manuvri ta' akkwiżizzjoni ostili minn dawn il-kumpaniji jirrappreżentaw theddida li tirrikjedi l-applikazzjoni stretta tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u leġiżlazzjoni rilevanti oħra sabiex jiġi żgurat suq intern li jiffunzjona bi provvista diversifikata tal-enerġija, u jiġi evitat li jkun hemm tfixkil u kriżijiet futuri fil-provvista taż-żejt mhux raffinat u tal-gass;

K. billi l-Istati Membri qed isiru dejjem aktar interkonnessi u billi għaldaqstant ġie ppruvat li l-isforzi biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista fuq livell esklussivament nazzjonali mhumiex biżżejjed u ma jissalvagwardjawx l-interessi fit-tul tal-Istati Membri kollha;

L. billi, għalkemm il-ħtieġa li tiġi żviluppata l-infrastruttura tal-enerġija ġiet fil-parti l-kbira rikonoxxuta mill-UE, għad hemm in-nuqqas tal-investiment meħtieġ;

M. billi suq intern tal-enerġija Ewropew li jkun integrat bis-sħiħ u li jiffunzjona fuq il-prinċipju tas-solidarjetà biss jista' jindirizza biżżejjed l-isfidi tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija li joħorġu mid-differenzi fil-kompożizzjoni u s-sehem tal-importazzjonijiet tal-enerġija fid-diversi Stati Membri;

N. billi huwa ta' importanza kritika li tiġi żgurata l-konsistenza u l-koerenza fir-relazzjonijiet esterni tal-UE dwar l-enerġija mal-pajjiżi produtturi, ta' tranżitu u konsumaturi ewlenin, u billi huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni strateġika u politika fost l-Istati Membri fin-negozjati mal-fornituri b'saħħithom tal-enerġija fil-pajjiżi terzi;

O. billi r-rabtiet fil-qasam tal-enerġija jirrikjedu prevedibilità, stabilità u investiment fuq żmien fit-tul;

P. billi l-isfida tas-sigurtà tal-enerġija hija li ttaffi l-inċertezzi li joħolqu tensjonijiet bejn il-pajjiżi u li jitnaqqsu l-ineffiċjenzi tas-suq li jġibu fix-xejn il-benefiċċji tan-negozju, kemm għall-fornituri kif ukoll għall-konsumaturi;

Q. billi huwa stimat li r-reġjun Artiku jinkludi madwar terz tal-medja stmata tal-gass mhux skopert tad-dinja u 13 fil-mija taż-żejt mhux skopert;

*Is-suq intern tal-enerġija – koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE*

1. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni tkun żviluppata għall-aħħar; jenfasizza, ukoll, il-ħtieġa ta' koordinazzjoni b'saħħitha bejn il-politiki tal-Istati Membri u għal azzjoni u solidarjetà konġunti fil-qasam tal-politika esterna dwar l-enerġija u tas-sigurtà tal-enerġija, jirrikonoxxi l-importanza tat-trasparenza u tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern tal-enerġija, b'konformità mal-objettivi fuq żmien fit-tul tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima;

2. Jikkunsidra li l-politika dwar l-enerġija jeħtiġilha tkun parti integrata u prominenti fil-politika barranija komuni u għandha tiġi elaborata u implimentata f'sinerġija ma' politiki oħra li għandhom dimensjoni esterna;

3. Jenfasizza li, filwaqt li tqis kemm il-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali kif ukoll l-għan li tikseb suq verament uniku tal-enerġija, l-UE għandha tagħti prijorità lill-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija li jippermettu żieda gradwali fil-kapaċitajiet bi spiża marġinali ta' investiment, jippermettu lis-suq uniku jibbenefika mill-użu ottimizzat tal-infrastruttura tal-enerġija filwaqt li jiġu żgurati u promossi s-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività u s-sostenibilità b'mod kosteffikaċi;

4. Ifakkar fit-talba tal-Parlament li jitħejjew pjanijiet għal Komunità tal-Enerġija Ewropea li tinvolvi kooperazzjoni qawwija dwar netwerks tal-enerġija u finanzjament Ewropew ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-enerġija u sabiex l-Unjoni tingħata vuċi internazzjonali b'saħħitha fir-relazzjonijiet tagħha dwar l-enerġija;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta biex tistabbilixxi Osservatorju tal-Enerġija bl-objettiv li titjieb l-intelliġenza dwar is-swieq tal-importazzjoni tal-enerġija u li tissaħħaħ l-analiżi tas-swieq tal-esportazzjoni;

6. Jemmen li suq intern tal-enerġija Ewropew li jkun jiffunzjona, interkonness u integrat bis-sħiħ jista' jtejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-provvista anki fuq żmien qasir u li huwa element essenzjali għal politika esterna Ewropew tal-enerġija ta' suċċess; jemmen, ukoll, li l-qafas regolatorju Ewropew dwar l-enerġija huwa importanti għall-proċess tal-bini tas-suq intern tal-enerġija u għandu jkun promoss fil-pajjiżi sħab billi titqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar l-għan, il-vantaġġi u l-benefiċċji tiegħu, billi l-objettiv ġenerali jkun li jiġi żgurat li l-politika esterna tal-enerġija tal-UE u l-ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri jkunu jikkonformaw bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE;

7. Jenfasizza li l-Kummissjoni u s-SEAE jeħtiġilhom jiżguraw li l-ftehimiet multilaterali u bilaterali kollha tal-UE, speċjalment il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, jikkonformaw għalkollox mar-regoli tas-suq intern tal-UE; jenfasizza li tali ftehimiet imisshom jiżguraw ir-reċiproċità, l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd u t-trasparenza bil-għan li jipprovdu ambjent ġuridiku sikur għal dawk l-investituri tal-UE li jinvestu fil-pajjiżi fornituri tal-enerġija u fil-pajjiżi ta' tranżitu;

8. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw suq intern tal-enerġija konness li jkun jiflaħ għal pressjonijiet esterni u għal tentattivi biex il-provvista u l-prezzijiet tal-enerġija jintużaw bħala għodda ta' pressjoni tal-politika barranija; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi għal proġetti li għandhom l-għan li jikkonettjaw is-swieq tal-enerġija fl-UE u li sa tmiem l-2015 jikkompletaw għalkollox in-netwerks tal-infrastruttura Ewropea tal-gass u l-elettriku, b'mod partikolari l-pjan tal-interkonnessjoni Baltika, kif spjegat fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tal-UE;

9. Jenfasizza li l-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi li l-enerġija importata fl-Unjoni, ġaladarba tkun fl-Unjoni, tkun regolata minn regoli tas-suq intern tal-enerġija; jenfasizza, għaldaqstant, li l-UE għandha timmira għal konverġenza regolatorja mal-pajjiżi ġirien li huma lesti li jħaddnu r-regoli tas-suq intern tal-enerġija; jisħaq fuq l-importanza u r-rwol tal-Komunità tal-Enerġija f'dan ir-rigward;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa t-twaqqif ta' sistema komprensiva tal-UE ta' indiċizzazzjoni tal-gass ibbażata fuq il-prezzijiet tas-suq tal-gass, sabiex il-kumpaniji kollha tal-UE involuti fil-kummerċ tal-gass jkunu jistgħu jagħmlu kummerċ ma' fornituri esterni tal-gass b'mod iżjed ġust u prevedibbli; indipendentement mill-prezzijiet taż-żejt u sabiex titrawwem iżjed il-kompetizzjoni fis-suq intern tal-gass tal-UE;

11. Jenfasizza li s-saħħa li tirriżulta mill-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u tal-infrastruttura għandha tiġi sfruttata bis-sħiħ billi jingħaqdu flimkien il-mezzi, il-kompetenzi u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-UE; jitlob, għalhekk, għal aktar trasparenza u aktar involviment tal-UE fin-negozjati rigward ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, minħabba li dawn il-ftehimiet jista' jkollhom ukoll impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija tal-UE; jappoġġja l-Kummissjoni fil-manuvri tagħha lejn iżjed trasparenza u kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u jitlob żieda fl-użu tal-miżuri eżistenti ta' kompetizzjoni sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jdur mal-liġi tal-UE;

12. Jenfasizza r-repsonsabilitajiet addizzjonali tal-Parlament fil-qasam tal-enerġija skont l-Artikolu 194 TFUE u jinsisti li l-Parlament ikun involut adegwatament fil-proċessi kollha ta' informazzjoni u konsultazzjoni li jirrigwardaw il-politika esterna tal-enerġija; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kondiviżjoni tad-data dwar azzjonijiet, programmi u proġetti mwettqa mill-UE, mill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha u minn entitajiet oħrajn tal-UE għandhom jinkludu l-Parlament;

13. Jilqa' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Ukrajna mal-Komunità tal-Enerġija, kif ukoll l-istatus tal-Armenja u tal-Ġeorġja bħala osservaturi, li se jikkontribwixxu għal titjib fil-kooperazzjoni reġjonali dwar l-enerġija permezz ta' qafas regolatorju aħjar għal sħubijiet futuri bejn l-UE u dawk il-pajjiżi sħab;

14. Iġedded l-appell tal-Parlament li l-proġetti internazzjonali tal-enerġija jkunu rregolati minn ftehimiet intergovernattivi trasparenti fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni; jenfasizza li, jekk il-proġetti tal-enerġija jkunu bbażati biss fuq ftehimiet kummerċjali, dan ikun ta' riskju kemm għall-protezzjoni tal-investituri kif ukoll għall-konformità sħiħa mar-regoli tas-suq intern;

15. Jappella, b'konformità ma' dokumenti strateġiċi dwar il-kooperazzjoni fil-politika tal-enerġija ma' sħab barra mill-UE, għal sinerġiji akbar bejn il-politika kummerċjali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni, inklużi l-istrateġija "Enerġija 2020" u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali;

16. Jenfasizza li t-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-enerġija tal-UE huwa ta' importanza kbira kemm mil-lat taż-żieda tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE kif ukoll fir-rabtiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi; jenfasizza l-ħtieġa li jinbena qafas stabbli għall-kooperazzjoni dwar l-enerġija u dwar il-materja prima mas-sħab kummerċjali strateġiċi tagħna li jkun konformi għalkollox mar-regoli li jirregolaw is-suq intern tal-enerġija;

17. Jemmen li koordinazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri nfushom u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-piż politiku u ekonomiku tal-Unjoni; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni li twaqqaf mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni rigward ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija; jenfasizza l-valur miżjud ta' opinjoni u assistenza tal-Kummissjoni waqt il-proċess ta' negozjati sabiex jiġi żgurat li l-IGAs ikunu kompatibbli mal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija, b'konformità mal-objettivi fuq żmien fit-tul tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima;

18. Jenfasizza li l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni għal ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi dwar il-politika tal-enerġija jsaħħaħ bil-kbir it-trasparenza, il-koordinazzjoni u l-effiċjenza tal-politika fl-UE kollha kemm hi;

19. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna sabiex ikunu jistgħu jitkellmu u jaġixxu flimkien rigward kwistjonijiet li jikkonċernaw politika barranija komuni dwar l-enerġija; jenfasizza l-bżonn li jiġi stabbilit uffiċċju tal-politika dwar l-enerġija fi ħdan is-SEAE kif ukoll li delegazzjonijiet tal-UE jiġu involuti fit-twettiq tad-diplomazija dwar l-enerġija fil-post;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

20. Jappoġġja l-użu ta' strumenti bħalma huma l-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fir-relazzjonijiet mal-fornituri u mal-pajjiżi ta' tranżitu tal-enerġija; jinsab konvint li tinħtieġ aktar promozzjoni tal-idea ta' xiri komuni tal-materja prima tal-enerġija min-naħa tal-Istati Membri fil-kuntest tal-kompetizzjoni għar-riżorsi li dejjem qed tikber u tal-monopolji eżistenti tal-produtturi;

21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jidentifikaw ostakoli għall-kummerċ u l-investiment fil-qasam tal-enerġija fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u jieħdu azzjoni, fejn xieraq, biex jeliminawhom kemm bilateralment u kemm permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

22. Jappoġġja l-proposta tal-Kunsill li janalizza l-funzjonament tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija kif ukoll it-twaqqif ta' pjan direzzjonali li jippermetti l-modernizzazzjoni mħaffa tas-setturi tal-enerġija; jappella għal aktar enfasi fuq l-implimentazzjoni tar-rifromi u t-teknoloġiji bħal grids intelliġenti għat-titjib tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u ż-żieda tal-effiċjenza enerġetika; għalhekk jappoġġja ideat sabiex jingħata impuls ġdid lit-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u jipproponi l-introduzzjoni ta' sħubijiet strateġiċi għal dan il-fini; itenni li d-dimensjoni soċjali tat-trattat trid tiġi żviluppata sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-problemi bħall-faqar tal-enerġija u l-korruzzjoni;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tal-Konferenza dwar il-Karta tal-Enerġija u l-ħtieġa li tiġi appoġġjata, biex isir użu aħjar mill-potenzjal tal-Karta tal-Enerġija f'oqsma ewlenin bħall-kummerċ, it-tranżitu, l-investiment u s-soluzzjoni tat-tilwim, fost oħrajn permezz tal-estensjoni tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija għal pajjiżi li għadhom ma ffirmawhx u/jew għadhom ma rratifikawhx;

24. Jikkunsidra li kull Stat Membru għandu jippubblika u jissottometti lill-Eurostat il-prezz medju bilaterali ta' importazzjoni tiegħu għall-gass naturali, tal-inqas fuq bażi ta' kull tliet xhur, b'perjodu ta' żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur bejn sottomissjoni u oħra;

25. Iqis li l-implimentazzjoni ta' politika esterna tal-UE dwar l-enerġija li tkun konsistenti u koerenti teħtieġ koordinazzjoni b'mod regolari bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel skambji b'mod regolari mal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-Grupp Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tal-Enerġija li ġie propost, rigward il-prijoritajiet u l-attivitajiet fil-qasam tal-istrateġija esterna tal-enerġija tal-UE u tal-Istati Membri kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tal-esperti; jappella sabiex regolaturi indipendenti tal-enerġija jipparteċipaw bħala esperti fil-Grupp Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tal-Enerġija, minħabba l-esperjenza u l-għarfien speċjalizzat tagħhom tal-funzjonament transkonfinali tas-swieq tal-elettriku u tal-gass;

26. Iqis li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jistgħu jkunu aktar effettivi jekk jiġu prijoritizzati, jekk jiġi stabbiliti kalendarji u pjanijiet ta' azzjoni, u billi tingħata indikazzjoni tal-progress miksub u tal-iskadenzi;

27. Iqis li huwa kruċjali għall-politika esterna enerġetika tal-UE li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-objettivi orizzontali stipulati fit-Trattat ta' Lisbona; jappella sabiex il-Parlament ikun mgħarraf dwar il-proġetti ta' prijorità tal-UE fil-ħin opportun;

28. Jistieden lill-Istati Membri ma jiffinalizzawx kuntratti dwar l-enerġija jew teknoloġija relatata mal-provvista tal-enerġija ma' pajjiżi terzi li jwettqu vjolazzjoni tal-interessi ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni;

29. Huwa tal-fehma li, waqt il-laqgħat formali u informali tal-ministri tal-enerġija fil-Kunsill, għandhom jinżammu b'mod regolari diskussjonijiet dwar l-isfidi li jiġu ffaċċjati mill-politika esterna tal-UE dwar l-enerġija, bl-involviment u l-appoġġ determinat tar-Rappreżentant Għoli, tal-Kummissarju għall-Enerġija u tas-servizzi rilevanti tagħhom; dawn il-laqgħat għandhom jintużaw ukoll biex tiġi kkoordinata pożizzjoni komuni u konsistenti Ewropea qabel il-laqgħat ta' livell għoli fl-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-AIE, in-NU, l-IRENA, l-IPEEC u l-IAEA, fejn huwa importanti li l-UE jkollha rwol aktar attiv u influwenti; il-Parlament għandu jkun infurmat regolarment u kkonsultat dwar kwistjonijiet rilevanti;

30. Jemmen li, meta proġett ta' infrastruttura ta' importanza strateġika jaffettwa s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija għall-UE kollha kemm hi, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jagħti mandat lill-Kummissjoni sabiex twettaq in-negozjati, u tali mandat għandu jiġi wkoll ikkunsidrat fil-każ ta' ftehimiet intergovernattivi oħra meqjusa bħala li għandhom impatt sinifikanti fuq l-għanijiet fuq żmien fit-tul tal-politika tal-enerġija tal-UE, b'mod partikulari fuq l-indipendenza enerġetika tagħha; jappella, f'dan ir-rigward, għal konsultazzjoni u komunikazzjoni xierqa mal-Parlament;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa għodda għall-qsim ta' informazzjoni li permezz tagħha tinġabar u tiġi magħmula disponibbli data rilevanti dwar il-programmi u l-proġetti tal-enerġija f'pajjiżi terzi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet amministrattivi u finanzjarji tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu d-data relevanti lill-Kummissjoni f'dan il-kuntest;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja s-swieq globali tal-enerġija u tikkoopera f'dan ir-rigward mal-Istati Membri u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-AIE; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strument legali għal dan il-għan qabel tmiem l-2012;

33. Jenfasizza li, minħabba d-dipendenza qawwija li l-Unjoni għandha fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, id-diversifikazzjoni akbar tas-sorsi ta' provvista – inklużi sorsi ġodda ta' enerġija – u tar-rotot ta' tranżitu u l-iżvilupp ta' sorsi tal-UE ta' enerġija rinnovabbli huma elementi urġenti u essenzjali li jappoġġjaw il-politika tas-sigurtà esterna tal-Unjoni, ir-rwol strateġiku u l-indipendenza tal-politika barranija, il-koerenza, il-kredibilità u l-effikaċja tagħha;

34. Jappella li tiġi żviluppata strateġija ta' politika tal-UE kkoordinata u unifikata għall-fornituri l-ġodda tal-enerġija, b'attenzjoni partikulari fuq it-titjib fil-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni fl-UE ħalli jinfetħu opportunitajiet sabiex il-fornituri ġodda jidħlu fis-suq tal-UE;

35. Jitlob li jkun hemm sinerġiji akbar bejn il-politiki kummerċjali u enerġetiċi tal-UE skont l-Istrateġija Ewropa 2020; jissottolinja l-bżonn ta' promozzjoni ta' strutturi globali ta' governanza għall-materja prima sabiex jonqsu t-tensjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam, u jfaħħar, f'dan ir-rigward, l-eżempju tal-Forum Internazzjonali tal-Enerġija (IEF); iqis il-konklużjoni ta' kuntratti fuq perjodu twil għall-provvista tal-enerġija u tal-materja prima bi prezzijiet ġusti mas-sħab kummerċjali strateġiċi tagħna bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin; jappella, għalhekk, sabiex l-UE tadotta strateġija koerenti fil-qasam tal-kuntratti ta' provvista tal-enerġija ma' dawn is-sħab;

***Diversifikazzjoni – is-sigurtà tal-provvista Ewropea tal-enerġija mtejba***

36. Jenfasizza li t-Trattat tal-UE jappella għal solidarjetà bejn l-Istati Membri, li għandha tkun parti kemm mill-ħidma ta' kuljum kif ukoll mill-immaniġġjar ta' kriżijiet tal-politika interna u esterna tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tagħti definizzjoni ċara ta' "solidarjetà tal-enerġija" sabiex tiżgura li din tista' tiġi rrispettata mill-Istati Membri kollha;

37. Jirrimarka li d-dipendenza dejjem tikber tal-UE fuq il-fjuwils fossili importati se ddgħajjef l-influwenza politika tagħha u jista' jkollha effetti sinifikanti fuq l-indipendenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha f'oqsma oħrajn ta' politika, u li tranżizzjoni sħiħa lejn provvista tal-enerġija li tirrispetta l-ambjent, u l-effiċjenza enerġetika u l-interkonnessjoni, interdipendenza u s-solidarjetà fost l-Istati Membri biss jistgħu jkunu ta' kontrobilanċ għal din is-sitwazzjoni sfavorevoli;

38. Jenfasizza li l-politika komuni dwar l-enerġija u l-għanijiet strateġiċi tal-UE jmisshom jiġu riflessi b'mod xieraq fir-relazzjonijiet esterni tagħha u fil-politika reġjonali tagħha u dik Ewropea tal-Viċinat;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tapoġġja wkoll ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tar-riżorsi proprji tal-fjuwils, u tappoġġja t-twaqqif ta' provvisti tal-fjuwils minn fornituri, sorsi ta' provvista u linji tat-trażmissjoni tal-fjuwils diversifikati lejn reġjuni individwali tal-UE sabiex jiġi żgurat li jkun hemm tal-anqas żewġ sorsi differenti ta' provvista għal kull reġjun, skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u wara - Pjan dettaljat għal netwerk tal-enerġija Ewropew integrat (COM(2010)0677);

40. Jisħaq li l-politika esterna tal-UE dwar l-enerġija għandha tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' enerġija sikura, sostenibbli u bi prezz li jintlaħaq, b'konsistenza mal-għanijiet ġenerali ta' kompetittività, sigurtà tal-provvista u sostenibbiltà tal-politika dwar l-enerġija tal-UE, kif ukoll mal-għanijiet dwar l-enerġija u l-klima tal-UE 2050;

41. Jenfasizza li l-azzjoni biex jiġu ddiversifikati l-fornituri, ir-rotot u s-sorsi tal-provvista tal-enerġija lejn l-UE għandhom jitħaffu, filwaqt li jitqiesu l-kurituri tal-infrastruttura tal-enerġija ta' prijorità, speċjalment dawk maħsuba biex joħolqu suq verament kompetittiv għall-gass, il-ħolqien ta' kurituri ġodda ta' tranżitu (il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u tal-Baċin tal-Mediterran), it-tisħiħ tal-kurituri eżistenti (il-Kuritur tal-Lvant) u l-ħolqien ta' kompetizzjoni reali fost is-sorsi tal-provvista billi jiżdied is-sehem tal-UE tal-LNG u billi jintlaħqu fornituri ġodda u remoti (l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti, l-Amerika Latina, l-Afrika Subsaħarjana, l-Asja Ċentrali, eċċ);

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

42. Jenfasizza wkoll l-importanza li tittejjeb l-interkonnessjoni tal-grids tal-elettriku u tat-tlestija taċ-ċirkwiti tal-infrastruttura tal-elettriku u tal-gass Ewro-Mediterranju u Ewro-Atlantiku u l-pjan ta' interkonnessjoni tas-suq tal-enerġija tal-Baltiku, filwaqt li jiġu mmodernizzati u aġġornati l-impjanti u l-infratsruttura tal-elettriku u tal-gass (interkonnessjonijiet, grids, pipelines, netwerks tat-trażmissjoni, ħżin u terminali tal-LNG); dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li l-ebda Stat Membru ma jibqa' gżira fis-sens enerġetiku u li l-enerġija tista' timxi b'libertà madwar l-UE; f'dan ir-rigward, jilqa' l-faċilità 'Nikkollegaw l-Ewropa' proposta;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-hekk imsejħa "klawżola tas-sigurtà tal-enerġija" biex tiġi inkluża fil-ftehimiet ta' kummerċ, ta' assoċjazzjoni u ta'sħubija u ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi u ta' tranżitu, ħaġa li tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta u tiddeskrivi b'mod espliċitu l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' kwalunkwe bidla unilaterali fit-termini min-naħa ta' xi wieħed mis-sħab;

44. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu 'Dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali - Il-politika tal-enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna" (COM(2011)0539); jemmen, madankollu, li jinħtieġu aktar strumenti bbażati fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri tal-UE bil-għan li jagħtu lill-UE l-abilità li tħares l-interessi tas-sigurtà tal-enerġija tagħha u fin-negozjar mas-sħab esterni tagħha, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal ġabra komprensiva ta' prijoritajiet għall-politika tal-enerġija għall-perjodu qasir, medju u fit-tul fir-rigward tal-ġirien tagħha bil-ħsieb li jiġi stabbilit spazju ġuridiku komuni bbażat fuq il-prinċipji u n-normi tas-suq intern relatati mal-acquis; jenfasizza l-importanza li l-Komunità Ewropea tal-Enerġija tiġi estiża aktar u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi legali ta' kontroll biex tiġi ttrattata l-implimentazzjoni defiċjenti tal-acquis;

46. Jappoġġja d-djalogu politiku u ekonomiku mal-pajjiżi ġirien tal-UE dwar l-użu ta' sorsi ġodda ta' enerġija;

47. Jitlob li jiġu implimentati l-mekkaniżmi eżistenti, u li jinħolqu oħrajn ġodda, fi ħdan il-Politika Ewropea tal-Viċinat u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bil-ħsieb li tintlaħaq sitwazzjoni ta' trasparenza u stabilità akbar tal-provvista u t-tranżitu;

48. Huwa favur djalogu politiku man-Norveġja u r-Russja dwar l-esplorazzjoni ta' sorsi ta' enerġija ġodda fil-Baħar Barents, fuq il-bażi tal-prerekwiżit tal-ħarsien tal-ambjent vulnerabbli tar-reġjun Artiku, u tal-kooperazzjoni man-Norveġja rigward l-importazzjoni tal-enerġija idroelettrika permezz ta' kejbils tal-elettriku f'qiegħ il-baħar fuq distanzi twal; jitlob li jitħaffef it-tfassil tal-istrateġija tal-UE fir-rigward tar-reġjun Artiku;

49. Iqis id-djalogu politiku estern bħala essenzjali biex it-tkabbir ekonomiku globali jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi enerġetiċi, u biex jiġu promossi swieq tal-enerġija iktar prevedibbli, kif ukoll li jkun ta' benefiċċju għar-relazzjonijiet politiċi; jenfasizza l-importanza tad-djalogu ma' ekonomiji emerġenti bħalma huma ċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil, l-Indoneżja u l-Afrika t'Isfel, flimkien ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin oħra bħalma huma l-Istati Uniti u l-Ġappun;

50. Huwa tal-fehma li l-UE għandha tippromwovi l-iżvilupp u l-approfondiment tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-enerġija ma' pajjiżi terzi li għandhom l-istess valuri u li huma lesti li jidħlu għal riformi demokratiċi u li jippromwovu l-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea;

51. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar kooperazzjoni politika msaħħa mal-ġirien tal-Lvant u jqisha essenzjali għall-adeżjoni tat-Turkija għat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija u li l-ftuħ tal-kapitolu dwar l-enerġija fin-negozjati għall-adeżjoni fl-UE jiġi trattat bl-akbar urġenza; barra dan, ifaħħar l-inizjattiva ta' djalogu tripartitiku UE-Ukraina-Russja u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata kooperazzjoni politika u amministrattiva profonda maż-żewġ sħab;

52. Jenfasizza li l-azzjoni biex tiżdied il-produzzjoni interna tal-enerġija rinnovabbli hija kritika sabiex tnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-idrokarburi; isostni li l-produzzjoni tal-enerġija u l-istruttura tad-distribuzzjoni tal-UE għandhom jiġu rieżaminati skont l-objettivi tal-enerġija u tat-tibdil fil-klima fuq żmien fit-tul tagħha;

53. Ifakkar il-kontribut sinifikanti tal-LNG għall-provvista tal-enerġija tal-UE u jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-fornituri ewlenin u mal-konsumaturi attwali u futuri;

54. Jenfasizza li d-diversifikazzjoni għandha tfisser sorsi ġodda mhux Russi ta' żejt, gass u elettriku għal dawk l-Istati Membri li jiddependu żżejjed fuq dan il-fornitur uniku; jenfasizza li filwaqt li l-gass Russu jirrappreżenta biss 24 % tal-gass ikkunsmat madwar l-UE, huwa jirrappreżenta bejn 48 % u 100 % fi 12 mis-27 Stat Membru u, għaldaqstant, għandu impatt dirett fuq is-sigurtà tal-enerġija tal-UE;

55. Huwa tal-fehma li, bl-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' enerġija ġodda u mhux konvenzjonali (ramel taż-żejt (oil sands) u gass tax-shale mill-Kanada, mill-Istati Uniti, mill-Awstralja, mill-Qatar, mill-Brażil u mill-Arġentina, l-esplorazzjoni tal-enerġija fir-reġjun Artiku, u sfruttament akbar tar-riżorsi fl-Iraq, fil-Venezwela u fl-Afrika), atturi, imsieħba u reġjuni ġodda qed joħorġu bħala fornituri futuri possibbli, u l-UE għandha wkoll tikkonċentra fuq li tieħu vantaġġ sħiħ ta' din is-sitwazzjoni ġdida u tiżviluppa sħubijiet ġodda dwar l-enerġija biex tiddiversifika l-fornituri tagħha;

56. Filwaqt li jafferma li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju għandha importanza kbira, jenfasizza l-ħtieġa taż-żamma tal-kompetittività u tal-innovazzjoni, fost oħrajn billi jintużaw l-istrumenti xierqa tal- politika kummerċjali; huwa tal-fehma li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju trid tkun adattata għall-potenzjal taż-żona ġeografika kkonċernata, in-natura speċifika tas-sistema tal-enerġija u t-taħlita tal-enerġija tal-Istat Membru partikulari u l-istruttura ġeoloġika tiegħu; jemmen li dan l-approċċ se jagħti lok li jinżamm livell massimu ta'sigurtà enerġetika u ta' kompetittività ekonomika, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rrispettata l-awtonomija ta' kull Stat Membru, kif stabbilit permezz tat-Trattati, li jistipula l-kundizzjonijiet għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija tiegħu, li jagħżel bejn sorsi tal-enerġija differenti u li jiddetermina l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu;

57. Jirrikonoxxi l-importanza tal-investiment barrani dirett tal-UE fil-bini u l-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi enerġetiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; fl-istess ħin, jenfasizza li għandu jkun hemm protezzjoni legali xierqa għal investiment tali, li tista' tinkiseb billi l-acquis communautaire jiġi estiż għal pajjiżi terzi (inter alia permezz tat-tisħiħ u tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija);

58. Jinnota l-importanza ta' kooperazzjoni wiesgħa fir-reġjun tal-Artiku, b'mod partikolari bejn il-pajjiżi fl-isfera Ewro-Atlantika;

***Is-Sostenibbiltà – sħubija msaħħa mal-pajjiżi fornituri u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali***

59. Jemmen li d-domanda dinjija li qed tikber għall-enerġija u l-konċentrazzjoni kbira tar-riżervi ta' fjuwils fossili f'pajjiżi li l-biċċa l-kbira mhumiex stabbli u demokratiċi tagħmel lill-UE vulnerabbli u xxekkel b'mod qawwi l-iżvilupp ta' politiki komuni Ewropej kredibbli, effikaċi u konsistenti;

60. Huwa tal-fehma li s-sħubiji tal-enerġija tal-UE u s-sehem tal-UE fil-fora globali bħall-G20 għandhom jintużaw biex jippromwovu politiki tal-enerġija aktar sostenibbli f'pajjiżi terzi, filwaqt li jtejbu t-trasparenza tas-suq, inaqqsu l-volatilità tas-swieq internazzjonali u jikkontribwixxu favur it-twaqqif ta' suq globali tal-enerġija li jkun inqas vulnerabbli għall-xokkijiet u interruzzjonijiet tal-provvista;

61. Jenfasizza l-ħtieġa li jikbru r-rabtiet bejn in-netwerk tal-enerġija Ewropew u l-pajjiżi ġirien (il-Balkani tal-Punent, il-ġirien tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Kaspju, l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani), billi jinbnew interkonnetturi u jiġi promoss spazju regolatorju usa', li jestendi l-istandards ambjentali u ta' sikurezza Ewropej lil hinn kemm jista' jkun, sabiex ikun żgurat li t-tipi kollha ta' impjanti qrib il-konfini tal-UE jikkonformaw mal-ogħla standards ta' sikurezza nukleari;

62. Jenfasizza l-importanza li jitwettqu proġetti infrastrutturali ta' interess komuni, kif definit fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u l-Komunikazzjoni tagħha dwar il-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u lil hinn; iqis, minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti, li huwa essenzjali li l-ftehimiet li jirriżultaw ma' sħab esterni jkunu prijoritizzati kif xieraq, żviluppati b'mod sostenibbli u miftiehma malajr, fi ħdan sistema bbażata fuq ir-regoli;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

63 Jenfasizza li, fid-djalogu tal-enerġija bejn l-UE u r-Russja, fejn l-UE għandha titkellem b'vuċi waħda, is-sitwazzjoni speċifika u dipendenti tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għandha tiġi kkunsidrata minħabba li s-sigurtà tal-provvista enerġetika tagħhom tista' tiġi ggarantita biss bl-interkonnessjoni ta' infrastruttura madwar l-UE kollha, u bl-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli tas-suq intern tal-enerġija; iqis li suġġetti kritiċi, bħalma huma l-aċċess għar-riżorsi tal-enerġija, għan-netwerks u għas-swieq tal-esportazzjoni, il-protezzjoni tal-investiment, ir-reċiproċità, il-prevenzjoni tal-kriżi u l-kooperazzjoni f'każ ta' kriżi, kundizzjonijiet indaqs, u l-ipprezzar tar-riżorsi tal-enerġija għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-djalogu; jenfasizza li l-kwistjoni dwar "Druzhba" għandha tingħata attenzjoni speċjali u għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi fil-livell tal-UE biex il-provvista taż-żejt minn din il-fergħa magħluqa terġa' tibda;

64. Jenfasizza li bħala Stati Membri bil-ħsieb li jikkonettjaw u jintegraw is-swieq nazzjonali tagħhom permezz tal-investiment fl-infrastruttura u l-approvazzjoni ta' regoli komuni, għandhom jitwettqu wkoll sforzi sabiex issir ħidma mar-Russja biex jiġu identifikati miżuri reċiprokament aċċettabbli bil-ħsieb li jnaqqsu d-diskrepanzi bejn iż-żewġ swieq tal-enerġija;

65. Jisħaq fuq l-importanza tad-djalogu dwar l-enerġija mar-Russja u pjan direzzjonali UE-Russja kif propost mill-Kunsill tal-Enerġija; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fl-oqsma ta' benefiċċju reċiproku, bħat-trasferiment komuni tar-riċerka u tat-teknoloġija, partikolarment dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli;

66. Jappella biex it-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija jiġi estiż għal aktar pajjiżi u biex il-parteċipanti fil-Konferenza dwar il-Karta tal-Enerġija jaħdmu favur soluzzjoni negozjata li twassal għall-aċċettazzjoni sħiħa min-naħa tar-Russja tal-prinċipji tal-Karta u tal-protokolli tagħha;

67. Jitlob li s-sħubija strateġika mar-Russja tissaħħaħ permezz tal-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni ġdid; jenfasizza li dan il-ftehim ġdid għandu jkun konformi għalkollox mar-regoli tas-suq intern u mar-regolamenti tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tal-UE u bbażat fuq ir-rispett lejn xulxin u fuq ir-reċiproċità; jenfasizza li r-Russja diġà hija marbuta bit-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija (TKE) skont l-Artikolu 45 tiegħu; jinsab konvint li r-ratifika tat-TKE min-naħa tar-Russja jkollha effetti ta' benefiċċju reċiproku fuq ir-relazzjonijiet bilaterali fil-qasam tal-enerġija;

68. Jenfasizza r-rwol tal-Assemblea Parlamentari Euronest, li se tikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet tas-Sħubija tal-Lvant u, għaldaqstant, ikollha impatt pożittiv fuq kwistjonijiet ta' sigurtà enerġetika;

69. Jirrimarka li l-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea diġà huma parti mis-suq intern tal-UE u li l-kooperazzjoni tagħhom hija essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-enerġija tal-2020; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi attwali mmirati lejn kooperazzjoni akbar mal-Isvizzera, li għandhom jimmiraw ukoll għall-integrazzjoni sħiħa tagħha fis-suq intern tal-enerġija tal-UE;

70. Jemmen li l-politika esterna tal-UE dwar l-enerġija għandha tkun ibbażata fuq, u għandha tippromwovi, il-prinċipji tas-solidarjetà, tat-trasparenza, tas-sussidjarjetà, tas-sostenibbiltà tal-kooperazzjoni, tar-reċiproċità, fuq approċċ tas-suq ibbażat fuq ir-regoli, u l-koordinazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab; jemmen li r-rispett għall-objettivi orizzontali stipulati fit-Trattat ta' Lisbona huwa kruċjali biex jiġi affermat ir-rwol tal-Ewropa fil-kuntest reġjonali politiku li qed jinbidel; jistieden lill-Kunsill jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tibda negozjati biex il-Memorandum ta' Ftehim attwali dwar kwistjonijiet fil-qasam tal-enerġija ma' pajjiżi ġirien jinbidel f'testi ġuridikament vinkolanti;

71. Jenfasizza l-importanza ta' żvilupp akbar tas-Sħubija fl-Enerġija UE-Afrika li ġiet varata fl-2010;

72. Jinsab konvint li ġestjoni aktar effikaċi f'livell globali ttejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi, dawk ta' tranżitu u dawk konsumaturi; jemmen li l-UE jmissha għalhekk twettaq rwol maġġuri fil-ġestjoni internazzjonali tal-politika tal-enerġija bil-ħsieb li tippromwovi prinċipji trasparenti u non-diskriminatorji, filwaqt li ssegwi l-objettiv tas-sostenibbiltà, tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u tistabbilixxi inċentivi għall-parteċipanti tas-suq biex jikkompetu fil-prezzijiet u l-kwalità;

73. Jilqa' l-inklużjoni tal-għan tal-aċċess universali għall-enerġija sal-2030 fil-Komunikazzjoni dwar 'Il-Politika dwar l-Enerġija tal-UE: Involviment mas-Sħab lil hinn mill-Fruntieri Tagħna', u jemmen li għal pajjiżi li qed jiżviluppaw dan għandu jiffoka fuq enerġija deċentralizzata, sostenibbli u bi prezz li jista' jintlaħaq partikolarment għall-popolazzjonijiet rurali u foqra; jinkoraġġixxi appoġġ għal skemi innovattivi ta' ħlas bl-involviment privat u pubbliku, bil-għan li l-aċċess għall-enerġija jkun bi prezz raġonevoli għall-utent finali;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

74. Jenfasizza li l-enerġija sostenibbli hija l-motivazzjoni ewlenija għall-iżvilupp, u jtenni t-talba tiegħu għal programm speċifiku ta' 'enerġija u żvilupp' li jiffoka b'mod partikolari fuq soluzzjonijiet ta' enerġija li jkunu rinnovabbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, fuq skala zgħira u deċentralizzati u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-kapaċità u t-trasferiment tat-teknoloġija biex jiġi żgurat li jkun hemm sjieda lokali; jinnota li skemi fuq skala kbira favur l-enerġija rinnovabbli jistgħu jkunu neċessarji biex tintlaħaq b'mod sostenibbli t-talba dejjem tikber għall-enerġija minn ċentri urbani u mill-industrija, partikolarment f'pajjiżi b'ekonomiji emerġenti; jappella sabiex skemi bħal dawn jaderixxu f'kull każ mal-ogħla kriterji soċjali u ambjentali;

75. Jappella biex, fin-negozjati dwar l-enerġija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, jiġu rrispettati l-għanijiet prevalenti tal-UE dwar żvilupp kif ukoll id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fil-kuntest ta' approċċ strateġiku biex tinkiseb provvista tal-enerġija sigura, sostenibbli u kompetittiva li tpoġġi l-interessi tal-popli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qalba;

76. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza, is-sorveljanza demokratika u l-involviment tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija;

77. Jenfasizza l-importanza li jibqgħu jiddaħħlu l-prinċipji kruċjali għall-kummerċ u l-investiment, inklużi dawk li jippromwovu kundizzjonijiet indaqs għall-investiment fl-enerġija sostenibbli, kemm fi ftehimiet bilaterali kif ukoll f'oqfsa legali multilaterali, bħat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u d-WTO, kif ukoll li jkunu jistgħu jiġu infurzati permezz ta' mekkaniżmi effettivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim;

78. Huwa tal-fehma li, filwaqt li titwettaq kooperazzjoni dwar l-isfruttar tal-prodotti tal-enerġija, u l-kummerċ fihom, u t-tranżitu tagħhom lejn l-UE, hemm ħtieġa wkoll li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet importanti oħrajn relatati mal-enerġija; jappella, għaldaqstant, li jiġu żviluppati sħubijiet strateġiċi dwar l-enerġija bejn l-UE u pajjiżi terzi importanti, bħall-pajjiżi BRICS u pajjiżi li l-konsum tal-enerġija tagħhom qed jikber b'rata mgħaġġla, fost l-oħrajn, fl-oqsma li ġejjin:

— kooperazzjoni fir-R&D dwar teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju u innovazzjoni,

— investiment fil-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija,

— sikurezza u sigurtà tat-teknoloġiji tal-enerġija,

— skambju ta' data dwar trasferiment tal-għarfien espert, inkluż fil-qasam tas-sorsi nodfa u rinnovabbli tal-enerġija,

— promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija,

— bilanċjar tas-sistemi,

— grids intelliġenti,

— ħżin tal-enerġija,

— riċerka dwar il-fużjoni

— teknoloġija tal-faħam nadif u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju;

79. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikjedi u tinforza l-ogħla standards internazzjonali ta' sikurezza għall-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi ġirien tal-UE billi tuża l-istrumenti u t-trattati disponibbli kollha, bħalma huma l-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (il-'Konvenzjoni Espoo') u l-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-'Konvenzjoni Aarhus'); jistieden lill-pajjiżi ġirien tal-UE jwettqu testijiet tal-istress komprensivi tal-UE rigward is-sikurezza u r-riskji nukleari, u lill-Kummissjoni toffri għajnuna teknika tal-UE għal dan il-għan;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

80. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-adozzjoni, fir-relazzjonijiet kummerċjali rilevanti kollha tagħha, inkluż fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, tal-prinċipji tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi u l-istandards internazzjonali fil-qasam tal-governanza tas-swieq tal-enerġija, inkluża l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji tal-fjuwils fossili b'objettivi kwantitattivi;

81. Jinnota li l-ħżin tal-enerġija u tal-elettriku prodotti minn sorsi rinnovabbli u applikazzjonijiet avvanzati oħra għall-enerġija jeħtieġu sensiela ta' materja prima, inklużi minerali skarsi tal-art, li fil-mument huma diffiċli li jiġu akkwistati; iqis li azzjoni kkoordinata mill-UE u minn mexxejja oħrajn fil-qasam tat-teknoloġija, inklużi l-Istati Uniti u l-Ġappun, huma meħtieġa biex tiġi avvanzata r-riċerka fil-ħolqien ta' materja prima ġdida u ta' sostituzzjoni jew tnaqqis fl-użu tal-materja prima li hija problematika mil-lat tal-provvista kontinwa, tossiċità jew impatt ambjentali;

82. Sabiex tiġi promossa l-produzzjoni ta' enerġija li tkun sigura, bla periklu u li tirrispetta l-ambjent f'livell globali, jappoġġa t-tisħiħ u l-promozzjoni ta' protezzjoni u ta' salvagwardji radjoloġiċi, ta' standards ta' sigurtà nukleari, ta' rekwiżiti stretti rigward operazzjonijiet relatati mal-gass u maż-żejt li jsiru lil hinn mill-kosta, is-sigurtà tat-trasport bil-baħar ta' prodotti taż-żejt u taż-żejt mhux raffinat u LNG, kif ukoll il-kooperazzjoni fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda, tar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni (R&D&I) u jsir xogħol fuq standards internazzjonali;

83. Huwa tal-fehma li l-isfidi klimatiċi globali ma jistgħux jitrażżnu mingħajr l-involviment tal-emitturi l-kbar u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni twaqqaf strateġiji komuni bil-għan li tinkiseb soluzzjoni globali li tinvolvi lil dawn il-pajjiżi; jirrikonoxxi li l-kompetenza li ġiet akkumulata fl-UE, fuq il-bażi tal-esperjenza tagħna mal-iddisinjar u l-implimentazzjoni tal-ETS, tista' tkun ta' beneficċju għal pajjiżi terzi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza u inkoraġġiment lil pajjiżi terzi fit-twaqqif u l-iddisinjar ta' ETS tagħhom stess, bl-għan li sistemi bħal dawn jingħaqdu ma' dawk tal-UE;

84. Jenfasizza l-ħtieġa tal-Ewropa għal perspettiva ta' politika fuq żmien fit-tul li tinkludi sħubijiet globali ġodda u strumenti bilaterali ta' kooperazzjoni li jippermettu lill-UE jkollha rwol importanti fl-iffissar tal-aġendi globali dwar l-enerġija billi tieħu pożizzjoni ta' tmexxija fl-iffissar ta' standards ġodda tas-swieq u billi tkun minn ta' quddiem fl-isforzi internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika fil-qasam tal-enerġija;

85. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-kooperazzjoni dwar l-R&D&I ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi globali; jemmen li l-UE għandha taħdem mill-qrib mal-esportaturi ewlenin ta' bijofjuwils minn pajjiżi terzi sabiex jiġi żgurat li dawn l-enerġiji alternattivi u nodfa, li jistgħu jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-provvista, jistgħu jkunu verament sostenibbli, u li jkunu jistgħu jiġu evitati bidliet b'konsegwenzi negattivi minħabba l-użu tal-art b'mod indirett; jenfasizza li s-sorsi esterni ta' bijofjuwils għandhom jiġu suġġetti għall-istess standards tas-sorsi tal-UE, b'mod speċjali l-istandards ambjentali u klimatiċi; jemmen li l-Unjoni għandha tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-bijofjuwils tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni, kemm internament kif ukoll esternament;

86. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-relazzjoni kumplessa bejn il-provvista tal-enerġija u tal-ikel u s-sigurtà, partikolarment fir-rigward ta' bijofjuwils li jista' jkollhom impatt soċjali u ambjentali negattiv fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw; jemmen li d-dritt għall-ikel għandu jieħu preċedenza fuq l-objettiv tal-UE għall-enerġija rinnovabbli fir-rigward tal-bijofjuwils;

87. Jinnota li l-espansjoni tal-agrofjuwils ibbażat ruħha kważi totalment fuq l-espansjoni tal-monokultura industrijali fuq skala kbira, u b'hekk estendiet il-prattiki agrikoli li huma ta' ħsara għall-ambjent, għall-bijodiversità, għall-fertilità tal-ħamrija u għad-disponibilità tal-ilma; jesprimi t-tħassib tiegħu li, bl-inkoraġġiment tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-art, din l-espansjoni tal-agrofjuwils jista' jkollha konsegwenzi drammatiċi f'termini ta' ksur tad-drittijiet tal-art, telf tal-aċċess għar-riżorsi naturali vitali, deforestazzjoni u degradazzjoni ambjentali;

88. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-assenza ta' kriterji ta' sostenibilità vinkolanti għall-produzzjoni tal-bijomassa fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED); iqis, f'dawn iċ-ċirkostanzi, li l-bijoenerġija jista' jkollha rwol negattiv fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif ukoll li ssir forza addizzjonali maġġuri għall-ħtif tal-art, għan-nuqqas ta' sikurezza fl-ikel, għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni ta' foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; iheġġeġ, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji ta' sostenibilità li jorbtu legalment bil-għan li jipprevjenu impatti tal-klima, ambjentali u soċjali negattivi minħabba l-użu u l-produzzjoni tal-bijomassa għall-enerġija;

89. Jistieden lill-UE tistabbilixxi politika għall-produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa u l-użu tagħha għall-finijiet ta' enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-politika dwar it-tibdil fil-klima u li tkun ukoll konsistenti mal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

90. Jemmen li l-UE għandha tiżgura li l-enerġija ssir komponent ewlieni tal-programmi ta' assistenza esterna tal-UE, billi l-aċċess għall-enerġija, li huwa essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku, għadu jikkostitwixxi sfida fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

91. Jemmen li l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fl-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija li jkunu orjentati lejn il-futur għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-kooperazzjoni tal-UE mas-sħab industrijalizzati u mal-ekonomiji emerġenti;

92. Huwa tal-fehma li l-UE għandha tpoġġi l-kwistjonijiet dwar l-enerġija fil-qalba tal-inizjattivi Ewropej bħas-Shubija tal-Lvant, l-Unjoni għall-Mediterran u l-Politika Ewropea tal-Viċinat;

93. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal pjanijiet direzzjonali konġunti dwar l-enerġija mal-fornituri ewlenin tal-enerġija u mal-pajjiżi strateġikament importanti ta' tranżitu, u biex twaqqaf sħubijiet ma' pajjiżi li jħabbtu wiċċhom ma' sfidi simili tal-enerġija u li għandhom valuri simili, b'mod partikolari bl-għan li tiġi promossa l-kooperazzjoni teknoloġika u fil-qasam tar-riċerka u dak industrijali, u sabiex jiġu stabbiliti standards komuni għal teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli, għall-effiċjenza fl-enerġija, għall-vetturi elettriċi, għal teknoloġiji ġodda u mhux konvenzjonali, għas-sikurezza tat-tħaffir għaż-żejt u l-gass lil hinn mill-kosta, kif ukoll għas-sigurtà nukleari u n-non-proliferazzjoni;

94. Bil-għan li jiżgura aċċess għall-enerġija għal kulħadd u konformement mal-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju, jafferma mill-ġdid l-importanza li jiżdied l-investiment barrani dirett (IBD) tal-UE fil-bini u l-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi enerġetiċi u tal-effiċjenza enerġetika fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp permezz ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli kif ukoll l-appoġġ għall-ħolqien ta' oqfsa leġiżlattivi adegwati biex jgħinuhom jiddiversifikaw it-taħlita enerġetika tagħhom filwaqt li jżidu l-protezzjoni tal-investimenti Ewropej f'dawk il-pajjiżi permezz ta' mezzi legali adegwati;

95. Jappella għal azzjoni kkoordinata ma' mexxejja teknoloġiċi oħrajn (eż. l-Istati Uniti u l-Ġappun) biex jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti, bħan-nuqqas ta' materja prima, inklużi l-minerali skarsi tal-art, li jaffettwa l-użu tat-teknoloġiji rinnovabbli tal-enerġija, il-ħżin tal-enerġija u l-applikazzjonijiet avvanzati tal-enerġija;

96. Jappella sabiex il-Programmi tal-UE tal-Kooperazzjoni fl-Enerġija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw jiffaċilitaw it-twaqqif ta' struttura u regoli relevanti tas-suq sabiex jiżguraw li l-konsumaturi domestiċi jibbenefikaw mill-enerġija rinnovabbli bi prezz adegwat;

97. Iqis li r-regoli stretti tas-sigurtà nukleari fis-seħħ fl-UE jridu jiġu riflessi fl-istrateġiji tal-UE ma' pajjiżi esterni, l-aktar dawk il-pajjiżi ġirien fejn l-impjanti nukleari li jista' jkollhom impatt maġġuri fuq is-sigurtà tal-UE diġà qed jintużaw jew huma ppjanati;

98. Jilqa' f'dan il-kuntest, l-impenn riċenti tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku u tal-Kunsill tal-Enerġija UE-Stati Uniti biex titrawwem kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-enerġija, l-istandards tal-grids intelliġenti, it-teknoloġija taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu, enerġiji li jiġġeddu u teknoloġiji oħra ta' enerġija nadifa, l-effiċjenza fl-enerġija u politiki effikaċi biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u biex it-teknoloġiji tal-enerġija nadifa jitqiegħdu fis-suq; jitlob li l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Enerġija UE-Stati Uniti jiġu trażmessi aħjar lill-istrutturi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

99. Jenfasizza l-bżonn li jiġi approfondit id-djalogu dwar kwistjonijiet strateġiċi tal-enerġija li jkunu ta' interess reċiproku, li titrawwem il-kooperazzjoni rigward il-politiki tal-enerġija u li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fir-riċerka mal-Istati Uniti, b'mod partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji tal-produzzjoni u t-trasport li huma effiċjenti fil-konsum tal-enerġija; jappella għat-twaqqif ta' Shubija rigward is-Sigurtà tal-Enerġija mal-Istati Uniti bbażata fuq il-kooperazzjoni attwali fi ħdan il-Kunsill tal-Enerġija bejn l-Istati Uniti u l-UE;

100. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku jrawwem kooperazzjoni dwar, fost l-oħrajn, reġimi ta' regolamentazzjoni, riċerka fil-qasam tal-enerġija sostenibbli u tal-effiċjenza enerġetika, riċerka tal-fużjoni u s-sikurezza nukleari, u jitlob li jsiru djalogi regolari dwar l-enerġija mar-Russja u ma' sħab oħrajn biex jiżviluppaw u jinfurzaw aħjar ir-regoli internazzjonali għall-ġenerazzjoni, trażmissjoni, transitu, ħżin u pproċessar ta' enerġija bla periklu, sikura u effiċjenti, kif ukoll kummerċ bilaterali fit-teknoloġiji u prodotti enerġetiċi ġodda, bħall-bijofjuwils;

101. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-kooperazzjoni tagħha mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, li tipprovdi informazzjoni u data vitali għall-ippjanar enerġetiku; jemmen li l-UE u l-Istati Membri kollha tal-UE li mhumiex membri tal-AIE għandhom jaderixxu mal-AIE;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

102. Jilqa' l-parteipazzjoni tal-UE fil-proġett tar-Reattur Termonukleari Esperimentali Internazzjonali (ITER) u fil-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV (GIF);

103. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jikkooperaw aktar mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tal-enerġija u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija;

104. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jaħdmu mal-Istati Uniti u ma' alleati oħrajn biex jipproteġu l-infrastruttura tal-enerġija miċ-ċiberattakki; jenfasizza li, hekk kif nimxi lejn grids "intelliġenti", dan ir-riskju, li l-miżuri tradizzjonali ta' sigurtà ma jistgħux jipprevjenu, se jsir aktar importanti fil-protezzjoni tal-infrastruttura kritika;

105. Jilqa' s-"Sħubija bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Mediterran għall-Enerġija", li ġiet proposta; iqis li din is-sħubija għandha tiffoka fuq il-potenzjal enormi ta' enerġija rinnovabbli (mix-xemx) ta' dan ir-reġjun u li għandha tpoġġi fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex tissodisfa l-ħtiġijiet sinifikanti ta' enerġija tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran abbażi ta' soluzzjonijiet sostenibbli;

106. Itenni li l-kooperazzjoni rigward il-politika esterna tal-enerġija jeħtiġilha tikkontribwixxi għall-promozzjoni, u mhux it-tidgħif, tal-valuri ewlenin tal-Unjoni, bħalma huma r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-djalogu soċjali, ir-rispett reċiproku, l-użu responsabbli tar-riżorsi naturali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien komprensiv tal-ambjent, u trid tippromwovi l-paċi u tkun koerenti mal-politiki barranin tal-Unjoni;

107. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jistabbilixxu, f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, sa tmiem l-2013, pjan direzzjonali preċiż ibbażat fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali - Il-politika tal-enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna"(COM(2011)0539), li jwassal għall-formazzjoni ta' politika barranija effettiva dwar l-enerġija b'objettivi, miri u stadji ta' perjodu qasir, medju u fit-tul kif ukoll żmien speċifiku għall-implimentazzjoni tagħhom;

108. Jenfasizza l-importanza tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed f'termini tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot, il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u l-lokazzjoni ġeografika tiegħu bħala "tieqa" għar-reġjun tal-Baħar Kaspju, il-Lvant Nofsani u l-Asja Ċentrali; jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza għall-kooperazzjoni multilaterali dwar l-enerġija fl-oqsma tal-integrazzjoni tas-swieq, tal-oqfsa regolatorji u tal-infrastruttura; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ewlenija tal-Kuritur tan-Nofsinhar, tal-proġett Nabucco u tal-pipeline Trans-Kaspju, kif ukoll proġetti oħrajn iżgħar;

109. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) għall-identifikazzjoni mill-ispazju tas-sorsi tal-enerġija solari li minnhom tibbenefika d-dinja; filwaqt li jagħraf li l-GMES identifikat il-fatt li ż-żoni tad-deżert jirċievu f'jum wieħed kwantità ta' enerġija solari akbar minn dik li tikkunsma d-dinja f'sena sħiħa, jistieden lill-Kummissjoni tifforma sħubijiet ma' pajjiżi li għandhom meded kbar ta' deżert, speċjalment fl-Afrika, u tiżviluppa strateġiji u teknoloġiji għall-użu effiċjenti ta' dan il-potenzjal ta' enerġija, inkluż l-użu tal-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp provduti mill-pakkett dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima;

110. Jitlob sabiex is-sħubija tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija (ECT) tiġi estiża għal iżjed pajjiżi ġirien tal-UE, b'mod partikolari dawk fis-Sħubija tal-Lvant u r-repubbliki tal-Asja Ċentrali; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura u tinforza l-implimentazzjoni f'waqtha u stretta tar-regoli tal-UE dwar l-enerġija min-naħa tal-membri tal-ECT, b'mod partikolari billi d-disponibbiltà tal-fondi tal-UE ssir kontinġenti mal-konformità mal-obbligi tat-Trattat;

111. Jemmen li l-aċċess għal enerġija sostenibbli huwa fattur essenzjali għall-iżvilupp u jheġġeġ lill-UE tiffoka l-attivitajiet ta' żvilupp tagħha fuq l-għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jippromwovu politiki tal-enerġija sostenibbli, miżuri ta' riforma, żvilupp tal-infrastruttura, kundizzjonijiet favorevoli ta' investiment u effiċjenza enerġetika;

112. Jitlob li jkun hemm djalogu speċjali dwar l-enerġija mal-pajjiżi tar-Regjun tal-Kaspju, u jilqa' x-xogħol fuq Korporazzjoni ta' Żvilupp tal-Kaspju; jitlob lill-Kummissjoni tkompli taħdem biex isaħħaħ ir-rabtiet tal-UE mal-Ażerbajġan u mat-Turkmenistan;

113. Isostni li l-prijoritajiet tal-politika esterna dwar l-enerġija tal-UE għandhom ikunu riflessi kif jixraq fl-istrumenti finanzjarji esterni post-2013;

114. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fi ħdan il-Pjattaforma tas-Sħubija tal-Lvant għas-Sigurtà tal-Provvista tal-Enerġija sabiex tiġi promossa l-introduzzjoni ta' standards Ewropej fil-politika u r-regolamentazzjoni dwar l-enerġija u jiġu appoġġjati l-infrastruttura u l-interkonnessjonijiet, l-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli; jilqa l-inizjattiva tas-Sħubija għall-Ambjent u l-Effiċjenza tal-Enerġija fl-Ewropa tal-Lvant (E5P), u jistenna li fil-futur qarib din l-inizjattiva tkun tinvolvi pajjiżi oħra li jagħmlu parti mis-Sħubija tal-Lvant, apparti l-Ukrajna;

115. Ifakkar fit-tensjonijiet reċenti fil-Lvant tal-Mediterran dwar l-eżistenza ta' idrokarburi; jirrimarka li l-enerġija għandha tintuża bħala mezz għall-promozzjoni tal-paċi, il-kooperazzjoni u l-istabilità fir-reġjun;

*

* *

116. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

## Perspettivi finanzjarji multiannwali u riżorsi proprji

P7_TA(2012)0245

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar Perspettivi Finanzjarji Multiannwali u riżorsi proprji (2012/2678(RSP))**

(2013/C 332 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 311 u 312 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva" ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 bit-titolu 'Baġit għall-Ewropa 2020',

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont l-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill huwa meħtieġ jadotta regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM), billi jaġixxi b'mod unanimu, wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament;

B. billi, skont l-Artikolu 311 TFUE, l-Unjoni trid tipprovdi lilha nnifisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politika tagħha, u għandha tkun iffinanzjata għal kollox minn riżorsi proprji;

C. billi l-Presidenza Daniża attwalment fil-kariga qed timmira li tippreżenta lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju dik li qed tissejjaħ "kaxxa ta' negozjar" li tippreżenta għażliet għall-aspetti kollha tan-negozjati, anke min-naħa tad-dħul iżda teskludi kwalunkwe ċifra f'dan l-istadju;

D. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija qabel tat-8 ta' Ġunju 2011, il-Parlament stabbilixxa l-prijoritajiet politiċi tiegħu għall-QFM li jmiss, kemm mil-lat leġiżlattiv kif ukoll mil-lat baġitarju, b'mod li pprovda bażi soda għan-negozjati;

E. billi l-programmi multiannwali relatati mal-QFM li jmiss se jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

F. billi talab ripetutament li jinħolqu riżorsi proprji ġodda u ġenwini;

1. Jisħaq li l-baġit tal-UE hu baġit ta' investiment b'effett qawwi ta' ingranaġġ, meta jitqies li 94 % tal-approprjazzjonijiet tiegħu huma ddedikati għall-istimular tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi u r-rwol tal-Unjoni bħala attur dinji; jenfasizza li minkejja d-daqs limitat tiegħu – 2 % biss tal-infiq pubbliku tal-Unjoni – il-baġit tal-UE jiġbor flimkien ir-riżorsi, jaġixxi ta' katalist u jipprovdi ekonomiji ta' skala u effetti trans-skonfinali biex jintlaħqu l-objettivi politiċi tal-UE li jkun sar qbil dwarhom komunement; jinsab konvint

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0266.

b'mod qawwi li l-baġit tal-UE jirrappreżenta għodda b'saħħitha ħafna biex jiżdied l-investiment strateġiku b'valur miżjud Ewropew u biex l-ekonomija Ewropea terġa' lura fit-triq it-tajba, u b'hekk jiġu ġġenerati t-tkabbir u l-impjiegi filwaqt li titrawwem il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni kollha; jenfasizza, għal-daqstant, li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jwettaq rwol strateġiku, b'mod parallel mal-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja li hemm imposti bħalissa fuq il-baġits nazzjonali;

2. Ifakkar li hu kien adotta b'maġġoranza kbira r-rapport tal-kumitat speċjali dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013 (SURE) fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011, li l-kontenut tagħha għadu validu għal kollox u li għandha titqies bħala l-pożizzjoni tiegħu tan-negozjar għall-QFM 2014-2020; itenni li mhux se jkun possibbli li jintlaħqu l-għanijiet politiċi kollha tal-Unjoni mingħajr finanzjament adegwat minn baġit tal-UE robust; jisħaq li l-Istrateġija Ewropa 2020, approvata mis-27 Stat Membru kollha, għandha tgħin lill-Unjoni tirkupra mill-kriżi u toħroġ aktar b'saħ-ħitha permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu kontra kwalunkwe proposta li ma tkunx tippermetti lill-Unjoni twettaq ir-rwol tagħha u l-impenji politiċi li diġà tat jew tirrispondi għal responsabilitajiet ġodda;

3. Jinsisti li l-baġit tal-UE għandu juri bilanċ xieraq bejn id-dħul minn riżorsi proprji ġenwini u l-infiq, kif jitlob it-Trattat; jiddikjara li mhux lest jagħti l-kunsens tiegħu għar-regolament tal-QFM li jmiss mingħajr ftehim politiku dwar riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji, li ġġib fi tmiemhom ir-ribassi eżistenti u mekkaniżmi oħra ta' korrezzjoni u li twassal għal aktar trasparenza, ġustizzja u sostenibilità; jilqa' l-proposti leġiżlattivi magħmula mill-Kummissjoni fid-29 ta' Ġunju 2011 dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi prop-rji, inklużi l-proposti dwar taxxa fuq it-tranzazzjonijiet finanzjarji (FTT) u VAT ġdida tal-UE bħala riżorsi proprji, li huma maħsuba biex inaqqsu s-sehem fil-baġit tal-UE tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq id-dħul nazzjonali gross għal 40 % sal-2020, u b'hekk jingħata kontribut għall-isforzi ta' konsolidazzjoni tal-Istati Membri;

4. Fid-dawl tal-ambjent makroekonomiku u l-isfidi tad-dinja li qed tinbidel u bl-għan li l-fondi tal-UE jintużaw aħjar u b'mod aktar effiċjenti, jisħaq li l-QFM 2014-2020 għandu jipprovdi flessibilità baġitarja mtejba kemm fl-intestaturi u kemm bejniethom, kif ukoll bejn is-snin finanzjarji fi ħdan il-QFM, biex jiġi żgurat li r-riżorsi baġitarji jkunu jistgħu jiġu allinjati kif jixraq ma' ċirkostanzi u prijoritajiet li qed jevolvu; jinsisti fuq il-prinċipju tal-unità tal-baġit tal-UE, filwaqt li jenfasizza li l-politika u l-programmi kollha tal-UE għandhom jiġu inklużi fil-QFM b'finanzjament xieraq, biex b'hekk jingħata kontribut għat-trasparenza, il-prevedibilità u l-obbligu li jingħata rendikont;

5. Jitlob b'insistenza li l-pożizzjonijiet politiċi li qabel dwarhom il-Kunsill Ewropew jiġu negozjati bejn il-Parlament u l-Kunsill, kif rappreżentat mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali, qabel ma l-Kunsill jippreżenta l-proposti tiegħu formalment bil-għan li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament dwar ir-regolament tal-QFM skont l-Artikolu 312 TFUE; jenfasizza li n-negozjati dwar il-proposti leġiżlattivi relatati mal-programmi multiannwali jsiru skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jiġu finalizzati ġaladarba jintlaħaq ftehim dwar il-pakkett finanzjarju tagħhom; jinsab determinat li jagħmel użu sħiħ, skont il-każ, tas-setgħat tiegħu ta' approvazzjoni u s-setgħat leġiżlattivi ordinarji, kif imnaqqxa fit-Trattat;

6. Jenfasizza li l-għanijiet u l-politika tal-QFM għandhom jiġu miftiehma qabel ma tiġi assenjata lilhom xi ċifra, u jenfasizza li l-Parlament u l-Kunsill għandhom jagħmlu negozjati vera u proprji dwar l-aspetti kollha relatati mal-QFM qabel ma jassenjaw iċ-ċifri u qabel ma jagħmlu l-aġġustamenti aħħarin tal-pakkett tal-QFM kollu kemm hu; jemmen li l-prinċipju li 'xejn mhu miftiehem qabel ma kollox hu miftiehem' hu metodu ta' ħidma xieraq;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u l-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Membri, u lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra kkonċernati.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

# Negozjati kummerċjali tal-UE mal-Ġappun

P7_TA(2012)0246

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar negozjati kummerċjali tal-UE mal-Ġappun ((2012/2651(RSP))**

(2013/C 332 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 218(2) u (10) TFUE,

— wara li kkunsidra r-rapport minn Copenhagen Economics bl-isem "Assessment of barriers to trade and investment between the EU and Japan", ippubblikat fit-30 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta adottata waqt id-dsatax-il Samit bejn UE u l-Ġappun li sar f'Tokjo fit-28 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Ġappun, ippubblikati fil-21 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u tal-25 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn UE u l-Ġappun ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta adottata waqt l-għoxrin Samit bejn l-UE u l-Ġappun li sar fi Brussell fit-28 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 90(2) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni nnotaw li l-kapaċità tal-Ġappun li jneħħi l-ostakli regolatorji għall-kummerċ hija prekundizzjoni għall-varar ta' negozjati dwar il-ftehim ta' kummerċ bejn l-UE u l-Ġappun, u b'hekk titrawwem integrazzjoni ekonomika eqreb bejn iż-żewġ sħab kummerċjali strateġiċi;

B. billi waqt l-għoxrin Samit bejn l-UE u l-Ġappun li sar fit-28 ta' Mejju 2011 fi Brussell, il-mexxejja tas-samit iddeċidew li ż-żewġ naħat jibdew diskussjonijiet bil-ħsieb li jiddefinixxu l-ambitu u l-livell ta' ambizzjoni ta' tali negozjati;

C. billi l-Grupp ta' Valutar (Scoping Group) ġie stabbilit biex jivvaluta l-fehim komuni dwar l-ambitu u l-livell ta' ambizzjoni tan-negozjati kummerċjali potenzjali bejn il-Ġappun u l-UE;

1. Jitlob lill-Kunsill biex ma jawtorizzax il-ftuħ tan-negozjati kummerċjali qabel ma l-Parlament ikun iddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-mandat ta' negozjar propost, fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-informazzjoni.

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0225.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

## Il-Ginea Bissaw

P7_TA(2012)0247

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-kolp ta' stat militari fil-Ginea Bissaw (2012/2660(RSP))**

(2013/C 332 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ewwel fażi tal-elezzjonijiet presidenzjali tat-18 ta' Marzu 2012 u t-tieni fażi skedata għad-29 ta' April 2012 fil-Ginea Bissaw,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) tal-31 ta' Marzu, 13 u 21 ta' April u tal-8 ta' Mejju 2012 kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu 2048 tat-18 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tal-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) tas-6, t-12, u d-19 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tat-12 u l-14 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tal-NU tat-13 u s-16 ta' April 2012.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Komunità ta' Pajjiżi ta' Lingwa Portugiża (CPLP) tat-13 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tat-tmien u d-disa' Laqgħat Straordinarji tal-Kunsill tal-Ministri tas-CPLP tal-14 ta' April u l-5 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija (OIF) tas-16 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana (UA) tas-17 u l-24 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Permanenti tal-OIF tat-18 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Grupp tal-Bank Afrikan ta' Żvilupp (AfDB) u l-Grupp tal-Bank Dinji (WBG) tad-19 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' April u t-3 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Communiqués Finali tas-Samit Straordinarju tal-Kapijiet ta'Stat u ta'Gvern tal-ECOWAS tas-26 ta' April u t-3 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra s-sanzjonijiet diplomatiċi, ekonomiċi u finanzjarji imposti mill-ECOWAS fuq il-Ginea Bissaw fid-29 ta' April u l-31 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-30 ta' April 2012,

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 458/2012 tal-31 ta' Mejju 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament(UE) Nru 377/2012,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tat-18 ta' Mejju 2012 f'isem l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2009 dwar il-Ginea Bissaw ([1]), tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Ewropea u l-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni ([2]) u tal-11 ta' Mejju 2011 dwar ir-rapport annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni fl-2009 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou, speċifikament l-Artikoli 1, 8, 9, 10, 11, 20 u 33,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-12 ta' April 2012, membri tal-forzi armati ħatfu l-poter bil-forza fil-Ginea Bissaw u arrestaw kemm il-President interim, Raimundo Pererira, kif ukoll il-Prim Ministru, Carlos Gomes Júnior;

B. billi din l-azzjoni illeġittima saret lejlet il-bidu tal-kampanja elettorali għat-tieni fażi tal-elezzjoni presidenzjali fil-Ginea Bissaw;

C. billi t-trasparenza tal-proċess elettorali fil-Ginea Bissaw, li fih il-Prim Ministru Gomes Júnior kien rebaħ 48,7 % fl-ewwel fażi, ġiet rikonoxxuta sew fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali,

D. billi l-kolp ta' stat militari ġie kundannat fil-wisa' mill-komunità internazzjonali;

E. billi, taħt l-awspiċi tal-ECOWAS, il-mexxejja militari u ċerti partiti tal-oppożizzjoni qablu li jistabbilixxu Kunsill Nazzjonali Tranżizzjonali u Gvern Tranżizzjonali, mingħajr il-kunsens tal-istituzzjonijiet politiċi leġittimi tal-pajjiż;

F. billi deċennji ta' instabbiltà politika fil-Ginea Bissaw waqqgħu lil dan il-pajjiż fi kriżi profonda politika, ta' governanza u umanitarja;

G. billi t-tmexxija militari tal-Ginea Bissaw indaħlet b'mod ripetut u intollerabbli fil-ħajja politika tal-pajjiż u dan l-indħil kellu impatt estremament ħażin fuq il-proċessi tal-istituzzjonalizzazzjoni tad-demokrazija u fuq l-istabbiliment tal-istat tad-dritt, fuq is-sikurezza tal-popolazzjoni u fuq l-iżvilupp tal-ekonomija;

H. billi l-instabbiltà fil-Ginea Bissaw mhux biss tipprevjeni ġlieda effikaċi kontra t-traffikar tad-drogi, iżda thedded il-konsolidazzjoni tal-paċi fil-pajjiż u l-istabbiltà tar-reġjun tal-Afrika tal-Punent;

I. billi l-allokazzjoni totali tal-Unjoni Ewropea għall-Ginea Bissaw skont l-10 Fond Ewropew ta' Żvilupp (2008-2013) tammonta għal EUR 102,8 miljun;

J. billi l-ekonomija tal-Ginea Bissaw hija waħda mill-aktar fqar u l-aktar dipendenti tar-reġjun tal-Afrika tal-Punent u l-għajnuna internazzjonali tirrappreżenta 80 % tal-baġit nazzjonali;

K. billi s-sitwazzjoni politika kurrenti fil-pajjiż iddawwar l-attenzjoni mill-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u mit-tkabbir tal-kriżi umanitarja fih;

([1]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 178.
([2]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 63.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0227.

L. billi l-missjoni tal-UE għar-riforma tas-settur tas-sigurtà (SSR) fil-Ginea Bissaw, varata f'Ġunju 2008 u mwettqa taħt il-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni, fit-30 ta' Settembru 2010 kkunsidrat li l-mandat tagħha kien ikkompletat u telqet mill-pajjiż;

1. Jikkundanna bl-akbar qawwa l-ħtif antikostituzzjonali tal-poter fit-12 ta' April 2012 mill-forzi armati tal-Ginea Bissaw;

2. Jieħu nota tar-rilaxx tal-President interim u tal-Prim Ministru fis-27 ta' April 2012 u tal-fatt li ġġiegħlu jitilqu mill-pajjiż, u jesiġi li t-tnejn li huma jithallew jissuktaw liberament l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom;

3. Jesiġi rispett assolut tal-integrità fiżika tal-uffiċjali pubbliċi u taċ-ċittadini kollha li qed jinżammu mir-ribelli militari u jitlob li jinħelsu bla kundizzjonijiet u li l-vjolenza, is-serq u l-intimidazzjoni jintemmu;

4. Jikkundanna r-ripressjoni vjolenti ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi favur ir-ristawr tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari dik li seħħet fil-25 ta' Mejju 2012 f'Bissaw;

5. Iħeġġeġ lil dawk kollha involuti jtemmu immedjatament l-azzjonijiet vjolenti tagħhom u jfakkar fil-wegħda tal-armata li tosserva l-kostituzzjoni tal-Ginea Bissaw;

6. Jitlob lill-komunità internazzjonali teżerċita l-influwenza kollha meħtieġa u tipprovdi s-sostenn kollu meħtieġ sabiex tiżgura li ssir investigazzjoni eżawrjenti ta' dawn l-azzjonijiet illegali u li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

7. Jirrifjuta l-istabbiliment tal-entitajiet li jsejħu lilhom infushom "Kmand Militari", "Kunsill Nazzjonali Tranżizzjonali" u "Gvern Tranżizzjonali", jenfasizza li ma jirrikonoxxix istituzzjonijiet militari u tranżizz-jonali maħtura minnhom infushom, u jħeġġeġ lill-komunità internazzjonali taġixxi bl-istess mod;

8. Ifakkar u jħaddan il-prinċipju tal-ECOWAS ta' tolleranza żero għal poter miksub jew miżmum b'mezzi mhux kostituzzjonali u mhux demokratiċi u jqis li l-ftehim tranżizzjonali fil-Ginea Bissaw bl-iktar mod sfaċċat jikser dan il-prinċipju, imur kontra l-kostituzzjoni tal-pajjiż u jilleġitimizza l-kolp ta' stat;

9. Jesiġi li jitreġġgħu minnufih l-ordni kostituzzjonali u l-istat tad-dritt kif ukoll li jiġi konkluż il-proċess elettorali, inklużi l-elezzjonijiet leġiżlattivi, ħalli l-poplu tal-Ginea Bissaw ikun jista' jiddeċiedi hu l-ġejjieni tiegħu permezz ta' elezzjonijiet liberi u ġusti;

10. Jirrifjuta kwalunkwe tentattiv estern ta' sfruttament tas-sitwazzjoni preżenti u li b'hekk jimmina s-sovranità tal-poplu tal-Ginea Bissaw u l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Ginea Bissaw;

11. Jesiġi li jerġgħu jiġu stabbiliti u ggarantiti l-libertajiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' espressjoni u dik tal-istampa, il-libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' moviment;

12. Jappella għar-riżoluzzjoni tat-tilwim permezz ta' mezzi politiċi u paċifiċi fi ħdan il-qafas tal-istituzz-jonijiet leġittimi tal-Ginea Bissaw;

13. Jitlob lill-partiti politiċi jilħqu kunsens dwar proċess komprensiv ta' riforma għall-armata, il-pulizija, is-settur tas-sigurtà u s-sistema ġudizzjarja bħala l-ewwel pass lejn stabbiltà politika;

14. Jirfed sforzi nazzjonali u internazzjonali maħsuba biex ireġġgħu l-fiduċja fost l-atturi politiċi, il-forzi militari u tas-sigurtà u s-soċjetà ċivili ħalli l-pajjiż jerġa' lura għan-normalità kostituzzjonali;

15. Itenni l-konvinzjoni soda tiegħu li hemm periklu li l-Ginea Bissaw tibqa' militarment instabbli u mhux kapaċi tindirizza l-korruzzjoni bla rażan jew tibdel l-istatus tagħha bħala pajjiż ewlieni ta' tranżitu tad-drogi, dment li l-istituzzjonijiet tagħha jibqgħu strutturalment dgħajfa;

16. Jenfasizza l-importanza tat-twaqqif tal-"Grupp ta' Kuntatt ta' Kriżi" għall-Ginea Bissaw taħt il-koordinament tan-NU, b'rappreżentanti tal-Unjoni Afrikana (UA), l-ECOWAS u s-CPLP, kif imsemmi fir-rapport speċjali tat-30 ta' April 2012 tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni fil-Ginea Bissaw, u jappella biex l-UE tkun involuta fil-Grupp;

17. Jappoġġja r-rieda tal-UE li tikkoopera mill-qrib mal-Istati tal-Afrika tal-Punent u ma' sħabha reġjonali u internazzjonali, inklużi n-NU, l-UA, is-CPLP u l-ECOWAS, bil-għan li titwaqqaf sħubija effikaċi li tkun tista' tikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-paċi u l-istabbilizzazzjoni fit-tul tal-Ginea Bissaw;

18. Jilqa' s-sanzjonijiet diplomatiċi, ekonomiċi u finanzjarji, xejn sbieħ iżda meħtieġa, imposti mill-ECOWASfuq il-Ginea Bissaw, il-miżuri restrittivi diretti lejn ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw li ġew adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-projbizzjoni tal-ivvjaġġar għal ċerti individwi imposta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

19. Jitlob li jsir monitoraġġ kontinwu u mill-qrib tas-sitwazzjoni fil-Ginea Bissaw min-naħa tas-sħab internazzjonali kollha, u li dawn ikunu lesti jirrevedu l-adegwatezza tal-miżuri adottati, inkluża l-ħtieġa li dawn il-miżuri jitqawwew, filwaqt li jagħmlu ħilithom kollha biex jevitaw effetti negattivi fuq il-popolazzjoni;

20. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-ECOWAS li tiskjera l-forza ta' għassa permanenti tagħha biex twettaq l-irtirar tal-Missjoni Angolana ta' Assistenza Teknika Militari (MISSANG) kif jieħu nota wkoll tal-wasla tal-ewwel kontinġent tagħha fil-Ginea Bissaw;

21. Jilqa' l-proposta tas-CPLP li tikkostwixxi forza ta' stabbilizzazzjoni għall-Ginea Bissaw fi ħdan il-qafas tan-NU u b'mandat definit mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, flimkien mal-ECOWAS, l-UA u l-UE, bil-qies tal-esperjenza tal-MISSANG;

22. Jitlob li l-Kunsill jipprovdi pariri u għajnuna b'sostenn għar-riforma urġenti tas-setturi tad-difiża u s-sigurtà fil-Ginea Bissaw u jitolbu jikkunsidra li jirfed b'mod effikaċi l-iskjerament ta' operazzjoni ta' stabbilizzazzjoni internazzjonali ġdida fil-qafas tal-PSDK;

23. Iħeġġeġ lill-UE, lin-NU, lill-UA, lill-ECOWAS u lis-CPLP jikkoordinaw flimkien id-diversi forzi militari tal-pajjiżi ġirien li diġà qegħdin fil-post, inklużi dawk tal-Angola, tan-Niġerja, tas-Senegal u ta' Burkina Faso;

24. Jitlob li l-UE titlob lill-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi li jikkontribwixxu forzi militari u ta' sigurtà – ilkoll sħab tal-AKP – jiżguraw li dawn ma jintużawx biex jirfdu l-ordni illeġittimu li qed jippruvaw jistabbilixxu dawk li wettqu l-kolp ta' stat u l-awtoritajiet tranżizzjonali maħtura minnhom infushom, jew biex iwettqu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-poplu tal-Ginea Bissaw;

25. Jiddispjaċih dwar tmiem il-missjoni SSR fil-Ginea Bissaw fl-2010;

26. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill biex jistidjaw il-possibbilta li jibagħtu missjoni SSR ġdida fil-Ginea Bissaw, b'mandat imsaħħaħ ħalli tgħin fir-riforma tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà, tippromwovi l-bini tal-kapaċitajiet, tirriforma l-amministrazzjoni pubblika u tirfed l-istat tad-dritt, hekk kif l-awtoritajiet leġittimi jerġgħu jiksbu l-eżerċizzju sħiħ tal-governanza fil-Ginea Bissaw u jitolbu missjoni ta' dan it-tip;

27. Jerġa' jħeġġeġ lill-Kunsill u lill-VP/RGħ jikkunsidraw mezzi ġodda ta' kif jgħinu lill-gvern leġittimu tal-Ginea Bissaw jiġġieled kontra t-trffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata, u b'hekk ma jħallux li dak il-pajjiż isir każ ieħor ta' stat sfaxxat tad-drogi;

28. Ifakkar li t-traffikar tad-drogi fil-Ginea Bissaw huwa dirett lejn is-suq Ewropew u huwa marbut ma' xbieki kriminali oħra li joperaw fir-reġjun, inklużi dawk tat-terroriżmu fis-Saħel u fin-Niġerja b'mod partikolari;

29. Jappella biex jissaħħaħ l-impenn tal-UE u dak internazzjonali favur il-kostruzzjoni ta' Ginea Bissaw demokratika u stabbli;

30. Jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni umanitarja fil-Ginea Bissaw, b'mod partikolari għall-qagħda tal-persuni spustati f'pajjiżhom u tar-refuġjati u għar-riskju ta' epidemiji u t-theddida għas-sigurtà tal-ikel u tal-kura tas-saħħa, u jitlob lill-UE u lill-komunità internazzjonali jieħdu minnufih miżuri ta' għajnuna konkreti u adegwati;

31. Jitlob lill-Kummissjoni tissokta bl-għajnuna umanitarja tagħha u bl-assistenza diretta lill-popolazzjoni;

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarji Ġenerali tan-NU u tal-ECOWAS, lill-istituzzjonijiet tal-UA, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta UE-AKP, lis-Segretarjat tas-CPLP u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ginea Bissaw.

## Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel

P7_TA(2012)0248

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan u s-Sudan t'Isfel (2012/2659(RSP))**

(2013/C 332 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sudan,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2046 (2012) tat-2 ta' Mejju 2012 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/ Viċi President tal-Kummissjoni Catherine Ashton li tilqa' r-Riżoluzzjoni 2046 (2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Mejju 2012;

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2011 dwar is-Sudan, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil dwar in-Non-Aggressjoni u l-Kooperazzjoni ffirmat fl-10 ta' Frar 2012 bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet tat-28 ta' Marzu 2012 u tal-11 ta' April 2012 mill-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli tal-UE, Catherine Ashton, dwar il-konflitti armati fil-fruntieri bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Afrikana tas-17 ta' April 2012 li appellat lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel jaġixxu b'mod responsabbli u jisimgħu l-appelli li saru min-naħa tal-UA u tal-komunità internazzjonali għal tmiem immedjat tal-konflitt li għaddej bħalissa bejn iż-żewġ pajjiżi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-16 ta' April 2012 tal-Kelliem għas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan u s-Sudan t'Isfel fejn ġie espress tħassib serju dwar l-ostilitajiet li għadhom għaddejjin bejn iż-żewġ pajjiżi, inkluż l-impatt tagħhom fuq persuni ċivili innoċenti,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tad-19 ta' April 2012 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon fejn ħeġġeġ lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel itemmu l-ostilitajiet tagħhom, u b'hekk jevitaw li jerġgħu lura għal l-konflitti li fi żmien għoxrin sena diġà swew miljuni ta' ħajjiet,

([1]) ĠU L 142, 28.5.2011, p. 61.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel tat-23 ta' April 2012 (it-3159 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin) li esprimew it-tħassib serju tal-UE dwar l-eskalazzjoni tal-konflitt bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel spjegat fil-komunikat uffiċjali maħruġ mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA fl-24 ta' April 2012, li l-UE tappoġġja għalkollox,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Komprensiv ta' Paċi (CPA) tas-Sudan tal-2005,

— wara li kkunsidra l-Missjoni tan-NU fis-Sudan t'Isfel (UNMISS) u l-Forza tas-Sigurtà Interim tan-NU għal Abyei (UNISFA),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Ko-Presidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta fit-30 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi inċidenti ripetuti ta' vjolenza transkonfinali bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, inklużi l-movimenti tat-truppi, il-ħtif u l-okkupazzjoni ta' Heglig, l-appoġġ għal qawwiet sostituti, l-appoġġ għar-ribelli ta' xulxin, il-ġlied bejn il-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) u l-Armata tal-Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan (SPLA) għamlu l-konflitt bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel konfrontazzjoni vera u proprja;

B. billi l-ġlied bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel u l-ġlied kontinwu fl-istat tal-Kordofan tan-Nofsinhar u tan-Nil l-Iżraq ħolqu sitwazzjoni umanitarja serja ġewwa s-Sudan;

C. billi n-nuqqas ta' qbil dwar arranġamenti ekonomiċi transizzjonali bejn iż-żewġ pajjiżi, inkluż dwar l-użu taż-żejt, wassal sabiex Kartum jaħtaf lis-Southern Oil ('Iż-Żejt tan-Nofsinhar') u għad-deċiżjoni tas-Sudan t'Isfel li jwaqqaf il-produzzjoni taż-żejt, u kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-kriżi preżenti;

D. billi fid-29 ta' Ġunju 2011 ġie konkluż il-Ftehim bejn il-Gvern tas-Sudan u l-Gvern tas-Sudan t'Isfel dwar is-Sigurtà tal-Fruntieri u l-Mekkaniżmu Konġunt ta' Politika u Sigurtà, inkluż l-impenn biex tinħoloq żona tal-fruntiera sikura u demilitarizzata (SDBZ), u fit-30 ta' Lulju 2011 ġie konkluż il-Ftehim dwar il-Missjoni ta' Appoġġ għall-Monitoraġġ tal-Fruntieri bejn il-Gvern tas-Sudan u l-Gvern tas-Sudan t'Isfel;

E. billi s-Sudan t'Isfel ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu miż-żona ta' Abyei skont il-Ftehim bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel tal-20 ta' Ġunju 2011;

F. billi l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Politika u Sigurtà proposti lill-Partijiet mill-Panel Implimentattiv ta' Livell Għoli tal-Unjoni Afrikana tal-4 ta' April 2012 jipprovdu bażi soda sabiex tiġi stabbilita sigurtà reċiproka tul il-fruntiera komuni bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel;

G. billi r-riżoluzzjoni adottata b'mod unanimu mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fit-2 ta' Mejju 2012 approvat Pjan Direzzjonali għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel sabiex iwaqqfu l-ostilitajiet u jirriżolvu l-kwestjonijiet li għad fadlilhom wara s-seċessjoni fit-tliet xhur li ġejjin;

H. billi kemm is-Sudan u kemm is-Sudan t'Isfel laqgħu il-Pjan Direzzjonali u kkonfermaw l-impenn tagħhom għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet; billi, madankollu, it-tensjonijiet għadhom kbar;

I. billi fl-4 ta' Ġunju 2012 kemm is-Sudan u kemm is-Sudan t'Isfel bdew l-ewwel taħdidiet ta' livell għoli dwar is-sigurtà tal-fruntieri minħabba li serje ta' konflitti fil-fruntieri heddew li jkaxkru l-gwerra ċivili ta' qabel lura għal kunflitt fuq skala kbira;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

J. billi l-UE tagħti importanza partikolari lill-attivazzjoni immedjata tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Verifika u ta' Monitoraġġ tal-Fruntieri billi jiġu mibgħuta osservaturi internazzjonali u persunal ieħor fit-territorju sabiex jimmonitorjaw dak li qed jiġri u jgħinu fl-iżgurar tal-konformità;

K. billi s-Sudan u s-Sudan t'Isfel huma milquta minn nixfa serja u n-nies bdew jiċċaqilqu biex ifittxu l-ikel, u billi, skont l-uffiċjali tan-NU, madwar miljun ruħ jistgħu jkunu fir-riskju li jmutu bil-ġuħ jekk ma taslilhomx għajnuna f'ikel fix-xhur li ġejjin;

1. Jilqa' l-fatt li s-Sudan u s-Sudan t'Isfel it-tnejn qablu dwar il-Pjan Direzzjonali approvat fir-Riżoluzzjoni 2046(2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Mejju 2012 u kkonfermaw l-impenn tagħhom li jwaqqfu l-ġlied b'effett immedjat; jilqa' t-tkomplija tan-negozjati diretti ġewwa Addis Ababa, kif ukoll ir-rwol tal-Unjoni Afrikana u l-medjazzjoni tas-Sur Thabo Mbeki f'dan il-proċess;

2. Iheġġeġ lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel juru r-rieda politika u prattika tagħhom li jsegwu t-triq tal-paċi billi jindirizzaw it-tħassib taż-żewġ naħat rigward is-sigurtà permezz ta' negozjati sinifikattivi fil-qafas tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Politika u Sigurtà, billi jibdew billi joħolqu żona tal-fruntieri li tkun sikura u demilitarizzata u bl-irtirar mingħajr kundizzjonijiet tal-qawwiet armati tagħhom kollha lejn in-naħa tal-fruntiera tagħhom, skont il-ftehimiet adottati preċedentement, inkluż il-Ftehim dwar il-Missjoni ta' Appoġġ għall-Monitoraġġ tal-Fruntieri tat-30 ta' Lulju 2011;

3. Jitlob li l-Mekkaniżmu Konġunt ta' Verifika u ta' Monitoraġġ tal-Fruntieri (JBVMM) jiġi attivat immedjatament billi jintbagħtu osservaturi internazzjonali u persunal ieħor fit-territorju sabiex jimmonitorjaw u jgħinu fl-iżgurar tal-konformità;

4. Jistieden lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel jimplimentaw l-aspetti pendenti tal-Ftehim tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar l-Arranġamenti Temporanji Amministrattivi u ta' Sigurtà għaż- żona ta' Abyei, b'mod partikulari l-iskjerar mill-ġdid tal-qawwiet kollha tas-Sudan u tas-Sudan t'Isfel 'il barra miż-żona ta' Abyei; jilqa' l-irtirar minn Heglig tal-armata tas-Sudan t'Isfel u jistieden lill-Gvern tas-Sudan jagħmel l-istess; jitlob għall-waqfien immedjat tal-bumbardamenti mill-ajru fuq is-Sudan t'Isfel mill-Qawwiet Armati Sudaniżi;

5. Jistieden lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel jieqfu milli jospitaw, u milli jappoġġaw, gruppi ribelli kontra l-istat l-ieħor;

6. Iheġġeġ lill-partijiet kollha jirrispettaw għalkollox il-paragrafi 7 u 16 tad-Deċiżjoni tal-24 ta' April 2012 tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana, li ttenni li l-konfini territorjali tal-istati m'għandhomx jiġu mibdula bil-forza u li kwalunkwe tilwim territorjali għandu jiġi solvut esklussivament permezz ta' mezzi politiċi, paċifiċi u li jkun hemm qbil dwarhom mill-partijiet kollha u li ma jista' jkun hemm l-ebda soluzzjoni militari tal-konflitt fil-Kordofan tan-Nofsinhar u fin-Nil l-Iżraq;

7. Jistieden lill-UE tkompli taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha, b'mod partikolari l-UA, u n-NU, biex jiġi żgurat li s-Sudan u Sudan t'Isfel jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Mejju 2012 dwar il-Pjan Direzzjonali għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel;

8. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu minħabba s-sitwazzjoni umanitarja maħluqa mill-ġlied ta' bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, u l-ġlied li għadu għaddej fl-istati tal-Kordofan tan-Nofsinhar u tan-Nil l-Iżraq fis-Sudan; jikkundanna bil-qawwa l-atti kollha ta' vjolenza li twettqu kontra l-persuni ċivili bi ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali u l-liġi tad-drittijiet tal-bniedem;

9. Jistieden liż-żewġ partijiet jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk tan-nisa u tal-persuni li jappartienu lill-gruppi vulnerabbli, u jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali, inkluża l-liġi internazzjonali umanitarja u l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jitlob li dawk responsabbli għall-ksur serju ta' tali liġi, inkluża l-vjolenza sesswali, iwieġbu għal dawn l-atti;

10. Iheġġeġ bil-qawwi lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel sabiex jikkonċedu l-aċċess umanitarju għall-popolazzjoni milquta fiż-żoni tal-konflitt, b'mod partikolari fil-Kordofan t'Isfel u fin-Nil l-Iżraq, filwaqt li jiġi żgurat, skont il-liġi internazzjonali u l-liġi internazzjonali umanitarja, l-aċċess sikur, mhux ostakolat u immedjat tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' persunal umanitarju ieħor, kif ukoll il-forniment ta' provvisti u tagħmir, sabiex il-persunal ikun jista' jwettaq b'mod effiċjenti l-kompitu tiegħu li jassisti l-popolazzjoni ċivili milquta mill-konflitt;

11. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat iwaqqfu r-retorika xewwiexa u l-propoganda ostili, li jwasslu għal demonizzazzjoni reċiproka, ksenofobija u theddid ta' vjolenza; jistieden liż-żewġ gvernijiet jieħdu responsabilità sħiħa għall-ħarsien taċ-ċittadini taż-żewġ naħat skont il-prinċipji internazzjonali, b'konsistenza mal-Ftehim Qafas dwar l-Istatus ta' Ċittadini tal-Istat l-Ieħor u Kwestjonijiet Relatati li inbeda f'Marzu 2012;

12. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li jestendi l-mandat tal-UNMIS u li jibgħat forzi addizzjonali għaż-żamma tal-paċi fis-Sudan; iqis li preżenza kontinwa tan-NU hija siewja ferm għall-iżvilupp paċifiku ta' żewġ stati vijabbli; jistieden kemm lis-Sudan kif ukoll lis-Sudan t'Isfel jilqgħu l-preżenza tan-NU u jiżguraw is-sikurezza tagħha;

13. Iħeġġeġ bil-qawwa lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel jilħqu ftehim dwar l-arranġamenti politiċi u ekonomiċi transizzjonali li għad mhumiex solvuti, inkluż dwar l-użu taż-żejt; itenni li prekundizzjoni biex jinkisbu l-paċi u l-istabilità fir-reġjun hi li jiġu solvuti l-kwestjonijiet tad-demarkazzjoni tal-fruntieri;

14. Jistieden lis-Sudan u lis-Sudan t'Isfel jużaw is-servizzi tal-Programm tal-Fruntieri tal-UA, li jistgħu jgħinu lill-partijiet fir-riżoluzzjoni tal-preokkupazzjonijiet tagħhom fir-rigward tad-delinjament, id-demarkazzjoni u r-riżoluzzjoni taż-żoni li hemm tilwim dwarhom abbażi tal-aħjar prattiki Afrikani u l-prinċipji internazzjonali;

15. Jinsab konvint li l-istabilità fit-tul fir-reġjun teħtieġ strateġija internazzjonali ġdida, magħquda u komprensiva, li fiha l-UE tkun twettaq rwol flimkien ma' atturi globali u reġjonali oħra, li tkun tiffoka mhux biss fuq il-kwestjonijiet Tramuntana-Nofsinhar u fuq is-sitwazzjoni fil-Kordofan tan-Nofsinhar u fin-Nil l-Iżraq, iżda wkoll fuq il-proċess ta' riforma li ilu li messu sar ġewwa s-Sudan u l-approfondiment tar-riformi demokratiċi fis-Sudan t'Isfel; jistieden lir-RGħ/VP u lill-Kummissjoni jkunu lesti joffru l-assistenza neċessarja jekk il-Partit tal-Kungress Nazzjonali tas-Sudan (NCP) li qed jiggverna jaċċetta djalogu nazzjonali liberu u mingħajr ostakli immirat biex jistabbilixxi arranġamenti kostituzzjonali inklużivi aċċettati minn kulħadd u jieħu passi ġenwini sabiex tinġieb fi tmiemha l-impunità ġewwa d-Darfur, il-Kordofan tan-Nofsinhar u n-Nil l-Iżraq;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-UE u lill-komunità internazzjonali jonoraw l-impenji tagħhom ta' ffinanzjar għar-reġjun, u b'mod partikolari biex jindirizzaw l-iskarsezzi severi li hemm tal-għajnuna f'ikel, tar-rifuġju ta' emerġenza u tal-protezzjoni; jitlob li tingħata attenzjoni mill-qrib lis-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u li jiġu stabbiliti miżuri kemm-il darba s-sitwazzjoni tmur għall-agħar;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan t'Isfel, lill-Gvern tas-Sudan, lill-Gvern tas-Sudan t'Isfel, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-President tal-Panel ta' Livell Għoli dwar is-Sudan tal-Unjoni Afrikana, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE.

## Ftehim kummerċjali tal-UE mal-Kolombja u l-Perù

P7_TA(2012)0249

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-ftehim kummerċjali tal-UE mal-Kolombja u l-Perù (2012/2628(RSP))**

(2013/C 332 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-tmiem tan-negozjati rigward Ftehim Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù fl-1 ta' Marzu 2010 u l-tħabbira tal-konklużjoni tan-negozjati kummerċjali fid-19 ta' Mejju 2010,

— wara li kkunsidra t-tnedija tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù fl-23 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-approvazzjoni uffiċjali tal-Ftehim Kummerċjali mit-tliet partijiet fit-13 ta' April 2011,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù (COM(2011)0570),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-istrateġija tal-UE għar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina ([1]) u tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni Ewropea mal-Amerika Latina ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana, u b'mod partikolari dik tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-prospetti għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija tas-26 ta' April 2012 lill-Kummissjoni dwar il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra (O-000107/2012 – B7-0114/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, meta titqies l-importanza tar-rabtiet storiċi u kulturali, il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù għandu l-għan li jiftaħ is-swieq, inter alia, għall-prodotti, is-servizzi, l-akkwisti pubbliċi u l-investiment u li jippromwovi l-integrazzjoni ekonomika bejn il-partijiet u żvilupp ekonomiku komprensiv bl-għan li jnaqqas il-faqar, joħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg, itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jżid l-istandards tal-għajxien billi jilliberalizza u jespandi l-kummerċ u l-investiment bejn it-territorji tagħhom, kif ukoll jinkoraġġixxi impenn favur l-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali f'konformità mal-objettiv ta' żvilupp sostenibbli, inklużi l-promozzjoni tal-progress ekonomiku, ir-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-ambjent, bi qbil mal-impenji internazzjonali adottati mill-partijiet;

B. billi l-Unjoni Ewropea hija t-tieni l-akbar sieħba kummerċjali tal-Kolombja u l-Perù, u billi l-Ftehim Kummerċjali ppjanat jipprovdi għal liberalizzazzjoni totali tal-kummerċ fil-prodotti industrijali u fis-sajd, ħaġa li tista' żżid il-PGD Kolombjan b'massimu ta' 1,3 % u l-PGD Peruvjan b'0,7 % fuq perjodu twil, iżda li tista' tħalli wkoll impatt negattiv konsiderevoli fil-livelli ambjentali u soċjali, skont studju indipendenti ta' valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibilità;

C. billi bid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Kummerċjali, il-Kolombja u l-Perù joħorġu mill-iskema ta' arranġament ta' inċentiv speċjali tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tal-UE (GSP+), li bħalissa qed tiġi riveduta;

D. billi skont l-iskema GSP+ attwali kemm il-Kolombja kif ukoll il-Perù jirċievu preferenzi kummerċjali talli jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi ta' 27 konvenzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dwar l-ambjent, inklużi l-erba' Standards Fundamentali tax-Xogħol tal-ILO;

E. billi skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni tal-UE fix-xena internazzjonali għandha tkun iggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha, u li tipprova tippromwovi fil-bqija tad-dinja: id-demokrazija, l-Istat ta' dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali; billi l-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali, li jikkondividu l-prinċipji msemmija aktar 'il fuq;

([1]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 54.
([2]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 79.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

F. billi l-ewwel artikolu tal-Ftehim Kummerċjali jinkludi dispożizzjonijiet estensivi u vinkolanti li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jgħid li "ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif stipulati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-prinċipju tal-Istat ta' dritt, huwa element fundamentali tal-politiki interni u internazzjonali tal-partijiet. Ir-rispett ta' dawn il-prinċipji huwa element essenzjali tal-Ftehim"; billi n-nuqqas li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi jikkostitwixxi "ksur materjali" tal-Ftehim Kummerċjali li, skont id-dritt internazzjonali pubbliku, jagħti lok għall-adozzjoni ta' miżuri xierqa, inkluża l-possibilità li l-Ftehim jitwaqqaf jew jiġi sospiż parzjalment jew għalkollox; billi l-monitoraġġ xieraq tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem mill-partijiet firmatarji kollha għandu jiġi żgurat u l-infurzabbiltà fil-prattika tal-Klawsola tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tiġi garantita;

G. billi l-Ftehim Kummerċjali joffri garanziji biex jiġi żgurat li l-istruttura l-ġdida tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE taħdem favur protezzjoni soċjali u ambjentali estensiva u żvilupp sostenibbli billi tippromwovi u tippreserva livell għoli ta' standards ta' protezzjoni tal-ħaddiema u tal-ambjent fuq in-naħat kollha, peress li fiha kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli;

H. billi kemm il-Kolombja kif ukoll il-Perù għamlu sforzi kbar f'dawn l-aħħar snin biex itejbu l-kundizzjoni ġenerali ta' ħajjet iċ-ċittadini tagħhom, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol;

I. billi, minkejja dawn l-isforzi enormi, biex jintlaħqu għalkollox l-istandards għolja stabbiliti u mitluba miċ-ċittadini individwali, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mill-partiti fl-oppożizzjoni u mill-gvern, għad fadal xogħol sostanzjali xi jsir kemm fil-Kolombja kif ukoll fil-Perù, speċjalment rigward l-implimentazzjoni effikaċi tal-qafas leġiżlattiv il-ġdid, li għandu l-għan li jsolvi problemi antiki li għadhom ma ġewx solvuti għalkollox, relatati ma' problemi li ilhom jeżistu ta' faqar, vjolenza u korruzzjoni, kunflitti armati interni (li jmorru lura għal iktar minn 50 sena fil-każ tal-Kolombja), gruppi armati illegali, traffikar ta' drogi, impunità u esproprjazzjoni ta' art;

J. billi, minkejja dawn l-isforzi kbar, il-Kolombja għadha l-pajjiż bl-ogħla rata ta' qtil ta' trejdjunjonisti fid-dinja, u billi, minkejja l-aħħar titjib fundamentali fl-infurzar tal-liġi, aktar minn 90 % ta' dawn id-delitti għadhom ma ġewx ikkastigati; billi kważi 4 miljun persuna huma spustati internament; billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU għad-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, għalkemm irrikonoxxa r-rikonoxximent mill-Istat tal-Kolombja tad-drittijiet tal-popli indiġeni, ħeġġeġ lill-Kolombja tistieden lill-Konsulent Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni tal-Ġenoċidju biex jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-komunitajiet indiġeni li jsibu ruħhom mhedda b'qerda kulturali jew fiżika minħabba l-kunflitt armat li ilu għaddej fil-pajjiż;

1. Jiddispjaċih li, għalkemm il-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jinkludi dispożizzjonijiet legalment vinkolanti, m'hemm ebda mekkaniżmu vinkolanti għas-soluzzjoni tat-tilwimiet għal dan il-kapitolu fil-Ftehim Kummerċjali, u li l-użu tal-miżuri u s-sanzjonijiet previsti fil-mekkaniżmu vinkolanti ġenerali tal-Ftehim Kummerċjali għas-soluzzjoni tat-tilwimiet huwa eskluż fil-każ ta' ksur tal-istandards stipulati fil-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod li l-kundizzjonijiet vinkolanti attwali fl-iskema GSP+ tal-UE jiddgħajfu;

2. Jilqa' bi pjaċir kbir l-impenn espress mill-partijiet kollha involuti fir-rigward tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-Istat ta' dritt, kif ikkonfermat bl-inklużjoni fl-ewwel artikolu tal-Ftehim Kummerċjali ta' dispożizzjonijiet estensivi u vinkolanti dwar dawn il-prinċipji fundamentali;

3. Jenfasizza l-importanza li jinżamm djalogu kostruttiv mal-pajjiżi sħab tagħna dwar l-implimentazzjoni effikaċi ta' standards ogħla tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' bi pjaċir kbir il-Mekkaniżmu ta' Djalogu Reċiproku dwar id-drittijiet tal-bniedem (Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Kolombja), li kien stabbilit b'mod volontarju fl-2009 bejn il-Kolombja u l-Unjoni Ewropea u li minn dak iż-żmien 'l hawn sar darbtejn fis-sena u li huwa prova ċara li l-Gvern Kolombjan huwa miftuħ għal djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-UE, kif ukoll ma' sħab internazzjonali oħrajn; jiddispjaċih, madankollu, li l-Parlament Ewropew la jiġi infurmat qabel u lanqas wara b'mod regolari u komprensiv dwar l-aġenda u l-eżitu tiegħu;

4. Jappoġġa b'mod qawwi l-inklużjoni ta' kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim Kummerċjali u l-ħolqien ta' mekkaniżmi domestiċi u d-djalogu mas-soċjetà ċivili, li se jinvolvi ċ-ċittadini, sew jekk b'mod individwali u sew jekk b'mod kollettiv organizzat;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

5. Jistieden lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Pajjiżi Andini u fl-Unjoni Ewropea, biex jipparteċipaw fil-mekkaniżmi ta' monitoraġġ stabbiliti fil-Ftehim Kummerċjali, fit-titolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli; jistieden lill-gvernijiet involuti jistabbilixxu, malajr kemm jista' jkun, il-qafas legali għall-mekkaniżmi domestiċi u d-djalogu mas-soċjetà ċivili jekk għadhom ma jeżistux, inkluża kampanja sostanzjali ta' informazzjoni u promozzjoni biex tiġi massimizzata l-parteċipazzjoni tal-gruppi jew il-persuni interessati fir-rigward tal-qafas ta' monitoraġġ tal-Mekkaniżmu tas-Soċjetà Ċivili; jissuġġerixxi li dawn il-proċeduri jiġu stabbiliti fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, minflok sena kif kien stipulat fil-Ftehim Kummerċjali ([1]);

6. Ifakkar fl-importanza li jiġu stabbiliti mekkaniżmi konsultattivi domestiċi rappreżentattivi, kif stabbilit fl-Artikolu 281 tal-Ftehim Kummerċjali, bil-parteċipazzjoni tat-trejdjunjins, ir-rappreżentanti ta' min iħaddem jew partijiet interessati oħrajn bħall-NGOs, li għandu jkollhom sehem obbligatorju fl-osservazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali, speċjalment fl-oqsma tax-xogħol u l-iżvilupp sostenibbli, bid-dritt li jiġu kkonsultati regolarment u li jressqu lmenti permezz ta' mekkaniżmu ta' lmenti obbligatorju u istituzzjonalizzat, kif ukoll li jagħmlu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti, inkluża l-proposta li jkun hemm skambju ta' opinjonijiet indipendenti mal-kontropartijiet tagħhom fl-UE;

7. Biex jintlaħqu għalkollox l-istandards għolja tad-drittijiet tal-bniedem promossi fil-Ftehim Kummerċjali, li kemm il-gvernijiet Andini kif ukoll l-Unjoni Ewropea huma impenjati fir-rigward tagħhom, jissuġġerixxi li l-partijiet involuti jistabbilixxu malajr grupp konsultattiv domestiku (GKD) ddedikat dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li għandu jakkumpanja u jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim Kummerċjali u oħrajn u jaħdem bħala korp konsultattiv intern effikaċi għall-uffiċċji domestiċi li jipparteċipaw fil-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali, filwaqt li juża, bħala mudell għall-funzjonament tiegħu, il-qafas legali previst fil-Ftehim Kummerċjali għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fis-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli; jistieden lill-partijiet fil-Ftehim Kummerċjali jiggarantixxu lil dawn il-GKD l-istess livell ta' involviment vinkolanti għas-soċjetà ċivili bħal fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Korea t'Isfel, inkluż mekkaniżmu formalizzat u istituzzjonalizzat għall-ilmenti; jistieden barra minn hekk lill-partijiet jiżguraw l-indipendenza sħiħa tal-GKD, inkluż fir-rigward tal-għażla tagħhom tal-membri tal-GKD;

8. Japprova l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi kollha meħuda miż-żewġ pajjiżi Andini biex jiġġieldu l-faqar, il-forom kollha ta' vjolenza, l-impunità, il-korruzzjoni u t-traffikar tad-drogi, biex jiżguraw id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, speċjalment fir-rigward tat-tħaddim tat-tfal, biex jimxu fit-triq tal-iżvilupp sostenibbli bħala l-uniku futur vijabbli għall-pjaneta tagħna, biex jippromwovu d-drittijiet tal-popli indiġeni, djalogu usa' u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess leġiżlattiv u biex jerġgħu jistabbilixxu l-ġustizzja;

9. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil tat-trejdjunjonisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, iċ-ċivili, il-popli indiġeni, il-vittmi kollha tal-kunflitt armat intern, l-uffiċjali tal-pulizija u l-persunal tal-armata, li qed iseħħ b'mod speċjali fil-Kolombja; madankollu jinnota li kien hemm tnaqqis fil-każijiet ta' qtil ta' trejdjunjonisti rrappurtati fl-aħħar sentejn;

10. Jappoġġa l-isforzi tal-Gvern Kolombjan biex jiġġieled kontra l-impunità u l-qtil ta' trejdjunjonisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, liema sforzi ssarrfu, pereżempju, f'żieda fin-numru ta' investigaturi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (FGN), li żdiedu minn 100 fl-2010 għal 243 fl-2011 speċifikatament għall-investigazzjoni ta' delitti mwettqa kontra t-trejdjunjonisti; barra minn hekk, skont l-ILO, bejn l-2010 u Ġunju 2011 kien hemm 355 arrest, u nqatgħu 88 sentenza u 483 persuna ġew ikkundannati għal delitti kontra trejdjunjonisti; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-importanza tal-Programm ta' Protezzjoni Speċjali (PPS), li bħalissa qed jagħti protezzjoni statali lil iktar minn 8 500 persuna, inklużi trejdjunjonisti (13 %), kunsilliera muniċipali (30 %) u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (15 %); jinnota li l-baġit għal dan il-programm żdied minn EUR 10.5 miljun fl-2002 għal iktar minn EUR 120 miljun fl-2011;

11. Jilqa' r-referenza għall-importanza tal-kunċetti ta' "kummerċ għal żvilupp sostenibbli" u tal-"promozzjoni ta' kummerċ ġust u ekwitabbli", fl-Artikoli 271 u 324 rispettivament tal-Ftehim Kummerċjali; jitlob lill-partijiet jiffaċilitaw il-kummerċ fil-prodotti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, inklużi prodotti li huma s-suġġett ta' skemi bħall-kummerċ ġust u etiku u dawk li jinvolvu r-responsabilità u r-rendikont soċjali tal-kumpaniji, bħall-iskemi "kummerċ ġust", "rainforest alliance", "UTZ Certified", "BSCI" u skemi oħrajn simili;

([1]) Artikolu 282(1).

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

12. Jistieden lill-partijiet involuti jipprovdu biżżejjed kapaċità teknika u finanzjarja biex jiggarantixxu l-konformità sħiħa mal-istandards ta' sostenibilità fil-Ftehim Kummerċjali u jipprovdu għal rieżami, monitoraġġ u valutazzjoni sħaħ tal-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli sa mhux iżjed tard minn tliet snin wara li jkun daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles;

13. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza li tiġi promossa r-responsabilità soċjali korporattiva (RSK) u jilqa' l-inklużjoni tagħha fil-Ftehim Kummerċjali; jitlob lill-partijiet kollha jippromwovu l-aħjar prattiki kummerċjali relatati mar-RSK bi qbil mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD dwar ir-RSK u l-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681); jemmen b'mod qawwi li standards ogħla tal-għajxien jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' sħubijiet attivi bejn l-imprendituri, il-ħaddiema, l-NGOs u l-Istat, jew fil-livell ċentrali, jew reġjonali jew f'dak tal-komunità; jerġa' jafferma, għalhekk, l-importanza tal-involviment tal-partijiet kollha li huma involuti, speċjalment il-gvernijiet, li għandu jkollhom rwol essenzjali fl-implimentazzjoni effettiva tar-RSK fil-pajjiżi tagħhom; jistieden lill-UE u lill-pajjiżi Andini jaħdmu favur l-implimentazzjoni globali ta' Prinċipji Gwida tan-NU dwar ir-RSK;

14. Jilqa' l-liġijiet ambjentali robusti li ddaħħlu fil-leġiżlazzjoni mill-awtoritajiet Kolombjani iżda jenfasizza l-ħtieġa għall-infurzar sħiħ u korrett ta' dawn il-liġijiet; jenfasizza l-problemi ambjentali potenzjali, inklużi ż-żieda fid-deforestazzjoni u t-tniġġis industrijali, agrikolu u dak ikkawżat mill-mini, li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq il-provvisti sikuri tal-ilma u l-protezzjoni tal-bijodiversità;

15. Jistieden lill-pajjiżi Andini jiżguraw li jiġi stabbilit pjan direzzjonali trasparenti u li jorbot għad-drittijiet tal-bniedem, dawk ambjentali u dawk tal-ħaddiema, li essenzjalment għandu jkollu bħala mira s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, it-tisħiħ u t-titjib tad-drittijiet tat-trejdjunjonisti u l-ħarsien ambjentali; jissuġġerixxi li jitqies il-Pjan ta' Azzjoni relatat mad-Drittijiet tal-Ħaddiema bejn il-Kolombja u l-Istati Uniti, b'referenza partikolari għal dan li ġej:

— l-infurzar u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u miżuri politiċi li jiggarantixxu l-libertà tal-assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv, mingħajr lakuni, b'mod partikolari għal ħaddiema fis-settur informali, u speċjalment permezz tal-eliminazzjoni tal-użu ta' kooperattivi, patti kollettivi jew miżuri oħra li għandhom l-iskop jew l-effett li jċaħħdu lill-ħaddiema mid-drittijiet trejdjunjonistiċi tagħhom jew mill-benefiċċji ta' relazzjoni ta' impjieg diretta;

— it-twettiq ta' spezzjonijiet tax-xogħol stretti li jwasslu għal pieni f'każ ta' diskriminazzjoni, tkeċċijiet mhux ġustifikati, intimidazzjoni u theddid kontra l-ħaddiema;

— passi ċari u verifikabbli biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali fil-livell reġjonali u lokali kif ukoll min-naħa tal-impriżi;

— l-introduzzjoni ta' miżuri biex jiġi garantit l-infurzar effikaċi tal-leġiżlazzjoni li tipproteġi l-ambjent u l-bijodiversità, partikolarment mill-effetti negattivi tad-deforestazzjoni u l-estrazzjoni ta' materja prima;

— it-teħid tal-passi meħtieġa biex tintemm l-impunità u sabiex dawk l-aktar responsabbli kemm intellettwalment kif ukoll materjalment għall-atti kriminali mwettqa fil-Kolombja jiġu investigati, ipproċessati u kkastigati fil-qrati ċivili;

— il-kisba ta' miri ċari, marbutin b'perjodu ta' żmien u bbażati fuq ir-riżultati f'kull qasam minn dawk imsemmija hawn fuq;

— il-Kummissjoni Ewropea tintalab tibda tgħin immedjatament lill-Kolombja u lill-Perù fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-proċess imsemmi hawn fuq, u tiġi mħeġġa tipproduċi rapport regolari li għandu jiġi ppreżentat u vvalutat mill-Parlament Ewropew;

— l-enfasi tal-fatt li xi wħud mill-miri ta' dan il-pjan direzzjonali għandhom preferibbilment jidħlu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

16. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja dawn il-miżuri permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kooperazzjoni regolatorja, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet Andini biex jipproponu, jinfurzaw u jivvalutaw b'mod effikaċi l-leġiżlazzjoni ambjentali; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

17. Jilqa' bi pjaċir il-Liġi l-ġdida dwar il-Vittmi u r-Restituzzjoni tal-Art (magħrufa wkoll bħala "Ley 1448") li daħlet fis-seħħ fil-Kolombja fl-1 ta' Jannar 2012, li tiggarantixxi kumpens finanzjarju u r-restituzzjoni tal-art għall-kważi 4 miljun vittma tal-kunflitt armat u tal-vjolenza fil-pajjiż tul dawn l-aħħar 50 sena; jenfasizza l-isforz finanzjarju enormi tal-Gvern Kolombjan, li huwa stmat li huwa aktar minn USD 25 biljun għall-għaxar snin li ġejjin, ammont li jirrappreżenta madwar EUR 160 miljun fix-xahar; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ u valutazzjoni dettaljati tal-implimentazzjoni ta' din il-liġi f'konsultazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari rigward il-protezzjoni ta' dawk li jirritornaw;

18. Jilqa' x-xoljiment tal-aġenzija ferm kontroversjali tal-intelligence (DAS) u l-kundanna tal-ex direttur tagħha għal 25 sena ħabs bħala sinjal importanti tal-bidla fl-attitudni u l-ftuħ tal-Amministrazzjoni Kolombjana u l-indipendenza tal-ġudikatura;

19. Jenfasizza li d-dritt għall-proprjetà huwa wkoll wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għandu jkun imħares mill-partijiet kollha tal-Ftehim Kummerċjali; għalhekk iwissi l-partijiet kollha għall-Ftehim Kummerċjali biex ma jieħdux azzjoni unilaterali li tipperikola l-protezzjoni tal-investiment; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jiġi infurzat mekkaniżmu xieraq għas-soluzzjoni tat-tilwimiet;

20. Jilqa' l-fatt li l-Kolombja u l-Perù rratifikaw it-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, apparti tlieta mill-erba' konvenzjonijiet dwar il-governanza, kif iddikjarat mir-rappreżentant tal-ILO waqt is-smigħ pubbliku dwar il-Ftehim Kummerċjali organizzat mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fil-Parlament Ewropew fi Brussel fid-29 ta' Frar 2012; jinsisti dwar l-importanza ta' ratifika rapida u implimentazzjoni effikaċi tal-konvenzjonijiet kollha tal-ILO ta' dan it-tip, speċjalment C122 fil-każ tal-Kolombja u C129 fil-każ tal-Perù; jenfasizza lill-partijiet kollha l-importanza li tiġi rratifikata l-Konvenzjoni 135 tal-ILO dwar ir-rappreżentanti tal-ħaddiema; jinnota f'dan il-kuntest li 24 Stat Membru tal-UE għadhom ma rratifikawx ILO C169, il-Konvenzjoni dwar il-Popli Indiġeni u Tribali;

21. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipji ta' proċeduri amministrattivi u legali ġusti, ekwi u trasparenti, biex jiġu implimentati l-liġijiet nazzjonali fil-qasam tax-xogħol, inklużi spezzjonijiet stretti tax-xogħol, kif ukoll standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'konformità mal-obbligi internazzjonali; jemmen li proċeduri amministrattivi u legali ġusti, ekwi u trasparenti huma meħtieġa wkoll biex jiġi żgurat li ma titqiegħed l-ebda restrizzjoni eċċessiva fuq il-komunikazzjoni jew il-libertà tal-espressjoni, li huma importanti ħafna sabiex jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex jorganizzaw lilhom infushom;

22. Jemmen li s-setgħat ġodda tal-Parlament Ewropew rigward il-ftehimiet internazzjonali li huma minquxa fit-Trattat ta' Lisbona jipprovdu responsabilitajiet ġodda; għalhekk jipproponi li jiġu organizzati seduti ta' smigħ pubbliku kemm fil-Parlament Ewropew kif ukoll f'waħda mill-kapitali Andini fl-aħħar kwart tal-2013; wara s-seduti ta' smiegħ, jitlob li jsir rapport bil-miktub li jiġi ppreżentat lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u lis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim Kummerċjali sa dik id-data;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet tal-Kolombja u tal-Perù.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

# In-negozjati dwar it-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi

P7_TA(2012)0251

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar in-negozjati dwar it-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) (2012/2636(RSP))**

(2013/C 332 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għan-negozjar ta' trattat dwar il-kummerċ tal-armi (ATT) li se ssir fi New York bejn it-2 u s-27 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 61/89 (1) tas-6 ta' Diċembru 2006 intitolata "Lejn trattat dwar il-kummerċ tal-armi: l-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali" appoġġjata minn 153 Stat Membru tan-NU, li timmarka l-bidu formali ta' proċess lejn ATT, u 64/48 (2) tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar it-trattat dwar il-kummerċ tal-armi, appoġġjata minn 153 Stat Membru tan-NU, skont liema ġie deċiż li tissejjaħ Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti rigward it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li titlaqqa' għal erba' ġimgħat konsekuttivi fl-2012 biex telabora strument vinkolanti dwar l-ogħla standards komuni internazzjonali possibbli rigward it-trasferiment tal-armi konvenzjonali,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/336/PESK (3) tal-14 ta' Ġunju 2010 u deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti dwar l-attivitajiet tal-UE b'appoġġ għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi,

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari (4),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk tal-10 ta' Diċembru 2007 u tat-12 ta' Lulju 2010 dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2007 rigward trattat dwar il-kummerċ tal-armi u l-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali (5), tat-13 ta' Marzu 2008 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi (6) u tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi (7) li jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti ta' trattat dwar il-kummerċ tal-armi,

— wara li kkunsidra t-tweġiba tal-UE għat-talba li għamel is-Segretarju Ġenerali tal-UN għal fehmiet dwar l-elementi ta' trattat dwar il-kummerċ tal-armi,

— wara li kkunsidra l-bosta kampanji tas-soċjetà ċivili madwar id-dinja favur trattat qawwi u robust dwar il-kummerċ tal-armi, inkluża l-Kampanja "Control Arms" u s-sejħa li saret minn rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (8),

(1) http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N06/499/77/PDF/N0649977.pdf?OpenElement
(2) http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N09/464/71/PDF/N0946471.pdf?OpenElement
(3) ĠU L 152, 18.6.2010, p. 14.
(4) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.
(5) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 342.
(6) ĠU C 66 E, 20.3.2009, p. 48.
(7) ĠU C 21 E, 28.1.2010, p. 2.
(8) ĠU L 146, 10 ta' Ġunju 2009, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi ma jeżisti l-ebda trattat globali vinkolanti li jirregola t-trasferiment ta' armi konvenzjonali;

B. billi aktar minn 40 Stat Membru tan-NU la għandhom qafas regolatorju nazzjonali għall-kontroll tat-trasferimenti tal-armi u lanqas ma jottemperaw ruħhom ma' kwalunkwe norma reġjonali jew internazzjonali;

C. billi l-valur stmat globali ta' trasferimenti ta-armi lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-2010 kien USD 40 355 miljun u l-valur tal-kunsinji kien USD 34 989 miljun, skont is-Servizz ta' Riċerka tal-Kungress tal-Istati Uniti tal-Amerika ([1]);

D. billi r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 64/48 tħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU biex jilħqu ftehim fuq strument vinkolanti, effikaċi u bilanċjat dwar l-ogħla standards komuni internazzjonali possibbli għat-trasferiment tal-armi konvenzjonali, u biex jikkonkludu trattat b'saħħtu u robust;

E. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU ddefiniet l-għan tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) bħala "trattat vinkolanti li jistabbilixxi standards komuni dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali" ([2]) u ddikjarat li l-Istati għandhom "jiżguraw li s-sistemi nazzjonali u l-kontrolli interni tagħhom jkunu tal-ogħla standards possibbli biex jipprevjenu d-diverżjoni tal-armi konvenzjonali mis-suq legali għal dak illeċitu, fejn jistgħu jintużaw għal atti terroristiċi, għall-kriminalità organizzata u għal attivitajiet kriminali oħra" ([3]);

F. billi l-kummerċ tal-armi mhux ikkontrollat u mhux irregolat jirrappreżenta theddida serja għall-paċi, is-sigurtà u l-istabilità lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, iżda wkoll għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli; billi l-kummerċ tal-armi mhux irregolat huwa fattur kontributorju għall-kunflitti armati, l-ispustament tan-nies, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu;

G. billi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li se jiġi nnegozjat fl-2012 jeħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet ċari u vinkolanti li jkunu konsistenti mal-ogħla standards internazzjonali, inkluża l-konformità sħiħa mal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

H. billi approċċ unit, koerenti u konsistenti min-naħa tal-UE huwa kruċjali biex trattat bħal dan ikun jista' jiġi adottat u implimentat b'mod effikaċi fil-livell dinji;

I. billi, fil-qasam tat-trasferiment tal-armi, ma jeżistux impenji vinkolanti li jissalvagwardjaw bla ambigwità l-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

J. billi l-Kunsill issottolinja li għandu jsir kull sforz possibbli biex jiġi żgurat li s-sessjonijiet tal-Kumitat Preparatorju jkunu inklussivi kemm jista' jkun; billi, għal dan il-għan, fl-14 ta' Ġunju 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/336/PESK dwar l-attivitajiet tal-UE b'appoġġ għall-proċess tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea dwar is-Sigurtà, biex jippromwovi l-ATT fost l-Istati Membri tan-NU, is-soċjetà ċivili u l-industrija;

K. billi, mill-adozzjoni tagħha 'l hawn, il-Pożizzjoni Komuni tal-UE li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari kkontribwiet għall-armonizzazzjoni tal-politiki nazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi tal-Istati Membri tal-UE u l-prinċipji u l-kriterji tagħha ġew approvati uffiċjalment minn diversi pajjiżi terzi;

L. billi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jeħtieġ li jsaħħaħ l-obbligu ta' rendikont u billi l-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ li tkun ċara u trasparenti;

M. billi l-Karta tan-Nazzjonijiet uniti tikkonferixxi drittijiet u responsabilitajiet lill-Istati Membri tan-NU, inkluż, skont l-Artikolu 51, id-dritt inerenti ta' kull Stat għall-awtodifiża individwali jew kollettiva;

([1]) http://www.sipri.org:9090/research/armaments/transfers/transparency/national_reports/united_states/CRS_Report_DN_03-10.pdf/view
([2]) Ir-Riżoluzzjoi tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 61/89.
([3]) Ir-Riżoluzzjoi tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 63/240.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

***Trasparenza u responsabilità – l-elementi kruċjali għal Trattat robust dwar il-Kummerċ tal-Armi***

1. Jinnota li l-valur tal-esportazzjoni globali tal-armi qed ikompli jikber, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-Istati Membri tal-UE għandhom sehem konsistenti ta' madwar 30 % tal-esportazzjonijiet kollha, u huma fost l-akbar produtturi u esportaturi tal-armi fid-dinja ([1]); jenfasizza, għaldaqstant, li l-UE għandha sew responsabilità kif ukoll interess li tiżviluppa u tikkontribwixxi biex il-kummerċ tal-armi fil-livell dinji jkun aktar irregolat, trasparenti u kkontrollat;

2. Jinnota li l-kummerċ tal-armi nieqes mir-regolamentazzjoni tajba, mill-kontroll u mit-trasparenza jwassal għal kummerċ irresponsabbli tal-armi, ikkawża tbatija bla bżonn lin-nies, kebbes il-kunflitti armati, l-instabilità, l-attakki terroristiċi u l-korruzzjoni, immina l-proċessi tal-bini tal-paċi, il-governanza tajba u l-iżvilupp soċjoekonomiku u wassal biex waqgħu gvernijiet li kienu ġew eletti b'mod demokratiku u għal vjolazzjonijiet tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali;

3. Jitlob, għaldaqstant, li n-negozjar f'Lulju 2012 ta' Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerċ tal-Armi jimmarka pass storiku 'l quddiem, b'aktar trasparenza u responsabilità, billi jistabbilixxi l-ogħla standards u kriterji internazzjonali għall-valutazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferiment, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali;

4. Jitlob li l-komunità internazzjonali turi l-impenn tagħha biex tirregola l-kummerċ internazzjonali tal-armi billi tagħmel użu sħiħ mir-Regoli ta' Proċedura ħalli tilħaq qbil fuq test komprensiv li jkopri l-kwistjonijiet ewlenin kollha meħtieġa biex jintlaħaq ftehim fuq Trattat robust waqt il-konferenza ta' Lulju 2012;

5. Jitlob li jkun hemm negozjar b'ħeffa, u adozzjoni u dħul fis-seħħ b'urġenza, ta' Trattat globali u komprensiv tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi;

***Ambitu***

6. Jissottolinja li Trattat effikaċi għandu jkopri l-usa' firxa possibbli ta' attivitajiet fil-kummerċ tal-armi konvenzjonali, iklużi l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment (inkluż it-tranżitu u t-trasbord kif ukoll l-importazzjoni u l-esportazzjoni temporanji u r-riesportazzjoni), il-manifattura taħt liċenzja barranija, il-ġestjoni tal-ħażniet, u s-servizzi relatati kollha inklużi s-senserija, it-trasport u l-finanzjament;

7. Jemmen li Trattat effikaċi għandu jkopri l-aspetti kollha tal-kummerċ fl-armi konvenzjonali, inklużi trasferiment bejn Stat u ieħor, trasferimenti bejn Stat u utent aħħari privat, bejgħ kummerċjali u kirjiet, kif ukoll self, għoti b'rigal jew assistenza, jew kwalunkwe xorta oħra ta' trasferiment;

8. Jemmen li Trattat effikaċi għandu jkopri wkoll l-usa' firxa possibbli ta' armi konvenzjonali, inklużi l-armi żgħar u ħfief kif ukoll il-munizzjon, it-trasferimenti intanġibbli, l-oġġetti b'użu doppju, il-komponenti u t-teknoloġiji assoċjati mal-użu, il-manifattura jew il-manutenzjoni tagħhom, kemm għal użu militari kif ukoll għal finijiet oħra relatati mas-sigurtà u mal-infurzar tal-liġi;

9. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni xierqa għall-immarkar u t-traċċabilità tal-armi u l-munizzjon konvenzjonali, għat-tisħiħ tar-responsabilità u l-prevenzjoni tad-diverżjoni tat-trasferiment tal-armi lil riċevituri illegali;

***Kriterji u standards internazzjonali***

10. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mill-adozzjoni ta' sett ta' standards l-aktar għoljin, qawwija u ċari possibbli;

11. Jitlob li l-ATT ifakkar lill-Istati Kontraenti li kull deċiżjoni dwar it-trasferiment tal-armi għandha tkun għalkollox konsistenti mal-impenji internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari rigward il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, kif ukoll bi qbil mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

([1]) Ċifri meħuda mis-SIPRI Trend Indicator Values (espressi f'USD skont prezzijiet kostanti tal-1990), disponibbli fis-sit: http://www.sipri.org/databases/armstransfers/background/explanations2_default

inklużi s-sanzjonijiet u l-embargoes fuq l-armi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; huwa tal-fehmali l-Istati Kontraenti m'għandhomx jirttrasferixxu armi lejn pajjiżi fejn ikun hemm riskju sostanzjali li jintużaw biex bihom jitwettqu jew jiġu ffaċilitati vjolazzjonijiet serji tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, inklużi l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra;

12. Iheġġeġ lill-Istati Membri tan-NU jadottaw kriterji addizzjonali vinkolanti (li għandhom jiġu żviluppati bħala standards internazzjonali) biex jiggwidaw lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-armi; iqis li dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, l-imġiba fl-imgħoddi tal-pajjiż ta' destinazzjoni fir-rigward tal-governanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riskju ta' devjazzjonijiet, l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, kif ukoll iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà reġjonali; huwa tal-fehma li fit-Trattat għandhom jitniżżlu kriterji speċifiċi kontra l-korruzzjoni;

13. Jitlob lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri tal-UE jippromwovu l-inklużjoni ta' mekkaniżmi qawwija kontra l-korruzzjoni fit-trattat futur, kif imniżżel fil-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni tal-UE tat-12 ta' Lulju 2011; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi inkluża referenza għall-korruzzjoni li tkun konsistenti mal-istrumenti internazzjonali applikabbli u li jittieħdu miżuri adegwati biex jipprevjenu reati ta' dan it-tip;

14. Jitlob li dawn il-kriterji jitfasslu fis-sura ta' linji gwida operazzjonali komuni għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskji bħala bażi għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferiment tal-armi;

15. Jitlob li l-Unjoni Ewropea, irrispettivament mill-eżitu tan-negozjati tal-ATT, tkompli żżomm l-ogħla standards possibbli fl-interpretazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar l-Esportazzjoni tal-Armi (2008/944/PESK) u t-tmien kriterji tagħha, speċjalment fir-rigward tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

***Miżuri ta' implimentazzjoni u rappurtar***

16. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni effikaċi u kredibbli tal-ATT, b'enfasi fuq l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, ir-responsabilità ta' kull Stat Kontraenti u koordinazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet kompetenti;

17. Jenfasizza li ATT robust jeħtieġlu jinkludi dispożizzjonijiet u normi ta' kejl li lill-Istati Kontraenti jikkommettuhom biex jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali u jistabbilixxu awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll tat-trasferimenti kollha ta' oġġetti koperti bit-trattat u għall-qadi tar-rekwiżiti kollha ta' rappurtar u implimentazzjoni; huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni tal-ATT għandha tkopri l-kontrolli fuq l-utenti aħħarin u fuq l-attivitajiet ta' senserija, inklużi r-reġsitrazzjoni tal-operaturi u l-liċenzjar tal-attivitajiet tagħhom, l-għoti tal-informazzjoni meħtieġa kollha min-naħa tal-applikanti u l-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni sħiħa ta' sostenn qabel ma tinħareġ awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, kif ukoll miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu bħala reati kriminali kull trasferiment ta' armi u munizzjon konvenzjonali mhux liċenzjat mill-awtorità nazzjonali jew mhux skont it-trattat;

18. Jemmen li l-implimentazzjoni effikaċi tat-trattat se tiddependi mill-promozzjoni tat-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Kontraenti dwar deċiżjonijiet relatati mal-esportazzjoni, l-mportazzjoni u t-trasferiment tal-armi;

19. Jemmen li l-esperjenza tar-Reġistru tal-Armi Konvenzjonali tan-NU, li qiegħed jevolvi, se tiffaċilita l-bini ta' dan it-tip ta' trasparenza u skambju ta' informazzjoni, u jitlob li jkun hemm twessigħ tal-kategoriji ta' armi fir-reġistru, inklużi l-armi żgħar u ħfief u l-munizzjon tagħhom;

20. Jitlob li l-ATT, għaldaqstant, jinkludi dispożizzjonijiet qawwija u ċari dwar rappurtar regolari mill-Istati Kontraenti fuq bażi annwali rigward id-deċiżjonijiet kollha dwar trasferimenti ta' armi, inkluża informazzjoni dwar it-tipi, l-ammonti u r-riċevituri ta' tagħmir awtorizzat għat-trasferiment, u dwar l-implimentazzjoni tal-ambitu sħiħ u tad-dispożizzjonijiet kollha tat-trattat; jitlob li l-ATT jesiġi wkoll li l-Istati Kontraenti jistabbilixxu sistema dettaljata ta' żamma ta' rekords għal tal-anqas 20 sena, għal kull kummerċ u għal kull tranżazzjoni internazzjonali pproċessata permezz tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll tagħhom;

21. Jitlob li tiġi stabbilita Unità speċifika ta' Implimentazzjoni u Appoġġ tal-ATT, li r-responsabilitajiet tagħha jkunu jinkludu l-ġbir u l-analiżi ta' rapporti tal-Istati Kontraenti; u jitlob li s-Segretarju Ġenerali tan-NU jippubblika rapport annwali bi proposti ulterjuri għat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet operazzjonali tat-trattat; jitlob li l-Unità ta' Implimentazzjoni u Appoġġ tal-ATT tingħata l-jedd li tanalizza wkoll dejta fuq it-trasferimenti tal-armi u tidentifika diskrepanzi u ksur potenzjali tat-trattat u tirrapporta lill-assemblea tal-Istati Kontraenti;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

22. Jitlob li tali rapporti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;

23. Jitlob li jsiru assemblej annwali tal-Istati Kontraenti u konferenza ta' rieżami kull ħames snin, li fiha jitħeġġu jieħdu sehem organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

24. Jemmen li s-suċċess fit-tul tal-ATT jiddependi mit-trasparenza sħiħa u mill-obbligu ta' rendikont lejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-korpi ta' kontroll parlamentari fil-pajjiżi li jesportaw jew jimportaw; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm mekkaniżmi robusti ta' trasparenza, inkluż rappurtar annwali, ħalli jssaħħu r-rwol tal-parlamenti f'li jżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet meħuda dwar l-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-trasferiment tal-armi;

25. Jemmen li kwalunke Stat Kontraenti li jitlob sostenn għall-implimentazzjoni tal-impenji tiegħu skont it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi għandu jingħata l-appoġġ u l-assistenza teknika meħtieġa; jitlob li l-UE tissokta bl-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-assistenza u tqawwi l-għajnuna tagħha f'oqsma bħalma huma l-assistenza leġiżlattiva, il-bini ta' istituzzjonijiet, is-sostenn amministrattiv, kif ukoll l-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet nazzjonali ta' għarfien espert fil-korpi kollha involuti fis-sistema tal-kontroll tat-trasferimenti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-parlamenti;

***Ir-rwol tal-UE u tal-PE***

26. Jirrikonoxxi r-rwol koerenti u konsistenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-appoġġ tal-proċess internazzjonali għall-istabbiliment ta' trattat dwar il-kummerċ tal-armi; jappella għal impenn u kuntatt kontinwu qabel il-konferenza, anke fl-ogħla livell politiku fil-proċeduri u s-samits li jwasslu għall-konferenza ta' Lulju, kif ukoll fil-proċessi ta' ratifikazzjoni u implimentazzjoni;

27. Jemmen li t-tweġiba tal-UE għat-talba tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal fehmiet dwar l-elementi ta' trattat dwar il-kummerċ tal-armi jirrappreżenta l-bażi xierqa għal azzjoni koordinata mill-Istati Membri tal-UE fil-Konferenza internazzjonali dwar l-ATT;

28. iħeġġeġ lir-RGħ/VP tagħmel sforzi intensivi biex tikkonsulta u tikkoordina mal-Istati Membri kollha tal-UE ħalli tiżgura li l-UE titkellem b'leħen wieħed u tippromwovi pożizzjoni qawwija;

29. Jistieden lill-Istati Membri, bi qbil mal-impenn tagħhom skont it-Trattat ta' Lisbona, jiddefendu fil-Konferenza l-pożizzjonijiet tal-Unjoni bi tweġiba għas-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, biex jiżguraw eżitu ambizzjuż u trattat robust dwar il-kummerċ tal-armi; jitlob, għalhekk, li l-Istati Membri tal-UE jiddikjaraw bil-mifuħ u bla ambigwità l-appoġġ sħiħ tagħhom għad-delegazzjoni tal-UE li se tieħu sehem fin-negozjati;

30. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jaħdmu favur robustezza fir-rigward tal-kontenut u s-sħubija tat-trattat futur; iħeġġeġ lill-USA twarrab mill-pożizzjoni tagħha li t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jeħtieġlu jiġi nnegozjat fuq il-bażi ta' kunsens;

31. Jilqa' d-dikjarazzjoni tar-RGħ/VP, bi qbil mal-Artiolu 34(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li fiha se tippreżenta lill-Parlament il-pożizzjoni tal-UE qabel il-Konferenza;

*

* *

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati membri tal-UE.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

## Segwitu tal-elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

P7_TA(2012)0252

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar segwitu tal-elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2012/2673(RSP))**

(2013/C 332 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' prinċipji għall-osservazzjoni internazzjonali tal-elezzjonijiet, imfakkra min-Nazzjonijiet Uniti f'Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem, ratifikata mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) fl-1982,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-missjonijiet ta' assistenza u ta' osservazzjoni elettorali tal-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ffirmat f'Ġunju 2000,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-22 ta' Novembru 2007 tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b'mod partikulari fil-lvant tal-pajjiż, u l-impatt tagħha fuq ir-reġjun,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/769/PESK tad-19 ta' Ottubru 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (SSR) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Kongo),

— wara li kkunsidra l-missjoni għar-riforma tas-settur tas-sigurtà EUSEC RD Kongo, stabbilita f'Ġunju 2005 (Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/355/PESK tat-2 ta' Mejju 2005 dwar il-missjoni tal-Unjoni Ewropea biex tipprovdi pariri u assistenza għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)),

— wara li kkunsidra l-mandat tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE (MOE UE) għall-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi tat-28 ta' Novembru 2011 li tagħti evalwazzjoni dettaljata, imparzjali u indipendenti tal-proċess elettorali, skont il-qafas ġuridiku nazzjonali u reġjonali imma wkoll skont l-istandards u t-trattati internazzjonali ffirmati mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra l-mandat tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew li ngħaqdet mal-MOE UE u approvaw il-konklużjonijiet tagħha,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Diċembru 2011 tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Catherine Ashton dwar il-proċess elettorali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Komuni tat-2 ta' Diċembru 2011 tar-Rappreżentant Għoli Ashton u tal-Kummissarju Piebalgs dwar l-elezzjonijiet u d-Dikjrazzjoni tas-7 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Catherine Ashton dwar il-proċess elettorali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-MOE UE fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali Indipendenti Nazzjonali (INEC), maħruġa f'April 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-MOE UE fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo kkonkludiet fir-rapport finali tagħha li l-proċess elettorali kien karatterizzat min-nuqqas ta' trasparenza u ta' kredibilità minħabba d-diversi irregolaritajiet u frodi li ġew osservati;

B. billi l-MOE UE fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo għamlet 22 rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi Kongoliżi għal titjib fit-trasparenza u l-kredibilità tal-proċess elettorali. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jitpoġġew fil-prattika fil-perspettiva tal-elezzjonijiet provinċjali u lokali li se jsiru fil-futur qarib;

C. billi meta tkellmet f'isem l-UE, il-Viċi President / Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tenniet it-tħassib dwar in-nuqqasijiet gravi u n-nuqqas ta' trasparenza fil-għbir u l-publikazzjoni tar-riżultati elettorali li kienu rrapurtati, fost affarijiet oħra, mill-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni tal-UE;

D. billi minkejja n-nuqqasijiet identifikati mill-awtoritajiet Kongoliżi nfushom u mill-INEC, il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo kkonfermat ir-riżultati definittivi tażżewġ elezzjonijiet u fis-16 ta' Diċembru 2011 ħabbret lill-President fil-kariga, Joseph Kabila, President rielett;

E. billi l-iskadenza għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet provinċjali u lokali tal-25 ta' Marzu 2012 ma ġietx rispettata, u billi fis-6 ta' Ġunju 2012, il-President tal-INEC ħabbar kalendarju rivedut għall-elezzjonijiet provinċjali, tal-bliet, muniċipali u lokali li jestendi l-proċess elettorali sal-2014;

F. billi l-prinċipju tal-parteċipazzjoni ndaqs tal-kandidati kollha fil-midja ma setax jiġi garantit mill-Kunsill Superjuri Awdjoviżiv u tal-Komunikazzjoni (CSAC);

G. billi l-impunità għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem qed joħloq klima ta' nuqqas ta' sigurtà u billi s-sitwazzjoni fir-rigward tal-proċess ta' demokratizzazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo għadha qed tqajjem tħassib, minħabba li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem motivat politikament żdied waqt il-preparazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali;

H. billi r-ripressjoni kontra l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti fil-Kongo kibret, u dawn qed jiġu arrestati u intimidati b'mod arbitrarju;

I. billi l-qtil ta' Floribert Chebeya Bahizire, wieħed mill-attivisti Kongoliżi ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, u l-mod ta' kif ġiet trattata l-kwistjoni mhumiex biss delitti serji fihom infushom iżda wkoll l-agħar messaġġ possibbli għad-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem Kongoliżi;

J. billi nqalgħu għadd kbir ta' problemi waqt il-perjodu ta' qabel l-elezzjoni, inkluża l-bidla għal sistema ta' vot wieħed għall-elezzjonijiet presidenzjali, reġistru elettorali mhux validat, nuqqas ta' leġittimità min-naħa tal-INEC, qafas legali inadegwat u applikat ħażin u l-ħatra ta' mħallfin tal-Qorti Suprema;

K. billi skont il-pakkett A tal-Għaxar FEŻ, l-UE tappoġġa proġetti tal-governanza tajba, bħst-twettiq ta' elezzjonijiet demokratiċi u trasparenti;

L. billi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għal dawn l-elezzjonijiet ammontat għal EUR 47,5 miljun, EUR 2 miljuni addizzjonali għas-sigurtà; japprezza l-involviment personali ta' 147 osservatur fl-operazzjoni ta' sorveljanza tal-elezzjoni bħala parti mill-EOM UE DRC 2011;

M. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu 1991 adottata fit-28 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU pprolonga l-mandat tal-30 ta' Ġunju 2012 Missjoni tan-NU għall-Istabilità fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Monusco);

N. billi ż-żieda fil-qgħad, id-degradazzjoni tal-qagħda soċjali u ż-żieda tal-faqar fost il-popolazzjoni huma wkoll fatturi li jiddeterminaw l-instabilità politika fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

O. billi 1,7 miljun persuna ġew spostati internament, filwaqt li 426,000 persuna ħarbu lejn il-pajjiż ġirien;

1. Jemmen li l-bini ta' soċjetà demokratika jirrikjedi, fuq kollox, rieda politika qawwija u viżjoni ambizzjuża min-naħa tal-mexxejja politiċi, tal-gvernijiet u tal-gruppi tal-oppożizzjoni, bil-għan li jibnu l-istituzzjonijiet politiċi biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem, soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-popolazzjoni;

2. Hu tal-fehma li l-mexxejja politiċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet reliġjużi u l-assoċjazzjonijiet tan-nisa fir-RDK għandhom jilħqu konsensus nazzjonali fuq istituzzjonijiet adegwati u xierqa, jistabbilixxu u jaqblu dwar proċeduri li permezz tagħhom jistgħu jiġu implimentati prattiki demokratiċi;

3. Iqis li sistemi ġudizzjarji u tal-midja li jkunu indipendenti huma essenzjali fit-tiswir u r-regolamentazzjoni tal-proċess demokratiku bl-għan li jissaħħaħ l-istat tad-dritt, fil-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi inkluż parlament li jiffunzjona msejjes fuq il-pluraliżmu politiku, u t-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili;

4. Hu tal-fehma li l-elezzjonijiet huma meħtieġa, iżda minnhom infushom mhumiex biżżejjed biex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji għal proċess tad-demokratizzazzjoni, li jinvolvi aktar minn sempliċi organizzazzjoni ta' elezzjoni; iqis li biex id-demokratizzazzjoni tkun suċċess, impenn għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' pajjiż u għar-rispett tad-drittijiet bażiċi tal-popolazzjonijiet, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-impjiegi, hu kriċjali;

5. Isellem lill-poplu Kongoliż li pparteċipa bi ħġaru fl-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi ta' Novembru 2011, u b'hekk wera kemm hi kbira x-xewqa tiegħu għall-bini ta' demokrazija ġenwina fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

6. Iħeġġeġ lill-gvern jibda djalogu politiku mal-partijiet kollha, inklużi l-forzi tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, biex titwitta t-triq għal demokrazija ġenwina u r-riformi politiċi fil-pajjiż;

7. Jenfasizza l-importanza li titwaqqaf Qorti Kostituzzjonali li tassigura aktar trasparenza fil-proċess elettorali speċjalment fir-rigward tas-soluzzjoni ta' tilwimiet elettorali;

8. Itenni li osserva li l-INEC ma wettqitx dmirha sewwa u jirrakkomanda riforma mill-qiegħ ta' diversi aspetti u li l-kompożizzjoni tagħha tiġi riveduta biex issir verament paritarja u aktar rappreżentattiva tas-soċjetà ċivili Kongoliża;

9. Jilqa' r-rieda tal-INEC li terġa' tistabbilixxi l-fiduċja fost l-atturi differenti u li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-EOM tal-UE, jistieden lill-INEC, f'dan ir-rigward, biex tissuġġerixxi linja ta' azzjoni speċifika u xierqa;

10. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili Kongoliża fil-proċess elettorali f'termini ta' promozzjoni tal-edukazzjoni ċivika u osservazzjoni nazzjonali; jitlob għaldaqstant lill-UE u lill-komunità internazzjonali biex jakkumpanjaw lir-Repubblika Demokratika tal-Kongo fl-isforzi tagħha favur il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-paċi, jappoġġaw lill-NGOs Kongoliżi fil-ħolqien ta' kuxjenza tal-eletturi u fl-osservazzjoni tal-elezzjonijiet u biex isostnu lill-poplu Kongoliż fir-rieda tiegħu għad-demokrazija u l-ġustizzja soċjali;

11. Iħeġġeġ l-istabbiliment ġenwin u effikaċi tal-CSAC, biex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' parteċipazzjoni ndaqs fuq il-midja tal-kandidati kollha tal-elezzjonijiet;

12. Jikkundanna bil-qawwa l-każijiet ta' vjolenza u l-ksur tad-drittijiet fundamentali waqt l-elezzjonijiet tat-28 ta' Novembru 2011 u jitlob lill-awtoritajiet Kongoliżi jagħmlu l-isforzi kollha biex iwettqu l-inkjesti meħtieġa biex jinstabu l-persuni li wettquhom; ifaħħar ix-xogħol tal-forzi tas-sigurtà u tal-ordni fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu b'mod effettiv il-ksur kollha tad-drittijiet tal-bniedem;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

13. Jenfasizza li ma kienx hemm progress sinifikanti fl-informazzjoni ġudizzjarja aperta dwar il-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-istupri tal-massa; josserva li l-qrati għadhom, fil-parti l-kbira tagħhom, mhux kapaċi joffru ġustizzja u reparazzjoni lill-vittmi;

14. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-qattiela tal-attivist tad-drittijiet tal-bniedem Chebeya, minkejja s-sentenza tal-Qorti, għadhom ħielsa; iħeġġeġ lis-sistema tal-ġustizzja Kongoliża tqis l-appell ppreżentat mill-armla Chebeya kontra din is-sentenza, u tiffissa data għas-smigħ ta' dan l-appell;

15. Jappella lill-awtoritajiet Kongoliżi, f'isem il-libertà tal-espressjoni, biex ma jostakolawx – direttament jew indirettament – ix-xandir fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo tad-dokumentarju tal-produttur Thierry Michel li jitratta l-każ ta' Chebeya;

16. Jitlob lill-Gvern Kongoliż jimpenja ruħu favur prattika politika li tirrispetta verament id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni, ta' manifestazzjoni u tar-reliġjon, u biex tintemm id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess jew tal-orjentazzjoni sesswali; jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kontroll fuq is-servizzi tas-sigurtà;

17. Jistieden lill-Gvern attwali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo biex iżid l-isforzi domestiċi tiegħu ħalli jinforza l-istat tad-dritt u jiżgura s-sigurtà għall-poplu Kongoliż fil-pajjiż kollu; jistieden lill-Prim Ministru, bħala l-membru tal-Gvern li hu responsabbli għall-finanzi pubbliċi, biex jiżgura li l-ogħla standards ta' ġestjoni finanzjarja u ta' proċeduri baġitarji sodi jsiru l-istandard fid-deċiżjonijiet tat-tfassil tal-politiki tal-Gvern tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

18. Josserva li d-diskriminazzjoni kontra n-nisa – li xxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fil-ħajja politika – għadha qed issir, minkejja l-fatt li l-Kostituzzjoni tħaddan il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-parità bejniethom f'diversi sitwazzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jissuġġerixxi li jittieħdu l-miżri kollha meħtieġa biex tkun żgurata l-integrazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u l-emendar tal-liġi elettorali biex ikun żgurat il-prinċipju tal-parità bejn in-nisa u l-irġiel;

19. Jilqa' t-tħabbira mill-Bureau tal-INEC, magħmula permezz ta' stqarrija għall-istampa maħruġa fis-6 ta' Ġunju 2012, tad-deċiżjoni tiegħu N 019/CEN/BUR/12 li tiffissa kalendarju rivedut għall-elezzjonijiet provinċjali, tal-bliet, muniċipali u lokali li jestendi l-proċess elettorali sal-2014;

20. Jistieden lill-INEC jippreżenta pjan ta' organizzazzjoni u pjan baġitarju li juru b'mod ċar kif se jiġu organizzati l-elezzjonijiet li ġejjin; jitlob li dawn il-pjanijet jiġu sottomessi lill-partijiet politiċi kollha u lis-soċjetà ċivili għal approvazzjoni;

21. Jappella lill-membri kollha tal-maġġoranza presidenzjali, l-oppożizzjoni u l-amministrazzjoni publbika, u lis-soċjetà ċivili u lill-poplu Kongoliż b'mod ġenerali, biex jiżguraw li l-elezzjonijiet inklużi fil-kalendarju relettorali rivedut għall-perjodu 2012-2014 ikunu trasparenti, kredibbli u affidablli u li jkunu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-proċess elettorali Kongoliż dipendenti fuq it-twettiq effettiv tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE UE;

23. Jisħaq li l-qagħda tas-sigurtà u dik umanitarja fil-pajjiż għadha theddida għall-istabilità fir-reġjun, u jenfasizza li l-paċi, s-sigurtà, id-demokrazija u l-governanza tajba huma prekundizzjonijiet għall-iżvilupp fit-tul tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

24. Jitlob lill-Parlament Kongoliż jinvolvi ruħu fix-xogħol ta' monitoraġġ tas-settur tal-estrazzjoni u biex titqies il-possibilità ta' inkjesta indipendenti bl-għan li jkun żgurat li dan is-settur iwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod trasparenti;

25. Jappoġġa l-ħolqien tal-kariga ta' Rapporteur Speċjali għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo fi ħdan il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll it-tiġdid tal-mandat tal-Monusco biex titħares il-popolazzjoni ċivili;

26. Jistieden lill-awtoritajiet Kongoliżi jirratifikaw il-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza malajr kemm jista' jkun;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet tar-reġjun tal-Għadajjar il-Kbar, lill-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

# Il-konsultazzjonijiet pubbliċi u d-disponibbiltà tagħhom fil-lingwi kollha tal-UE

P7_TA(2012)0256

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi u d-disponibilità tagħhom bl-ilsna kollha tal-UE (2012/2676(RSP))**

(2013/C 332 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2010 dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea (COM(2010)0543), li tħabbar li l-Kummissjoni se twettaq rieżami tal-politika tagħha ta' konsultazzjoni fl-2011,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 jisimha 'L-Att dwar is-Suq Uniku Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja "Flimkien għal tkabbir ġdid" ' (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Krakovja adottata fil-Forum tas-Suq Uniku fit-3 u l-4 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija bil-miktub tal-14 ta' Marzu 2011 lill-Kummissjoni, bl-isem 'Strateġija għall-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni / Ilsna għall-konsultazzjoni pubblika' (E-002327/2011),

— wara li kkunsidra r-Regola 110 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kummissjoni pproponiet li s-sena 2013 tingħażel bħala s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini ħalli tkattar l-għarfien tan-nies dwar il-benefiċċji u d-drittijiet miksuba biċ-ċittadinanza tal-UE u biex tħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni;

B. filwaqt li l-persuni diżabbli għandhom diffikultajiet akbar billi jeħtieġu formati aċċessibbli għall-faċilitizzazzjoni tal-komunikazzjoni;

C. billi l-involviment tal-pubbliku huwa komponent fundamentali tal-governanza demokratika, ġaladarba l-konsultazzjonijiet pubbliċi mfasslin u kkomunikati tajjeb huma waħda mill-għodod ewlenin li jagħtu sustanza lill-politika ta' trasparenza tal-UE, u billi sal-lum il-potenzjal tagħhom ħalli tingħeleb il-qabża ta' komunikazzjoni u informazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-UE għadu ma ġiex sfruttat sa barra;

1. Jistieden lill-Kummissjoni tfittex attivament li tikkomunika maċ-ċittadini ordinarji billi tagħmel użu sħiħ mill-kanali eżistenti tal-komunikazzjoni ħalli tqassam il-konsultazzjonijiet fost il-pubbliku inġenerali u twettaqhom, b'mod li jilħaq il-miri, flimkien mal-NGOs u stakeholders oħrajn;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-jedd ta' kull ċittadin tal-UE li jindirizza lill-istituzzjonijiet tal-UE bi kwalunkwe wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-UE jkun rispettat bis-sħiħ u implementat billi jkun żgurat li l-konsultazzjonijiet pubbliċi jkunu disponibbli bl-ilsna uffiċjali kollha tal-UE, li l-konsultazzjonijiet kollha jkunu ttrattati b'mod ugwali u li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni msejsa fuq l-ilsien bejn il-konsultazzjonijiet;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-konsultazzjonijiet kollha jkunu jinftehmu miċ-ċittadini ordinarji u jitwettqu fi żmien biżżejjed twil li jippermetti parteċipazzjoni akbar;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi d-dritt tan-nies diżabbli li jkunu kkonsultati bl-użu ta' formati aċċessibbli;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

## Sitwazzjoni fit-Tibet

P7_TA(2012)0257

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-Sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet (2012/2685(RSP))**

(2013/C 332 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina u t-Tibet, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tas-27 ta' Ottubru 2011 ([1]) u tal-25 ta' Novembru 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tas-7 ta' April 2011 tiegħu dwar il-projbizzjoni tal-elezzjonijiet għall-gvern Tibetan f'eżilju fin-Nepal ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li jiggarantixxi liċ-ċittadini kollha d-dritt għal-libertà tat-twemmin reliġjuż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-identità, il-kultura u r-reliġjon u l-libertà tal-assoċjazzjoni huma prinċipji fundamentali tal-UE u tal-politika barranija tagħha;

B. billi l-Ue qajmet il-mistoqsija dwar id-drittijiet tal-minoranzi Tibetani matul il-31 rawnd tad-Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fi Brussell fid-29 ta' Mejju 2012; billi d-Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem ma rriżulta fl-ebda titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bnidem għat-Tibetani;

C. billi l-emissarji tal-Qdusija Tiegħu id-Dalai Lama approċċaw lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina biex tinstab soluzzjoni paċifika u reċiprokament benefika għall-kwistjoni tat-Tibet; billi t-taħditiet bejn iż-żewġ partijiet ma wasslu għal ebda riżultat konkret u bħalissa huma ffriżati;

D. billi l-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina użaw saħħa sproporzjonata biex jiffaċċjaw il-protesti tal-2008 fit-Tibet u, minn dak iż-żmien, imponew miżuri ta' sigurtà restrittivi li jxekklu l-libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tat-twemmin reliġjuż;

E. billi n-numru ta' vittmi tal-protesti tal-2008 setgħu kienu iktar minn 200 u n-numru ta' ħabsin ivarja bejn 4 434 u iktar minn 6 500, u fi tmiem l-2010, kien hemm 831 priġunier politiku mhux magħruf fit-Tibet, li fosthom 360 ġew ikkundannati ġuridikament u 12 qed jgħixu sentenza ta' għomor il-ħabs;

F. billi t-tortura, inkluż is-swat, l-użu ta' armi tal-elettroxokk, konfinazzjoni solitarja fit-tul, ġuħ u miżuri oħra simili huma rappurtati li jintużaw biex jingħataw konfessjonijiet fil-ħabsijiet tat-Tibet mill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0474.
([2]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 118.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0158.

G. billi 38 Tibetan, għall-maġġorparti patrijiet u sorijiet, ġew irrappurtati li taw in-nar lilhom infushom sa mill-2009, bħala protesta kontra l-politiki restrittivi taċ-Ċina fit-Tibet, u bħala appoġġ biex id-Dalai Lama jitħalla jirritorna u għad-drittijiet ta' libertà reliġjuża fil-prefettura tal- kontea Aba/Ngaba fil-Provinċja ta' Sichuan u f'partijiet oħra tat-Tibet;

H. billi l-istat attwali tal-benessri u ta' fejn jinsabu għadd ta' vittmi ta' ħruq bin-nar għadhom mhux magħrufa jew mhux ċari, partikolarment din ta' Chimey Palden, Tenpa Darjey, Jamyang Palden, Lobsang Gyatso, Sona Rabyang, Dawa Tsering, Kelsang Wangchuck, Lobsang Kelsang, Lobsang Kunchok u Tapey;

I. billi Gedhun Choekyi Nyima, il-11-il Panchen Lama, inżamm mill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u ma deherx sa mill-14 ta' Mejju 1995;

J. billi l-identità, il-lingwa, il-kultura u r-reliġjon Tibetani, ix-xhieda ta' ċivilizzazzjoni storikament għanja, huma pperikolati mit-tpoġġija ta' persuni Han fit-territorju storiku Tibetan u mill-isterminju tal-istil ta' għajxien tradizzjonalment nomadiku tat-Tibetani;

K. billi l-UE tinsab fil-proċess li taħtar u tistabbilixxi l-mandat u tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem;

L. billi t-talbiet preċedenti tal-Parlament Ewropew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE biex tindirizza s-sitwazzjoni fit-Tibet mal-kontropartijiet Ċiniżi tagħha ma wasslux għar-riżultati mistennija;

1. Itenni li s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandha tkun ibbażata fuq prinċipji u valuri komuni;

2. Jitlob biex il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE iżżid u ssaħħaħ l-isforzi biex tindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tat-Tibetani fil-kuntest tad-Djalogu bejn l-Ue u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem;

3. Jiddispjaċih f'dan ir-rigward dwar in-nuqqas ta' rieda tal-awtoritajiet Ċiniżi li jkollhom djalogu darbtejn fis-sena u dwar il-pożizzjoni tagħhom rigward il-modalitajiet u l-frekwenza tal-laqgħat, partikolarment fir-rigward tat-tisħiħ tal-parti tas-soċjetà ċivili u l-involviment tas-soċjetà ċivili fid-djalogu; iħeġġeġ lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant għoli tal-Unjoni biex tagħmel l-isforzi kollha possibbli sabiex tiżgura li d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ikun iktar effikaċi u orjentat lejn il-kisba ta' riżultati;

4. Jaqbel mal-proċess ta' demokratizzazzjoni ferm importanti u ta' suċċess fil-governanza tat-Tibetani fl-eżilju mill-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama u t-trasferiment reċenti min-naħa tiegħu tal-poteri u r-responsabilitajiet politiċi lid-demokratikament elett Kalon Tripa tal-Amministrazzjoni Ċentrali Tibetana, li jirrappreżenta x-xewqiet tal-poplu Tibetan;

5. Jappoġġa d-deċiżjoni tat-tmexxija politika Tibetana l-ġdida, li ġiet eletta demokratikament, li tkompli żżomm mal-Politika tal-Moderazzjoni tal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama, li tfittex awtonomija ġenwina għat-Tibetani fi ħdan ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u fil-kuntest tal-Kostituzzjoni Ċiniża;

6. Jappoġġa l-prinċipji stabbiliti fil-Memorandum dwar Awtonomija Ġenwina għall-poplu Tibetan, propost mill-emissarji tal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama lill-kontropartijiet Ċiniżi tagħhom fl-2008, li jipprovdu l-bażi għal soluzzjoni politika realistika u sostenibbli għall-kwistjoni tat-Tibet;

7. Jirrifjuta l-argument tal-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina li l-impenn tal-gvernijiet mal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama u l-membri tat-tmexxija Tibetana eletta demokratikament u l-espressjoni ta' appoġġ mill-gvernijiet għal sejba ta' soluzzjoni paċifika tal-kwistjoni tat-Tibet permezz ta' djalogu u negozjati jikkostitwixxu ksur tal-Politika ta' Ċina Waħda;

8. Jitlob biex l-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jagħtu awtonomija sinifikanti lit-territorju storiku tat-Tibet;

9. Jesprimi d-diżappunt li l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina ma kienx lest jissokta bid-djalogu mal-emissarji tal-Qdusija Tiegħu id-Dalai Lama sa minn Jannar 2010 u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jibdew diskussjonijiet sinifikanti mar-rappreżentanti tal-Amministrazzjoni Ċentrali Tibetana dwar il-ġejjieni tat-Tibet;

10. Jinsisti li l-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina tirrispetta l-libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tat-twemmin tat-Tibetani;

11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina biex jippermettu stħarriġ internazzjonali indipendenti, li għandu jitwettaq fir-rigward tal-protesti tal-2008 u l-konsegwenzi ta' dawn, u jitlob għar-rilaxx tal-priġunieri politiċi;

12. Jikkundanna kwalunkwe forma ta' tortura ta' persuni ħabsin u jistieden u jitlob lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina bie jippermettu spezzjoni internazzjonali indipendenti tal-ħabsijiet u taċ-ċentri ta' detenzjoni fit-Tibet;

13. Itenni l-kundanna tiegħu tal-attakki kontinwi min-naħa tal-awtoritajiet Ċiniżi fuq il-monasteri Tibetani u jitlob lill-Gvern Ċiniż jiggarantixxi l-libertà tat-twemmin reliġjuż lill-poplu tat-Tibet kif ukoll liċ-ċittadini kollha tiegħu;

14. Jinsisti li l-awtoritajiet Ċiniżi jiżvelaw x'sar mill-vittmi kollha li taw in-nar lilhom infushom fit-Tibet;

15. Itenni t-talba tiegħu li l-awtoritajiet Ċiniżi jiżvelaw x'sar minn Chedun Choekyi Nyima, il-11il Panchen Lama;

16. Jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi jħarsu l-libertajiet fundamentali lingwistiċi, kulturali, reliġjużi u libertajiet oħra tat-Tibetani u biex jevitaw politiki ta' ċaqliq favur il-persuni Han u għaż-żvantaġġ tat-Tibetani f'territorji storiċi tat-Tibet kif ukoll jisfurzaw nomadi Tibetani jabbandunaw l-sitil ta' għajxien tradizzjonali tagħhom;

17. Jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi biex ineħħu r-restrizzjonijiet kollha u jippermettu aċċess mingħajr ostakli u libertà tal-moviment madwar it-Tibet lill-midja indipendenti, lill-ġurnalisti u lis-sorveljanti tad-drittijiet tal-bniedem;

18. Jitlob li r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, ladarba jinħatar, jirrapporta regolarment dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, b'mod partikolari ir-rigward tat-Tibet;

19. Iħeġġeġ lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE biex taħtar koordinatur speċjali b'mandat li jirrapporta b'mod regolari dwar it-Tibet sabiex isir progress fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-poplu Tibetan, inkluż id-dritt tagħhom li jippreservaw u jiżviluppaw l-identità distintiva u t-turija reliġjuża, kulturali u lingwistika ta' din l-identità, biex jingħata appoġġ lil djalogu kostruttiv u negozjati bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-emissarji tal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama u biex tingħata għajnuna lir-refuġjati Tibetani, b'mod partikolari fin-Nepal u fl-Indja;

20. Jitlob biex il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE tindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet f'kull laqgħa mar-rappreżentanti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvern u l-parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-gvern Tibetan f'eżilju, lill-parlament Tibetan f'eżilju u lill-Qdusija Tiegħu id-Dalai Lama.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

# Il-futur tal-Att dwar is-Suq Uniku

P7_TA(2012)0258

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar 'l-Att dwar is-Suq Uniku ": Il-Passi li Jmiss għal Tkabbir" (2012/2663(RSP))**

(2013/C 332 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku. Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u tissaħħaħ il-fiduċja "Flimkien għal tkabbir ġdid" " (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku għal ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna: 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin" (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2012 bit-titolu "Nagħmlu Suċċess mis-Suq Uniku – Kontroll Annwali fuq il-Governanza 2011" (SWD(2012)0025),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tas-16 ta' Awwissu 2011 bit-titolu "Is-Suq Uniku f'għajnejn il-poplu: Ħarsa ġenerika tal-20 tħassib ewlieni taċ-ċittadini u n-negozji" (SEC(2011)1003),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kompetittività tal-10 ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar suq uniku għall-impriżi u t-tkabbir ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar suq uniku għall-Ewropej ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-governanza u s-sħubija fis-Suq Uniku ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar l-eżitu tal-Forum tas-Suq Uniku ([5]), li sar fi Krakow (il-Polonja) fit-3-4 ta' Ottubru 2011, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-Suq Uniku Ewropew ġab miegħu benefiċċji tremendi għaċ-ċittadini tal-Ewropa, filwaqt li fetaħ opportunitajiet ġodda għan-negozji Ewropej, speċjalment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

([1]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 84.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0146.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0145.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0144.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0543.

B. billi s-Suq Uniku huwa mutur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg fl-Unjoni Ewropea; billi l-Ewropej għadhom ma bbenefikawx bis-sħiħ mill-potenzjal tas-Suq Uniku f'ħafna oqsma u billi jinħtieġu inċentivi ġodda, b'mod partikolari biex jiżguraw il-mobbiltà effettiva tax-xogħol fl-Ewropa kollha, flimkien ma' koeżjoni soċjali adegwata, u biex jiffaċilitaw il-bejgħ u x-xiri transkonfinali;

C. billi s-Suq Uniku ma jistax jitiqies b'mod iżolat minn oqsma oħra ta' politika orizzontali, b'mod partikolari s-saħħa, il-protezzjoni soċjali u tal-konsumatur, il-liġi tax-xogħol, l-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli u l-politiki esterni; billi l-implimentazzjoni konkreta tal-Istrateġija UE 2020 teħtieġ approċċ żviluppat bis-sħiħ għall-approfondiment tas-Suq Uniku;

D. billi t-tendenza ekonomika negattiva attwali, u l-adozzjoni mill-ġdid ta' attitudnijiet ekonomiċi protezzjonisti fl-Istati Membri, heddew uħud mis-suċċessi l-aktar viżibbli tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, li jfisser li jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi oriġinarjament stabbiliti mid-Direttiva dwar is-Servzzi, u sadanittant jiġi evitat li jsir dannu għas-setturi ekonomiċi tradizzjonali;billi s-Suq Uniku huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel bħala mezz biex terga' tieħu r-ruħ l-ekonomija Ewropea, billi jipprovdi reazzjoni konkreta għall-kriżi fit-tul attwali, u biex jiżgura l-vijabbiltà tal-proġett Ewropew fuq medda twila ta' żmien;

E. billi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jaqblu dwar kalendarju vinkolanti, u dwar il-miżuri konkreti meħtieġa biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku u biex jiġu aboliti l-ostakli kollha mhux ġustifikati li fadal għall-moviment ħieles ta' oġġetti, servizzi u ħaddiema;

F. billi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiffokaw fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni fil-pront tal-partijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni dwar it-tkabbir, filwaqt li jagħtu prijorità lill-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u t-tnaqqis tal-burokrazija;

## I. *Introduzzjoni*

1. Jenfasizza li t-tisħiħ tas-Suq Uniku u li jiġi sostent bil-governanza ekonomika ottimali għandu jkun fil-qalba tal-aġenda tat-tkabbir tal-UE, u jitlob li s-Suq Uniku jitlesta bl-akbar determinazzjoni u ħeffa, filwaqt li titqies id-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali;

2. Jenfasizza r-rilevanza strateġika tal-Att dwar is-Suq Uniku, u l-identifikazzjoni "tat-tnax-il lieva" għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, bħala kontribut importanti għat-tisħiħ tas-Suq Uniku b'mod komprensiv u bbilanċjat; jenfasizza li l-Att dwar is-Suq Uniku huwa r-riżultat ta' proċess wiesa' ta' konsultazzjoni interistituzzjonali u mal-partijiet interessati;

3. Huwa tal-fehma li għandha tingħata prijorità immedjata għall-adozzjoni tat-12-il azzjoni ewlenija tal-Att dwar is-Suq Uniku, speċjalment dawk li se jiffaċilitaw it-tlestija tas-suq uniku diġitali, fejn possibbli, sa tmiem l-2012; jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ewlenin immirati lejn it-traspożizzjoni bikrija, ferm qabel l-iskadenza;

4. Jemmen li hemm bżonn li jinżamm il-pass milħuq fir-rigward tal-Att dwar is-Suq Uniku u għalhekk jipproponi li l-Att dwar is-Suq Uniku għandu jkun programm li jibqa' għaddej u li jiġi aġġornat u rivedut kull sena; jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni biex ikompli jiġi approfondit is-Suq Uniku billi jittieħed kont tal-progress miksub fir-rigward tal-Att dwar is-Suq Uniku qabel tmiem l-2012, bl-għan li jiġi ffaċilitat it-tkabbir u tittejjeb il-governanza tas-Suq Uniku; itenni li l-Att dwar is-Suq Uniku għandu jindirizza wkoll il-problemi soċjoekonomiċi tal-UE u għandu jaħdem lejn suq li jkun għas-servizz taċ-ċittadini;

5. Huwa tal-fehma li l-passi li jmiss għal azzjonijiet ta' prijorità għandhom ikunu bbażati prinċipalment fuq "it-tnax-il lievi" li jgħatu spinta lit-tkabbir, tal-Att dwar is-Suq Uniku, sabiex tiġi ffokata l-attenzjoni politika, jiġi żgurat kunsens dwar progress'il quddiem b'bażi bbilanċjata, u jsir japprofondiment u mmodernizzar tas-Suq Uniku, b'attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tal-benefiċċji tiegħu għall-konsumaturi u n-negozji; huwa tal-fehma li s-Suq Uniku għandu wkoll jippreserva benesseri soċjali u jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti;

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposti dettaljati relevanti sar-Rebbiegħa 2013;

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

II. ***Il-governanza tas-Suq Uniku***

7. Itenni li t-tmexxija b'saħħitha min-naħa tal-istituzzjonijiet Ewropej, u s-sjieda politiku min-naħa tal-Istati Membri, huma meħtieġa biex jirrestawraw il-kredibbiltà tas-Suq Uniku u l-fiduċja fih;

8. Jenfasizza li traspożizzjoni fqira u tardiva, u implimentazzjoni u infurzar inadegwati tar-regoli, jipprevjenu liċ-ċittadini u n-negozji milli jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-Suq Uniku;

9. Itenni l-ħtieġa li jitnaqqas id-defiċit ta' traspożizzjoni tad-Direttivi tas-Suq Uniku għal 0,5 % għal-leġiżlazzjoni pendenti u 0,5 % għal-leġiżlazzjoni trasposta b'mod inkorrett sal-aħħar tal-2012;

10. Jenfasizza li jeħtieġ li jkun hemm anqas leġiżlazzjoni tal-UE li hija aqwa; għalhekk, jistieden lill-Kummisjoni tuża fejn xieraq u prinċipalment fejn ma jkunx hemm bżonn aktar diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, aktar ir-regolamenti minflok id-direttivi bħala l-istrument legali ppreferut għar-regolamentazzjoni tas-Suq Uniku peress li għandhom vantaġġi evidenti f'termini ta' effiċjenza u effikaċja u joħolqu ambjent b'kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini u n-negozji, u għandhom potenzjal akbar għal infurzar privat;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka l-isforzi tagħha biex ittejjeb l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku, speċjalment fis-settur tas-servizzi u l-oġġetti, li mistennija jkollhom l-ogħla potenzjal biex jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni ssegwi ksur relatat mas-Suq Uniku fil-pront u b'mod vigoruż;

12. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra mekkaniżmi innovattivi, bħalma hija l-proċedura ta' valutazzjoni reċiproka tadd-Direttiva tas-Servizzi, ħalli tkun żgurata applikazzjoni aktar effettiva tal-liġi tal-UE;

13. Iqis li t-tabelli ta' korrelazzjoni jżidu t-trasparenza fil-proċess għall-iżgurar tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE;

14. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jerġgħu jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'25 % sal-2015 u jimmodernizzaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa "test ta' proporzjonalità" biex tiġi identifikata leġiżlazzjoni tal-UE sproporzjonata, u biex tali leġiżlazzjoni tiġi rrevokata;

16. Jilqa' "il-Kontroll tal-Governanza" tal-Kummissjoni għall-2011, li jippreżenta għall-ewwel darba perspettiva integrata tal-istrumenti differenti użati "fiċ-ċiklu ta' governanza tas-Suq Uniku", inklużi t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern, ir-Rapport Annwali Solvit u l-websajt "L-Ewropa Tiegħek"; jafferma mill-ġdid u bil-qawwa l-pożizzjoni tiegħu dwar l-importanza ta' punt uniku ta' servizz; ifaħħar lill-Kummissjoni għall-ħidma tagħha fuq il-portal L-Ewropa Tiegħek, u jħeġġeġ it-tlestija tal-iżvilupp ta' dan l-istrument innovattiv li jservi bħala element komplementari essenzjali għan-netwerk "Punti ta' Kuntatt Uniku" billi jipprovdi bieb uniku għall-informazzjoni kollha u jgħin is-servizzi meħtieġa miċ-ċittadini u n-negozji biex jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom fis-Suq Uniku;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta mingħajr dewmien pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ ulterjuri tar-rwol tas-SOLVIT, tal-Pariri tal-Ewropa Tiegħek u taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, fost servizzi ta' assistenza oħra, sabiex tagħmilhom aktar viżibbli għaċ-ċittadini u n-negozji;

18. Jisħaq dwar l-importanza ta' involviment aktar b'saħħtu u aktar bikri tal-partijiet interessati fit-tfassil, l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri meħtieġa biex tingħata spinta lit-tkabbir u lid-drittijiet taċ-ċittadini fis-Suq Uniku; jenfasizza, barra minn hekk, li d-djalogu mas-sħab soċjali, mal-parlamenti nazzjonali u mas-soċjetà ċivili għandu rwol essenzjali fir-restawr tal-fiduċja fis-Suq Uniku, u għalhekk għandu jitpoġġa fil-qalba tas-Suq Uniku mġedded;

19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvolvu liċ-ċittadini aktar mill-qrib fl-iżvilupp tas-Suq Uniku, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni aktar ċara li permezz tagħha se jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku, billi jitrawwem id-djalogu u l-komunikazzjoni maċ-ċittadini sabiex jifhmu aħjar l-aspettattivi tagħhom, u billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jissodisfaw l-obbligi tagħhom;

20. Itenni l-ħtieġa ta' monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Suq Uniku fl-ogħla livell politiku; jilqa' l-impenn tal-Kunsill Ewropew permezz tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Suq Uniku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni dwar is-Suq Uniku permezz ta' monitoraġġ indipendenti aktar sistematiku sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha. jipproponi li t-traspożizzjoni tista' titjieb billi ssir ħidma mill-qrib mal-Istati Membri biex jinkixfu l-problemi li jaffrontaw meta jkunu qegħdin jittrasponu leġiżlazzjoni, inklużi l-kunflitti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tgħinhom;

21. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja t-tlestija tas-Suq Uniku fi ħdan l-eżerċizzju annwali tas-Semestru Ewropew, filwaqt li tqis il-Kontroll annwali tal-Governanza SMA u l-mekkaniżmi ta' rappurtar tat-Tabella ta' Valutazzjoni; huwa tal-fehma li l-monitoraġġ annwali għandu jivvaluta sa liema punt il-konsumaturi u n-negozji jibbenefikaw mis-Suq Uniku, u għandu jirrapporta dwar kwalunkwe xkiel għall-funzjonament tiegħu;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva ddedikata għat-Tkabbir mibnija fuq il-kunċett ta' Ekonomija Ewropea tas-Suq Soċjali, ibbażata fuq is-semestru Ewropew, l-SMA l-Istrateġija UE2020 u d-deċiżjonijiet eżistenti relevanti, u li tkun sostnuta b'finanzjament minn, inter alia, il-Fondi Strutturali, bonds tal-proġetti u l-Programm ta' Qafas għar-Riċerka; jissuġġerixxi li l-inizjattiva għat-Tkabbir għandha tkun approvata politikament mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament Ewropew, wara konsultazzjoni mal-parlamenti nazzjonali, u li dan il-proċess għandu jagħti kontribut għal rakkomadazzjonjiet speċifiċi skont il-pajjiż li jqisu l-istat ta' implimentazzjoni tas-Suq Uniku;

## III. *Il-passi li jmiss għat-tkabbir*

23. Jemmen li huwa importanti li s-setturi li għandhom impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-ħtiġijiet tal-konsumatur għandhom jitpoġġew fiċ-ċentru tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku;

24. Ifakkar l-importanza ta' mekkaniżmu ta' rimedju effettiv bħala mezz biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jfittxu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; jenfasizza li ċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar dwar dawn il-mekkaniżmi ta' rimedju u l-istrumenti għar-riżoluzzjoni tal-problemi bl-għan li jkun iffaċilitat ir-rimedju tal-konsumatur f'xiri transkonfinali ta' prodotti u servizzi;

25. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u kompleta tad-Direttiva tas-Servizzi, inter alia, bit-twaqqif ta' Punti ta' Kuntatt Uniku li faċli għall-utent u komprensivi, u biex isegwu l-proċess ta' valutazzjoni reċiproka u l-kontrolli tal-prestazzjoni; iqis li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-integrazzjoni ta' dawn il-Punti ta' Kuntatt Uniku meħtieġa skont il-Pakkett dwar il-Prodotti;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq il-mekkaniżmu ta' trasparenza previst fl-Artikolu 59 tad-Direttiva MRPQ (Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali) biex jiġu identifikati l-oqsma fejn l-Istati Membri qegħdin jimblukkaw b'mod sproporzjonat, l-aċċess għal professjonijiet regolati;

27. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-akkwist pubbliku għat-tistiħ tal-innovazzjoni u l-kompetittività u għalhekk jitlob iż-żamma tal-isforz li qed isir f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ġdida dwar akkwisti pubbliċi b'mod strateġiku li jiggarantixxi li l-flus pubbliċi investiti f'xogħlijiet, servizzi u provvisti jwasslu għal tkabbir sostenibbli, ħolqien tal-impjiegi u koeżjoni soċjali;

28. Jenfasizza l-ħtieġa li l-fondi tal-UE li ma ntefqux jintużaw fil-pront għall-miżuri li jindirizzaw b'mod effiċjenti r-rata għolja tal-qgħad fost iż-żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jaqblu malajr dwar miri u miżuri vinkolanti fil-qasam tal-mobbiltà taż-żgħażagħ ("Żgħażagħ Attivi"), kif ukoll biex jimplimentaw fil-pront l-Inizjattiva Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ;

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

29. Jinsisti li, fl-era diġitali, l-Unjoni għandha tirrealizza bis-sħiħ il-potenzjal u l-opportunitajiet offruti permezz tal-Internet, il-kummerċ elettroniku u d-diffużjoni tal-ICTs fl-SMEs u fl-amministrazzjoni pubblika għall-iżvilupp ulterjuri tas-Suq Uniku, filwaqt li tagħmilhom disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE; jenfasizza li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda għandu jqis il-bżonn li jiġu protetti ċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-SMEs;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali bħala prijorità sabiex il-konsumaturi jkollhom aċċess bis-sħiħ għal offerti aktar kompetittivi ta' prodotti u servizzi; jitlob azzjoni ulterjuri min-naħa tal-Istati Membri b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni biex jingħelbu l-ostakli li jżommu liċ-ċittadini milli jkollhom aċċess għal servizzi onlajn;

31. Jitlob aġenda ambizzjuża tal-Konsumatur, li tinkludi azzjonijiet leġiżlattivi u politiċi, immirati biex jagħtu s-setgħa bis-sħiħ lill-konsumaturi medji kif ukoll lil dawk vulnerabbli;

32. Jenfasizza r-rwol tal-bejgħ bl-imnut bħala mutur għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, u bħala pedament tas-Suq Uniku; jilqa' l-adozzjoni ppjanata tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Bejgħ bl-Imnut komprensiv tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi strateġija għal suq bl-imnut aktar effiċjenti u ġust fl-Ewropa, li jibni fuq kisbiet pożittivi u jindirizza l-isfidi pendenti, kif ukoll il-Komunikazzjoni li tevalwa miżuri nazzjonali fis-seħħ li jindirizzaw relazzjonijiet kuntrattwali; ifakkar li l-Pjan ta' Azzjoni, u r-riżultati tad-djalogu bejn diversi partijiet interessati dwar prassi B2B (negozju għal negozju), se jiġu ppreżentati fl-ewwel Laqgħa ta' Diskussjoni dwar is-Suq bl-Imnut, li se ssir fl-aħħar tal-2012;

33. Jemmen li d-dimensjoni esterna tas-Suq Uniku teħtieġ li tissaħħaħ, b'mod partikolari billi tittejjeb il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istandardizzazzjoni internazzjonali, u li s-sinerġiji li jistgħu jinkisbu bejn il-politiki ekonomiċi esterni u interni tal-Unjoni, jiġifieri bejn is-Suq Uniku u l-kummerċ, għandhom jiġu segwiti;

34. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew II, li fir-rigward tiegħu l-użu tas-SESAR se jkollu rwol importanti u jistieden lill-Kummissjoni biex sal-2013, tipproponi proposta dwar it-tlestija ta' spazju uniku Ewropew permezz ta' tnaqqis fin-numru ta' blokok funzjonali tal-ispazju tal-arja,

35. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati infrastrutturi għall-industriji ta' netwerks kbar u għas-servizzi pubbliċi - inklużi servizzi ta' enerġija u trasport bħal netwerks ferrovjarji Trans-Ewropej, u komunikazzjonijiet elettroniċi bħall-aċċess broadband fl-UE kollha - bħala lieva għall-kompetittività, it-tkabbir u l-impjieg; jenfasizza l-ħtieġa li jinħoloq suq Ewropew intern tal-enerġija sabiex inaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE, ittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-UE u jtejjeb l-affordabilità tal-prezzijiet;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, proposta għal direttiva li jkun fiha d-dispożizzjonijiet relatati mar-relazzjoni bejn l-immaniġġjar tal-infrastruttura u l-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll proposta għall-ftuħ tas-suq nazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri li ma tnaqqasx il-kwalità tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju u tissalvagwardja l-obbligi tas-servizz pubbliku,

37. Jenfasizza l-ħtieġa li jitrawwem ir-rwol tal-SMEs fis-Suq Uniku billi jiġi żgurat aċċess għal kreditu u finanzjament, u billi jiġi implimentat kompletament is-Small Business Act;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-industrija, u għall-SMEs, speċjalment billi jissaħħu l-azzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment għas-sostenn tal-aċċess għal finanzi, u biex titrawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jiżdiedu sostanzjalment il-programmi prinċipali tal-UE għar-Riċerka u l-Iżvilupp u billi jsir użu aħjar tal-fondi li ma ntefqux għall-proġetti li jsaħħu t-tkabbir;

39. Ifakkar it-talba tiegħu għall-14-il Direttiva tal-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferiment transkonfinali tas-sede tal-kumpaniji, u jenfasizza li tali Direttiva se tiffaċilita b'mod konsiderevoli l-mobbiltà tal-kumpaniji fl-Ewropa; jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, tippreżenta proposti leġiżlattivi li jsegwu fuq il-Green Paper dwar il-Governanza Korporattiva u tinkludihom fil-Programm ta' Ħidma 2013;

40. Jiddeplora l-irtirar tar-regolament propost għall-istatut tas-soċjetajiet reċiproċi Ewropej, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta ġdida; jitlob lill-Kummissjoni terġa' tibda taħdem fuq id-Disa' Direttiva tal-Liġi tal-Kumpaniji dwar gruppi ta' kumpanniji sabiex jiġi pprovdut qafas regolatorju għal din il-forma komuni ta' assoċjazzjoni tan-negozju, u b'hekk toħloq sett ta' regoli komuni fir-rigward ta', inter alia, il-protezzjoni ta' sussidjarji u partijiet interessati, u trasparenza akbar fl-istruttura legali u tas-sjieda;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex jittejbu l-istrumenti finanzjarji disponibbli għas-sostenn ta' tkabbir sostenibbli, bħal progetti ta' bonds għal investimenti fit-tul, u biex toħroġ komunikazzjoni dwar il-kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni għall-innovazzjoni u t-tkabbir, u tirrevedi r-regoli eżistenti kif meħtieġ;

42. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq b'urġenza proposti li jtejbu l-protezzjoni għall-investituri u għal klijenti bl-imnut oħra fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien (PRIPS), impriżi għall-investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS), u medjazzjoni fl-assigurazzjoni u skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni;

43. Jenfasizza l-importanza ta' infrastruttura tas-suq finanzjarju soda biex issostni s-Suq Uniku, u għal-hekk jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti bikrija dwar mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet fir-rigward ta' tali infrastruttura; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' segwitu bikri għall-Karta Strateġika tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT;

44. Jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa fl-livell nazzjonali u Ewropew, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoordinaw il-politiki fiskali b'mod adegwat sabiex titġi evitata d-distorsjoni fil-funzjonament tas-Suq Uniku, jiġi garantit ambjent b'kundizzjonijiet ekwi għan-negożji u ċ-ċittadini u jiġu żgurati finanzji pubbliċi fis-sod;

45. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproduċi tabella ta' valutazzjoni li tippreżenta l-ostakli affrontati mill-ħaddiema tal-Unjoni li jixtiequ jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għal moviment liberu, li tiddeskrivi kif dawn l-ostakli qed jiġu indirizzati fl-Istati Membri u li sservi biex tevalwa jekk ġewx indirizzati kompletament u b'mod effettiv, mhux l-inqas billi teżamina l-fenomenu ta' "dumping soċjali"; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni biex jitneħħew l-ostakli persistenti li jaffrontaw iċ-ċittadini tal-Unjoni li jixtiequ jagħmlu użu mid-dritt tagħhom li jiċċaqalqu u li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor;

46. Huwa tal-fehma li l-Ewropej għadhom ma sfruttawx kompletament il-potenzjal tas-Suq Uniku f'ħafna oqsma, inkluż il-moviment liberu tal-persuni u tal-ħaddiema, u li jinħtieġu inċentivi importanti, b'mod partikolari, biex jiżguraw mobbiltà tax-xogħol effettiva fl-Ewropa kollha, notevolment permezz tal-garanzija tal-portabbiltà tas-sigurtà soċjali u d-drittijiet tal-pensjoni;

47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, filwaqt li jikkonformaw mar-Regolament(KE) Nru 883/2004 u l-Artikolu 153 TFUE, jagħmlu studji sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħarsien tas-sigurtà soċjali għal ċittadini mobbli fl-UE, kif ukoll l-ugwaljanza tat-trattament bħaċ-ċittadini tal-pajjiż ikkonċernat, billi jqisu wkoll sistema ta' sigurtà soċjali fakultattiva, volontarja u trasferibbli fil-livell Ewropew, li tkun komplementarja għas-sistema ġenerali, sabiex tkun stabbilita kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-qasam tal-politika soċjali;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

# Il-futur tad-Dritt Soċjetarju Ewropew

P7_TA(2012)0259

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-Futur tad-Dritt Soċjetarju Ewropew (2012/2669(RSP))**

(2013/C 332 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tad-dritt soċjetarju Ewropew imnedija mill-Kummissjoni fl-20 ta' Frar 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-konferenza dwar "Id-Dritt Soċjetarju Ewropew: it-triq 'il quddiem", organizzata mill-Kummissjoni fis-16 u s-17 ta' Mejju 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Futur tad-Dritt Soċjetarju tal-Ewropa tal-5 ta' April 2011 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 intitolata "L-Att dwar is-Suq Uniku – Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja – 'Flimkien għal tkabbir ġdid' "(COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 'Inizjattiva għan-negozju soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni' (COM(2011)0682),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Lulju 2007 dwar ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika (COM(2007)0394),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2003 dwar "L-Immodernizzar tal-Liġijiet tal-Kumpaniji u t-Titjib tal-Governanza tal-Kumpaniji fl-Unjoni Ewropea - Pjan biex nimxu 'l quddiem" (COM(2003)0284),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' April 2004 dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Modernizzazzjoni tal-Liġi tal-Kumpaniji u Tisħiħ tal-Governanza tal-Kumpaniji fl-Unjoni Ewropea – Pjan biex Nimxu 'l Quddiem" ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2006 dwar l-iżviluppi riċenti u l-prospetti fir-rigward tal-liġi tal-kumpaniji ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Kumpanija Privata Ewropea u l-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferiment tas-sede tal-kumpanija ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-trasferiment transkonfinali tal-uffiċċju reġistrat ta' kumpanija ([7]),

([1]) http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2012/company_law_en.htm
([2]) http://ec.europa.eu/internal_market/company/modern/index_en.htm#conference
([3]) http://ec.europa.eu/internal_market/company/modern/index_en.htm
([4]) ĠU C 104E, 30.4.2004, p. 714.
([5]) ĠU C 303E, 13.12.2006, p. 114.
([6]) ĠU C 263E, 16.10.2008, p. 671.
([7]) ĠU C 87E, 1.4.2010, p. 5.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2010 dwar aspetti tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali, tad-dritt tal-familja u tad-dritt internazzjonali privat tal-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-14-il direttiva dwar il-Liġi tal-kumpaniji rigward it-trasferiment transkonfinali tas-sedi tal-kumpaniji ([2]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija tal-7 ta' Mejju 2012 lill-Kummissjoni dwar il-futur tad-dritt soċjetarju Ewropew (O-000110/2012 – B7-0117/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-qafas regolatorju tal-UE għal-liġi tal-kumpaniji u l-governanza tal-kumpaniji hemm bżonn li jiġi adattat sabiex jirrifletti t-tendenza dejjem tiżdied li kumpaniji Ewropej joperaw b'mod transkonfinali ġewwa l-UE u l-integrazzjoni kontinwa tas-swieq Ewropej,

B. billi l-objettiv ġenerali huwa li n-negozji fl-Ewropa jkunu jistgħu jikkompetu b'mod iktar effettiv u jiksbu suċċess ikbar f'ambjent dinji kompetittiv ħafna, filwaqt li jiġi żgurat ħarsien adegwat tal-interessi tal-kredituri, azzjonisti, membri u impjegati;

C. billi qafas regolatorju b'użu faċli jinkoraġġixxi n-negozji, b'mod partikolari lis-SME, li japprofittaw mill-opportunitajiet offruti mis-suq uniku;

D. billi kull inizjattiva futura għandha tkun kumpatibbli mas-sistemi nazzjonali ta' governanza soċjetarja u mal-liġijiet nazzjonali dwar l-involviment tal-ħaddiema, filwaqt li jkollha l-objettiv ta' iktar flessibilità u libertà tal-għażla fir-rigward tal-forom ta' kumpaniji, tqassim intern tas-setgħat u strateġiji sostenibbli tal-kumpaniji;

E. billi hemm potenzjal mhux użat fil-forom legali tal-kumpaniji fil-livell Ewropew li għandu jiġi esplorat, żviluppat u promoss ulterjorment;

F. billi l-mobilità transkonfinali għall-kumpaniji għandha tkun faċilitata;

G. billi l-kriżi finanzjarja wriet il-bżonn ta' qafas ta' governanza soċjetarja iktar ċar li jiffoka b'iktar qawwa fuq il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati;

1. Jilqa' l-konsultazzjoni pubblika reċenti tal-Kummissjoni dwar il-futur tad-dritt soċjetarju Ewropew, li għandha tgħin biex jissawru inizjattivi futuri maħsuba biex jissemplifikaw l-ambjent kummerċjali għall-kumpaniji, inaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u jippermettu lill-kumpaniji joperaw b'mod effettiv fi ħdan is-suq uniku, filwaqt li jiżguraw ħarsien adegwat tal-interessi tal-kredituri, azzjonisti, membri u impjegati;

2. Huwa tal-fehma li l-forom tal-kumpaniji tal-UE li jissuplimentaw il-forom eżistenti disponibbli skont id-dritt nazzjonali għandhom potenzjal konsiderevoli u għandhom jiġu żviluppati u promossi ulterjorment; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, sabiex tissodisfa l-bżonnijiet speċifiċi tas-SME, tagħmel iktar sforzi biex jiġi adottat L-Istatut tal-Kumpaniji Privati (SPE) ([3]), li jkun jista' jikkunsidra bis-sħiħ l-interessi tal-partijiet interessati kollha, ħalli tingħeleb is-sitwazzjoni ta' staġnar fil-Kunsill;

3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tmexxi studju dwar l-impriżi mutwi Ewropej, kif imħabbar fl-Inizjattiva għan-negozju soċjali tagħha msemmija hawn fuq ([4]), u jħeġġiġha tagħmel passi mgħaġġla biex tressaq proposta ġdida għal statut;

([1]) ĠU C 99E, 3.4.2012, p. 19.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0019.
([3]) COM(2008)0396.
([4]) COM(2011)0682, p. 10.

4. Jemmen li riformi possibbli lit-Tieni Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju ([1]) għandhom jiffukaw fuq semplifikazzjoni ulterjuri minflok l-introduzzjoni ta' skema alternattiva għall-formazzjoni u ż-żamma tal-kapital;

5. Jilqa' r-rieżami tad-direttivi tal-kontabilità u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tesplora iktar il-possibilitajiet li jiġu żviluppati standards Ewropej ta' kontabilità, b'mod partikolari fir-rigward tal-bżonnijiet speċifiċi tas-SME, billi jitqiesu l-ideat tradizzjonali ta' sostenibilità, ippjanar fuq żmien twil, sjieda familjari u aspetti tradizzjonali oħra tas-SME;

6. Jemmen li għandha tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa lill-issoktar tal-ħidma fuq il-Ħames Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju fir-rigward tal-istruttura u t-tħaddim tal-kumpaniji pubbliċi b'responsabilità limitata;

7. Itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw il-mobilità transkonfinali għall-kumpaniji fi ħdan l-UE (l-14-il Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju dwar it-trasferiment transkonfinali tas-sedi tal-kumpaniji);

8. Ifakkar illi, fil-Ftehim ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, din tal-aħħar ħadet l-impenn li tirrapporta dwar segwitu konkret għal kwalunkwe talba biex titressaq proposta skont l-Artikolu 225 TFUE fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tar-riżoluzzjoni korrispondenti fis-sessjoni plenarja; jiddeplora l-fatt li dan l-impenn ma ġiex irrispettat fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-Parlament b'rakkomandazzjonijiet dwar l-14-il Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju; jitlob lill-Kummissjoni tikkonforma mal-ftehim ta' qafas billi tressaq rapporti ta' segwitu iktar dettaljati fil-ġejjieni;

9. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tkompli b'ħidmitha fuq id-Disa' Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju dwar gruppi ta' kumpaniji sabiex tipprovdi qafas regolatorju għal din il-forma komuni ta' assoċjazzjoni ta' negozju; jemmen li mhemmx bżonn ta' leġiżlazzjoni soċjetarja Ewropea kompletament armonizzata dwar il-gruppi, iżda minflok jenħtieġ sett ta' regoli komuni, fost l-oħrajn dwar il-ħarsien tas-sussidjarji u l-partijiet interessati u żieda fit-trasparenza fir-rigward tal-istruttura legali u ta' sjieda;

10. Ifakkar li, skont l-Aġenda tar-regolamentazzjoni intelliġenti tal-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni għandha tkun iktar ċara u aċċessibbli; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tikkodifika d-dritt soċjetarju tal-UE biex tipprovdi sett ta' regoli li faċli jintużaw u biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-liġi tal-UE; jirrikonoxxi l-merti ta' strument uniku ta' dritt soċjetarju tal-UE, iżda jemmen li d-direttivi dwar id-dritt soċjetarju għandhom jinġabru flimkien bħala l-ewwel pass; jissuġġerixxi li dawn jinġabru f'kategoriji, inkluż il-formazzjoni u t-tħaddim (eż. l-Ewwel u t-Tieni Direttivi u d-direttivi dwar il-kontabilità u l-verifika), il-mobilità (eż. it-Tielet ([2]), is-Sitt ([3]), l-Għaxar ([4]), il-Ħdax ([5]) u t-Tlettax-il ([6]) Direttiva u l-14-il Direttiva Futura) u l-forom ta' dritt soċjetarju tal-UE (eż. SE, SCE, GEIE); jenfasizza li l-proġett ta' kodifikazzjoni m'għandux, ovvjament, iwassal biex jitwaqqfu l-attivitajiet ta' riforma neċessarji;

11. Huwa tal-fehma li kwistjonijiet ta' kunflitt tal-liġijiet għandhom ukoll jiġu solvuti fil-qasam tad-dritt soċjetarju u li proposta akkademika f'dan il-qasam ([7]) tista' sservi bħala punt inizjali għal ħidma ulterjuri fuq regoli ta' kunflitt tal-liġijiet fir-rigward tal-operazzjonijiet soċjetarji transkonfinali;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq pjan ta' azzjoni fejn tindika t-triq li għandha tittieħed wara l-konsultazzjoni, li għandu jippreżenta fil-qosor inizjattivi fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila biex jittejjeb il-qafas regolatorju għad-dritt soċjetarju Ewropew; jemmen li inizjattivi fuq medda qasira ta' żmien għandhom jinkludu l-14-il Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju u miżuri li jtejbu l-qafas tal-UE għall-governanza soċjetarja, filwaqt li inizjattivi fuq medda medja ta' żmien għandhom jindirizzaw, pereżempju, id-Disa' Direttiva dwar id-Dritt Soċjetarju, u inizjattivi fuq medda twila ta' żmien għandhom jittrattaw il-kodifikazzjoni tad-dritt soċjetarju tal-UE;

([1]) ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1.
([2]) ĠU L 295, 20.10.1978, p. 36.
([3]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47.
([4]) ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1.
([5]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 36.
([6]) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12.
([7]) H.-J. Sonnenberger (ed.), Vorschläge und Berichte zur Reform des europäischen und deutschen internationalen Gesellschaftsrechts – Vorgelegt im Auftrag der zweiten Kommission des Deutschen Rates für Internationales Privatrecht, Spezialkommission Internationales Gesellschaftsrecht, Mohr Siebeck, Tübingen, 2007.

13. Jenfasizza li jistenna li inizjattivi fuq medda qasira ta' żmien jiġu inklużi formalment fil-programm ta' ħidma leġiżlattiva għall-2013, u li jiġu stabbiliti dati mira għal inizjattivi fuq medda ta' żmien medja u twila;

14. Itenni t-talba preċedenti tiegħu li l-Kummissjoni tanalizza l-problemi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex is-sejbiet ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati meta jitqiesu proposti leġiżlattivi ġodda;

15. Ifakkar li kwalunkwe proposta leġiżlattiva mressqa mill-Kummissjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt li tkun tqis l-interessi tal-partijiet kollha interessati, inklużi l-investituri, il-proprjetarji, il-kredituri u l-impjegati, f'konformità sħiħa mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma b'mod komprensiv lill-Parlament dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni tagħha dwar il-futur tad-dritt soċjetarju Ewropew u biex tispjega fid-dettall id-deċiżjonijiet li tkun se tieħu bħala riżultat ta' din il-konsultazzjoni;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

## Lejn irkupru mogħni bl-impjiegi

P7_TA(2012)0260

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" (2012/2647(RSP))**

(2013/C 332 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" (COM(2012)0173),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati" (SWD(2012)0099),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 dwar l-isfruttament tal-potenzjal fir-rigward tal-impjiegi li joffru s-servizzi personali u tal-unitajiet domestiċi (SWD(2012)0095),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Ir-Riforma tal-EURES biex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020" (SWD(2012)0100),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "L-Implimentazzjoni tal-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ: l-ewwel passi li ttieħdu" (SWD(2012)0098),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 dwar ix-xejriet u l-isfidi tas-suq tax-xogħol (SWD(2012)0090),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Swieq tax-xogħol miftuħa, dinamiċi u inklużivi" (SWD(2012)0097),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "l-Isfruttament tal-potenzjal għall-impjiegi li toffri t-Teknoloġija tal-Informatika" (SWD(2012)0096),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 dwar Pjan ta' azzjoni dwar il-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa tal-UE (SWD(2012)0093),

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "L-isfruttament tal-potenzjal fir-rigward ta' impjiegi li joffri t-tkabbir ekoloġiku" (SWD(2012)0092),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2010 intitolata "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi" (COM(2010)0682) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-26 ta' Ottubru 2011 ([1]) dwarha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u tal-apprendistat ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar kuntratti atipiċi, karrieri professjonali sikuri, flessigurtà u forom ġodda ta' djalogu soċjali ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida ([4]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2010 dwar "Politiki dwar impjiegi għal ekonomija kompetittiva, b'livell baxx ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġika",

— wara li kkunsidra l-istudju taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (Cedefop) "Ħiliet għal Impjiegi Ekoloġiċi", 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2011 intitolata "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi" (COM(2011)0011), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2011 intitolat "Progress lejn l-objettivi Ewropej komuni għall-edukazzjoni u t-taħriġ" (SEC(2011)0526),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-Istrateġija Ewropa 2020 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, minħabba dgħufijiet strutturali persistenti u l-kriżi ekonomika, ir-rati ta' qgħad żdiedu minn 9,5 % għal 10,2 % fl-2010 u fl-2012 rispettivament, b'mod li ammontaw għal total ta' 6 miljun impjieg li ntilfu mill-2008 'l hawn;

B. billi l-isfida f'termini ta' impjiegi, inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar qed tikber, kif qed jagħmlu d-diverġenzi bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0466.
([2]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
([3]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 39.
([4]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 6.
([5]) Testi adottati: P7_TA(2011)0455
([6]) Testi adottati: P7_TA(2011)0263
([7]) Testi adottati: P7_TA(2011)0495

C. billi l-perspettiva għall-2012, skont it-tbassir tal-Kummissjoni, hija saħansitra iktar sfavorevoli, peress li l-PDG tal-UE fl-2012 għandu jistaġna u f'bosta Stati Membri se jkun hemm riċessjoni;

D. billi se jkollhom jinħolqu 17.6 miljun impjieg ġdid biex tintlaħaq il-mira tal-impjiegi stabbilita fl-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, li titlob li jkun hemm 75 % ta' dawk bejn l-20 u l-64 sena f'impjieg sal-2020;

E. billi l-instabilità tal-impjiegi hija, fuq kollox, traġedja umana għall-ħaddiema u għall-familji tagħhom u timplika ħela ta' kapaċità produttiva, peress li l-ħiliet għandhom it-tendenza li jintilfu konsegwenza ta' rotazzjoni eċċessiva bejn impjiegi u perjodi twal ta' qgħad jew nuqqas ta' attività;

F. billi l-qgħad huwa partikolarment għoli fost iż-żgħażagħ, parzjalment minħabba nuqqas ta' tqabbil bejn il-provvista ta' ħiliet u d-domanda għalihom, iżda ta' spiss ukoll irrispettivament mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom;

G. billi l-miżuri ta' awsterità li għandhom bħala għan il-konsolidament fiskali u li qed jiġu applikati f'numru ta' Stati Membri kkontribwew għal żidiet sinifikanti fil-qgħad;

H. billi l-kriżi finanzjarja wasslet għal żidiet sinifikanti fil-qgħad u l-ekonomiji f'ħafna Stati Membri qed jonqsu milli jipproduċu tkabbir adegwat biex jindirizzaw din il-problema;

I. billi, sabiex ikun hemm livell għoli ta' impjiegi, huwa wkoll neċessarju li jiġu implimentati l-konsolidament fiskali u l-irkupru tal-ekonomija, sew billi jinżamm il-livell ta' konsum intern kif ukoll billi aktar nies jiġu mġiegħla jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-istat soċjali;

J. billi r-riformi tal-liġijiet tax-xogħol f'ħafna Stati Membri ma wasslux għal opportunitajiet ta' xogħol aktar kwalitattivi iżda minflok ippromwovew suq tax-xogħol b'żewġ livelli fejn numru li qed jiżdied ta' ħaddiema – u ta' spiss l-aktar gruppi vulnerabbli ta' ħaddiema, bħan-nisa, il-ħaddiema żgħażagħ u l-migranti – qed jaħdmu f'kundizzjonijiet ta' prekarjetà permanenti u b'salarji baxxi;

K. billi l-impenji stabbiliti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri ta' spiss mhumiex biżżejjed biex jilħqu l-parti l-kbira tal-miri fil-livell tal-UE stipulati fl-Istrateġija UE 2020;

L. billi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-UE għall-2012 jitlob li tittieħed azzjoni determinata biex tintensifika l-ħolqien tal-impjiegi u tiżgura rkupru li jkun mogħni bl-impjiegi, u billi dan il-messaġġ ġie mtenni b'mod qawwi waqt il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2012;

M. billi hija r-responsabbiltà ta' min ifassal il-politika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, li jiżgura li jkunu disponibbli faċilitajiet adegwati ta' edukazzjoni u taħriġ għall-ħaddiema biex jadattaw is-settijiet ta' ħiliet tagħhom għal strutturi ekonomiċi u xejriet fil-qasam tal-impjiegi li qed jinbidlu;

N. billi l-promozzjoni ta' ekonomija soċjali, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, sostenibbli u kompetittiva hija waħda mill-objettivi tal-Istrateġija UE 2020;

O. billi jistgħu diġà jiġu osservati defiċits f'ħiliet speċjalizzati kwalifikati f'oqsma li huma kritiċi għall-innovazzjoni, u sal-2020 tal-anqas 40 % tal-impjiegi huma mistennija jkunu fi professjonijiet kwalifikati ħafna u li ma jinvolvux xogħol manwali;

P. billi, skont statistika riċenti, wieħed minn kull erbgħa minn min iħaddem fl-Ewropa jirrapporta diffikultà sabiex jirrekluta, filwaqt li l-ħaddiema kummerċjali kwalifikati, it-tekniċi u l-inġiniera huma l-aktar diffiċli biex jinstabu;

Q. billi l-investiment fir-riċerka, fl-innovazzjoni, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, li huwa vitali għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjiegi, għadu f'livell aktar baxx fl-UE milli fis-sħab ekonomiċi u kompetituri tiegħu f'partijiet oħra tad-dinja;

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

1. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex tikkomplementa l-prijoritajiet fil-qasam tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir bi gwida politika fuq perjodu medju li jkollha l-għan li tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija UE 2020; jilqa' l-firxa wiesgħa indirizzata mill-Pakkett tal-Impjiegi u jfaħħar il-bidla li kienet ilha mitluba fil-politika favur il-ħolqien tal-impjiegi; jitlob li jsir l-investiment meħtieġ fil-potenzjal ta' impjiegi u tkabbir fl-ekonomija ekoloġika, is-settur tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali u l-ICT, inkluż l-investiment fil-ħiliet, fit-taħriġ u f'salarji ogħla;

2. Jikkundanna l-fatt li, minkejja l-impenn politiku tagħhom waqt il-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa 2012 u l-gwida tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni, il-parti l-kbira tal-Istati Membri ma ppreżentawx Pjan Nazzjonali dwar l-Impjiegi bħala parti mill-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012, li fih jispeċifikaw miżuri komprensivi għall-ħolqien tal-impjiegi, l-impjiegi ekoloġiċi, ir-rabta bejn il-politiki tal-impjiegi u l-istrumenti finanzjarji, ir-riformi tas-suq tax-xogħol u skeda ta' żmien ċara dwar kif l-aġenda ta' riforma nazzjonali se tiġi implimentata tul it-tnax-il xahar li jmiss;

3. Jirrimarka li l-politiki tas-suq tax-xogħol ma jistgħux jikkumpensaw għal politiki makroekonomiċi li qed ifallu, u jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-erba' objettivi tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO fil-proposti kollha li huma mmirati għall-ħolqien tal-impjiegi: il-ħolqien tal-impjiegi, il-garanzija tad-drittijiet fil-post tax-xogħol, l-estensjoni tal-protezzjoni soċjali u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali;

4. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal sistema ta' monitoraġġ tas-suq tax-xogħol u skema ta' traċċar individwali għal pajjiżi li ma jikkonformawx ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi f'din is-sistema monitoraġġ biex tgħin sabiex isir progress lejn l-objettiv tal-faqar u tal-inklużjoni soċjali ta' UE 2020;

5. Iħeġġeġ lill-Kapijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet tal-UE biex jimpenjaw ruħhom favur pakkett Ewropew dwar l-investiment qabel tmiem l-2012; jemmen li pakkett bħal dan jista' joħroġ l-Ewropa mill-kriżi jekk ikun jinkludi impenn konkret fil-livell nazzjonali u Ewropew fir-rigward ta' investiment biex jiġu stimolati tkabbir sostenibbli u impjiegi f'setturi importanti bħall-effiċjenza u l-ġestjoni tar-riżorsi, ir-rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-riċiklaġġ/l-użu mill-ġdid; jindika d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija bħala eżempju konkret ta' leġiżlazzjoni Ewropea li tista' toħloq sa 2 miljun impjieg ġdid;

6. Jilqa' l-proposta li jitnaqqas is-sehem tat-taxxa fuq ix-xogħol b'mod li jkun newtrali għall-baġit; ifakkar li l-medja tas-sehem tat-taxxa bejn dak li jkollu jħallas min iħaddem biex jimpjega ħaddiem u s-salarju reali tal-ħaddiem ta' spiss hija 'l fuq minn 40 % fl-UE; jemmen liċ-ċaqliq tal-piż fiskali jista' jippermetti lill-kumpaniji li jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet/tnaqqis biex joħolqu impjiegi ġodda jew iżidu l-pagi;

7. Jaqbel mal-Kummissjoni li miri aktar ambizzjużi fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli jiskattaw l-investimenti u konsegwentament l-impjiegi f'teknoloġiji ta' ġenerazzjoni li jeħtieġu ħafna għarfien; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimxu lejn mudell ekonomiku bbażat fuq il-prinċipju tal-użu effiċjenti tar-riżorsi; jindika l-konklużjoni tal-Kummissjoni li kull punt perċentwali ta' tnaqqis fl-użu tar-riżorsi jista' jwassal għal massimu ta' bejn 100 000 u 200 000 impjieg ġdid;

8. Jappoġġa l-idea li l-intraprenditorija, in-negozji li għadhom fil-fażi inizjali tagħhom u l-impjieg indipendenti għandhom jiġu promossi bħala mezz kif jinħolqu aktar impjiegi, b'mod partikolari peress li l-SMEs u l-mikrointrapriżi jipprovdu aktar minn żewġ terzi tal-impjiegi fis-settur privat tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-investiment f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari permezz tal-akkwist pubbliku u l-aċċess għall-finanzi;

9. Jilqa' l-investiment fl-intrapriżi soċjali u fl-intraprenditorija soċjali, ħaġa li tipprovdi għażla tajba biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soċjali li mhumiex issodisfati b'beni u b'servizzi pubbliċi;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tosserva l-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" u timmonitorja bir-reqqa l-implimentazzjoni ta' tnaqqis xieraq biex tiżgura li l-SMEs ma jbatux minn piż amministrattiv sproporzjonat jew ostakoli għall-kummerċ ħieles fis-Suq Uniku, filwaqt li tiżgura li d-dritt fil-qasam tax-xogħol u r-regolamenti soċjali jiġu rispettati kif suppost fil-livelli kollha;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jneħħu immedjatament ir-restrizzjonijiet kollha għall-aċċess ħieles għas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema mill-Bulgarija u mir-Rumanija; jindika l-impatt negattiv li dawn ir-restrizzjonijiet għandhom fuq l-impjieg mhux iddikjarat u irregolari u l-abbuż li jseħħ;

12. Jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra x-xogħol informali jew mhux iddikjarat u "l-impjieg indipendenti furzat" billi jipprovdu biżżejjed mezzi għall-finijiet tal-ispezzjoni tax-xogħol, jintroduċu kampanji ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-iżvantaġġi tax-xogħol illegali, jikkumbinaw aktar infurzar u infurzar aħjar tal-liġijiet u l-istandards tax-xogħol eżistenti biex jiġġieldu kontra x-xogħol mhux iddikjarat, l-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipju tal-ugwaljanza, rwol aktar qawwi għall-UE fil-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni u koordinament u kooperazzjoni u koordinament aħjar bejn l-ispettorati tax-xogħol u dawk soċjali nazzjonali, b'miżuri preventivi b'kontrolli u sanzjonijiet adegwati u billi jimmonitorjaw mill-qrib il-progress li jsir f'dan il-qasam;

13. Jilqa' t-tnedija tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-impjiegi fis-setturi tas-saħħa u tal-kura soċjali; iqis li dawn is-setturi jista' jkollhom rwol importanti fl-ilħiq tal-miri fil-qasam tal-impjiegi u tal-inklużjoni soċjali tal-UE 2020; jistieden lill-Kummissjoni, f'kull proposta politika fil-ġejjieni, tqis il-Konvenzjoni tal-ILO, issupplimentata b'rakkomandazzjoni dwar il-ħaddiema domestiċi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol eżistenti f'dawn is-setturi;

14. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-politika ta' koeżjoni, il-FAEŻR u l-FEMS huma sorsi importanti ta' investiment li jistimolaw it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-użu effiċjenti ta' dawn il-fondi u tal-Faċilità ta' Mikrofinanzjament sal-potenzjal sħiħ tagħhom għal investiment fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fl-impjieg indipendenti, fil-mobilità tal-ħaddiema u fil-produttività;

15. Jitlob li jkun hemm ipproċessar aktar rapidu u faċli tal-proċeduri ta' applikazzjoni u ta' approvazzjoni għall-programmi ta' finanzjament tal-UE għat-tkabbir u l-innovazzjoni;

16. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tenfasizza l-benefiċċju tal-istabbiliment ta' pagi minimi fil-livell tal-Istati Membri biex tiġġieled kontra l-faqar fost dawk li jaħdmu u d-dumping soċjali u tagħti spinta lid-domanda aggregata; iqis li kwalunkwe proposta bħal din għandha tieħu nota tal-prattiki nazzjonali tan-negozjar kollettiv u tirrispettahom;

17. Huwa konvint li l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi għandha tkun adattata biex theġġeġ lill-kumpaniji joħolqu impjiegi ġodda, tgħin biex tiżdied il-mobbiltà u l-kapaċità ta' aġġustament tas-swieq tax-xogħol u fl-istess ħin tgħin biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni fl-UE;

18. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza l-kawżi reali tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, bħall-inugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nuqqas ta' politiki biex jiġi appoġġjat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

19. Jaqbel li l-flessibbiltà interna tal-organizazzjoni tal-ħin tax-xogħol tista' tgħin biex jinżammu l-impjiegi u jitnaqqsu l-kostijiet ta' aġġustament fi żminijiet ta' kontrazzjoni ekonomika, għalkemm ma tistax tissostitwixxi l-politiki ta' tkabbir; jenfasizza madankollu li l-miżuri jridu jkunu mfassla għaċ-ċirkostanzi soċjali, innegozjati mas-sħab soċjali u jkunu konsistenti mal-interessi kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema;

20. Jaqbel mal-Kummissjoni li t-tipi kollha ta' arranġamenti kuntrattwali għandhom jagħtu lil min ikollu impjieg aċċess għal sett ta' drittijiet, inklużi drittijiet għal pensjoni, protezzjoni soċjali u aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja;

21. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tniedi l-Panorama tal-Ħiliet tal-UE, li se ttejjeb it-trasparenza u l-aċċess għal min qed ifittex impjieg u se żżid il-mobbiltà tal-ħaddiema;

22. Jilqa' l-inizjattiva leġiżlattiva riċenti tal-Kummissjoni dwar il-kwalifiki professjonali; iqis li huwa kruċjali li jissaħħaħ ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi u tal-kwalifiki professjonali u li jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' rikonoxximent reċiproku msaħħaħ tal-kompetenzi u tal-ħiliet;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet realtà qabel tmiem l-2012 biex tiżgura l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni f'termini tal-mezzi u l-post fejn ikunu nkisbu l-ħiliet, tippermetti li jkun hemm aktar effiċjenza fit-tqabbil tad-domanda għall-ħiliet u l-provvista tagħhom u tippromwovi l-mobbiltà tal-ħaddiema minn naħa għall-oħra tal-fruntieri;

24. Jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati u jistenna b'ħerqa r-riżultati tal-istudju dwar ħarsa ġenerali lejn l-arranġamenti ta' apprendistat fl-Istati Membri, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi li l-apprendistati għandhom dejjem ikunu assoċjati ma' proċess ta' kwalifika; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Garanziji għaż-Żgħażagħ, u tiddefinixxi standards minimi li jappoġġaw l-offerta u t-twettiq ta' apprendistati ta' kwalità għolja;

25. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tal-impjieg taż-żgħażagħ tiddependi ferm mis-sitwazzjoni ekonomika ġenerali; jenfasizza l-importanza tal-appoġġ, tal-gwida u tal-monitoraġġ taż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-ħajja professjonali; jistieden lill-Kummissjoni tallinja l-proposti leġiżlattivi futuri f'dan il-qasam mal-inizjattivi "Żgħażagħ Attivi" u "Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ"; jistieden lill-Istati Membri jibdew skambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

26. Jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaħtfu, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, kull opportunità biex jiżguraw li kull żagħżugħ tal-UE jkun jistà jibda xogħol jew taħriġ wara perjodu massimu ta' erba' xhur ta' qgħad billi jimplimentaw il-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ, jemmen li l-Istati membri għandhom jagħmlu l-Garanzija taż-Żgħażagħ legalment infurzabbli biex tittejjeb b'mod effikaċi s-sitwazzjoni taż-żgħażagħ li la għandhom impjieg u lanqas mhu qed isegwu kors ta' edukazzjoni jew taħriġ u biex tingħeleb b'mod gradwali l-problema tal-qgħad taż-żgħażagħ fl-UE; jenfasizza li l-Garanzija taż-Żgħażagħ teħtieġ appoġġ finanzjarju Ewropew speċifiku, speċjalment fl-Istati Membri bl-ogħla rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-qgħad u l-qgħad fost iż-żgħażagħ b'allokazzjonijiet mhux użati mill-Fondi Strutturali;

28. Jingħaqad mal-Kummissjoni fl-appell tagħha sabiex l-Istati Membri jsaħħu l-użu tagħhom tas-sistema EURES; jenfasizza r-rwol ewlieni tal-EURES fil-funzjonament tas-Suq Intern permezz tal-għoti ta' pariri lill-ħaddiema u lil min qed ifittex impjieg fir-rigward tad-drittijiet tagħhom fi Stati Membri oħrajn; jitlob li l-Parlament Ewropew ikun involut b'mod sħiħ fir-rigward tar-riforma tal-istruttura u l-governanza tan-netwerk EURES;

29. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni mmirati lejn it-tnaqqis tal-iżvantaġġi u l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jipprovdu pagi ugwali u servizzi adegwati għall-kura tat-tfal, u billi jeliminaw id-diskriminazzjoni kollha u d-diżinċentivi fil-qasam tal-benefiċċji fiskali li jwaqqfu lin-nisa milli jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ulterjuri f'dawn l-oqsma;

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef il-ħidma fuq id-Direttiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Pensjonijiet, peress li l-inċertezza legali rigward id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali u d-drittijiet għall-pensjoni hija waħda mill-ostakoli ewlenin għall-moviment ħieles tal-ħaddiema;

31. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu politiki li jiffavorixxu t-tkabbir, inkluża l-prijoritizzazzjoni tal-infiq fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, minkejja l-miżuri ta' awsterità li saru neċessarji minħabba l-kriżi ekonomika u l-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż tad-dejn pubbliku, speċjalment fiż-żona tal-euro;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mobbiltà ġusta u tiġġieled kwalunkwe abbuż tal-ħaddiema li jintbagħtu jaħdmu barra minn pajjiżhom kemm fil-pajjiżi ospitanti kif ukoll f'dawk tal-oriġini;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

## Mutilazzjoni tal-ġenitali femminili

P7_TA(2012)0261

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar it-tmiem għall-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa (2012/2684(RSP))**

(2013/C 332 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapporti ppreżentati fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll Fakultattiv tiegħu, u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-ġlieda kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili pprattikata fl-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-5 ta' Diċembru 2011 bit-titolu 'It-tmiem għall-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa',

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO tat-8 ta' Marzu 2010 dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa fl-Unjoni Ewropea, li jappellaw għal approċċ internazzjonali biex tiġi miġġielda l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-12 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom, adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali fit-8 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2011 dwar il-prijoritajiet u l-punti ewlenin ta' qafas politiku ġdid tal-UE għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjoni għall-politika strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa hija abbuż irreparabbli li intenzjonalment ibiddel jew jikkawża ħsara lill-partijiet ġenitali tal-bniet għal raġunijiet mhux mediċi, b'konsegwenzi irriversibbli u li attwalment taffetwa 140 miljun mara u tifla, u billi kull sena 3 miljun tifla oħra huma fir-riskju li jgħaddu minn din il-proċedura;

B. billi, skont il-WHO, 500 000 mara fl-Ewropa qegħdin jgħixu bil-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u huwa stmat li 180 000 tifla huma fir-riskju; billi, skont l-esperti, dawn iċ-ċifri huma anqas mir-realtà u ma jqisux il-migranti tat-tieni ġenerazzjoni jew dawk mingħajr dokumenti;

C. billi kull forma ta' mutilazzjoni ġenitali tan-nisa hija prattika tradizzjonali dannuża li li ma tistax titqies li hi parti minn reliġjon, iżda hija att ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet li tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari d-dritt għas-sigurtà u l-integrità personali u s-saħħa fiżika u mentali, u tas-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, filwaqt li, fil-każ ta' bniet li huma minorenni, tikkostitwixxu wkoll abbuż mit-tfal; billi tali vjolazzjonijiet ma jistgħu f'ebda ċirkostanza jkunu ġġus-tifikati għal raġunijiet ta' tradizzjonijiet kulturali ta' diversi tipi jew ta' ċerimonji ta' inizjazzjoni,

([1]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 52.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0127.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

D. billi, filwaqt li l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa hija, fiha nnifisha, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tikkawża ġrieħi serji ħafna u irreparabbli fuq terminu qasir u twil għas-saħħa fiżika u mentali tan-nisa u l-bniet li jgħaddu minnha, u b'hekk tikkostitwixxi assalt gravi fuq il-persuna u l-integrità tagħhom, u f'xi każijiet tista' tkun saħansitra fatali; billi l-użu ta' strumenti rudimentali u l-assenza ta' prekawzjonijiet antisettiċi għandhom effetti dannużi ulterjuri, tant li r-rapport sesswali u l-ħlas jistgħu jkunu ta' wġigħ, l-organi milquta ssirilhom ħsara irreparabbli u jista' jkun hemm kumplikazzjonijiet bħalma huma l-emorraġija, stat ta' xokk, infezzjoni, it-trażmissjoni tal-virus tal-AIDS, it-tetanu, tumuri beninji u kumplikazzjonijiet serji li jaffettwaw it-tqala u l-ħlas,

E. billi l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa hija espressjoni ta' relazzjonijiet ta' setgħa inugwali u forma ta' vjolenza kontra n-nisa, flimkien ma' forom oħra ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, u billi huwa assolutament neċessarju li l-ġlieda kontra l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa tiġi inkorporata f'approċċ ġenerali u koerenti għall-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u l-vjolenza kontra n-nisa;

1. Jilqa' d-deċiżjoni tas-56 Sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa tat-8 ta' Marzu 2012 li l-kwistjoni tal-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa għandha tiġi diskussa mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti waqt is-67 sessjoni tagħha li jmiss;

2. Jistieden lill-Assemblea Ġenerali tan-NU tadotta riżoluzzjoni waqt is-67 sessjoni tagħha bil-ħsieb li ttemm il-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa globalment – kif intalab mis-Samit tal-Unjoni Afrikana tal-1 ta' Lulju 2011 – billi tarmonizza l-azzjoni meħuda mill-istati membri u tipprovdi rakkomandazzjoni u linji gwida għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-istrumenti legali reġjonali u internazzjonali u leġiżlazzjoni nazzjonali;

3. Jiddikjara li, billi l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa titwettaq l-aktar fuq bniet żgħar bejn l-infanzja u l-età ta' 15-il sena, hija tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tat-tfal; itenni li s-27 Stat Membru lkoll impenjaw ruħhom li jħarsu d-drittijiet tat-tfal fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

4. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jirratifikaw l-istrumenti internazzjonali u jimplimentawhom permezz ta' leġiżlazzjoni komprensiva li tipprojbixxi l-forom kollha tal-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u li tipprevedi sanzjonijiet effettivi kontra min iwettaq dan ir-reat; jinnota li l-leġiżlazzjoni għandha wkoll tawtorizza sensiela sħiħa ta' miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni, inklużi mekkaniżmi biex jikkoordinaw, jimmoniterjaw u jevalwaw l-infurzar tal-liġi, u għandha ttejjeb il-kundizzjonijiet li jippermettu lin-nisa u l-bniet jirrappurtaw każijiet ta' mutilazzjoni ġenitali tan-nisa;

5. Jistieden lill-entitajiet relevanti tan-NU u lis-soċjetà ċivili, permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji xierqa, jappoġġaw b'mod attiv programmi immirati u innovattivi u jxerrdu l-aħjar prattiki li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-bniet f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi dawk li sofrew il-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa, u li għandhom diffikultà ta' aċċess għas-servizzi u l-programmi;

6. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali tan-NU jiżgura li l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet rilevanti kollha tan-NU, b'mod partikolari l-Fond tan-NU għat-Tfal, il-Fond tan-NU għall-Popolazzjoni, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-NU (UNESCO), l-Entità tan-NU dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għotja tas-Setgħa lin-Nisa, il-Fond għall-Iżvilupp tan-NU għan-Nisa, il-Programm ta' Żvilupp tan-NU u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod individwali u kollettiv, jinkorporaw il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniet sabiex ma jkunux suġġetti għall-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa fil-programmi nazzjonali tagħhom, kif xieraq, u skont il-prijoritajiet nazzjonali, sabiex isaħħu ulterjorment l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-membri tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa, fil-ħidma fi ħdan il-komunitajiet tagħhom biex itemmu l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri maħsuba biex jiġġieldu l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u li jippromwovu l-għoti tas-setgħa lin-nisa jiġu integrati fil-politiki u l-programmi tal-iżvilupp kollha tal-UE permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-Ġeneru tal-2010; jenfasizza l-importanza li titqajjem il-kuxjenza, tal-mobilizzazzjoni tal-komunità, tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u s-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab; jirrimarka li l-isforzi sabiex jiġu eliminati l-attitudnijiet u l-prattiki dannużi li jaffettwaw lill-bniet b'mod negattiv iwasslu biss għal suċċess jekk ikun hemm l-involviment sħiħ tal-atturi prinċipali kollha, inklużi l-mexxejja reliġjużi u tal-komunità, u dawk li jaħdmu direttament mal-bniet, inklużi l-ġenituri, il-familji u l-komunitajiet;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċifika lill-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa bħala parti minn strateġija ġenerali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża azzjoni konġunta kontra l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni li t-tmiem tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet tqisha bħala prijorità u, permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji xierqa, tappoġġa programmi immirati u innovattivi fi ħdan l-Unjoni Ewropea u f'pajjiżi terzi;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni iebsa biex tiġi miġġielda din il-prattika illegali;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Istati Membri.

## Proteżijiet tas-sider difettużi magħmulin minn ġel tas-silikon manifatturati mill-kumpanija Franċiża PIP

P7_TA(2012)0262

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proteżijiet tas-sider difettużi magħmulin minn ġel tas-silikon manifatturati mill-kumpanija Franċiża PIP (2012/2621(RSP))**

(2013/C 332 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-innovazzjoni fis-settur tat-tagħmir mediku [1];

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi [2],

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem [3],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro [4],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar il-mezzi mediċi li għandhom fihom derivattivi stabbli tad-demm uman jew plażma umana [5],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji Sanitarji Emerġenti u dawk li ġew Identifikati Reċentement (SCENIHR) dwar 'is-sikurezza tal-prodotti tas-silikon manifatturati mill-Kumpanija Poly Implant Prothèse' ppubblikata fl-1 ta' Frar 2012 [6],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet [7] tal-Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-Saħħa dwar l-innovazzjoni fit-teknoloġija medika li nżammet fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2001 dwar il-petizzjonijiet iddikjarati ammissibbli dwar il-proteżijiet tas-silikon (Petizzjonijiet Nri 0470/1998 u 0771/1998) [8],

[1] ĠU C 202, 8.7.2011, p. 7.
[2] ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1.
[3] ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17.
[4] ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1.
[5] ĠU L 313, 13.12.2000, p. 22.
[6] http://ec.europa.eu/health/scientific_committees/emerging/docs/scenihr_o_034.pdf
[7] http://ec.europa.eu/consumers/sectors/medical-devices/files/exploratory_process/hlc_en.pdf
[8] ĠU C 53 E, 28.2.2002, p. 231.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar 'Lejn Approċċ Ewropew Koerenti għar-Rimedju Kollettiv' ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem, id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar mezzi mediċi u Direttiva 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([2]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija tat-18 ta' April 2012 lill-Kummissjoni dwar il-proteżijiet tas-sider difettużi magħmulin minn ġel tas-silikon manifatturati mill-kumpanija Franċiża PIP (O-000101/2012 – B7-0118/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi skont il-konstatazzjonijiet tal-awtoritajiet tas-saħħa Franċiżi, manifattur Franċiż (Poly Implant Prothèse) qed jiġi investigat fuq l-użu frodulenti ta' materjal ta' kwalità baxxa (silikon industrijali) li huwa differenti mill-materjal indikat fid-dokumenti ppreżentati għall-valutazzjoni ta' konformità (silikon ta' grad mediku approvat);

B. billi hemm nuqqas ta' data kemm klinika kif ukoll epidemjoloġika fuq ir-riskji potezjali tal-proteżijiet tas-sider manifatturati mill-PIP;

C. billi għall-proteżijiet tat-tielet ġenerazzjoni fi zmien 10 snin minn meta jiddaħħlu fil-ġisem hemm rata ta' ftuq ta' 10-15 %;

D. billi t-testijiet immexxija mill-awtoritajiet Franċiżi fuq l-integrità fiżika ta' kampjun ta' proteżijiet tas-sider magħmula mis-silikon tal-PIP indikaw punti debboli fl-istrutturi tal-qoxriet maħduma mill-PIP li ma nstabux fi proteżijiet oħra disponibbli fis-suq;

E. billi r-Rapport SCENIHR li talbet il-Kummissjoni fil-bidu ta' Jannar 2012 jenfasizza li hemm ċertu tħassib dwar il-possibbiltà ta' infjammazzjoni pprovokata minn proteżijiet tas-silikon tal-PIP li jkunu miftuqin jew li jkunu jnixxu;

F. billi n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' proteżijiet tas-sider fil-livell tal-Ewropa kollha jfisser li n-numru totali ta' nisa li rċevew proteżijiet mhuwiex magħruf; billi, madankollu, huwa stmat abbażi tad-data disponibbli pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea li nbiegħu madwar 400 000 proteżi tas-sider tas-silikon tal-PIP fid-dinja kollha; billi ħafna nisa fir-Renju Unit (40 000), Franza (30 000), Spanja (10 000), il-Ġermanja (7 500) u l-Portugall (2 000) għandhom proteżijiet tas-sider tas-silikon tal-PIP;

G. billi l-pazjenti għandhom bżonn ikunu jafu li l-proteżijiet mhumiex permanenti u jista' jagħti l-każ li jkollhom bżonn jiġu sostitwiti jew imneħħija; billi l-pazjenti għandhom bżonn ukoll jiġu mgħarrfa dwar il-kwalità tal-proteżijiet u r-riskji potenzjali assoċjati magħhom;

H. billi t-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-mezzi mediċi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ma pprevenietx din il-frodi fil-qasam tas-saħħa, li kellha, u se jkompli jkollha, impatt negattiv serju fuq is-saħħa fid-dinja kollha;

I. billi din il-frodi fil-qasam tas-saħħa kixfet nuqqas ta' funzjonament fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, b'mod partikolari n-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-komunità internazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambju ta' informazzjoni u n-notifika tal-effetti avversi, u nuqqas ta' traċċabbiltà tal-materja prima użata għall-mezzi mediċi;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0021.
([2]) ĠU L 247, 21.9.2007, p. 21.

J. billi l-każ tal-proteżijiet tal-PIP, bħall-każ tal-bdil tal-għadma tal-ġenbejn, juri l-falliment tas-sistema attwali ta' ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza kif ukoll tal-kontroll u s-sorveljanza tal-korpi notifikati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont id-Direttiva dwar il-Mezzi Mediċi (2007/47/KE);

K. billi x-xewqa li jiġi pprovdut aċċess ta' malajr għal mezzi mediċi ġodda għall-pazjenti qatt ma għandha tieħu preċedenza fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sikurezza tal-pazjenti;

L. billi d-Direttiva dwar il-Mezzi Mediċi (2007/47/KE) se tiġi rieżaminata fl-2012; billi huwa essenzjali li jintgħallmu l-lezzjonijiet mill-ikkummerċjar frodulenti tal-proteżijiet tal-PIP b'tali mod li s-sorveljanza u l-kontrolli u r-rekwiżiti tas-sikurezza għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq jiġu msaħħa fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew;

M. billi d-data disponibbli tindika li ħafna proteżijiet tal-PIP ġew manifatturati minn silikon ta' grad li mhuwiex mediku li fih komponenti li jistgħu jdgħajfu l-qoxra tal-proteżijiet u jinfirxu fit-tessuti tal-ġisem;

1. Jinnota li għadd ta' Stati Membri taw parir lill-pazjenti biex jikkonsultaw lill-kirurgu tagħhom, jew irrakkomandaw lill-pazjenti li jfittxu li bħala prekawzjoni jitneħħewlhom il-proteżijiet tas-sider magħmula mill-PIP;

2. Jinnota, madankollu, li jeżistu inugwaljanti bejn l-Istati Membri peress li xi wħud taw liċ-ċittadini tagħhom parir konfliġġenti dwar x'azzjoni għandhom jieħdu, fatt li ħoloq konfużjoni fost il-pazjenti;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas ġuridiku eżistenti, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sorveljanza tas-suq, il-viġilanza u l-ispezzjoni, u jagħmlu l-kontrolli aktar stretti, bil-għan li jipprovdu garanzija aħjar tas-sikurezza tal-pazjenti, speċjalment dawk li huma esposti għal mezzi mediċi b'livell ta' riskju għoli;

4. Jenfasizza li wara li jwettqu valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li jkunu ttieħdu, jew li qed jiġu kkunsidrati, sabiex tiġi minimizzata l-possibbiltà li tali inċidenti jerġgħu jseħħu;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ġuridiku xieraq biex tiġi ggarantita s-sikurezza tal-proteżijiet tas-sider u tat-teknoloġija medika b'mod ġenerali;

6. Jitlob li jiġu introdotti u implimentati miżuri speċifiċi essenzjali u immedjati fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni li hemm fis-seħħ dwar il-meżżi mediċi, maħsuba b'mod partikolari sabiex:

— jiġu msaħħa l-kontrolli fuq il-mezzi mediċi li diġà jinsabu fis-suq, inklużi dawk li jużaw kampjuni;

— jiġi żgurat li, fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-konformità, il-korpi notifikati kollha jagħmlu użu sħiħ tas-setgħat tagħhom biex iwettqu spezzjonijiet għal għarrieda frekwenti (tal-inqas darba fis-sena) tal-katina kollha tal-provvista u tal-operazzjonijiet ta' ċerti fornituri, b'mod partikolari l-fornituri tal-mezzi mediċi assoċjati mal-akbar riskji u dawk li fir-rigward tagħhom ir-rapporti tal-utenti jindikaw li l-għadd ta' inċidenti qed jikber.

— jiġu msaħħa l-kriterji għall-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-korpi notifikati – b'enfasi partikolari fuq il-kompetenza murija tal-istaff impjegat full-time, l-użu ta' riżorsi kutrattwali, u t-trasparenza fir-rigward tal-funzjonament u l-kompiti tagħhom – u tiġi stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-kwalifiki fl-UE kollha għall-korpi notifikati, l-istaff, l-awdituri u l-esperti tagħhom;

— jiġu msaħħa s-sorveljanza tas-suq mill-awtoritajiet nazzjonali u l-iskambju tal-informazzjoni bejniethom biex jimmonitorjaw l-effetti avversi tal-mezzi mediċi u l-irtirar ta' tali mezzi mis-suq, bil-għan li jiggarantixxu traċċabilità aħjar tal-mezzi mediċi u segwitu aħjar tal-miżuri maħsuba biex jikkontrollaw il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom;

— tittejjeb is-superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-entitajiet notifikati u tiġi żgurata l-konsistenza fl-Istati Membri kollha;

— tiġi mheġġa l-innovazzjoni fit-teknoloġija medika, peress li l-innovazzjoni hija kruċjali għall-isforzi sabiex jiġu megħluba l-isfidi tas-saħħa tal-lum u t'għada;

— jiġi impost fuq il-produtturi tal-mezzi mediċi l-obbligu li jinformaw immdejatament lill-awtorità nazzjonali kompetenti bi kwalunkwe projbizzjoni, restrizzjoni jew azzjoni ġuridika fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar;

— jittejjeb il-funzjonament tas-sistema ta' viġilanza għall-mezzi mediċi, pereżempju billi l-pazjenti, l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, il-gruppi tal-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jiġu ffaċilitati u inkoraġġiti b'mod attiv biex jirrapportaw kull avveniment avvers u l-effetti ta' ħsara kollha lill-awtoritajiet kompetenti, mingħajn ma jiġu mxekkla minn burokrazija eċċessiva, billi jingħata lill-korpi notifikati aċċess sistematiku għar-rapporti ta' avvenimenti avversi u billi tiġi stabbilita proċedura ċentralizzata għall-ġbir u t-trattament tan-notifiki dwar l-effetti avversi u dwar l-irtirar ta' mezzi mis-suq;

— jiġu stabbiliti strumenti li, filwaqt li jipprovdu protezzjoni tad-data, jiżguraw it-traċċabbiltà tal-mezzi mediċi kif ukoll il-monitoraġġ tagħhom fit-tul tas-sikurezza u l-prestazzjoni tagħhom, bħalma huma sistema ta' Identifikazzjoni ta' Mezzi Unika', reġistru tal-proteżijiet u sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti għal kull mezz mediku;

— tiġi ffaċilitata n-notifika tal-awtoritajiet nazzjonali mill-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti u l-professjonisti fil-qasam tas-saħħa dwar l-effetti avversi;

— tiġi stabbilita bażi ta' data Ewropea unika li tiġbor flimkien l-informazzjoni dwar il-mezzi mediċi li jkunu disponibbli fis-suq, ir-reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet ekonomiċi, l-inizjattivi ta'viġilanza u ta' sorveljanza tas-suq, l-investigazzjonijiet kliniċi, il-korpi notifikati u ċ-ċertifikati tal-KE li jkunu nħarġu;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaddi għal sistema ta' awtorizzazzjoni qabel il-kummerċjalizzazzjoni għal ċerti kategoriji ta' mezzi mediċi, inklużi, tal-anqas, il-mezzi mediċi tal-klassi IIb u III;

8. Jitlob għall-introduzzjoni – fejn mhux diġà jeżisti fil-livell nazzjonali – ta' passaport tar-riċevitur ta' proteżi li jkun jispeċifika l-kodiċi tal-prodott uniku tal-proteżi, il-karatteristiċi speċjali tiegħu u l-effetti avversi potenzjali tiegħu, u li jkun fih twissija tar-riskji potenzjali tas-saħħa u l-miżuri tal-kura ta' segwitu għal wara l-operazzjoni assoċjati mal-proteżi; il-passaport ikollu jiġi ffirmat mill-kirurgu u l-pazjenta, u jkun validu bħala forma ta' kunsens għall-operazzjoni;

9. Jirrakkomanda li l-isptarijiet għandhom iżommu verżjoni elettronika tal-passaport għar-referenza futura, filwaqt li jinnota li verżjoni elettronika tista' faċilment tintbagħat fuq talba ta' pazjenta lil faċilità ġdida tal-kura, kemm jekk fl-istess pajjiż u kemm jekk f'pajjiż differenti;

10. Jistieden lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza b'mod aktar effikaċi dwar ir-riskji potenzjali li hemm marbuta mal-kirurġija kożmetika, u jirregolaw aħjar ir-reklamar tal-kirurġija kożmetika bil-għan li jiġi żgurat li l-pazjenti jkunu konxji għalkollox kemm tar-riskji kif ukoll tal-benefiċċji; jenfasizza li n-nisa għandhom jintgħamlu konxji tal-fatt l-proteżijiet tas-sider ikollhom bżonn jiġu sostitwiti wara perjodu ta' żmien li jvarja minn persuna għal oħra, sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw ir-riskji b'mod aktar effettiv;

11. Jirrikonoxxi l-fatt li l-pazjenti li diġà rċevew proteżijiet tas-sider jista' jkun li jkollhom bżonn informazzjoni, pariri, superviżjoni medika u counselling retrospettivi, kif ukoll skrining intiż sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm ftuq intrakapsulari jew extrakapsulari;

12. Jenfasizza li l-proċeduri ta' ttestjar u l-istandards għall-proteżijiet tas-sider għandhom jiġu rraffinati sabiex tkun tista' tiġi mifhuma aħjar l-interazzjoni tal-materjal tal-materjal tal-qoxra mal-ġel li jimla l-proteżi u l-fluwidi tal-ġisem ta' madwar il-proteżi, kif ukoll ir-reżistenza għall-użu u għall-ftuq tal-qoxra u l-proteżi kollha kemm hi; iqis li għandhom isiru aktar proposti għal riċerka sabiex jiġu żviluppati metodi mhux distruttivi tal-ittestjar tal-proteżijiet;

13. Jirrakkomanda b'mod urġenti li d-dettalji tal-operazzjonijiet tal-proteżijiet tal-sider jiġu rreġistrati fl-UE fis-sura ta' Reġistru Nazzjonali tal-Proteżijiet tas-Sider obbligatorju f'kull Stat Membru; jenfasizza l-fatt li reġistru obbligatorju jagħmel ir-rappurtar mandatorju għall-kliniċi kollha, imma jisħaq li l-inklużjoni tad-dettalji personali ta' pazjenta għandha tiġi soġġetta għall-kunsens tagħha; jirrakkomanda li dawn ir-reġistri nazzjonali jkunu interkonnessi u jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni fejn meħtieġ, pereżempju fil-każijiet fejn jiġu osservati difetti sinifikanti fil-proteżijiet;

14. Jirrakkomanda b'urġenza li ssir reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Mezzi Mediċi bil-għan li tiġi introdotta l-kapaċità li jiġi identifikat u minimizzat ir-riskju ta' frodi, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari fuq id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw is-sorveljanza tas-suq, il-viġilanza, u l-funzjonament u l-kompiti tal-korpi notifikati, ħalli jiġi evitat li jirrepeti ruħu l-każ tal-PIP;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema effiċjenti ta' traċċar tal-mezzi mediċi użati bħala proteżijiet, b'mod partikolari għall-mezzi mediċi l-aktar perikolużi bħall-mezzi li jaqgħu fil-klassi III;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-aspetti li ġejjin fir-rieżami li se jsir dalwaqt tal-leġiżlazzjoni dwar il-mezzi mediċi; il-ħtieġa li jkun hemm talba ta' awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni għall-mezzi mediċi perikolużi li tkun tikkonforma mar-rekwiżiti għall-prodotti mediċinali, jew li tkun simili għalihom; l-użu ta' spezzjonijiet għal għarrieda mandatorji; il-ħtieġa li jkun hemm aktar traċċabilità tal-mezzi mediċi imdaħħla fil-ġisem; il-ħtieġa li jkun hemm aktar koordinament bejn l-Istati Membri meta jiġu għar-rappurtar dwar l-effetti sekondarji serji jew il-ħsara kkawżata mill-mezzi mediċi, u t-twissijiet dwar dawn l-effetti sekondarji u l-ħsara; kontroll imsaħħaħ tal-korpi notifikati; u ttestjar addizzjonali tal-kampjuni tal-prodotti li diġà jinsabu fis-suq;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tqis ukoll, fir-rieżami li dalwaqt isir tal-leġiżlazzjoni dwar il-mezzi mediċi, il-bżonn li jsir ittestjar adegwat fuq il-bniedem matul l-investigazzjonijiet kliniċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-mezzi mediċi li jistgħu jiddaħħlu fil-ġisem, qabel ma jitqiegħdu fis-suq;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu, tal-anqas darba fis-sena, permezz ta' spezzjonijiet għal għarrieda ta' dawk il-mezzi mediċi li huma assoċjati mal-akbar riskji u ta' dawk il-mezzi li fir-rigward tagħhom ir-rapporti tal-utenti jindikaw li l-għadd ta' inċidenti qed jiżdied;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri japplikaw pieni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;

20. Iqis li din il-frodi tkompli tagħti prova aktar tal-bżonn li jkun hemm sistema ta' rimedju kollettiv maħsuba sabiex tgħin lill-konsumaturi u lill-pazjenti jiksbu kumpens, kif inhu enfasizzat mir-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija tat-2 ta' Frar 2012;

21. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru r-rapporti tagħhom dwar l-inċidenti avversi u data regolatorja oħra ġo bażi ta' data ċentralizzata, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar il-Mezzi Mediċi, sabiex ikun jista' jkun hemm miżuri ta' viġilanza u ta' protezzjoni tas-saħħa aktar effikaċi;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi valutazzjonijiet tossikoloġiċi adegwati tal-mezzi mediċi kollha, u tipproponi li l-użu ta' sustanzi li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (kategorija 1A jew 1B) jinqatgħu gradwalment, ħlief jekk ma hemmx sostituti disponibbli;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

## Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel

P7_TA(2012)0263

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel (2012/2680(RSP))**

(2013/C 332 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' April 2012 dwar il-Mali/Saħel ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Marzu 2012 dwar is-Saħel ([2]) li approvaw il-Kunċett ta' Ġestjoni tal-Kriżijiet għal missjoni PSDK ċivili ta' Konsultazzjoni, Assistenza, u Taħriġ fis-Saħel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-SEAE: "Strateġija għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel: Rapport tal-Progress tal-Implimentazzjoni, Marzu 2012",

— wara li kkunsidra r-rapport tan-NU tal-missjoni ta' valutazzjoni dwar l-impatt tal-kriżi fil-Libja fuq ir-reġjun tas-Saħel, tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-2012 ([3]), u d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Mali tat-22 ta' Marzu ([4]), 26 ta' Marzu ([5]), 4 ta' April ([6]) u 9 ta' April ([7]) 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel, tal-21 ta'Marzu 2011 (Laqgħa Nru 3076 tal-Kunsill Affarijiet Barranin),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Parlament Konġunta AKP-UE tat-18 ta' Mejju 2011 dwar it-taqlib demokratiku fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani – il-konsegwenzi għall-pajjiżi tal-AKP, l-Ewropa u d-dinja ([8]) u tat-23 ta' Novembru 2011 dwar ir-Rebbiegħa Għarbija u l-impatt tagħha fuq l-istati sub-Saħarjani ġirien ([9]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-1 ta' Diċembru 2011 li jheġġu lir-Rappreżentant Għoli tmexxi 'l quddiem ix-xogħol ta' tħejjija dwar impenn PSDK għat-tisħiħ tal-ħiliet ta' sigurtà reġjonali fir-reġjun tas-Saħel, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unjoni Afrikana,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja tal-21 ta' Marzu, 23 ta' Mejju u t-18 ta' Lulju u t-23 ta' Marzu 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-inizjattiva tas-sigurtà u l-iżvilupp fis-Saħel tal-1 ta' Ottubru 2010 ([10]),

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet rilevanti addizzjonali tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 3, 6, 21 u 39 tiegħu, u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 205, 208, 214 u 222 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ('Il-Ftehim ta' Cotonou'), u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 8, 25 u 28 tiegħu,

([1]) Dok. 09009/2012.
([2]) Dok. 08067/2012.
([3]) S/2012/42.
([4]) SC/10590.
([5]) SC/10592.
([6]) SC/10600.
([7]) SC/10603.
([8]) ĠU C 327, 10.11.2011, p. 38.
([9]) ĠU C 145, 23.5.2012, p. 34.
([10]) Dok. 14361/2010.

— wara li kkunsidra s-Shubija għall-Paċi u s-Sigurtà Afrika-UE, b'mod partikolari l-inizjattivi 2, 7 u 8 tal-Pjan ta' Azzjoni 2011-2013, adottati fis-Samit Afrika-UE li sar fi Tripoli bejn id-29 u t-30 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu tal-Unjoni Afrikana, adottat f'Addis Ababa fit-8 ta' Lulju 2004 fit-tielet sessjoni ordinarja tal-Konferenza tal-Unjoni Afrikana,

— wara li kkunsidra d-diskors ta' Ban Ki-moon fil-Parlament tal-Lussemburgu fis-17 ta' April 2012, fejn talab lill-komunità internazzjonali għal rispons għall-kunflitt li qed jikber fir-reġjun tas-Saħel, li qed isofri minn nixfa kbira, fejn l-għadd ta' nies spostati qed jikber u l-prezzijiet tal-ikel u tal-fjuwil qed jogħlew,

— wara li kkunsidra t-talba għall-għajuna mibgħuta lill-komunità internazzjonali fil-5 ta' Ġunju 2012 mill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Punent tal-Afrika (ECOWAS) wara l-laqgħa ta' livell għoli tagħha f'Lomé, Togo, bil-ħsieb li tindirizza l-kwistjoni tas-sigurtà tal-ikel fir-reġjun, b'mod speċjali fis-Senegal, il-Mawritanja, il-Mali, il-Burkina Faso, in-Niġer u ċ-Ċad,

— wara li kkunsidra d-dokument strateġiku "Tħejjija għal kriżi tal-ikel u n-nutrizzjoni fil-pajjiżi tas-Saħel u l-pajjiżi ġirien", miktub b'mod konġunt u aġġornat fi Frar 2012 minn Action Against Hunger, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-FAO), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA), il-Fond tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti (Unicef) u l-Programm Dinji tal-Ikel (WFP), u imniedi bħala strateġija biex iwieġeb aħjar għar-riskju ta' kriżi ġdida tal-ikel u n-nutrizzjoni fis-Saħel fl-2012 f'isem ir-Regional Food Security and Nutrition Working Group tal-IASC,

— wara li kkunsidra t-talba li saret fl-10 ta' April 2012 minn aġenziji varji tan-NU – il-Unicef, il-UNHCR u d-WHO – għal finanzjament addizzjonali għall-miljuni ta' nies milquta min-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel fir-reġjun tas-Saħel,

— wara li kkunsudra l-appell tal-Unicef għal USD 26 miljun għal Mali sabiex il-pajjiż ikun jista' jissodisfa l-bżonnijiet tas-saħħa u dawk nutrittivi tat-tfal sal-aħħar tas-sena,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afrika tal-Punent, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu tat-20 ta' April 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlament Konġunta AKP-UE dwar l-impatt politiku tal-kunflitt fil-Libja fuq l-Istati ġirien tal-AKP u tal-UE (101.157/fin) adottata f'Horsens, id-Danimarka, fit-30 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-taħlita ta' fatturi ta' nixfa, għargħar, degradazzjoni tal-ħamrija, livell baxx ta' għelejjel, prezzijiet tal-ikel għoljin, spustar, kriżi ta' refuġjati, faqar kroniku, governanza fqira, u, bħala riżultat tal-kunflitti, sitwazzjoni li qed tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem li qed tkompli tmur għall-agħar qed tolqor miljuni ta' nies fir-reġjun;

B. billi n-nies milquta mill-kriżi politika u tal-ikel qed jgħixu f'kundizzjonijiet ta' faqar tant estrem li l-bżonnijiet umani bażiċi tagħhom mhux qed jiġu sodisfati, u t-tensjonijiet soċjali qed jiżdiedu; billi l-parti l-kbira ta' dawn in-nies huma nisa mingħajr ebda forma ta' protezzjoni, u għaldaqstant jikkostitwixxu grupp partikolarment vulnerabbli;

C. billi l-istati membri ta' ECOWAS irreġistraw tnaqqis ta' 9 % fil-produzzjoni taċ-ċereali fl-2012 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Il-produzzjoni taċ-ċereali fis-Saħel naqset b'26 %, filwaqt li fiċ-Ċad u fil-Gambja ġie reġistrat tnaqqis ta' 50 %;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0141.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

D. billi, skont in-NU, 18 -il miljun ruħ ġew milquta min-nixfa u mill-kriżi relatata mal-kunflitt fir-reġjun tas-Saħel fl-Afrika tal-Punent, fejn aktar minn 200 000 tifel u tifla mietu minħabba l-malnutriment fl-2011, u fejn bħalissa miljun tifel u tifla jinsabu f'riskju ta' malnutriment akut sever;

E. billi l-fraġilità tal-istat, il-governanza fqira u l-korruzzjoni fil-pajjiżi tas-Saħel, flimkien mas-sottożvilupp ekonomiku jirriżultaw f'faqar kroniku, jipprovdu ambjent perfett għall-gruppi terroristiċi, it-traffikanti tad-drogi u tal-persuni, u l-gruppi involuti fil-piraterija, il-kummerċ tal-armi, il-ħasil tal-flus, l-immigrazzjoni illegali u n-netwerks tal-kriminalità organizzata, li jingħaqdu flimkien biex joħolqu instabilità fir-reġjun, b'impatt negattiv fuq ir-reġjuni ġirien;

F. billi r-reġjun qed jesperjenza tisħiħ allarmanti tar-rabtiet bejn it-traffikanti tad-droga fl-Amerika Latina u fi stati fl-Afrika tal-Punent/Ċentrali, u billi dan ir-reġjun issa hija rotta ta' tranżitu ewlenija għat-trasport bil-baħar tad-droga lejn l-Ewropa, li tammonta għal aktar minn 25 % tal-konsum globali ta' kokaina; billi dawn ix-xejriet jirrikjedu impenn akbar mill-Unjoni Ewropea;

G. billi l-kunflitti fil-Libja u l-Mali, b'mijiet ta' eluf ta' persuni spustati jemigraw lejn il-Burkina Faso, in-Niġer ul-Mawritanja, ħallew impatt negattiv fuq il-qagħda tas-sigurtà tar-reġjun, li jbati minn nuqqas ta' sigurtà tal-ikel akuta, skarsezza tal-ilma, żieda fil-kriminalità u instabilità kbira;

H. billi l-kunflitt Libjan was għal proliferazzjoni, fir-reġjun tas-Saħel-Saħarjan, ta' kwantitajiet kbar ta' armi, u influss f'daqqa ta' armi tqal li, f'idejn id-diversi gruppi terroristiċi u kriminali u t-traffikanti tad-drogi fir-reġjun, huma theddida serja għas-sigurtà u l-istabilità tas-sottoreġjun kollu;

I. billi l-ex-ġellieda li mil-Libja qed jaslu lura fiċ-Ċad, in-Niġer, il-Mali u l-Mawritanja, bi kwantitajiet kbar ta' armi u munizzjon, huma rekluti potenzjoali għal movimenti tar-ribelli, gruppi affiljati tal-al-Qaeda fil-Magreb Iżlamiku (AQIM) u klikek kriminali, u qed jikkontribwixxu għad-distabbilizzazzjoni tar-reġjun kollu kemm hu;

J. billi t-tradizzjonijiet ta' tolleranza, solidarjetà u rispett għall-persuna umana li jaderixxi magħhom l-Iżlam kif inhuma prattikati fir-reġjun;

K. billi n-nuqqas ta' żvilupp soċjo-ekonomiku ġenwin, it-tqassim inġust tar-riżorsi, rati għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, il-faqar kroniku, in-nuqqas ta' sigurtà tal-imjiegi u d-deprivazzjoni soċjali ddisprata għandhom rwol importanti fir-reklutaġġ taż-żgħażagħ minn gruppi terroristiċi;

L. billi l-qawmien ta' gruppi tar-ribelli bħal Boko Haram fiċ-Ċad u fin-Niġerja huma theddida għall-istabilità tar-reġjun kollu tas-Saħel;

M. billi dan l-iżvilupp, flimkien mal-itfaċċar mill-ġdid tal-irridentiżmu tat-Tuareg f'pajjiżi bħall-Mali u n-Niġer, qed ixekkel l-istabilità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi tar-reġjun tas-Saħel-Saħarjan, b'mod speċjali l-Mawritanja u l-Burkina Faso;

N. billi jeżistu rabtiet iddikjarati fil-miftuħ bejn gruppi terroristiċ fir-reġjun Saħel-Saħaran u traffikanti tad-drogi, armi, sigaretti u bnedmin; billi diversi Ewropej ġew maħtufa u miżmuma ostaġġi, b'mod partikolari fis-snin riċenti;

O. billi t-terroriżmu fis-Saħel jeħtieġ jiġi missielet parzjalment permezz ta' politika attiva għall-promozzjoni tal-iżvilupp, il-ġustizzja soċjali, l-istat tad-dritt u l-integrazzjoni; billi huwa neċessarju li jiġu offruti prospetti ekonomiċi għall-gruppi tal-popolazzjoni lokali li jipprovdu alternattiva għall-ekonomija kriminali;

P. billi l-ark tas-Saħel huwa żona strateġika bejn l-Afrika Sub-Saharjana u l-Ewropa u billi s-sitwazzjoni fl-istrixxa tas-Sahel-Saħara hija għalhekk kwistjoni ewlenija ta' sigurtà kemm għall-Afrika kif ukoll għall-Ewropa;

Q. billi l-partijiet interessati internazzjonali, reġjonali u nazzjonali kollha għandhom jiġu mobilizzati biex isaħħu l-ġlieda kontra t-terroriżmu u għat-tisħiħ tas-sigurtà fir-reġjun, anke permezz ta' djalogi strutturati;

R. billi l-istrateġija tal-UE tidentifika l-Mawritanja, il-Mali u n-Niġer bħala pajjiżi ewlenin tas-Saħel, u tisħaq li n-nuqqas ta' ħiliet governattivi u l-faqar sistemiku huma dinaki li jsaħħu lill-xulxin b'mod reċiproku;

S. billi kkunsidra r-riperkussjonijiet serji tan-nuqqas ta' sigurtà fuq l-ekonomija tar-reġjun, b'mod partikolari s-setturi tal-minjieri u tat-turiżmu, fuq l-iżvilupp u fuq il-ħolqien tal-impjiegi; billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiħżien wasslet biex il-proġetti għall-iżvilupp mibdija f'diversi pajjiżi fis-sottoreġjun waqfu, u b'hekk ħafna żgħażagħ sabu rwieħhom qegħda, filwaqt li l-vulnerabilità tagħhom aktar se jibbenefikaw minnha l-gruppi terroristiċi u kriminali;

1. Jesprimi tħassib serju dwar id-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel, u jistieden lill-UE taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet u l-parlamenti tal-pajjiżi tar-reġjun, is-soċjetà ċivili u l-korpi reġjonali u internazzjonali, inkluża l-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS, tindirizza b'mod komprensiv il-kawżi fundamentali politiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-faqar, tappoġġjaw l-iżvilupp ekonomiku, il-governanza tajba u aċċess imtejjeb għall-infrastrutturi ewlenin u s-servizzi bażiċi għall-popolazzjoni lokali, u sabiex tgħin il-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet statali, il-ġustizzja, il-pulizija u d-dwana sabiex tissaħħaħ is-sigurtà u l-istat tad-dritt fir-reġjun;

2. Jikkundanna għalkollox kull attentat ta' teħid tal-poter bl-użu tal-forza, kull att ta' terroriżmu u ta' sakkeġġi ta' sptarijiet, skejjel, aġenziji tal-għajnuna u bini tal-gvern, kull forma ta' kastig krudili u inuman assoċjat mal-applikazzjoni tal-liġi tax-Xarija, u kull delitt tal-gwerra, ħtif u ksur serju tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem diretti lejn il-popolazzjoni tal-Mali, b'mod speċjali fiż-żoni tat-Tramuntana kkontrollati mir-ribelli, u jappella lill-awtoritajiet tal-Mali u lill-moviment għal-liberazzjoni tat-Tuareg isibu soluzzjoni paċifika u dejjiema permezz ta' djalogu kostruttiv;

3. Jikkundanna b'mod partikolari l-attroċitajiet imwettqa kontra l-popolazzjoni ċivili, li kienu diretti l-iktar kontra n-nisa u t-tfal, u jikkundanna b'mod partikolari l-użu tal-ħtif u l-istupru bħala armi tal-gwerra;

4. Iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tħaffef l-implimentazzjoni tal-komponenti varji tal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel; jappoġġa l-impenn tal-Kunsill li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' reġjun paċifiku u stabbli fejn tkun żgurata l-awtosuffiċjenza tal-ikel;

5. Ifakkar li, minħabba li s-sigurtà u l-iżvilupp huma marbuta mill-qrib, it-titjib tal-qagħda tas-sigurtà huwa integrali għat-tkabbir ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar fir-reġjun; jappella lill-UE biex tintroduċi strumenti biex titjieb is-sigurtà fir-reġjun, b'enfasi speċjali fuq il-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi konċernati u l-promozzjoni u t-tisħiħ ta' djalogu komprensiv bejn l-atturi reġjonali ewlenin;

6. Jitlob lill-Kummissjoni u l-SEAE, biex fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel (b'enfasi fuq erba' gruppi ta' azzjoni: l-iżvilupp, il-governanza tajba u s-soluzzjoni ta' kunflitti interni; l-azzjoni politika u diplomatika; is-sigurtà u l-istat tad-dritt; l-azzjoni kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni), jadottaw bħala prinċipju ewlieni r-rabta tas-sigurtà mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp, b'mod speċjali s-sigurtà tal-ikel;

7. Jilqa' l-programm ta' kontra t-terroriżmu tas-Saħel, is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Afrika tal-Punent, il-Proġett għall-Paċi u s-Sigurtà tal-ECOWAS u l-Pjan ta 'Azzjoni kontra d-Drogi u l-Kriminalità tal-ECOWAS, imnedija fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel, kif ukoll l-inizjattivi reġjonali bħal dawk organizzati miċ-Ċentru Afrikan ta' Studju u Riċerka dwar it-Terroriżmu (ACSRT) dwar il-kapaċità tas-sistemi legali nazzjonali biex iwieġbu għat-terroriżmu;

8. Huwa tal-fehma li l-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel, filwaqt li tagħti riżultati pożittivi, jeħtieġ li tindirizza r-riskju ta' frammentazzjoni, u ttejjeb iss-sinkronizzazzjoni tal-azzjonijiet meħuda mill-UE fi ħdan l-istrumenti differenti li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mas-Saħel;

9. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimmobilizaw ir-riżorsi disponibbli kollha biex jippromwovu s-sigurtà u l-iżvilupp fir-reġjun tas-Saħel-Saħara b'kooperazzoni mal-pajjiżi tar-reġjun, man-Nazzjonijiet Uniti u ma' sħab internazzjonali oħra;

10. Jilqa' l-pakkett tal-komunità tal-Afrika tal-Punent ta' USD 80 miljun, imwiegħed bi tweġiba għall-kriżi ta' emerġenza fir-reġjun tas-Saħel, u ż-żieda fl-għajnuna umanitarja tal-UE fir-reġjun tas-Saħel minn EUR 45 miljun għal aktar minn EUR 120 miljun sa mill-bidu tal-2012, u jħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jiżguraw li din l-għajnuna jgawduha dawk li huma fil-bżonn; jistieden fl-istess ħin lill-komunità internazzjonali biex tagħmel l-isforzi finanzjarji meħtieġa biex tindirizza l-kriżi tal-ikel u n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun;

11. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-Saħel huwa wieħed mir-reġjuni l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima u mit-telf tal-bijodiversità, li għandhom impatt kbir fuq l-agrikoltura u fuq il-ħajja tal-bdiewa u tan-nies tal-post, u jżidu l-faqar u l-inugwaljanzi; jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni meħuda mill-FAO, flimkien mal-Kumitat Interstatali Permanenti għall-Kontroll tan-Nixfa fis-Sahel (Permanent Interstate Committee for Drought Control in the Sahel - CILSS), in-Netwerk ta' Sistemi ta' Twissija Bikrija tal-Karestija (Famine Early Warning Systems Network - FEWSNET), il-WFP u l-gvernijiet;

12. Iħeġġeġ lill-UE biex waqt li tikkoordina ma' donaturi oħra, teżerċita tmexxija soda u tieħu azzjoni rapida sabiex jiġi evitat li l-kriżi fir-reġjun tas-Saħel issir diżastru, minħabba li s-sitwazzjoni umanitarja fir-reġjun huwa mistenni li se tibqa' kritiku talanqas sal-ħsad prinċipali ta' din il-ħarifa;

13. Jinsab konvint li huwa indispensabbli għall-komunità internazzjonali, fil-perspettiva medja u fit-tul, li tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq it-tisħiħ tal-ħila tal-popolazzjonijiet ikkonċernati li jgħixu man-nixfiet ġejjieni u avvenimenti diffiċli oħra u b'hekk titnaqqas id-dipendenza tagħhom fuq l-għajnuna ta' emerġenza, li ttejjeb l-istrateġiji ta' rispons għall-ġuħ u li tiġġieled kontra vulnerabilitajiet strutturali, u b'hekk tindirizza l-problema b'mod aktar effiċjenti;

14. Iħeġġeġ lill-UE u l-komunità internazzjonali sabiex jiffokaw l-attivitajiet tagħhom fuq sforzi biex jipproteġu l-għajxien tal-familji l-aktar vulnerabbli, isaħħu l-ħila ta' reżistenza tar-raħħala, tal-agro-raħħala u tal-bdiewa, jappoġġjaw il-ġestjoni/konservazzjoni tar-riżorsi naturali bħall-ilma, is-siġar u l-ħamrija, jipprovdu assistenza integrata ta' nutrizzjoni ta' emerġenza lill-familji l-aktar vulnerabbli, speċjalment in-nisa, isaħħu t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-ġestjoni fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali, u jappoġġjaw il-koordinazzjoni ta', u jsaħħu, il-ġestjoni tal-inforamzzjoni dwar is-sigurtà tal-ikel u s-sistemi ta' twissija bikrija;

15. Jemmen li teżisti ħtieġa urġenti ta' inizjattivi ta' appoġġ immirati għat-tisħiħ tad-djalogu dwar it-terroriżmu u dwar ir-reklutaġġ taż-żgħażagħ minn terroristi u gruppi kriminali oħra, inkluż permezz ta' appoġġ għall-impjegar u t-taħriġ taż-żgħażagħ, kif ukoll għat-tisħiħ tal-ħila tal-komunitajiet lokali li jirreżistuhom u jiġġilduhom;

16. Iħeġġeġ lill-istati tar-reġjun Saħel-Saħara, lill-awtoritajiet ġodda Libjani u lill-aġenziji multilaterali kompetenti biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex iwaqqfu l-proliferazzjoni tal-armi fir-reġjun billi jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-kontroll u s-sigurtà tal-fruntieri nazzjonali fir-reġjun, inkluż mekkaniżmu biex iwaqqaf it-trasferiment ta' armi żgħar u armamenti ħfief, biex jimplimentaw programmi għall-ġbir u l-qerda ta' armi żgħar u armamenti ħfief illegali, u biex jieħdu miżuri għall-iskambju ta' informazzjoni u t-tnedija ta' operazzjonijiet tas-sigurtà konġunti fir-reġjun;

17. Jilqa' l-ħolqien fl-2010 tas-CEMOC mill-Alġerija, l-Mawritanja, il-Mali u n-Niġer biex jikkoordina l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-drogi fir-reġjun Saħel-Saħarjan;

18. Jappella lill-komunità internazzjonali b'mod ġenerali, u l-UE b'mod partikolari, biex iżidu l-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi tar-reġjun tas-Saħel-Sahara u mal-ECOWAS fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata fis-sottoreġjun, b'mod speċjali billi jżidu r-riżorsi disponibbli għall-CEMOC;

19. Jappella li l-miżuri kollha meħuda biex jiġi miġġieled it-terroriżmu jkunu konformi mal-konvenzjonijiet u l-protokolli internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

20. Jenfasizza li għandhom jittieħdu miżuri effettivi biex jinqatgħu s-sorsi ta' finanzjament tat-terroristi u l-kompliċi tagħhom, u tappella lill-istati tar-reġjun biex jadottaw il-miżuri appoġġjati mill-Uffiċċju dwar id-Drogi u l-Kriminalità tan-Nazzjonijiet Uniti (UNODC - United Nations Office on Drugs and Crime), jiġifieri riforma tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali, liġijiet konta l-korruzzjoni, titjib tal-monitoraġġ tal-kummerċ ta' armi żgħar u l-iffriżar tal-kontijiet bankarji ta' persuni suspettati;

21. Ifakkar u jikkundanna l-ħtif bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2011 ta' żewġ ċittadini Franċiżi, Svediż, Olandiż u Sud-Afrikan b'passaport Brittaniku, flimkien mal-qtil ta' ċittadin Ġermaniz li rreżista lil dawk li ppruvaw jaħtfuh; jinnota li dan ifisser li l-għadd ta' ostaġġi mill-UE fiż-żona tas-Saħel hu 12, filwaqt li l-al-Qaeda fil-Magreb Iżlamiku għadha qed iżżomm żewġ ċittadini Spanjoli u ċittadin Taljan maħtufa fil-Punent tal-Alġerija f'Ottubru 2011, erba' ċittadini Franċiżi maħtufa fin-Niġer f'Settembru 2010 u fil-15 ta' April 2012, missjunarja mill-Isvizzera maħtufa f'Timbuktu;

22. Jittama li kwalunkwe missjoni tal-ESDP mitluba uffiċjalment mill-Gvern tal-Mali se tgħin lill-pajjiżi fis-sottoreġjun jikkontrollaw il-fruntieri tagħhom b'mod iktar effettiv, u b'mod partikolari biex jiġġieldu t-traffikar tal-armi, drogi u bnedmin;

23. Ifaħħar l-azzjonijiet meħuda mill-ECOWAS, l-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti u l-pajjiżi ġirien bl-għan li jiffaċilitaw ir-ritorn rapidu ta' Mali għall-ordni kostituzzjonali u t-tnedija ta' miżuri konkreti mfassla biex jipproteġu s-sovranità, l-unità u l-integrità territorjali tal-Mali; jieħu nota tal-eżitu tal-konferenza li saret f'Ouagadougou bejn l-14 u l-15 ta' April 2012 taħt l-awspiċi tal-President Burkinjan Blaise Compaoré, il-medjatur maħtur mill-ECOWAS, u jittama li l-kalendarju u l-arranġamenti dettaljati tat-tranżizzjoni se jkomplu jiġu ċċarati bil-ħeffa;

24. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet fir-reġjun tas-Saħel, u jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw il-protezzjoni tagħhom minn kwalunkwe tip ta' vjolenza u mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarji Ġenerali tan-NU u tal-UA, lill-ECOWAS u lill-Istati Membri tal-UE.

## Każijiet ta' impunità fil-Filippini

P7_TA(2012)0264

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar każijiet ta' impunità fil-Filippini (2012/2681(RSP))**

(2013/C 332 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Protokoll Addizzjonali li hemm miegħu, li r-Repubblika tal-Filippini hija firmatarja tiegħu,

— wara li kkunsidra id-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiż 2007-2013 tal-Kummissjoni għall-Filippini,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Finanzjament għall-Programm ta' Appoġġ għall-Ġustizzja UE-Filippini, li ġie ffirmat f'Ottubru 2009 u li kien intiż biex iħaffef il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-perpetraturi tal-qtil extraġudizzjarju, kif ukoll il-programm il-ġdid "Ġustizzja għal Kulħadd",

— wara li kkunsidra r-ratifika reċenti mill-Filippini tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u l-Prokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Kastigi Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (OPCAT),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar ir-Rieżami Universali Perjodiku (UPR) dwar il-Filippini tal-31 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-VP/RGħ Catherine Ashton tal-24 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Filippini, b'mod partikolari dik tal-21 ta' Jannar 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Esmail Amil Enog, impjegat tal-familja Ampatuan ta' Maguindanao, għeb f'Marzu 2012 wara li kien xehed fil-qorti li kien saq membri ta' milizja armata sal-post fejn inqatlu 57 vittma fl-2009; billi ġismu mqatta', b'fuqu traċċi tat-tortura, instab fil-31 ta Mejju 2012;

B. billi, f'mossa bla preċedent, il-mexxejja ewlenin tal-familja Ampatuan akkużati li kienu huma l-imħuħ wara l-massakru ta' Maguindanao ġew arrestati wara l-ġrajjiet tat-23 ta' Novembru 2009, filwaqt li l-assi u l-kontijiet bankarji ta' 28 membru u assoċjat tal-klann ġew iffriżati;

C. billi l-proċess tal-persuni akkużati li wettqu l-massakru ta' Maguindanao beda fit-8 ta' Settembru 2010 f'Manila; billi Andal Ampatuan u bosta minn uliedu qed isirilhom proċess minħabba l-massakru, filwaqt li madwar 100 suspettat ieħor għadhom liberi;

D. billi Esmail Enog kien it-tielet xhud li nqatel mindu beda l-proċess fl-2010, filwaqt li ġie rrapurtat li l-qraba ta' xhied oħra sfaw attakkati, mhedda, iffastidjati, jew sarulhom offerti ta' tixħim;

E. billi l-mewt brutali tas-Sur Enog hija indikatur ċar tal-fatt li l-klima ta' impunità li wittiet it-triq għall-massakru ta' Maguindanao għadha ħajja fil-pajjiż;

F. billu, skont rapporti tal-istampa internazzjonali, erba' ġurnalisti nqatlu fl-2012 u organizzazzjonjiet tal-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem iqisu l-Filippini bħala pajjiż perikoluż għall-midja;

G. billi l-każijiet ta' qtil extraġudizzjarju u għibien furzat naqsu b'mod sinifikanti mindu ħa l-poter il-President Aquino, billi, madankollu, il-gvern għad m'għandux biżżejjed kapaċità jiġġieled b'effikaċja l-impunità tal-perpetraturi ta' atti bħal dawn, u jindirizza l-vjolenza politikament motivata fil-pajjiż;

H. billi, skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, mill-ħafna mijiet ta' każijiet ta' qtil extraġudizzjarju fl-aħħar għaxar snin, kienu biss seba' każijiet, li jinvolvu 11-il akkużat, li saritilhom prosekuzzjoni b'suċċess, u l-ebda każ minn mindu tela' l-President Aquino;

I. billi, wara l-massakru ta' Maguindanao, il-gvern stabbilixxa Kummissjoni Indipendenti kontra l-Armati Privati biex ixxolji l-milizji privati, imma sal-lum, din baqgħet bla riżultati konkreti;

J. billi, skont ir-rapport ta' Mejju 2011 tal-Kummissjoni Indipendenti kontra l-Armati Privati hemm tal-anqas 72 grupp armat privat attiv fil-pajjiż;

K. billi l-aktar UPR reċenti tal-Filippini tenna r-rakkomandazzjonijiet tal-2008, jiġifieri: li tinġieb fi tmiemha l-impunità għall-qtil extraġudizzjajru, l-għibien furzat u t-tortura, u li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja; li jiġu intensifikati l-isforzi għall-projbizzjoni totali tat-tortura, tal-qtil extraġudizzjarju u tal-għibien furzat; li tinġieb fi tmiemha l-impunità billi l-perpetraturi jitressqu quddiem il-ġustizzja; u li tkun żgurata protezzjoni adegwata għall-ġurnalisti u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

L. billi l-Att dwar l-Għibien Furzat jew Involontarju ġie adottat mis-Senat tal-Filippini f'Ġunju 2011 u mill-Kamra tar-Rappreżentanti tal-pajjiż f'Mejju 2012;

([1]) ĠU C 305 E, 11.11.2010, p. 11.

1. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil tat-tielet xhud tal-massakru ta' Maguindanao u l-assassinju ta' erba' ġurnalisti, u jesprimi s-solidarjeta tiegħu mal-familji tal-mejtin;

2. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-indipendenza tal-ġudikatura u l-pass kajman tal-kundanni għal vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, u jitlob li minnufih issir investigazzjoni indipendenti ta' każijiet reċenti ta' qtil;

3. Jistieden lill-Gvern tal-Filippini jieħu miżuri ulterjuri biex iġib fi tmiemha l-impunità għall-qtil extra-ġudizzjajru, l-għibien furzat u t-tortura, u jressaq lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja, inklużi l-perpetraturi tal-massakru ta' Maguindanao li għadhom liberi; jitlob ukoll li jinħelsu l-persuni li għebu li għadhom miżmuma u li jinxteħet id-dawl fuq il-każijiet l-oħra kollha li għadhom mhux solvuti;

4. Jilqa' x-xili ta' 196 individwu għall-massakru ta' Maguindanao, imma jiddeplora l-fatt li sal-lum għadu ma sar l-ebda progress reali fil-proċess;

5. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Filippini biex jirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha kontra l-Għibien Furzat u jippromulga l-Att dwar l-Għibien Furzat jew Involontarju;

6. Jistieden lill-Gvern tal-Filippini biex jiżgura l-protezzjoni adegwata tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, trejdjunjonisti u ġurnalisti, jinvestiga u jipprosegwixxi b'mod effikaċi każijiet ta' attakki fu il-ġurnalisti, u jdaħħal fil-liġijiet tal-pajjiż leġiżlazzjoni qawwija li tipprojbixxi dawn l-atti u timponi pieni kriminali;

7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet statali biex jistabbilixxu, taħt il-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, programm speċjalizzat ta' protezzjoni tax-xhieda u tal-vittmi, inkluża l-protezzjoni tal-familji tal-vittmi, f'każijiet li jinvolvu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment meta jkun maħsub li l-perpetraturi jkunu suldati, pulizija jew uffiċjali statali;

8. Jesprimi t-tħassib tiegħu li għadhom mifruxa l-użu tat-tortura u l-maltrattament tal-persuni suspettati miżmuma mill-pulizija, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Filippini biex iqawwu l-isforzi tagħhom ħalli jiġġieldu rigorożament kontra l-vjolazzjonijiet tal-Att nazzjonali tal-2009 kontra t-Terroriżmu;

9. Iħeġġeġ lill-gvern jipprojbixxi u jisfaxxa minnufih il-forzi paramilitari (anki f'każijiet fejn l-attività paramilitari tkun taħt is-superviżjoni tal-kmand militari) u l-milizji lokali, u jħeġġu jistabbilixxi kontroll sħiħ militari u tal-pulizija fuq unitajiet armati ċivili, b'mod partikolari l-Unitajiet Ġeografiċi tal-Forzi Armati Ċivili u l-Organizzazzjonijiet ta' Volontari Ċivili;

10. Jistieden lill-gvern jieħu passi konkreti biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet li saru lill-Filippini fil-UPR reċenti; iħeġġu jirrevoka, bla aktar dewmien, l-Ordni Eżekuttiv Nru 546, bil-għan li jipprojbixxi l-armati privati;

11. Jilqa' r-ratifika reċenti mill-Filippini tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kiriminali Internazzjonali fit-30 ta' Awwissu 2011 u tal-Prokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Kastigi Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (OPCAT) fis-17 ta' April 2012;

12. Jilqa' l-passi importanti meħuda mill-Gvern tal-Filippini fit-tentattivi tiegħu biex jipprevjeni l-qtil u jressaq lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja, kif ukoll biex ivara Grupp dedikat ta' prosekuturi li jindirizza l-qtil extraġudizzjarju u l-għibien furzat;

13. Jilqa' l-implimentazzjoni b'suċċess tal-programm EPJUST u l-Programm il-ġdid ta' appoġġ għall-ġustizzja UE-Filippini "Ġustizzja għal Kulħadd", li mhux se jdum ma jiġi varat u li sejjer jalloka EUR 10 miljun tul il-perjodu 2012-2015 biex jippromwovi l-aċċess ekwu għall-ġustizzja u l-infurzar effiċjenti tagħha għaċ-ċittadini kollha inġenerali, u b'mod partikolari għan-nies foqra u żvantaġġati, speċjalment in-nisa, it-tfal, il-minoranzi u l-popli indiġeni, kif ukoll għall-attivisti tad-dritiijiet tal-bniedem u soċjali;

14. Jistieden lill-Gvern tal-Filippini jippermetti żjara mir-Rapporteur Speċjali tan-NU biex dan jinvestiga s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President u lill-Gvern tal-Filippini, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, u lill-gvernijiet tal-istati membri tal-ASEAN.

## Is-sitwazzjoni tal-minoranzi etniċi fl-Iran

P7_TA(2012)0265

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tal-minoranzi etniċi fl-Iran (2012/2682(RSP))**

(2013/C 332 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikolari dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 16/9 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li tistabbilixxi l-mandat għal Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran,

— wara li kkunsidra r-rapporti dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran tat-23 ta' Settembru 2011 u tas-6 ta' Marzu 2012,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija tal-Kelliem għar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-użu tal-piena tal-mewt fl-Iran fit-30 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) u l-Konvenzjoni dwar it-Tneħħija ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni, li għalihom kollha l-Iran huwa stat kontraenti,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran hi kkaratterizza minn xejra kontinwa ta' ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali; billi l-minoranzi fl-Iran għadhom isofru diskriminazzjoni u fastidju għal raġunijiet tal-isfond etniku jew reliġjuż tagħhom; billi f'dawn l-aħħar xhur gruppi ta' minoranza għamlu manifestazzjonijiet għad-drittijiet tagħhom, u billi dan wassal biex numru kbir ta' manifestanti ntefgħu l-ħabs;

B. billi sitt membri tal-minoranza Għarbija Aħważi qiegħdin jiġu pproċessati wara li nżammew mingħajr att ta' akkuża għal kważi sena b'konnessjoni mal-attivitajiet tagħhom f'isem din il-minoranza; billi jeżistu biżgħat iġġustifikati li dawn jistgħu ma jkunux ipproċessati b'mod ġust u jistgħu jkunu fir-riskju ta' tortura jew trattament ħażin ieħor;

C. billi, fil-5 ta' Ġunju 2012, pereżempju, Mohammad Mehdi Zalieh, priġunier Iranjan-Kurd miet fil-ħabs Rajaee Shahr bħala riżultat ta' attenzjoni medika fqira mill-awtoritajiet tal-ħabs;

D. billi l-kostituzzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran tipprovdi formalment għat-trattament ġust tal-minoranzi etniċi; billi, madankollu fil-prattika, membri ta' minoranzi etniċi, bħall-Ażeri, l-Għarab, il-Kurdi u l-Baloch, qed jiffaċjaw firxa sħiħa ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet umani u ċivili, inklużi indħil fuq id-drittijiet tagħhom tal-libertà ta' għaqda, assoċjazzjoni u espressjoni;

E. billi hemm diskriminazzjoni mifruxa kontra l-persuni li jappartjenu għall-minoranzi, inkluża l-konfiska tal-art u tal-proprjetà u ċ-ċaħda ta' impjieg, u restrizzjonijiet fuq id-drittijiet soċjali, kulturali u lingwistiċi, bi vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali u tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

F. billi d-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi etniċi għandha impatt konsiderevoli fil-qasam tal-edukazzjoni, minħabba li l-iskejjel fir-reġjuni tal-minoranzi huma sikwit foqra u r-rati ta' analfabetiżmu f'dawn ir-reġjuni għandhom tendenza li jkunu ogħla mill-medja nazzjonali, fattur li jikkontribwixxi għar-rappreżentanza insuffiċjenti tal-minoranzi nazzjonali u etniċi fil-karigi għolja tal-gvern;

G. billi n-nisa mhux Persjani jiffaċjaw diskriminazzjoni doppja bħala membri ta' komunitajiet marġinalizzati u bħala nisa fl-Iran, fejn il-liġi tillimita d-drittijiet tagħhom b'mod speċifiku;

H. billi kienet irreġistrata żieda drammatika fl-eżekuzzjonijiet, inklużi ta' minuri, fl-Iran f'dawn l-aħħar snin; billi l-piena tal-mewt tkun imposta regolarment f'każijiet fejn l-akkużati jkunu miċħuda d-drittijiet ta' proċess ġust tagħhom u għal delitti li ma jaqgħux taħt il-kategorija tal-"iktar delitti gravi" skont l-istandards internazzjonali;

1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu għas-sitwazzjoni li dejjem sejra għall-agħar fl-Iran, inkluż għal persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi u etniċi, minħabba diskriminazzjoni politika, ekonomika, soċjali u kulturali sistematika;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jeliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra persuni li huma parti minn minoranzi etniċi u reliġjużi, kemm jekk huma uffiċjalment rikonoxxuti kemm jekk mhumiex; jitlob li kull persuna li hi parti minn minoranza titħalla teżerċita d-drittijiet kollha mħaddna fil-Kostituzzjoni Iranjana u fil-liġi internazzjonali, inklużi l-garanziji stipulati fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, li tagħhom l-Iran huwa stat kontraenti;

3. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw li l-membri tal-minoranza Għarbija Aħważi arrestati – Mohammad Ali Amouri, Rahman Asakereh, Hashem Sha'bani Amouri, Hadi Rashidi, Sayed Jaber Alboshoka u Sayed Mokhtar Alboshoka – ikunu pproċessati skont l-istandards internazzjonali ta' proċess ġust, bil-protezzjoni dovuta mit-tortura u minn trattament ħażin ieħor, u mingħajr l-użu tal-piena tal-mewt;

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jeħilsu l-attivisti li bħalissa qiegħdin il-ħabs għall-ħidma paċifika tagħhom favur id-drittijiet tal-minoranzi;

5. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jirrispettaw id-dritt tal-minoranzi etniċi li jużaw il-lingwi proprji tagħhom, fil-privat u pubbliku, u b'mod partikolari jiggarantixxu l-edukazzjoni fil-lingwi minoritarji, skont il-kostituzzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran;

6. Jistieden lill-Espert Indipendenti tan-NU dwar kwistjonijiet ta' minoranzi u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar forom kontemporanji ta' razziżmu, ksenofobija u intolleranza relatata biex jagħmlu żjara fl-Iran sabiex jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikolari l-qagħda mwiegħra tal-minoranzi;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jiggarantixxu l-libertà reliġjuża skont il-kostituzzjoni Iranjana u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u jtemmu, fil-prattika, id-diskriminazzjoni kontra u l-fastidju lil minoranzi reliġjużi bħal Musulmani mhux Xiti, Assirjani u gruppi Kristjani oħrajn, il-persekuzzjoni sistematika tal-minoranza Baha'i u l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt lil min jikkonverti mill-Iżlam;

8. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament, biex tagħmel użu effettiv mill-Istrument għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem il-ġdid sabiex tappoġġa d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni minn minoranzi, fl-Iran;

9. Jikkundanna bil-qawwa l-piena kapitali fl-Iran u jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex, bi qbil mar-Riżoluzzjonijiet 62/149 u 63/168, tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, jistabbilixxu moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet sakemm titneħħa l-piena kapitali; iħeġġeġ lill-gvern sabiex jipprojbixxi l-eżekuzzjoni tal-minuri u jikkommuta s-sentenzi kapitali kollha li bħalissa qed jiffaċjaw il-minuri;

10. Jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jimpenja ruħu fi djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Iran fil-livelli kollha fuq il-bażi ta' valuri universali kif imħaddna fil-Karta tan-NU u l-konvenzjonijiet tan-NU;

11. Jistieden lill-Awtoritajiet Iranjani juru li huma impenjati bis-sħiħ li jikkooperaw mal-komunità internazzjonali fit-titjib tal-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran; jenfasizza l-ħtieġa għal impenn aktar mill-qrib mal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi-President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

## Ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku

P7_TA(2012)0266

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-istabbiliment ta' ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku**

(2013/C 332 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-Ewropa madwar 400 000 persuna kull sena tbati minn arrest kardjaku f'daqqa li jseħħ barra l-isptar, b'rata ta' sopravivenza ta' inqas minn 10 %;

B. billi s-sopravivenza ta' ħafna vittmi li jkunu jidhru b'saħħithom tiddependi mir-risuxxitazzjoni kardjopulmonari amministrata mill-persuni fil-qrib u d-defibrillazzjoni bikrija, u billi l-intervent fl-ewwel 3 sa 4 minuti jista' jżid l-opportunità ta' sopravivenza għal iktar minn 50 %;

C. billi fl-Ewropa, il-programmi ta' defibrillaturi esterni awtomatizzati huma implimentati parzjalment biss;

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħeġġu:

— l-adozzjoni ta' programmi komuni għall-implimentazzjoni tad-defibrillaturi esterni awtomatizzati f'postijiet pubbliċi u għat-taħriġ tal-persuni lajki fl-Istati Membri kollha,

— l-aġġustament tal-leġiżlazzjoni sabiex tkun iffaċilitata r-risuxxitazzjoni kardjopulmonari u d-defibrillazzjoni minn persuni mhux mediċi,

— il-ġbir sistematiku tad-data għall-feedback u l-ġestjoni tal-kwalità f'kull programm;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku mmirata lejn it-titjib tal-kuxjenza u l-edukazzjoni tal-pubbliku ġenerali, tat-tobba u tal-professjonisti tas-saħħa;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għal aċċess ugwali għal risuxxitazzjoni kardjopulmonari ta' kwalità għolja;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni armonizzata fl-UE kollha sabiex jipprovdu l-immunità mir-responsabilità għall-persuni mhux mediċi li jirreaġixxu l-ewwel biex joffru l-assistenza volontarja f'emerġenzi kardijaki;

5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tal-14 ta' Ġunju 2012 (P7_PV(2012)06-14(ANN1)).

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar is-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

P7_TA(2012)0240

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar is-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2012/2036(INI))**

(2013/C 332 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 34 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill minn Alexander Graf Lambsdorff f'isem il-Grupp ALDE dwar is-67 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) (B7-0132/2012),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar is-66 Sessjoni tal-AĠNU ([1]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 dwar l-UE bħala attur globali: ir-rwol tagħha f'organizzazzjonijiet multilaterali ([2])

— wara li kkunsidra l-prijoritajiet tal-UE għas-66 Sessjoni tal-AĠNU, kif adottati mill-Kunsill fil-10 ta' Ġunju 2011 ([3]),

— wara li kkunsidra s-66 Sessjoni tal-AĠNU, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tal-korp dwar 'In-Nazzjonijiet Uniti fil-governanza dinjija' ([4]), 'Il-promozzjoni tal-effiċjenza, ir-responsabbiltà, l-effettività u t-trasparenza tal-amministrazzjoni pubblika billi jissaħħu l-istituzzjonijiet supremi tal-verifika' ([5]), 'Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Għarbija Sirjana' ([6]), 'L-għoti ta' setgħa u l-iżvilupp tal-persuni' ([7]), 'Lejn sħubiji dinjija' ([8]), 'Kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tan-Nofsinhar' ([9]), 'Ir-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fil-promozzjoni tal-iżvilupp fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-interdipendenza' ([10]), 'It-tisħiħ tar-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fit-titjib ta' elezzjonijiet perjodiċi u ġenwini u l-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni' ([11]), 'Rapport tal-Konferenza dwar id-Diżarm' ([12]), 'Promozzjoni ta' ordni internazzjonali demokratiku u ekwu' ([13]), u 'In-natura universali, indiviżibbli, interrelatata, interdipendenti u ta' tisħiħ reċiproku tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha' ([14]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0255.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0229.
([3]) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 11298/2011.
([4]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/256 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([5]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/209 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([6]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/253 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([7]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/224 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([8]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/223 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([9]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/219 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([10]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/210 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([11]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/163 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([12]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/59 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([13]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/159 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([14]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/151 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-AĠNU tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-intolleranza, l-isterjotipar negattiv, l-istigmatizzazzjoni, id-diskriminazzjoni, l-inċitament għall-vjolenza u vjolenza kontra persuni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-AĠNU tat-3 ta' Mejju 2011 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fix-xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-AĠNU tal-31 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 21, il-Programm għal Aktar Implimentazzjoni tal-Aġenda 21 u r-riżultati tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000, li fasslet l-Għanijiet ta' żvilupp tal-Millennju (MDGs) bħala għanijiet stabbiliti b'mod konġunt mill-komunità internazzjonali biex jinqered il-faqar,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Settembru 2003 dwar 'L-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti: l-għażla tal-multilateraliżmu' (COM(2003)0526),

— wara li kkunsidra r-rimarki tal-President tal-Kunsill Ewropew wara l-laqgħa tiegħu mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (SĠNU) fis-16 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament fuq id-19-il Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet Umani tan-NU (UNHRC) ([4]),

— wara li kkunsidra ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2011 dwar appoġġ tal-UE għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC): naffaċċjaw l-isfidi u negħlbu d-diffikultajiet ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-futur tas-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Afrika wara t-tielet Samit bejn l-UE u l-Afrika ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-10 anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-Kooperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-riforma tan-Nazzjonijiet Uniti ([10]),

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni konġunta tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sottokumitat dwar id-Drittijiet Umani tas-66 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tat-28 u d-29 ta' Novembru 2011,

([1]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/66/167 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([2]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/65/276 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([3]) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/64/236 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0058.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0507.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0334.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2010)0482.
([8]) ĠU C 99E, 3.4.2012, p. 56.
([9]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 7.
([10]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 549.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 121(3) u 97 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0186/2012),

A. billi l-valuri u n-normi internazzjonali komuni jimmiraw li jiżguraw il-paċi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà u l-prosperità fid-dinja, u li jaqsmu l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni fost kulhadd fuq bażi aktar ġusta;

B. billi n-NU hija fil-qalba tal-governanza dinjija, filwaqt li fl-istess ħin qed tmexxi r-riformi tagħha stess sabiex iżżid it-trasparenza, l-effettività u l-effiċjenza;

C. billi hemm ħtieġa li dejjem qed tikber għal regoli komuni u mekkaniżmi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex ikunu indirizzati b'mod konġunt sfidi globali emerġenti u l-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika dinjija;

D. billi l-UE teħtieġ li ssaħħaħ il-koeżjoni tagħha sabiex tibqa' attur ewlieni f'dinja dejjem aktar multipolari li teħtieġ azzjoni konġunta globali; billi l-Istati Membri tal-UE huma obbligati permezz tat-trattati li jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali;

E. billi l-UE hija impenjata għal multilateraliżmu effettiv b'NU b'saħħitha fil-qalba tagħha, minħabba li dan huwa essenzjali sabiex jindirizza sfidi globali;

F. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributuri finanzjarji tas-sistema tan-NU; billi l-UE-27 tiffinanzja 39 % tal-baġit regolari tan-NU u aktar minn 40 % tal-operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi tan-NU;

G. billi sħubija bejn l-UE u n-NU soda u stabbli hija fundamentali għax-xogħol tan-NU taħt it-tliet pilastri – paċi u sigurtà, drittijiet umani u żvilupp – u hija importanti ħafna wkoll għar-rwol tal-UE bħala attur globali;

H. billi l-UE u n-NU huma sħab naturali fil-konsolidazzjoni tal-paċi u l-bini tal-istat, u flimkien jipprovdu qafas għal sforzi għall-konsolidazzjoni tal-paċi u l-bini tal-stat kollettivi;

I. billi d-drittijiet umani u d-demokrazija huma valuri bażiċi tal-UE u prinċipji u objettivi tal-azzjoni esterna Ewropea, inkluż il-kummerċ internazzjonali; billi r-rispett, il-promozzjoni u s-salvagwardja tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem huma pedamenti tal-unità u l-integrità Ewropea;

J. billi l-ġustizzja u l-istat tad-dritt huma pilastri tal-paċi sostenibbli, li jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; billi l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) jagħti kontribut deċiżiv għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, għal-liġi internazzjonali u għall-ġlieda kontra l-impunità;

K. billi l-pajjiżi kollha u ċ-ċittadini kollha, kif ukoll il-komunità internazzjonali stess, jibbenefikaw minn appoġġ kontinwu għal proċessi demokratiċi; billi qed jikkonfrontaw l-isfidi ta' bini, restawr u preservazzjoni tad-demokraziji;

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

***L-UE fin-NU***

(a) biex jikkoordina kemm jista' jkun, biex jagħti pożizzjonijiet unifikati u jsaħħaħ il-koerenza u l-viżibbiltà tal-UE bħala attur globali fin-NU; biex jilħaq l-aspettattivi tal-membri tan-NU rigward l-abbiltà tal-UE li taġixxi u tagħti riżultati f'waqthom; biex jadotta approċċ wiesa' u flessibbli fir-rigward tal-pożizzjonijiet fuq il-livell tal-NU dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) sabiex l-UE tingħata l-kapaċità li taġixxi b'mod rapidu u komprensiv fuq kwistjonijiet relatati mal-PESK;

(b) biex iżid il-kontribuzzjoni tiegħu għax-xogħol tan-NU billi tintlaħaq interpretazzjoni komuni tar-riżoluzzjoni AĠNU dwar il-modi tal-parteċipazzjoni tal-UE fix-xogħol tal-AĠNU u billi jaħdem ma' sħab lejn l-implimentazzjoni bis-sħiħ tagħha; biex jippreżenta rapport lill-Parlament dwar l-applikazzjoni tagħha fil-prattika;

(c) biex jaħdem ma' Stati Membri tal-UE bl-għan li jtejjeb il-koordinazzjoni, it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni fil-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) u d-difiża tal-pożizzjonijiet u l-interessi tal-UE fil-KSNU minn dawk l-Istati Membri li huma membri ta' dak il-korp, jew, alternattivament, minn rappreżentant tal-UE fuq l-istedina tal-President; biex isaħħaħ l-impatt tal-UE fuq deċiżjonijiet tal-KSNU u biex jgħolli l-profil tal-UE fin-NU dwar kwistjonijiet kruċjali tal-KSNU;

(d) biex jiżgura rappreżentazzjoni b'saħħitha tal-UE fl-istituzzjonijiet tan-NU u aġenziji speċjalizzati kollha;

(e) biex jiżviluppa strateġija fit-tul li timmira lejn sħubija fin-NU u biex ifittex diplomazija pubblika aktar b'saħħitha dwar l-affarijiet tan-NU;

***L-UE u l-governanza globali***

(f) biex imexxi 'l quddiem multilateraliżmu effettiv bħala t-tħassib strateġiku prinċipali tal-UE, billi jtejjeb ir-rappreżentanza, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, l-effiċjenza u l-effettività tan-NU, bl-għan li tittejjeb il-prestazzjoni tagħha fil-post; biex ifakkar il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ istituzzjonali bejn ir-rwol emerġenti tal-G-20, in-NU u l-aġenziji u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) tagħha; f'dan ir-rigward, biex itejjeb il-governanza globali u biex ifittex soluzzjonijiet bil-ħsieb li tittejjeb dejjem iktar il-koordinazzjoni bejn il-'G-formations' u s-sistema tan-NU, sakemm id-dimensjoni ekonomika tista' tkun koperta b'mod utli minn dawn il-gruppi, dejjem jekk in-NU iżżomm ir-rwol ċentrali tagħha u tibqa' l-korp leġittimu għall-azzjoni globali;

(g) biex jinvolvi ruħu b'mod aktar attiv ma' sħab strateġiċi u sħab bilaterali u multilaterali oħra, speċjalment l-Istati Uniti, sabiex jippromwovi soluzzjonijiet effettivi għal problemi li jaffettwaw kemm iċ-ċittadini tal-UE kif ukoll id-dinja f'sens ġenerali, inklużi dawk l-aktar fqar u vulnerabbli;

(h) biex jappoġġja attivament riforma komprensiva tal-KSNU sabiex tissaħħaħ il-leġittimità, ir-rappreżentanza reġjonali u l-effettività tiegħu; biex ifakkar li l-għan li jkun hemm kwartieri tal-UE f'KSNU jibqa' għan ċentrali u fit-tul tal-Unjoni Ewropea; biex jitlob lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President (RGħ/VP) jiżviluppa pożizzjoni komuni tal-Istati Membri għal dan il-fini; biex jikseb dak il-għan fil-futur, biex jaħdem fuq koordinazzjoni minn qabel ta' pożizzjonijiet fil-Kunsill tal-UE dwar l-introduzzjoni ta' membri ġodda tal-KSNU u dwar ir-riforma tal-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-KSNU;

(i) biex jinvolvi aktar ruħu fir-riflessjoni mibdija fl-AĠNU fuq ir-rwol tan-NU fil-governanza dinjija, bl-għan li jittejbu t-trasparenza u l-kooperazzjoni: biex jippromwovi kooperazzjoni akbar bejn l-UE u l-AĠNU;

(j) biex jgħin biex l-AĠNU tingħata ħajja ġdida, inter alia billi jappoġġja x-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc, billi jiffaċilita dibattiti tematiċi aktar profondi u mmirati lejn ir-riżultati fuq kwistjonijiet topiċi importanti, u permezz ta' involviment aktar mill-qrib tal-AĠNU ma' partijiet interessati oħra, inklużi s-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet u forums internazzjonali u reġjonali oħra; biex jenfasizza l-ħtieġa għal aktar simplifikazzjoni tal-aġendi tal-AĠNU u l-kumitati ewlenin tagħha; biex jenfasizza l-fatt li r-rivitalizzazzjoni tista' tkun żgurata biss jekk l-AĠNU tieħu azzjoni rilevanti u xierqa fuq kwistjonijiet ta' tħassib komuni għall-komunità internazzjonali;

(k) biex jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jiżgura li r-riżorsi finanzjarji tan-NU jkunu ġestiti b'mod effiċjenti u effettiv, skont il-prinċipji ta' dixxiplina baġitarja u koerenza, f'konformità mal-ogħla standards internazzjonali;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

***Paċi u Sigurtà***

*Żamma tal-paċi u konsolidazzjoni tal-paċi*

(l) biex isaħħaħ is-sħubija operazzjonali u biex jippromwovi l-koerenza u l-effettività strateġika tal-isforzi kollettivi għall-konsolidazzjoni tal-paċi, inter alia permezz tax-xogħol tal-Kumitat Speċjali dwar l-Operazzjonijiet għaż-żamma tal-Paċi;

(m) biex imexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni u jibni sħubiji fil-qasam tal-prevenzjoni ta' konflitti u l-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari man-NU, l-OSKE, l-Unjoni Afrikana (UA), il-Lega Għarbija u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra, kif ukoll mas-soċjetà ċivili; biex itejjeb il-kapaċitajiet tal-konsolidazzjoni tal-paċi tal-organizzazzjonijiet reġjonali, inter alia permezz tas-sħubiji bejn tlieta, proposti, UE-NU-UA u UE-NU-ECOWAS;

(n) biex jippromwovi l-kollaborazzjoni ta' atturi differenti fl-arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi, b'mod partikolari s-Segretarjat tan-NU, il-KSNU, l-AĠNU, u l-Istati Membri tan-NU involuti f'missjonijiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi; biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li l-Istati Membri tal-UE jikkontribwixxu għall-missjonijiet ta' paċi tan-NU b'kapaċitajiet speċjali, bħal trasport u loġistika, u taħriġ; biex jikkunsidra l-għażla li jniedi operazzjoni militari taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), inkluż l-iskjerament possibbli ta' grupp tattiku biex jiġi qabel missjoni ta' paċi tan-NU jekk mitlub min-NU, waqt li jagħti attenzjoni speċjali lejn il-protezzjoni tal-membri kollha tal-missjonijiet għaż-żamma tal-paċi u ta' kwalunkwe grupp tattiku; biex jappoġġja l-iżvilupp tal-kapaċità tal-prevenzjoni u tal-immaniġġjar ta' konflitti kif ukoll tal-medjazzjoni, iż-żamma tal-paċi u l-konsolidazzjoni tal-paċi fuq livelli nazzjonali u sottonazzjonali; biex jippromwovi l-iskambju tan-'know-how' u prattiki tajba fost is-sħab;

(o) biex jipprovdi appoġġ għall-Eżami tal-Kapaċità Ċivili tan-NU fl-identifikazzjoni ta' modi prattiċi għat-tqabbil tad-domanda mal-provvista f'oqsma ta' kapaċità ċivili kritiċi; biex iħaffef ir-reklutaġġ, jelimina inkompatibilitajiet operattivi u jevita d-duplikazzjoni meta jiġu skjerati kapaċitajiet ċivili tal-PSDK b'appoġġ tal-azzjonijiet tan-NU; biex jesplora għażliet għal skjerament konġunt ta' timijiet għar-reazzjoni għall-kriżijiet fi ħdan operazzjoni tan-NU f'każijiet fejn ikunu meħtieġa kapaċitajiet ta' skjerament mgħaġġel;

(p) biex jiżgura l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-istadji kollha tal-proċessi tal-paċi u biex jinvolvihom b'mod sistematiku fid-diplomazija preventiva, it-twissija bikrija u l-monitoraġġ tas-sigurtà; biex jiffoka, bi qbil mar-Riżoluzzjoni 1325(2000) tal-KSNU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, fuq il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-perspettivi tal-ġeneru fil-prevenzjoni tal-kunflitt, iż-żamma tal-paċi, l-operazzjonijiet, l-assistenza umanitarja, ir-rikostruzzjoni wara l-kunflitt u inizjattivi DDR ([1]); biex jaħdem b'mod attiv biex jiżgura l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU mill-istati membri kollha tan-NU;

(q) biex jikkoopera man-NU biex jindirizzaw it-theddidiet globali attwali bħat-tibdil fil-klima, il-proliferazzjoni ta' armi nukleari, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u l-pandemiji;

(r) biex jikkontribwixxi għar-riżultat ta' suċċess u s-segwitu tal-Konferenza tan-NU dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi tal-2012 u tal-Konferenza għar-Reviżjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru żgħir tal-2012;

*Responsabbiltà għall-Protezzjoni (R2P)*

(s) biex jassisti l-istati biex iwettqu r-responsabbiltà tagħhom li jħarsu l-popli tagħhom; jenfasizza l-bżonn għal azzjoni internazzjonali f'waqtha u adegwata għall-prevenzjoni u t-twaqqif tal-ġenoċidju, tindif etniku, reati tal-gwerra u reati kontra l-umanità;

(t) biex jiġġenera aktar progress politiku u internazzjonali fl-implimentazzjoni tal-kunċett R2P f'korpi tan-NU, b'mod partikolari fil-KSNU, l-AĠNU u l-UNHRC, billi jasal għal konklużjonijiet u jitgħallem kemm mill-intervent fil-Libya kif ukoll mill-inabbiltà li tittieħed azzjoni rapida fil-każ tas-Sirja; biex jiffaċilita d-dibattitu dwar kif il-korpi tan-NU, b'mod partikolari l-KSNU, jistgħu jużaw dan il-kunċett biex jiżguraw kooperazzjoni akbar bejn l-istati membri tan-NU waqt kriżijiet; biex imexxi 'l quddiem ir-rwol pożittiv tal-organizzazzjonijiet reġjonali, fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' approċċ operazzjonali għar-R2P;

([1]) Id-diżarm, id-demobilizzazzjoni, l-inklużjoni mill-ġdid u reintegrazzjoni.

(u) jaħdmu mas-sħab biex jiżguraw li dan il-kunċett jiffoka fuq il-prevenzjoni, il-protezzjoni u r-rikostruzzjoni wara kunflitt, bi qbil mal-diviżjoni bejn tliet partijiet tar-R2P fir-rigward tar-responsabbiltà li tipprevjeni, li tipproteġi u li tibni mill-ġdid; biex jgħin lill-Istati fil-bini tal-kapaċitajiet għal dan il-fini, inter alia billi isaħħaħ il-mekkaniżmi ta' twissija bikrija u l-kapaċitajiet relevanti ta' medjazzjoni tan-NU; biex iħeġġeġ, b'kooperazjoni mal-istati membri tan-NU, l-istabbiliment ta' punti fokali biex jiġu ssorveljati sitwazzjonijiet ta' konflitt emerġenti, u biex jibni kapaċitajiet rilevanti f'delegazzjonijiet tal-UE;

(v) jerġgħu jikkonfermaw bil-qawwi l-impenn tal-UE għall-kunċett ta' R2P u biex jagħtu bidu għall-iżvilupp ta' konsensus interistituzzjonali dwar R2P bejn il-Parlament Ewropew, l-SEAE u l-Istati Membri tal-UE li jista' jiżgura azzjoni tal-UE aktar konsistenti fir-rigward ta' kwestjonijiet bħal dawn fil-forums tan-NU;

*Medjazzjoni*

(w) biex jippromwovi medjazzjoni bħala għodda kosteffettiva fil-prevenzjoni u s-soluzzjoni tat-tilwim, kif ukoll fil-prevenzjoni ta' pajjiżi li għadhom kemm ħarġu minn konflitt milli jerġgħu jispiċċaw f'konflitt; biex jiżviluppa linji gwida ta' medjazzjoni aktar effettivi fil-qasam tar-regola tal-liġi u r-responsabbiltà demokratika;

(x) biex jagħti prijorità u jiżviluppa l-implimentazzjoni ta' dan l-istrument kif ukoll biex jiżviluppa l-kapaċitajiet ta' medjazzjoni fis-SEAE, abbażi tal-Kunċett ta' Tisħiħ tal-Medjazzjoni u l-Kapaċitajiet ta' Djalogu tal-UE;

(y) biex jikkoopera mill-qrib man-NU u ma' atturi oħra fil-medjazzjoni; biex jistinka ħalli jintlaħqu sinerġiji fl-attivitajiet ta' medjazzjoni mad-Dipartiment għall-Affarijiet Politiċi tan-NU (DPA); biex imexxi 'l quddiem sħubijiet u kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali u n-NU, u bejn is-soċjetà ċivili, pereżempju, permezz ta' sħubija konġunta bejn l-UE u n-NU dwar il-kapaċitajiet ta' medjazzjoni; biex itejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni sabiex jiżgura l-koerenza u l-kumplimentarjetà tal-isforzi tal-atturi involuti f'medjazzjoni speċifika;

*Ġustizzja Internazzjonali*

(z) biex issaħħaħ is-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali; jenfasizza l-irwol tal-ICC fil-ġlieda kontra l-impunità u barra minn hekk biex jippromwovi l-ICC bħala l-uniku korp ġudizzjarju permanenti b'ġurisdizzjoni fuq individwi li nsatbu ħatja għal reati tal-gwerra, għal atti kriminali kontra l-unmanità u għall-ġenoċidju, meta l-qrati nazzjonali mhumiex kapaċi jew ma jixtiqux jagħmlu dan;

(aa) biex isaħħaħ il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) permezz ta' appoġġ politiku, diplomatiku, finanzjarju u loġistiku; biex iħeġġeġ l-istati membri tan-NU kollha jingħaqdu mal-Qorti billi jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma; biex irawwem kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Qorti u n-NU u l-korpi u l-aġenziji tagħha;

***Drittijiet tal-Bniedem***

(ab) biex isaħħaħ l-isforzi internazzjonali bl-għan li jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem kollha li jaqgħu taħt il-konvenzjonijiet tan-NU jitqiesu bħala universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati; biex jgħin biex jissaħħew il-kapaċitajiet nazzjonali għall-ilħuq tal-obbligi internazzjonali rigward id-drittijiet tal-bniedem; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa li jiżgura d-dritt għal-libertà tar-reliġjon u t-twemmin għal kulħadd;

(ac) b'mod attiv jappoġġja l-inizjattiva mmexxija mill-Afrika u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa billi jaħdem lejn l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni tal-UNGA fl-2012 bil-ħsieb li tiġi pprojbita mutilazzjoni tal-ġenitali femminili (FGM) madwar id-dinja; jitlob lill-HR/VP u lill-Kummissjoni jagħtu l-akbar prijorità għall-iżgurar tas-suċċess ta' dan il-proċess;

(ad) barra minn hekk jippromwovi l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-aspetti kollha tax-xogħol tan-NU, filwaqt li jafferma mill-ġdid il-fatt li d-drittijiet tal-bniedem huma intrinsikament marbuta mal-għanijiet l-oħra tan-NU dwar is-sigurtà u l-iżvilupp;

(ae) biex jipparteċipa b'mod proattiv fix-xogħol tal-UNHRC billi jisponsorja bis-sħab riżoluzzjonijiet riżoluzzjonijiet, joħroġ stqarrijiet u jipparteċipa fi djalogi u dibattiti interattivi sabiex jiżgura bilanċ aħjar fil-ħidma tal-UNHRC;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

(af) biex itejjeb il-kapaċità ta' twissija bikrija tal-Proċeduri Speċjali billi jipprovdi mekkaniżmu li jippermettilhom li awtomatikament jagħtu bidu għal kunsiderazzjoni ta' qagħda mill-UNHRC; biex isaħħaħ il-proċess ta' segwitu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Proċeduri Speċjali;

(ag) biex ifittex li jsaħħaħ il-proċess ta' Eżami Perjodiku Universali (EPU) billi jagħmel rakkomandazzjonijiet fi djalogi bilaterali u multilaterali ma' stati membri tan-NU, u billi jibbaża dawn id-djalogi fuq u madwar normi u standards internazzjonali;

(ah) biex ikompli l-isforzi tiegħu fil-AĠNU u l-kumitati tagħha fir-rigward tas-sejħa għal moratorju fl-użu tal-piena tal-mewt, li għadha tirċievi appoġġ dejjem ikbar minn numru ta' pajjiżi li qed jiżdied, u fir-rigward tad-drittijiet tat-tifel jew tifla, tal-midja ħielsa u t-tolleranza reliġjuża; biex jappoġġa l-isforzi kollha biex tinqered it-tortura; b' mod partikolari biex iħeġġeġ l-adozzjoni tal-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tortura tan-NU;

***Appoġġ għad-demokrazija***

(ai) biex jgħin biex jiżgura sjieda tal-proċess demokratiku u l-iżvilupp ta' kultura ta' demokrazija u l-istat tad-dritt; biex jespandi l-appoġġ għad-demokrazija lil hinn mill-proċess ta' elezzjoni sabiex isostnih fit-tul u jkun kapaċi jagħti riżultati tanġibbli liċ-ċittadini; biex jiżgura inklużjoni akbar mill-parlamenti u partiti politiċi fi programmi li jappoġġaw id-demokrazija; biex jenfasizza l-importanza ta' NGOs indipendenti li jistgħu jiffunzjonaw liberament għall-iżvilupp ta' kultura ċivika qawwija;

(aj) biex jiffoka fuq l-inklużjoni soċjali u ekonomika, il-proċessi ta' tranżizzjoni demokratika u politika/elettorali, il-bini ta' kapaċità, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'demokrazija parlamentari u l-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni, libertà ta' kuxjenza u libertà tar-reliġjon u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa, inkluż f'termini tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika u soċjali, fl-livell kemm ta' prassi soċjali kif ukoll ta' leġiżlazzjoni;

(ak) biex jintegra aħjar l-appoġġ għad-demokrazija fl-azzjoni esterna Ewropea; biex jappoġġaw il-governanza demokratika permezz tad-diversi strumenti finanzjarji tiegħu, billi juża ir-riżorsi tad-delegazzjonijiet tal-UE meta jkun possibbli; biex jaħdem globalment u lokalment man-NU u ma' sħab oħra sabiex isaħħaħ l-istat tad-dritt, iħeġġeġ il-midja indipendenti u jibni u jsaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi li jistgħu jagħtu riżultati tajbin;

(al) biex jiżgura li l-mandati tal-missjonijiet taż-żamma tal-paċi jirriflettu l-bżonn għall-appoġġ ta' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali u biex jipprovdihom il-mezzi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-osservaturi fuq il-post;

***Żvilupp***

(am) biex jintegra l-politiki tal-UE relatati mal-iżvilupp fuq kull livell, sabiex jiġu evitati kontradizzjonijiet bejn politiki li huma favur l-iżvilupp min-naħa waħda u ostakoli għall-iżvilupp tal-pajjiżi sħab fi ftehimiet u forums bilaterali, plurilaterali u multilaterali, min-naħa l-oħra; biex jagħti attenzjoni partikolari lid-drittijiet tal-bniedem u l-implikazzjonijiet tal-iżvilupp fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles u waqt negozjati fil-livell tal-WTO;

(an) biex ikompli jaħdem biex iċ-ċittadini jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-proċess tal-iżvilupp; biex isegwi d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt għall-Iżvilupp, billi jiffoka fuq passi prattiċi għall-implimentazzjoni tagħha;

(ao) biex jiżgura li ma jitnaqqasx is-sehem globali tal-għajnuna Ewropea mgħotija permezz tal-baġit tal-UE u li din tibqa' ffukata fuq il-faqar u l-ġuħ; biex jikkunsidra li jiddedika 20 % mit-total tal-assistenza tal-UE lil servizzi soċjali bażiċi, kif definiti min-NU, b'enfasi partikolari fuq l-aċċess ħieles u universali għall-kura tas-saħħa primarja u l-edukazzjoni bażika, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-appoġġ tal-UE għall-inizjattiva "Edukazzjoni għall-Kulħadd", u l-impenn tiegħu li jaqdi rwol fis-saħħa globali;

(ap) biex jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koerenza politika fl-iżvilupp u biex itejjeb l-effettività tal-iżvilupp, minħabba li dawn jibqgħu kwistjonijiet ewlenin għall-kisba tal-MDGs;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

(aq) biex imexxi u jħaffef l-isforzi fin-NU biex jintlaħqu l-MDGs billi ssir enfasi partikolari fuq dawk l-għanijiet li s'issa l-inqas li sar progress fir-rigward tal-ilħuq tagħhom;

(ar) filwaqt li jibqa' impenjat biex jeqred il-faqar b'kollaborazzjoni mal-komunità internazzjonali, biex jaħdem lejn definizzjoni tal-Aġenda MDG ambizzjuża għal wara l-2015, b'kunsiderazzjoni għall-progress li sar iżda wkoll għall-isfidi li għad iridu jiġu indirizzati;

(as) biex ikompli jsegwi, u jaħdem lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-riżultat tal-Konferenza Rio+20 tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, inter alia billi jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli bħala l-prinċipju ta' gwida għal żvilupp globali fit-tul;

(at) biex joħloq bord tan-NU ta' persuni eminenti;

(au) biex isegwi b'mod attiv il-konklużjonijiet adottati f'Busan;

(av) biex jagħti kontribut sinifikanti għall-ġlieda kontra l-ispekulazzjoni tal-ikel u għas-soluzzjoni tal-problema urġenti tal-faqar u l-ġuħ;

(aw) biex jgħati prijorità lis-sigurtà tal-ikel, il-kapaċità produttiva fl-agrikoltura, l-infrastruttura, il-bini tal-kapaċità, it-tkabbir ekonomiku inklużiv, is-swieq favorevoli u n-negozji ġodda, l-aċċess għat-teknoloġiji, u l-iżvilupp uman u soċjali f'LDCs, skont il-Programm ta' Azzjoni ta' Istanbul u l-konklużjonijiet adottati fit-13-il sessjoni tal-UNCTAD f'Doha fis-26 ta' April 2012;

(ax) biex itenni l-impenn tiegħu għall-prinċipji ta' Ruma dwar is-sigurtà tal-ikel; biex jiddeplora l-konsegwenzi tal-ispekulazzjoni fuq il-prodotti tal-ikel;

(ay) biex iħeġġeġ il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-appoġġ tad-donaturi internazzjonali, sabiex jieħdu miżuri fuq perjodu ta'żmien twil biex jiżguraw li n-nixfa ma twassalx b'mod inevitabbli għall-ġuħ; biex jimplimentata strateġiji għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri u sistemi ta' twissija bikrija;

(az) biex jappoġġa bis-sħiħ ir-rwol ewlieni tan-NU, u partikolarment tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji;

(ba) biex jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE fuq perjodu ta'żmien twil għall-appoġġ tal-benesseri tan-nies fil-Qarn tal-Afrika u biex jiġu indirizzati l-fatturi li jikkawżaw in-nuqqas ta' sigurtà strutturali fil-qasam tal-ikel u l-konflitti;

***It-tibdil fil-klima, il-protezzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali globali***

(bb) biex jieħu l-inizjattiva fil-qasam tal-governanza globali fuq il-klima u l-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima; biex jikkontribwixxi lejn arkitettura istituzzjonali li hija inklużiva, trasparenti u ekwitabbli li tipprovdi għal rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' pajjżi kemm żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw tal-korpi governattivi relevanti; biex barra minn hekk ikompli jiżviluppa djalogu mal-atturi ewlenin, bħall-pajjiżi BRICS u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, peress li bidla fil-klima sar element ewlieni tar-relazzjonijiet internazzjonali; biex barra minn hekk ikompli jiżviluppa l-kapaċitajiet tas-SEAE biex ifassal politika ta' diplomazija tal-EU dwar il-klima;

(bc) biex ikompli jagħti s-setgħa liċ-ċittadini fil-governanza ambjentali permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Prinċipju 10 ta' Rio; biex f'dan ir-rigward, jespandi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus lil hinn mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) permezz ta' konvenzjoni globali jew billi l-Konvenzjoni ta' Aarhus tinfetaħ għal partijiet barra min-NU/KEE; biex jippromwovi governanza mtejba fl-iżvilupp sostenibbli, inter alia billi jsaħħaħ il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP); biex b'mod attiv jikkoopera mas-shab għal infurzar globali aktar b'saħħtu tal-liġijiet ambjentali;

(bd) biex jagħti spinta lill-pożizzjoni konġunta tal-UA u l-UE favur l-aġġornament tal-UNEP għal aġenzija speċjalizzata tan-NU bil-kwartieri tagħha fin-Najrobi, il-Kenja; biex jindirizza, fi ħdan dan il-qafas istituzzjonali ġdid, il-kwistjonijiet ta' finanzjament, trasferiment ta' teknoloġija u l-bini tal-kapaċità għall-iżvilupp sostenibbli;

(be) biex jappoġġja l-bijodiversità u l-protezzjoni tal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw bi qbil mal-objettivi stabbiliti skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; biex l-ibħra u l-oċeani jsiru wieħed mill-pilastri ewlenin tal-Qafas ta' Rio, flimkien mal-protezzjoni tal-klima u tal-bijodiversità;

(bf) biex jappoġġa l-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni fid-dibattitu li għaddej dwar il-Lakuni fil-Protezzjoni u r-Rispons imnedi mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) bħala parti mid-Djalogu tal-2010 tal-Kummissarju Għoli dwar l-Isfidi fil-Protezzjoni, li huwa mmirat biex itejjeb il-protezzjoni internazzjonali eżistenti għal nies li ġew spostati b'mod sfurzat u li sfaw mingħajr stat; biex jipparteċipa attivament fid-dibattitu dwar it-terminu 'rifuġjat minħabba t-tibdil fil-klima' (intiż biex jiddeskrivi nies li huma sfurzati li jitilqu mid-djar tagħhom u jfittxu rifuġju f'pajjiż ieħor bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima), inkluża definizzjoni legali possibli ta' dan it-terminu, li għad mhuwiex rikonoxxut fil-liġi internazzjonali jew fi ftehim internazzjonali li huwa legalment vinkolanti;

***Kwistjonijiet varji***

(bg) biex jippromwovi l-interazzjoni fi kwistjonijiet globali bejn il-gvernijiet u l-parlamenti u jinkoraġġixxi dibattitu dwar ir-rwol globali tal-parlamenti; biex isaħħaħ in-natura demokratika, ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-governanza globali u jippermetti parteċipazzjoni pubblika u parlamentari akbar fl-attivitajiet tan-NU;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-RGħ/VP, lill-Kunsill u, għal finijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni.

---

## Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

P7_TA(2012)0250

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (2012/2088(INI))**

(2013/C 332 E/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6, 21, 31, 33 u 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Rapport Annwali 2009 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwestjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011 bl-isem "Id-Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn Approċċ Aktar Effettiv (COM(2011)0886),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0489.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa – Pjan ta' azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma "(COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali ([1]),

— wara li kkunsidra l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-responsabbiltà politika ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 97 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0174/2012),

A. billi l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, filwaqt li jiggarantixxi koerenza u konsistenza f'dawn l-oqsma u bejn l-azzjoni esterna tagħha u l-politiki l-oħra tagħha;

B. billi l-Artikolu 33 tat-TUE jipprovdi l-bażi legali għall-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġifieri: "Il-Kunsill jista', fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, jaħtar rappreżentant speċjali li jingħata mandat dwar kwestjonijiet partikolari ta' politika. Ir-rappreżentant speċjali għandu jwettaq il-mandat tiegħu taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli";

C. billi l-Parlament Ewropew ripetutament talab għall-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif stabbilit fir-riżoluzzjonijiet hawn fuq imsemmija tas-16 ta' Diċembru 2010 u tat-18 ta' April 2012;

D. billi l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jsaħħaħ il-viżibbiltà u l-koerenza tal-Politika tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE bħala parti fundamentali mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tagħha u jikkontribwixxi biex jgħolli l-profil dinji tal-UE rigward id-drittijiet tal-bniedem;

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

(a) filwaqt li l-ħatra tal-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istabbiliment tal-mandat tiegħu/tagħha hija formalment deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-UE, l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jaġixxi u jitkellem għan-nom tal-Unjoni, b'mod li jirrifletti r-responsabbiltà konġunta u indiviżibbli tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri kollha tal-UE li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja; il-ħatra tal-ewwel RSUE tematiku li qatt kien hemm għandha ttejjeb il-viżibbiltà, l-effikaċja, il-koerenza u r-responsabbiltà tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; b'mod partikolari, il-Parlament Ewropew għandu jkollu r-rwol xieraq tiegħu fil-proċedura ta' ħatra u s-superviżjoni tal-mandat matul it-terminu sħiħ tiegħu;

(b) għat-tisħiħ tat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-mandat tal-RSUE, għandu jsir skambju ta' fehmiet/smigħ mal-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem nominat mir-Rappreżentant Għoli, fil-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew;

([1]) http://www.eeas.europa.eu/human_rights/docs/guidelines_en.pdf
([2]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 470.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

(c) l-implimentazzjoni tal-mandat u l-konsistenza tiegħu ma' kontribuzzjonijiet oħra mill-Unjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu soġġetti għal rieżami regolari; l-RSUE għandu jagħti lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli, lill-Parlament u lill-Kummissjoni rapport ta' progress annwali u rapport komprensiv ta' implimentazzjoni dwar il-mandat fi tmiemu;

(d) l-objettivi ta' politika tal-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom jinkludu t-titjib tal-koerenza, l-effikaċja u l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM); l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jkun interlokutur ta' livell għoli għall-kontrapartijiet tiegħu f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, u għandu wkoll ikun kapaċi jittratta man-NU (Assemblea Ġenearlai tan-NU, UNHRC, eċċ.) kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali relevanti; l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jippresjedi d-djalogi ta' livell għoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u jmexxi l-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar kwestjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

(e) sabiex jilħaq dawn l-objettivi, l-RSUE, filwaqt li jaġixxi taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli, għandu jingħata mandat qawwi, indipendenti u flessibbli li ma jkunx definit b'responsabbiltajiet tematiċi dojoq u speċifiċi, iżda li lill-RSUE jħalluh jaġixxi bil-ħeffa u b'mod effikaċi; b'konformità mal-azzjonijiet u l-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni, l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jindirizza wkoll kwestjonijiet orizzontali differenti li jikkontribwixxu għal azzjoni aktar effikaċi u koerenti fil-politiki esterni tal-UE; l-ambitu tal-mandat tal-RSUE għandhu jkun għalkollox allinjat mal-prinċipji tal-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, kif ukoll mal-objettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE, u għandu jkopri t-tisħiħ tad-demolrazija, l-istat tad-dritt u l-bini ta' istituzzjonijiet, il-ġustizzja internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali; il-mandat għandu jinkludi, *inter alia*, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-impunità, il-ġlieda kontra t-tortura, il-libertà tal-espressjoni (inkluż fuq l-internet), il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' assemblea, il-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin, drittijiet tal-minoranzi, il-protezzjoni tat-tfal, drttijiet tan-nisa, il-paċi u s-sigurtà, kwestjonijiet tal-ġeneru, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni f'kull sura tagħha, irrispettivament minn jekk tkunx ibbażata fuq id-diżabilità, fuq l-oriġini razzjali jew etnika, fuq il-ġeneru, fuq l-orjentazzjoni sesswali jew fuq l-identità tal-ġeneru;

(f) il-mandat għandu jissejjes fuq il-prinċipji li jiggwidaw il-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u, b'mod partikolari, fuq il-linji gwida tal-UE dwar il-piena tal-mewt (2008); it-tortura u trattament jew kastigi krudili, inumani jew degradanti oħrajn (2008); id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi (2009); it-tfal u l-konflitti armati (2008); id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (2008); il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal (2008); il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom (2008); id-dritt umanitarju internazzjonali (2009), it-toolkit tal-LGBT (2010) kif ukoll ir-rapporti annwali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja; barra minn hekk, il-mandat għandu jinkludi l-appoġġ lir-Rappreżentant Għoli u lill-istituzzjonijiet tal-UE fil-promozzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem;

(g) l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jkollu l-kwalifiċi professjonali meħtieġa, esperjenza estensiva u storja ta' riżultati tajbin fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll integrità personali u professjonali u reputazzjoni internazzjonali;

(h) l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jinħatar għal sentejn u nofs; sabiex jiġu żgurati l-kontinwità, il-koerenza u r-responsabbiltà demokratika, il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded u l-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat b'mod adegwat u f'waqtu matul il-proċess ta' tiġdid;

(i) l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jaħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u mal-President tal-Parlament Ewropew sabiex jiżgura koerenza u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-politika fil-ħidma tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; l-RSUE għandu jinteraġixxi mill-qrib mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-SEAE u mad-Delegazzjonijiet multilaterali kollha tal-UE (New York, Ġinevra, Vjenna, Strasburgu), kif ukoll mad-delegazzjonijiet kollha tal-UE fid-dinja, biex jiffaċilita l-kuntatti dwar kwestjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mas-servizzi kollha tal-UE, mad-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali; id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-SEAE għandhom jipprovdu s-servizzi meħtieġa kollha u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tal-RSUE;

(j) filwaqt li jżomm konnessjonijiet mill-qrib mal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill, l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu regolarment jirraporta lill-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-mandat, inklużi r-riżultati tas-sessjonijiet tal-UNHRC u tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji tal-Pajjiżi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

(k) l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li jimplimenta l-mandat tiegħu, għandu jikkoopera mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili lokali, reġjonali u nazzjonali, mal-NGOs, mal-esperti kif ukoll mal-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali li jaġixxu fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

(l) l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex jiggarantixxu l-ħidma effikaċi tar-Rappreżentant Speċjali u t-tim tiegħu; il-baġit tal-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jiġi rivedut annwalment;

(m) l-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jkun responsabbli għall-kostituzzjoni ta' tim, b'tali mod li jkopri l-għarfien espert ta' politika meħtieġ, bi qbil mal-mandat tiegħu u fl-interess ta' dak il-mandat; fid-dawl tal-ambitu u tan-natura transettorjali tal-mandat, huwa importanti li għadd suffiċjenti ta' persunal jiġi assenjat biex jaħdem taħt is-superviżjoni diretta tal-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem; it-tim jista' jinkludi persunal issekondat minn Stati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod li jirrifletti wkoll il-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fost l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri kollha tal-UE;

(n) referenza għal din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi inkluża fil-mandat tal-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u għal finijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) - applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana - żraben, Spanja

P7_TA(2012)0231

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana xdud tas-saqajn minn Spanja) (COM(2012)0204 – C7-0112/2012 – 2012/2089(BUD))**

(2013/C 332 E/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0204 – C7-0112/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0189/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli b'mod kemm jista' jkun malajr u effiċjenti, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

D. billi Spanja talbet għajnuna rigward 876 sensja, kollha fil-mira tal-għajnuna, li ngħataw f'146-il intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 15 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Manifattura ta' prodotti tal-ġilda u prodotti relatati") ([1]) fir-reġjun NUTS II ta' Comunidad Valenciana (ES52) fi Spanja,

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(b), tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati u li, għalhekk, Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja taħt dan ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-28 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fl-4 ta' Mejju 2012; jilqa' l-fatt li l-proċess ta' evalwazzjoni u t-tressiq ta' tagħrif addizzjonali mill-Istat Membru kienu rapidi u preċiżi;

3. Jieħu nota li s-settur tax-xdud tas-saqajn jirrappreżenta 26 % tal-impjiegi totali fir-reġjun ta' Comunidad Valenciana u għalhekk huwa kontributur importanti għall-ekonomija lokali, li hi dominata minn impriżi żgħar u ta' daqs medju f'setturi tradizzjonali bħat-tessuti, iż-żraben u ċ-ċeramika;

4. Jieħu nota li r-reġjun ta' Comunidad Valenciana ntlaqgħat fil-passat minn 4 sensji tal-massa u jilqa' l-fatt li r-reġjun iddeċieda li juża l-appoġġ tal-FEG biex jindirizza dawk is-sensji: EGF/2009/014 ES/Valencia - Industrija taċ-ċeramika, EGF/2010/005 ES/Valencia - Irħam, EGF/2010/009 ES/Valencia – Settur tat-tessuti, EGF/2011/006 ES/Comunidad Valenciana – Settur tal-Bini; jilqa' l-fatt li r-reġjun qed jibni fuq l-esperjenza mal-FEG u assista malajr lill-ħaddiema f'diversi setturi;

5. Jilqa' l-fatt li, biex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

6. Ifakkar fl-importanza li titjieb l-impjegabilità ta' dawn il-ħaddiema permezz ta' taħriġ adattat u rikonoxximent ta' ħiliet u kompetenzi miksuba matul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat għal-livell u l-bżonnijiet tal-ħaddiema sensjati;

7. Jieħu nota li l-miżuri ta' taħriġ għandhom fil-mira impjiegi b'valur miżjud għoli fis-settur tax-xdud tas-saqajn, li skont l-awtoritajiet Spanjoli mhux probabbli li jirrilokaw, kif wkoll impjiegi f'setturi, li joffru prospettivi għal tkabbir f'terminu qasir jew medju;

8. Jilqa' l-fatt li l-imsieħba soċjali kienu kkonsultati dwar il-kontenut tal-pakkett koordinat, l-allokazjoni tar-rwoli u d-distribuzzjoni u l-iskedar tal-kompiti;

9. Jenfasizza l-fatt li għandhom jiġu misluta lezzjonijiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u oħrajn li jindirizzaw sensji tal-massa f'għadd kbir ta' SMEs f'settur wieħed, b'mod partikolari f'termini ta' eliġibilità ta' dawk li jaħdmu għal rashom u s-sidien tal-SMEs għall-appoġġ tal-FEG f'regolamentazzjoni futura u l-arranġamenti użati mir-reġjuni u l-Istati Membri sabiex jippreżentaw malajr applikazzjonijiet settorjali li jkopru għadd kbir ta' impriżi;

([1]) Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

10. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċelleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG flimkien mal-proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG; jittama li aktar titjib fil-proċedura jiġi integrat fir-Regolament dwar l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid u li jinkisbu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG.

11. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fl-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

12. Jenfasizza li, skont it-termini tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra minn hekk jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG ma għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas il-miżuri relatati mar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

13. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkun hemm ebda duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

14. Jilqa' l-fatt li wara talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u, għalhekk, jisthoqqlu allokazzjoni speċifika, li se tevita li jkun hemm trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li hija xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

15. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-istruttura tal-kummerċ fid-dinja, u li tippermetti żieda tar-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

16. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

*ANNESS*

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana xdud tas-saqajn minn Spanja)**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2011/354/UE.)*

---

# Abbozz ta' Baġit ta' Emenda Nru 2 għall-2012: approprjazzjonijiet mill-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-għargħar fl-Italja (Ligurja u Toskana) fl-2011

P7_TA(2012)0232

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (09916/2012 – C7-0123/2012 – 2012/2057(BUD))**

(2013/C 332 E/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 314(2) tiegħu u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea għall-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (1), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, adottat b'mod definittiv fl-1 ta' Diċembru 2011 (2),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (3),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, preżentat mill-Kummissjoni fis-16 Marzu 2012 (COM(2012)0125),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012 adottata mill-Kunsill fil-15 ta' Mejju 2012 (09916/2012 – C7-0123/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0181/2012),

A. billi l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012 huwa marbut mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' solidarjetà tal-UE (EUSF) għal ammont ta' EUR 18 061 682 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas għat-tnaqqis tal-effetti tal-għarar fl-Italja (Liguria u Toskana) f'Ottubru 2011,

(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
(2) ĠU L 56, 29.2.2012.
(3) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

B. billi l-iskop tal-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2012,

C. billi l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012, kif preżentat mill-Kummissjoni, ipproponа żieda fil-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, fin-nuqqas ta' kwalunkwe sors ta' ridistribuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament meħtieġa f'dan l-istadju bikri tas-sena,

D. billi l-Kunsill emenda l-proposta tal-Kummissjoni wara l-identifikazzjoni minn din tal-aħħar ta' sorsi possibbli għar-ridistribuzzjoni għall-ammont meħtieġ, kif preżentat fit-talba ta' trasferiment DEC 9/2012,

1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012, kif preżentat mill-Kummissjoni, u tal-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Iqis ta' importanza kbira r-rilaxx rapidu ta' għajnuna finanzjarja mill-EUSF għal dawk milquta minn katastrofi naturali, u għaldaqstant jiddeplora bis-saħħa, għall-każ speċifiku indirizzat mill-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2012, li l-fergħa l-oħra tal-awtorità baġitarja stenniet 8 ġimgħat qabel ħadet il-pożizzjoni tagħha u żammet mal-interpretazzjoni tal-Protokoll 1 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (skadenza għall-informazzjoni tal-parlamenti nazzjonali);

3. Jistieden lill-partijiet involuti kollha fl-Istati Membri, jiġifieri kemm dawk fuq livell lokali kif ukoll dawk fuq livell reġjonali, u lill-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-koordinazzjoni għal applikazzjonijiet potenzjali futuri għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE bil-għan li jħaffu, kemm jista' jkun, il-mobilizzazzjoni tal-EUSF;

4. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ta' emenda Nru 2/2012 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

## Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE - l-għargħar fil-Ligurja u t-Toskana

P7_TA(2012)0233

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2012)0126 – C7-0078/2012 – 2012/2051(BUD))**

(2013/C 332 E/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0126 – C7-0078/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (*),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà fis-17 ta' Lulju 2008,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0182/2012),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(*) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

*ANNESS*

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2012/366/UE.)*

## Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EGF/2012/000 TA 2012 - Talba għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

P7_TA(2012)0234

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (FEG/2012/000 TA 2012 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) (COM(2012)0160 – C7-0091/2012 – 2012/2058(BUD))**

(2013/C 332 E/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0160 – C7-0091/2012),

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l- amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Ir-Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0187/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali mill-akbar fix-xejriet kummerċjali dinjin u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-Kummissjoni timplimenta l-Fond skont ir-regoli ġenerali stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]) u r-regoli implimentattivi applikabbli għal din il-forma ta' implimentazzjoni tal-baġit,

C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lil ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG,

D. billi sa 0,35 % tal-ammont annwali tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sabiex ikunu ffinanzjati l-monitoraġġ, l-informazzjoni, l-appoġġ amministrattiv u tekniku kif ukoll l-attivitajiet ta' awditjar, kontroll u evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament FEG, kif stipulat fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, inkluż l-għoti ta' informazzjoni u l-gwida għall-Istati Membri dwar l-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG u l-għoti ta' tagħrif lis-sħab soċjali nazzjonali u Ewropej dwar l-użu tal-FEG (Artikolu 8(4) tar-Regolament FEG),

E. billi, skont l-Artikolu 9(2), 'Informazzjoni u pubbliċità', tar-Regolament FEG, il-Kummissjoni għandha twaqqaf sit tal-internet, disponibbli bil-lingwi tal-Unjoni kollha, biex tipprovdi u xxerred informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet, b'enfażi fuq ir-rwol tal-awtorità baġitarja,

F. billi, abbażi ta' dawk l-artikoli, il-Kummissjoni talbet li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jiġu monitorjati l-applikazzjonijiet riċevuti u mħallsa u l-miżuri proposti u implimentati, jiġi estiż is-sit web, jiġu prodotti pubblikazzjonijiet u strumenti awdjoviżivi, tinħoloq bażi tal-għarfien, jiġi provdut appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Istati Membri, u jitwettaq ix-xogħol preparatorju għall-evalwazzjoni finali tal-FEG,

G. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,

1. Jaqbel mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni li għandhom jiġu ffinanzjati bħala għajnuna teknika skont l-Artikoli 8(1) u 4 kif ukoll skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament FEG;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

2. Jinnota li l-Kummissjoni se tibda tipprepara l-evalwazzjoni finali tal-FEG; jiddispjaċih madankollu, li r-riżultati se jaslu wisq tard sabiex jikkontribwixxu fid-diskussjoni dwar ir-regolament il-ġdid għall-FEG fl-2014-2020, speċjalment rigward l-effikaċja tal-użu tal-kriterju tad-deroga marbuta mal-kriżi, billi l-każijiet FEG konċernati ma ġewx analizzati fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-FEG ta' nofs il-perjodu;

3. Jemmen li jista' jsir iffrankar ieħor fir-rigward tal-appoġġ amministrattiv u tekniku mitlub mill-Kummissjoni;

4. Jinterroga lill-Kummissjoni dwar l-impatt u l-effiċjenza tal-għodod ta' informazzjoni ffinanzjati mill-għajnuna teknika fis-snin li għaddew; jitlob data affidabbli dwar l-użu ta' dawn l-għodod;

5. Jinnota li l-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq il-proċeduri standardizzati għal applikazzjonijiet simplifikati, proċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet u rappurtar aħjar; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta l-progress li sar wara l-użu tal-għajnuna teknika fl-2011; ifakkar fil-ħtieġa li jitqassru l-proċeduri ta' applikazzjoni;

6. Ifakkar l-importanza tan-netwerking u tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-FEG; jappoġġa għalhekk, il-finanzjament tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG; jenfasizza ulterjorment l-importanza ta' kooperazzjoni ma' dawk kollha involuti fl-applikazzjonijiet tal-FEG, inklużi s-sħab soċjali, sabiex jinħolqu s-sinerġiji kollha possibbli;

7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-possibilitajiet ta' skambji tal-aħjar prattika u jitgħallmu b'mod partikolari minn dawk l-Istati Membri li diġà stabbilixxew netwerks nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-FEG bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-livell lokali bil-għan li jkollhom struttura tajba għall-għajnuna fis-seħħ fil-każ li jista' jkun hemm sensji tal-massa;

8. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza, f'dan is-sens, il-proċedura mtejba stabbilita mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bil-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni tal-FEG tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il- FEG; jittama li jsir aktar titjib fil-proċedura fil-qafas tar-rieżami li ġej tal-FEG u li jinkisbu aktar effiċjenza, trasparenza u viżibilità tal-FEG;

9. Jilqa' l-fatt li wara talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u, għalhekk, jistħoqqlu allokazzjoni speċifika għalih, li se tevita li jkun hemm trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li hija xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

10. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-istruttura tal-kummerċ fid-dinja, u li tippermetti żieda tar-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

11. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

*ANNESS*

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l- amministrazzjoni finanzjarja tajba (FEG/2012/000 TA 2012 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2012/408/UE.)*

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

## Ħatra ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri (Iliana Ivanova - Bulgarija)

P7_TA(2012)0239

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-ħatra proposta ta' Iliana Ivanova bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0111/2012 – 2012/0803(NLE))**

(2013/C 332 E/29)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0111/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0188/2012),

A. billi l-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

B. billi waqt il-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2012, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri,

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Iliana Ivanova bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

---

## Skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ***I

P7_TA(2012)0241

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (COM(2011)0241 – C7-0116/2011 – 2011/0117(COD))**

(2013/C 332 E/30)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0241),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0116/2011),

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenji meħuda mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni msemmija, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0054/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2011)0117

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsil (KE) Nru 732/2008**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 978/2012.)*

# It-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro ***I

P7_TA(2012)0242

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro (COM(2011)0819 – C7-0449/2011 – 2011/0385(COD))** [1]

(2013/C 332 E/31)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ kien riferut lura lill-kumitat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0172/2012).

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (1) Il-kriżi globali mingħajr preċedenti li laqtet lid-dinja ***tul l-aħħar tliet snin*** iddanneġġat gravement it-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja u pprovokat deterjorament qawwi fid-defiċit tal-gvern u l-pożizzjoni tad-dejn tal-Istati Membri, li wasslet lil uħud minnhom biex ifittxu assistenza finanzjarja barra ***l-qafas*** tal-Unjoni. | (1) Il-kriżi globali mingħajr preċedenti li laqtet lid-dinja ***sa mill-2007*** iddanneġġat gravement it-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja u pprovokat deterjorament qawwi fid-defiċit tal-gvern u l-pożizzjoni tad-dejn tal-Istati Membri, li wasslet lil uħud minnhom biex ifittxu assistenza finanzjarja barra ***u fi ħdan il-qafas*** tal-Unjoni. |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(1a) L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, meta tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' okkupazzjoni, il-garanzija ta' ħarsien soċjali adegwat, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.*** |

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (2) Il-konsistenza sħiħa bejn il-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-Unjoni stabilit mit-Trattat u l-kundizzjonijiet ta' politika possibbli marbuta ma' din l-assistenza finanzjarja għandhom jissejsu fid-dritt tal-Unjoni. L-integrazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro teħtieġ ***rinfurzar*** tas-sorveljanza biex jiġi pprevenut il-kontaġju minn Stat Membru li jesperjenza diffikultajiet fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tiegħu għall-bqija taż-żona tal-euro. | (2) Il-konsistenza sħiħa bejn il-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-Unjoni stabilit mit-Trattat u l-kundizzjonijiet ta' politika possibbli marbuta ma' din l-assistenza finanzjarja għandhom jissejsu fid-dritt tal-Unjoni. L-integrazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri ***kollha, partikolarment ta' dawk*** li l-munita tagħhom tkun l-euro, teħtieġ ***tisħiħ*** tas-sorveljanza biex jiġi pprevenut il-kontaġju minn Stat Membru li jesperjenza diffikultajiet fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tiegħu għall-bqija taż-żona tal-euro ***u, b'mod iktar ġenerali, għall-Unjoni b'mod ġenerali***. |

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (3) L-intensità tas-sorveljanza ekonomika u fiskali għanda tikkommensura mal-gravità tad-diffikultajiet finanzjarji eventwali u għandha tqis in-natura tal-assitenza finanzjarja rċevuta, li tista' tkun minn sempliċiment sostenn prekawzjonarju msejjes fuq kundizzjonijiet għall-eliġibilità sa programm ta' aġġustament makroekonomiku sħiħ, li jinvolvi kundizzjonalità stretta ta' politika. | (3) L-intensità tas-sorveljanza ekonomika u fiskali għanda tikkommensura mal-gravità tad-diffikultajiet finanzjarji eventwali ***u b'mod proporzjonat għaliha*** u għandha tqis in-natura tal-assitenza finanzjarja rċevuta, li tista' tkun minn sempliċiment sostenn prekawzjonarju msejjes fuq kundizzjonijiet għall-eliġibilità sa programm ta' aġġustament makroekonomiku sħiħ, li jinvolvi kundizzjonalità stretta ta' politika. ***Kwalunkwe programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-programm ta' riforma nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (4) Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro għandu jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa meta jesperjenza - jew jissogra li jesperjenza - taqlib finanzjarju sever, bil-ħsieb li jiġi żgurat treġġigħ lura malajr għan-normalità u li jiġu protetti l-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro kontra effetti negattivi possibbli minħabba t-tifrix. Din is-sorveljanza msaħħa għandha tinkludi aċċess usa' għall-informazzjoni meħtieġa għal monitoraġġ metikoluż tas-sitwazzjoni ekonomika, fiskali u finanzjarja u rapportar regolari lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF)jew kwalunkwe sottokumitat li jista' jinħatar mill-KEF għal dak l-iskop. L-istess modalitajiet ta' sorveljanza għandhom japplikaw għall-Istati Membri li jitolbu assistenza prekawzjonarja mill-Faċilità Ewropew ta' Stabilità Finanzjarja (FESF), il-Mekkaniżmu ta' Stabilità Finanzjarja (MES), il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) jew istitutuzzjoni finanzjarja internazzjonali oħra. | (4) Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro għandu jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa meta jesperjenza - jew jissogra li jesperjenza - taqlib finanzjarju sever, bil-ħsieb li jiġi żgurat treġġigħ lura malajr għan-normalità u li jiġu protetti l-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro kontra effetti negattivi possibbli minħabba t-tifrix. Din is-sorveljanza msaħħa għandha ***tkun proporzjonata għall-gravità tal-problemi u għandha tiġi ggradata skont dan. Għandha*** tinkludi aċċess usa' għall-informazzjoni meħtieġa għal monitoraġġ metikoluż tas-sitwazzjoni ekonomika, fiskali u finanzjarja u rapportar regolari ***lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew kif ukoll*** lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) jew ***lil*** kwalunkwe sottokumitat li jista' jinħatar mill-KEF għal dak l-iskop. L-istess modalitajiet ta' sorveljanza għandhom japplikaw għall-Istati Membri li jitolbu assistenza prekawzjonarja mill-Faċilità Ewropew ta' Stabilità Finanzjarja (FESF), il-Mekkaniżmu ta' Stabilità Finanzjarja (MES), il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) jew istitutuzzjoni finanzjarja internazzjonali oħra. |

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(4a) Stat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa għandu jadotta wkoll miżuri bl-għan li jindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet tiegħu. Għal dak l-għan, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet kollha indirizzati lilu matul proċedura ta' żbilanċ eċċessiv jew fi proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku eċċessiv.*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (5) Is-sorveljanza tas-sitwazzjoni ekonomika u fiskali għandha tiġu rinfurzata sew għall-Istati Membri fi programm ta' aġġustament makroekonomiku. Minħabba n-natura komprensiva ta' dan tal-aħħar, il-proċessi l-oħra ta' sorveljanza ekonomika u fiskali għandhom jiġu sospiżi matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, bil-ħsieb li tiġi evitata dupplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar. | (5) Is-sorveljanza tas-sitwazzjoni ekonomika u fiskali għandha tiġu rinfurzata sew għall-Istati Membri fi programm ta' aġġustament makroekonomiku. Minħabba n-natura komprensiva ta' dan tal-aħħar, il-proċessi l-oħra ta' sorveljanza ekonomika u fiskali għandhom jiġu sospiżi ***jew, meta jkun xieraq, simplifikati*** matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, bil-ħsieb li ***tiġi żgurata l-konsistenza tas-sorveljanza tal-politika ekonomika u*** tiġi evitata dupplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar. ***Madankollu, meta jkun qed jitħejja l-programm ta' aġġustament makroekonomiku, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet kollha li ġew indirizzati lill-Istat Membru matul proċedura ta' żbilanċ eċċessiv jew fi proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku eċċessiv.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(5a) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-moviment liberu tal-kapital, bħala prinċipju fundamentali tat-TFUE, jista' jiġi limitat b'regolament nazzjonali jekk dan ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika. Raġunijiet ta' sigurtà pubblika jistgħu jinkludu l-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali, b'mod partikolari għall-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet serji jew li jkunu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro.* |

*([1]) Ara l-Kawżi C-463/00 u C-174/04.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(5b) Tali evażjoni fiskali tirrappreżenta nuqqas ta' dħul, li jista' jkun ugwali jew saħansitra superjuri għall-ammont tal-għajnuna finanzjarja minn Stat Membru jew minn diversi Stati Membri, l-FMI, l-FESF, l-MESF, jew l-MES, u l-ewwel u qabel kollox hija r-riżultat tal-implimentazzjoni difettuża tal-politika nazzjonali fiskali.* |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(5c) Fuq talba tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill jista' jawtorizza restrizzjonijiet li jikkonċernaw pajjiżi terzi responsabbli għal movimenti ta' kapital perikoluż għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, skont l-Artikolu 66 TFUE.* |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(6a) L-Istati Membri, bi qbil mar-regoli u l-prattiki nazzjonali attwali, għandhom jinvolvu s-sħab soċjali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' assistenza teknika.* |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| *(7) Id-deċiżjoni dwar in-nonkonformità ta' Stat Membru mal-programm ta' aġġustament tiegħu tkun tinvolvi wkoll sospensjoni tal-pagamenti jew l-impenji tal-fondi tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) Nru°XXX li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd koperti mill-qafas strateġiku komuni u li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru°1083/2006,* | *imħassar* |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(7a) Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-protezzjoni ta' Stat Membru mill-volatilità tas-suq toffri riżultat fit-tul aħjar b'rabta mal-istabilizzazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika ta' dak l-Istat Membru u tal-kapaċità tiegħu li jħallas id-dejn tiegħu. F'każijiet bħal dawn, Stat Membru jista' jitqiegħed b'mod temporanju taħt protezzjoni legali fuq bażi ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jkun jista' jirrevoka tali deċiżjoni tal-Kummissjoni b'maġġoranza adegwata.* |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(7b) Ir-referenzi għall-assistenza finanzjarja f'dan ir-Regolament għandhom jinkludu wkoll il-kopertura finanzjarja mogħtija fuq bażi ta' prekawzjoni, sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor.* |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(7c) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tqiegħed Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa skont ir-Reglament għandha tittieħed f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF), il-Korp Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej relevanti. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera wkoll mal-KEF biex tiddeċiedi jekk għandhiex ittawwal is-sorveljanza msaħħa.* |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw jew mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom u/jew li talbu jew jirċievu assistenza finanzjarja minn wieħed jew bosta mill-Istati l-oħra, il-Faċilità Ewropew ta' Stabilità Finanzjarja (FESF), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità Finanzjarja (MESF), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità (MES) jew *Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali **(IFI)*** oħra, bħalma hu l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). | 1. Dan ir-Regolament jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li ***l-munita*** tagħhom ***tkun l-euro u li:*** <br><br> — jesperjenzaw jew ***ikunu*** mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom u/jew ***is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi tagħhom, li jwassal għal effetti potenzjalment negattivi ta' tixrid lejn Stati Membri oħra taż-żona tal-euro***; ***u/jew*** <br><br> — ***jitolbu*** jew jirċievu assistenza finanzjarja minn wieħed jew bosta mill-Istati l-oħra, il-Faċilità Ewropew ta' Stabilità Finanzjarja (FESF), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità Finanzjarja (MESF), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità (MES) jew *istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali* oħra, bħalma hu l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għal regoli baġitarji nazzjonali u koordinazzjoni tal-politika ekonomika msaħħa.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Matul l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom josservaw bis-sħiħ l-Artikolu 152 TFUE, u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw l-istituzzjonijiet u l-prattiċi nazzjonali għall-formazzjoni tal-pagi. Meta japplikaw dan ir-Regolament u r-rakkomandazzjonijiet adottati skontu, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant,l-applikazzjoni tagħhom m'għandhiex taffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet kollettivi u li tittieħed azzjoni kollettiva skont il-liġi u l-prattika nazzjonali.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** <br> ***Regoli baġitarji u koordinazzjoni ekonomika msaħħa*** <br><br> ***1. Bl-għan li jkun ikkoordinat aħjar l-ippjanar tal-ħruġ tad-dejn nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jirrapurtaw minn qabel dwar il-pjanijiet ta' ħruġ tad-dejn pubbliku lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2. Bl-għan tal-valutazzjoni komparattiva tal-aħjar prattiki u ħidma favur politika ekonomika koordinata aħjar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riformi ekonomiċi ewlenin kollha li biħsiebhom iwettqu jiġu diskussi minn qabel u, meta jkun xieraq, għandhom jikkoordinaw dawk ir-riformi mal-Istati Membri l-oħra.*** |
| | ***3. Bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pożizzjoni baġitarja tal-gvern ġenerali hija bbilanċjata jew għandha bilanċ favorevoli fuq medda ta' żmien medja.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tpoġġi taħt sorveljanza msaħħa Stat Membru ***li jkun qed jesperjenza diffiklutajiet severi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tiegħu***. L-Istat Membru konċernat għandu jingħata l-possibilità li jesprimi l-opinjoni tiegħu ***qabel dan***. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur jekk ittawwalx is-sorveljanza msaħħa. | 1. ***Abbażi tal-aħħar reviżjoni fil-fond bi qbil mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, u filwaqt li jitqiesu l-kriterji addizzjonali oġġettivi, inklużi twissijiet tal-BERS, kif ukoll ir-rapporti msemmija fir-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro]***, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tpoġġi taħt sorveljanza msaħħa Stat Membru. ***Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem minn din id-deċiżjoni, jneħħiha permezz ta' maġġoranza kkwalifikata.*** L-Istat Membru konċernat għandu jingħata l-possibilità li jesprimi l-opinjoni tiegħu ***qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tal-Kummissjoni***. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur jekk ittawwalx is-sorveljanza msaħħa. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tpoġġi Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa skont l-ewwel paragrafu, għandha tinnotifika kif xieraq lill-BERS u, meta jkun relevanti, għandha tinfurma lill-Istat Membru dwar ir-riżultati tas-sorveljanza msaħħa.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tpoġġix taħt sorveljanza msaħħa Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja minn wieħed jew aktar Stati oħra, il-FESF, il-MES jew kwalunkwe *Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali* oħra, bħall-FMI. Il-Kummissjoni għandha ***tistabilixxi lista tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja konċernati u żżommha aġġornata sabiex tikkunsidra l-bidliet possibbli fil-politika tas-sostenn finanzjarju tal-FESF, il-MES jew ta' kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali rilevanti oħra***. | 2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tpoġġix taħt sorveljanza msaħħa Stat Membru li ***jitlob jew*** jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja minn wieħed jew aktar Stati oħra, il-FESF, ***il-MESF,*** il-MES jew kwalunkwe *istituzzjoni finanzjarja internazzjonali* oħra, bħall-FMI.<br><br>Il-Kummissjoni għandha ***tagħmel pubblika kull deċiżjoni meħuda skont il-paragrafi 1 u 2***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. ***Il-paragrafu 2*** ma għandux japplika għal Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonali fil-forma ta' linja ta' kreditu li ma tkunux soġġetta għall-adozzjoni ta' provvedimenti ġodda ta' politika mill-Istat Membru konċernat, sakemm il-linja ta' kreditu ma tkunx ġiet prelevata. | 3. ***Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-paragrafu 2*** ma għandux japplika għal Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonali fil-forma ta' linja ta' kreditu li ma tkunux soġġetta għall-adozzjoni ta' provvedimenti ġodda ta' politika mill-Istat Membru konċernat, sakemm il-linja ta' kreditu ma tkunx ġiet prelevata. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għanda tistabbilixxi lista ta' strumenti għal għajnuna finanzjarja li jistgħu jwasslu għas-sorveljanza msaħħa skont il-paragrafu 2 u għanda żżomm din il-lista aġġornata.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Stat Membru ***taħt*** sorveljanza msaħħa għandu, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-Kummissjoni, b'kordinament mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), jadotta miżuri mmirati lejn l-indirizzar tas-sorsi jew sorsi potenzjali tad-diffikultajiet. | 1. Stat Membru ***soġġett għal*** sorveljanza msaħħa għandu, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-Kummissjoni, b'kordinament mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), ***l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***[1]***), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***[2]***) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***[3]***) (kollettivament imsejħa l-ASEs), il-BERS u, meta jkun xieraq, il-FMI,*** jadotta miżuri mmirati lejn l-indirizzar tas-sorsi jew sorsi potenzjali tad-diffikultajiet, ***filwaqt li titqies kwalunkwe rakkomandazzjoniji indirizzati lilhom skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1466/97, (KE) Nru 1467/97 u (KE) Nru 1176/2011 dwar il-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom u l-istabilità tagħhom jew il-programmi ta' konverġenza. Il-Grupp ta' Ħidma Ewrogrupp, il-KEF, il-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew u l-parlament tal-Istat Membru kkonċernat għandhom ikunu infurmati dwar dawn il-miżuri.*** |

*(1) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12*
*(2) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.*
*(3) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-konsegwenzi negattivi ta' tixrid potenzjali ġġenerati minn Stati Membri oħrajn, inkluż fil-qasam tat-tassazzjoni. Meta l-Kummissjoni tidentifika tali konsegwenzi negattivi ta' tixrid, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, u bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 121(2) TFUE, għandu jindirizza r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Istati Membri li jiġġeneraw il-konsegwenzi negattivi ta' tixrid.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti tal-bidu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Fuq talba mill-Kummissjoni, *l-Istat Membru* taħt sorveljanza msaħħa għandu: | 3. Fuq talba mill-Kummissjoni, *Stat Membru* taħt sorveljanza msaħħa***, b'segwitu għal deċiżjoni skont l-Artikolu 2(1),*** għandu: |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) jikkomunika ***lill-Kummissjoni, lill-BĊE u lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE***) skont il-frekwenza mitluba informazzjoni diżaggregata dwar ***is-sitwazzjoni*** finanzjarja ***tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu taħt is-sorveljanza tas-superviżuri nazzjonali*** tiegħu; | (a) jikkomunika ***lill-ASEs relevanti, bi qbil mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010,*** skont il-frekwenza mitluba***,*** informazzjoni diżaggregata dwar ***l-iżviluppi fis-sistema*** finanzjarja tiegħu***, inklużi analiżi tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' test tal-istress u l-analiżi tas-sensittività mwettqa skont il-punt (b). Abbażi tal-konklużjonijiet misluta mill-indikaturi sottostanti tat-tabella ta' valutazzjoni għall-iżbilanċi makroekonomiċi, l-ASEs relevantirelevanti, b'koordinazzjoni mal-BERS, għandhom iħejju valutazzjoni tal-vulnerabilitajiet potenzjali tas-sistema finanzjarja u jibagħtuha lill-Kummissjoni skont il-frekwenza indikata minn din tal-aħħar u lill-BĊE***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) iwettaq, taħt is-superviżjoni ***tal-ABE***, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività kif meħtieġ biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur ***bankarju*** għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u l-BĊE***, u jikkondividi r-riżultati dettaljati magħhom***; | (b) iwettaq, taħt is-superviżjoni ***tal-ESAs relevanti***, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività kif meħtieġ biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur ***finanzjarju*** għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u l-BĊE ***b'koordinazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej relevanti u l-BERS***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) ikun soġġett għal valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur ***bankarju*** fil-qafas ***tal-eżami mill-pari speċifiku mwettaq mill-ABE***; | (c) ikun soġġett għal valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur ***finanzjarju*** fil-qafas ***tar-reviżjoni bejn il-pari speċifika mwettqa mill-ESAs relevanti***; |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (d) jikkomunika kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-makrożbilanċi ***stabiliti bir-Regolament Nru XXX*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi;* | (d) jikkomunika kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-makrożbilanċi ***bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***3a. Fuq talba mill-Kummissjoni, Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa, b'segwitu għal deċiżjoni skont l-Artikolu 2(2), għandu:*** |
| | ***(a) jikkomunika lill-Kummissjoni, lill-BĊE u lill-ASEs relevanti, bi qbil mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010, skont il-frekwenza mitluba, informazzjoni diżaggregata dwar l-iżviluppi fis-sistema finanzjarja tiegħu, inklużi analiżi tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' test tal-istress u l-analiżi tas-sensittività mwettqa skont il-punt (b). Il-Kummissjoni, il-BĊE, u l-ESAs relevanti għandhom iżommu dik id-data diżaggregata kunfidenzjali;*** |
| | ***(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-ESAs relevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività kif meħtieġ biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u l-BĊE b'koordinazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej relevanti u l-BERS;*** |
| | ***(c) ikun soġġett għal valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur finanzjarju fil-qafas tar-reviżjoni bejn il-pari speċifika mwettqa mill-ESAs relevanti;*** |
| | ***(d) jikkomunika kwalunkwe informazzjoni li hemm bżonn biex ikunu sorveljati l-żbilanċi makroekonomiċi stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1176/2011.*** |
| | ***Barra minn hekk, l-Istati Membri li jkunu qed jirċievu appoġġ finanzjarju għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jirrapportaw dwar il-kondizzjonalità imposta fuq dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-eżekuttiv u l-kondizzjonijiet ta' kreditu applikabbli għall-ekonomija reali.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 4. Il-Kummissjoni għandha twettaq, b'kordinazzjoni mal-BĊE, missjonijiet regolari ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza biex tivverifika l-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija ***fil-paragrafi 1, 2 u 3***. Hi għandha tikkomunika kull trimestru s-sejbiet tagħha lill-*Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju* (KEF) ***- jew lil kwalunkwe sottokumitat li l-KEF jista' jaħtar għal dak il-għan -*** u tivvaluta *notevolment* jekk jeħtieġx miżuri ulterjuri. Dawn il-missjonijiet ta' rieżami għandhom jissostitwixxu l-monitoraġġ fuq il-post previst fl-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. | 4. Il-Kummissjoni għandha twettaq, b'kordinazzjoni mal-BĊE ***u l-ESAs relevanti u, meta jkun xieraq, mal-FMI,*** missjonijiet regolari ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza ***msaħħa*** biex tivverifika l-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija ***fil-paragrafi 1, 2, 3 u 3a***. Hi għandha tikkomunika kull trimestru s-sejbiet tagħha lill-KEF ***u lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew*** u tivvaluta *b'mod partikolari* jekk jeħtieġx miżuri ulterjuri. Dawn il-missjonijiet ta' rieżami għandhom jissostitwixxu l-monitoraġġ fuq il-post previst fl-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Fejn ikun ***konkluż*** - abbażi ***tal-valutazzjoni prevista*** fil-paragrafu 4 - li jeħtieġ aktar miżuri u li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Stat Membru konċernat ***ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-istabilità*** finanzjarja taż-żona tal-euro, il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' ***jirrakkomanda lill-Istat Membru konċernat li jfittex assistenza finanzjarja u jħejji programm ta' aġġustament makroekonomiku.*** Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jippubblika ***din ir-rakkomandazzjoni.*** | 5. Fejn ikun ***valutat*** - abbażi ***tal-missjonijiet ta' reviżjoni previsti*** fil-paragrafu 4 - li jeħtieġ aktar miżuri u li s-sitwazzjoni finanzjarja ***u ekonomika*** ta' Stat Membru konċernat ***tippreżenta riskju għall-istabilità*** finanzjarja ***jew għat-tħaddim mingħajr ostakli*** taż-żona tal-euro, il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' ***b'mod simultanju:***<br><br>***(a) jirrakkomanda lill-Istat Membru konċernat li jfittex assistenza finanzjarja u jħejji programm ta' aġġustament makroekonomiku;***<br><br>***(b) jirrakkomanda lill-FESF jew lill-MES joffri assistenza finanzjarja, marbuta b'kondizzjonalità xierqa kif previst f'dan ir-Regolament.***<br><br>Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jippubblika ***r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Fejn Stat Membru jfittex assistenza finanzjarja mill-MES skont il-paragrafu 3a, l-Istati Membri l-oħra għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-MES jipprovdi assistenza lil dak l-Istat Membru, u li dan isir f'waqtu.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) il-Kumitat ***relevanti*** tal-Parlament Ewropew jista' jis***tieden rappreżentanti mill-Istat Membru*** konċernat biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet; | (a) il-kumitat ***kompetenti*** tal-Parlament Ewropew jista' ***joffri l-opportunità lill-Istat Membru*** konċernat ***u lill-Kummissjoni*** biex *jipparteċipaw* fi skambju ta' fehmiet; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6 – punt ba (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(ba) il-Kummissjoni għandha tinforma fil-ħin dovut lill-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew dwar il-kontenut tar-rakkomandazzjoni.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 38**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***6a. Matul il-proċess kollu, il-kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew u l-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jistiednu rappreżentanti mill-FMI, mill-BĊE u mill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fi djalogu ekonomiku dwar kwestjonijiet importanti b'rabta mat-tħaddim kif xieraq tal-ekonomija.*** |

**Emenda 39**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| | |
|---|---|
| Stat Membru li ***jkun jixtieq jikseb*** assistenza finanzjarja minn wieħed jew aktar mill-Istati l-oħra, il-FESF, il-MES, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) jew istituzzjoni oħra barra l-qafas tal-Unjoni għandu immedjatament jinforma lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-BĊE bl-intenzjoni tiegħu. Il-KEF***, jew kwalunkwe sottokumitat li l-KEF jista' jaħtar għal dawk il-finijiet,*** għandu jorganizza diskussjoni dwar din it-talba prevista, wara li jkun irċieva valutazzjoni mill-Kummissjoni. | Stat Membru li ***għandu l-ħsieb jitlob*** assistenza finanzjarja minn wieħed jew aktar mill-Istati l-oħra, il-FESF, il-MES, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) jew istituzzjoni oħra barra l-qafas tal-Unjoni għandu immedjatament jinforma ***lill-Parlament Ewropew,*** lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-BĊE bl-intenzjoni tiegħu. Il-KEF għandu jorganizza diskussjoni dwar din it-talba prevista, wara li jkun irċieva valutazzjoni mill-Kummissjoni ***bil-ħsieb li jeżamina - fost affarijiet oħra - il-possibbiltajiet disponibbli skont strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni jew taż-żona tal-euro qabel ma l-Istat Membru konċernat jindirizza lil selliefa potenzjali***. |

**Emenda 40**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| | |
|---|---|
| Fejn tintalab assistenza finanzjarja mill-FESF jew il-MES, il-Kummissjoni għandha tipprepara – b'kordinazzjoni mal-BĊE u kull fejn ***possibbli***, l-IMF - analiżi tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern tal-Istat Membru konċernati, inkluż ***l-abilita*** tal-Istat Membru li jħallas lura l-assistenza finanzjarja prevista, u tgħaddiha lill-KEF ***jew lil kwalunkwe sottokumitat li l-KEF jista' jaħtar għal dak l-iskop***. | Fejn tintalab assistenza finanzjarja mill-FESF***, l-MEFS*** jew il-MES, il-Kummissjoni għandha tipprepara – b'kordinazzjoni mal-BĊE u kull fejn ***xieraq u adegwat***, l-IMF - analiżi tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern ***kif ukoll il-ħtiġijiet attwali jew potenzjali ta' finanzjament*** tal-Istat Membru konċernati, inkluż ***l-impatt ta' kwalunkwe programm ta' aġġustament makroprudenzjali fuq l-abilità*** tal-Istat Membru li jħallas lura l-assistenza finanzjarja prevista, u tgħaddiha lill-KEF. |
| | ***Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq previżjonijiet makroekonimiċi u baġitarji prudenti bl-użu tal-informazzjoni l-aktar aġġornata u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapport imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(3) kif ukoll kwalunkwe kompitu superviżorju eżerċitat skont il-punt (b) tal-Artikolu 3(3). Il-previżjonijiet għandhom jevalwaw l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-metodoloġija, is-suppożizzjonijiet u l-mudelli ekonomiċi u ekonometriċi sottostanti, inkluża stima tal-prodott potenzjali u tal-effetti multiplikaturi makroekonomiċi, kif ukoll kwalunkwe parametru relevanti ieħor li fuqu tkun imsejsa l-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja minn wieħed jew aktar mill-Istati l-oħra, il-FMI, il-FESF jew il-MES għandu jipprepara bi qbil mal-Kummissjoni - li taġixxi b'kordinament mal-BĊE - abbozz ta' programm ta' aġġustament ***mmirati sabiex tiġi ristabilita*** sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli u tiġi restawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ. L-abbozz ta' programm ta' aġġustament għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet ***kurrenti*** indirizzati lill-Istat Membru konċernat skont l-Artikoli 121, 126 u/jew 148 ***tat-Trattat*** - u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet - filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-miżuri ta' politika meħtieġa. | 1. Stat Membru li ***jitlob jew*** jirċievi assistenza finanzjarja minn wieħed jew aktar mill-Istati l-oħra, il-FMI, il-FESF***, il-MEFS*** jew il-MES għandu jipprepara bi qbil mal-Kummissjoni - li taġixxi b'kordinament mal-BĊE ***u, meta jkun xieraq, mal-FMI-*** abbozz ta' programm ta' aġġustament ***makroekonomiku li għandu jibni fuq u jissostitwixxi kwalunkwe programm ta' sħubija ekonomika skont ir-Regolament (UE) Nru …/2012 [dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' abbozzi ta' pjani baġitarji u li jiżgura l-korrezzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-Zona tal-ewro, li għandu wkoll jinkludi mira baġitarja annwali. Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jindirizza r-riskji speċifiċi li joħorġu minn dak l-Istat Membru għall-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro u għandu jimmira li jirristabbilixxi malajr*** sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli u tiġi restawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ. L-abbozz ta' programm ta' aġġustament ***makroekonomiku*** għandu ***jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern u għandu*** jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istat Membru konċernat skont l-Artikoli 121, 126***, 136*** u/jew 148 ***TFUE*** - u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet - filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-miżuri ta' politika meħtieġa. ***Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu, fejn ikun possibbli, jirrispetta l-prattiki u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi u s-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fl-Unjoni u, fejn possibbli, għandu jqis il-programm ta' riforma nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u tal-impjiegi. L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu josserva bis-sħiħ l-Artikolu 151 TFUE u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Stat Membru li jkun qed iħejji abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku skont l-ewwel paragrafu għandu jistabbilixxi, bi ftehim mal-Kummissjoni, programm ta' sħubija ta' rkupru sostenibbli aġġornat li jkollu l-għan li joħloq il-kondizzjonijiet neċessarji biex jinkisbu finanzi pubbliċi sostenibbli.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 - paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu japprova l-programm*** ta' aġġustament. | 2. ***Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-abbozz ta' programm*** ta' aġġustament ***makroekonomiku fi żmien ġimgħa mit-tressiq ta' dak il-programm.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Jekk il-Kummissjoni tqis li l-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku jkun biżżejjed, għandha tapprovah. Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem minn dik id-deċiżjoni, jirrevoka din id-deċiżjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata.*** |
| | ***Jekk il-Kummissjoni tqis li l-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku ma jkunx biżżejjed, għandha tadotta rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istat Membru biex, fi żmien ġimgħa, iressaq abbozz ġdid ta' programm ta' aġġustament filwaqt li ssemmi r-raġunijiet għaliex tkun qieset li l-programm oriġinali ma kienx biżżejjed. L-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu, minbarra f'każ ta' emerġenza, jiġi bbażat fuq Memorandum ta' Qbil, programm jew ftehim tekniku konkluż mal-partijiet rilevanti li jipprovdu assistenza finanzjarja. Il-konsistenza bejn id-dokumenti rilevanti differenti relatati mal-assistenza finanzjarja u l-verżjonijiet aġġornati tal-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku kif ukoll il-konsistenza mal-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika u tal-impjiegi għandhom jiġu ġustifikati kif xieraq. Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jirrevokaha permezz ta' maġġoranza kwalifikata.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament u l-pjanijiet baġitarji annwali marbuta miegħu.*** |
| | ***Fil-proċess ta' sorveljanza ekonomika u fiskali għandu jkun hemm konsistenza fir-rigward ta' Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro li jkun għaddej minn programm ta' aġġustament mekroekonomiku sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni, b'kordinament mal-BĊE, għandha timmonitorja l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament u tinforma kull tliet xhur lill-KEF ***jew kwalunkwe sottokumitat li l-KEF jista' jaħtar għal dak l-iskop***. L-Istat Membru konċernat għandu jikkopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni. Partikolarment hu għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li din tqis neċessarja għall-monitoraġġ tal-programm. L-Artikolu 3(3) għandu japplika. | 3. Il-Kummissjoni, b'kordinament mal-BĊE, għandha timmonitorja l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament u tinforma kull tliet xhur lill-KEF. L-Istat Membru konċernat għandu jikkopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni ***u mal-BĊE***. Partikolarment hu għandu jipprovdi lill-Kummissjoni ***u l-BĊE*** l-informazzjoni kollha li din tqis neċessarja għall-monitoraġġ tal-programm. L-Artikolu 3(3) għandu japplika. ***F'każ ta' kooperazzjoni insuffiċjenti, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jindirizza rakkomandazzjoni pubblika lill-Istat Membru kkonċernat fejn jistipula l-azzjoni li għandha tittieħed minn dak l-Istat Membru.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni - b'kordinazzjoni mal-BĊE - għandha teżamina mal-Istat Membru konċernat il-bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament tiegħu. ***Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi*** dwar kwalunkwe bidla li trid ***ssir*** fil-programm ta' aġġustament. | 4. Il-Kummissjoni - b'kordinazzjoni mal-BĊE ***u kull meta jkun xieraq mal-IMF,*** - għandha teżamina mal-Istat Membru konċernat il-bidliet ***u l-aġġornamenti*** li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament tiegħu ***sabiex tikkunsidra sew inter alia kull nuqqas sinifikanti bejn il-previżjonijiet makroekonomiċi u ċ-ċifri realizzati, inklużi konsegwenzi possibbli li jirriżultaw mill-programm ta' aġġustament, effetti ta' riperkussjonijiet negattivi kif ukoll xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi*** dwar kwalunkwe bidla li trid ***issir*** fil-programm ta' aġġustament ***makroekonomiku. Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem minn dik id-deċiżjoni, jneħħiha permezz ta' maġġoranza kwalifikata.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. L-Istat Membru kkonċernat għandu, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, iħeġġeġ investituri privati biex iżommu l-iskopertura totali tagħhom fuq bażi volontarja.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 5. Jekk il-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 3 jiżvela devjazzjonijiet sinifikanti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku, ***il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni***, ***jista' jiddeċiedi*** li l-Istat Membru konċernat ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' politika inklużi fil-programm ta' aġġustament. | 5. Jekk il-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 3 jiżvela devjazzjonijiet sinifikanti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku, ***il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi*** li l-Istat Membru konċernat ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' politika inklużi fil-programm ta' aġġustament. ***Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod ċar jekk id-devjazzjoni sinifikanti tkunx dovuta għal raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, jneħħiha permezz ta' maġġoranza kwalifikata. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità u n-neċċessità u l-proporzjonalità tal-bidliet li jkunu saru fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku msemmija fil-paragrafu 4.*** |
| | ***Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu b'mod partikolari jenfasizza miżuri prekawzjonarji u pjanijiet ta' kontinġenza li għandhom jiġu adottati f'każ ta' żviluppi mhux previsti bħal pereżempju xokkijiet eżoġeni.*** |
| | ***L-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali stabbiliti fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom iqisu l-bżonnijiet għall-iżgurar ta' mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.*** |
| | ***Meta l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-BĊE, jieħu miżuri bl-għan li jevita t-taqlib fis-suq u jżomm il-funzjonament tajjeb tas-settur finanzjarju tiegħu.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 6. Stat Membru soġġett għal programm ta' aġġustament li jesperjenzja kapaċità amministrattiva insuffiċjenti jew problemi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament tiegħu għandu jfittex assistenza teknika mill-Kummissjoni. | 6. Stat Membru soġġett għal programm ta' aġġustament ***makroekonomiku*** li jesperjenzja kapaċità amministrattiva insuffiċjenti jew problemi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament tiegħu għandu jfittex assistenza teknika mill-Kummissjoni***, li għal dan l-għan tista' tikkostitwixxi gruppi ta' esperti ma' Stati Membri u istituzzjonijiet Ewropej u/jew internazzjonali relevanti oħra. L-objettivi u l-mezzi tal-assistenza teknika għandhom jiġu enfasizzati b'mod espliċitu fil-verżjonijiet aġġornati tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Barra minn hekk,għandha tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-assistenza teknika. L-assistenza teknika għandha tkun iffukata fuq osma bħal: it-titjib tal-akkwist pubbliku, il-promozzjoni tal-kompetizzjoni, il-ġlieda tal-korruzzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tad-dħul mit-taxxa biex tiġi promossa s-sostenibilità finanzjarja.*** |
| | ***Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku u l-valutazzjoni tal-impatt soċjali għandhom isiru pubbliċi.*** |
| | ***Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun annessa mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***6a. Stat Membru li jkun soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jwettaq awditjar komprensiv tal-ħażna tad-dejn pendenti tiegħu sabiex inter alia jwettaq valutazzjoni tar-raġunijiet li wasslu għall-bini ta' livelli eċċessivi ta' dejn kif ukoll kull irregolarità involuta fil-proċess tal-ħruġ tad-dejn.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 7**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 7. Il-Kumitat ***relevanti*** tal-Parlament Ewropew jista' ***jistieden rappreżentanti mill-Istat*** Membru konċernat biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament. | 7. Il-kumitat ***kompetenti*** tal-Parlament Ewropew jista' ***joffri l-opportunità lill-Istat*** Membru konċernat ***u lill-Kummissjoni*** biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 8a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***8a. Dan l-Artikolu ma japplikax għal assistenza finanzjarja mogħtija fuq bażi ta' prekawzjoni u għal self magħmul għar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** <br> ***L-involviment tas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili.*** <br><br> ***Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-sħab soċjali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni previsti f'dan ir-Regolament kif ukoll dwar ir-rapporti u l-abbozzi ta' rapporti tal-Istati Membri previsti fl-Artikoli 2 sa 7 ta' dan ir-Regolament. Dawn il-fehmiet għandhom ikunu pubbliċi.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 6b*** <br> ***Miżuri biex jissalvagwardjaw id-dħul mit-taxxi*** <br><br> ***1. L-Istat Membru kkonċernat għandu, skont l-Artikolu 65 tat-TFUE u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-BĊE, jieħu miżuri maħsuba biex jipprevjenu l-ksur tal-liġi u tar-regolamenti nazzjonali b'mod partikolari fil-qasam tat-tassazzjoni.*** <br><br> ***2. L-Istat Membru konċernat għandu jitlob lill-Kummissjoni tagħmel proposta lill-Kunsill, skont l-Artikolu tat-TFUE, sabiex jiġu salvagwardjati miżuri rigward movimenti ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet serji għall-operazzjoni tal-unjoni monetarja u ekonomika. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-BĊE qabel ma tagħmel il-proposta tagħha.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – titolu**

| | |
|---|---|
| Konsistenza ***mal-proċedura tad-defiċit eċċessiv*** | Konsistenza ***mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Il-programm ta' aġġustament u l-bidliet fih kif previst fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandhom ***jitqiesu li*** jissostitwixxu s-sottomissjoni ta' programmi ta' stabilità previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. | 1. Il-programm ta' aġġustament ***makroekonomiku*** u l-bidliet fih kif previst fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandhom jissostitwixxu s-sottomissjoni ta' programmi ta' stabilità previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) Il-programm ta' aġġustament previst fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu wkoll ***jitqies li*** jissostitwixxi kif xieraq ir-rapporti previsti mill-Artikolu 3(4a) u l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97; | (a) Il-programm ta' aġġustament ***makroekonomiku*** previst fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu wkoll jissostitwixxi kif xieraq ir-rapporti previsti mill-Artikolu 3(4a) u l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) Il-miri baġitarji annwali fil-programm ta' aġġustament previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandhom ***jitqiesu li*** jissostitwixxu kif xieraq il-miri baġitarji annwali previsti skont l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 fir-rakkomandazzjoni u l-avviż imsemmija. Jekk l-Istat Membru konċernat ikun suġġett għal avviż skont l-Artikolu 126(9) tat-Trattat, il-programm ta' aġġustament previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandu wkoll ***jitqies li*** jissostitwixxi l-indikazzjonijiet dwar miżuri li jwasslu għal dawk il-miri previsti fl-avviż skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. | (b) Il-miri baġitarji annwali fil-programm ta' aġġustament previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandhom jissostitwixxu kif xieraq il-miri baġitarji annwali previsti skont l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 fir-rakkomandazzjoni u l-avviż imsemmija. Jekk l-Istat Membru konċernat ikun suġġett għal avviż skont l-Artikolu 126(9) tat-Trattat, il-programm ta' aġġustament previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandu wkoll jissostitwixxi l-indikazzjonijiet dwar miżuri li jwasslu għal dawk il-miri previsti fl-avviż skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) il-monitoraġġ previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandu ***jitqies li*** jissostitwixxi l-monitoraġġ previst mill-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 u l-monitoraġġ sottostanti għal kwalunkwe deċiżjoni prevista bl-Artikoli 4(2) u 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97. | (c) il-monitoraġġ previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandu jissostitwixxi l-monitoraġġ previst mill-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 u l-monitoraġġ sottostanti għal kwalunkwe deċiżjoni prevista bl-Artikoli 4(2) u 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru° ***XXX*** dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi għandu jkun sospiż għall-Istati Membri li jkunu suġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament. Din is-sospensjoni għandha tkun applikabbli matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku. | L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru° ***1176/2011*** dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi għandu jkun sospiż għall-Istati Membri li jkunu suġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament ***bl-eċċessjoni tal-miżuri pprovduti fl-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar it-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji, il-mekkaniżmu ta' twissija u r-reviżjoni fil-fond***. Din is-sospensjoni għandha tkun applikabbli matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku. |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-monitoraġġ previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandu ***jitqies li*** jissostitwixxi l-monitoraġġ u valutazzjoni tas-Simestru Ewropew għall-kordinazzjoni tal-politika ekonomika previsti fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika. | Il-monitoraġġ previst fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament għandu jissostitwixxi l-monitoraġġ u valutazzjoni tas-Simestru Ewropew għall-kordinazzjoni tal-politika ekonomika previsti fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika. ***Is-sospensjoni għandha tkun applikabbli matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru°XXX dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro għandha tkun sospiża għall-Istati Membri li jkunu soġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament. Din is-sospensjoni għandha tkun applikabbli matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku. | L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru°XXX dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro għandha tkun sospiża għall-Istati Membri li jkunu soġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament***, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli minn 1 sa 4 tar-Regolament (UE) Nru …/2012***. Din is-sospensjoni għandha tkun applikabbli matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** <br> ***It-tqegħid ta' Stat Membru taħt protezzjoni legali*** |
| | ***1. Fejn il-miżuri previsti fl-Artikolu 3(5) ma jistabbilixxux mill-ġdid is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Stat Membru u fejn dak l-Istat Membru jkun f'riskju li jaqa' fi stat kontinwu ta' inadempjenzajew sospensjoni tal-ħlasijiet, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Kunsill, tadotta deċiżjoni li tqiegħed lil dak l-Istat Membru taħt protezzjoni legali. Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, jneħħiha permezz ta' maġġoranza sempliċi.*** |
| | ***2. L-għan ta' dan l-Artikolu huwa li l-Istat Membru konċernat jitħalla jistabilizza s-sitwazzjoni ekonomika tiegħu u jkun kapaċi jħallas id-dejn tiegħu.*** |
| | ***Deċiżjoni li tqiegħed Stat Membru taħt protezzjoni legali jkollha l-implikazzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) id-dispożizzjonijiet ta' 'close-out netting' jew 'credit event' ma jibqgħux operattivi;*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(b)* ***ir-rati applikabbli ta' interess fuq is-self jinżammu u l-għotjiet ta' self ġodda lill-Istat Membru, bl-eċċezzjoni tal-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 1(1), għandhom jitħallsu lura bħala prijorità;*** |
| | *(c)* ***il-kredituri tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jiżvelaw id-dettalji tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tqiegħed l-Istat Membru kkonċernat taħt protezzjoni legali f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; jekk jonqsu milli jagħmlu dan id-dejn tagħhom jintemm;*** |
| | *(d)* ***l-awtoritajiet tal-Istat Membru konċernat għandhom jimplimentaw il-miżuri rakkomandati fl-assistenza teknika prevista fl-Artikolu 6(6) u jippreżentaw pjan ta' rkupru u ta' saldu tad-dejn biex jiġi approvat mill-Kummissjoni.*** |
| | ***3. Dan l-Artikolu għandu japplika mill-2017.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Stat Membru għandu jkun taħt sorveljanza ta' wara l-programm sakemm minimu ta' 75 % tal-assistenza finanzjarja mogħtija minn wieħed jew bosta mill-Istat Membri l-oħra, il-MESF, il-FESF jew il-MES ma tkunx tħallset lura. ***Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jestendi*** t-tul tas-sorveljanza ta' wara l-programm. | 1. Stat Membru għandu jkun taħt sorveljanza ta' wara l-programm sakemm minimu ta' 75 % tal-assistenza finanzjarja mogħtija minn wieħed jew bosta mill-Istat Membri l-oħra, il-MESF, il-FESF jew il-MES ma tkunx tħallset lura. ***Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi*** t-tul tas-sorveljanza ta' wara l-programm. ***Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem minn din id-deċiżjoni, jneħħiha permezz ta' maġġoranza kwalifikata.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, b'kordinament mal-BĊE, missjonijiet regolari ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza ta' wara l-programm biex tivvaluta l-qagħda finanzjarja, ekonomika u fiskali tiegħu. Hi għandha tikkomunika kull semestru s-sejbiet tagħha lill-KEF jew kwalunkwe sottokumitat li l-KEF jista' jaħtar għal dak l-iskop, u tivvaluta notevolment jekk jeħtiġux miżuri korrettivi. | 3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, b'kordinament mal-BĊE, missjonijiet regolari ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza ta' wara l-programm biex tivvaluta l-qagħda finanzjarja, ekonomika u fiskali tiegħu. Hi għandha tikkomunika kull semestru s-sejbiet tagħha ***lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew,*** lill-KEF jew kwalunkwe sottokumitat li l-KEF jista' jaħtar għal dak l-iskop ***u lill-parlament tal-Istat Membru konċernat***, u tivvaluta notevolment jekk jeħtiġux miżuri korrettivi. |
| | ***Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jkun sar taħt is-sorveljanza ta' wara l-programm.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. ***Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jirrakkomanda lill-Istat*** Membru taħt sorveljanza ta' wara l-programm ***biex*** jadotta miżuri korrettivi. | 4. ***Il-Kummissjoni tista tirrakkomanda li l-Istat*** Membru taħt sorveljanza ta' wara l-programm jadotta miżuri korrettivi. ***Il-Kunsill jista', fi żmien għaxart ijiem minn din ir-rakkomandazzjoni, ineħħiha permezz ta' maġġoranza kwalifikata.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. Il-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-monitoraġġ ta' wara l-programm.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Għall-miżuri msemmija ***fl-Artikoli 2(1), 3, 6(2), 6(4) u 11(4)***, jivvotaw biss il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u l-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jqis il-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru konċernat. | Għall-miżuri msemmija ***f'dan ir-Regolament***, għandhom jivvotaw biss il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u l-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jqis il-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru konċernat. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Artikolu 13***<br>***Tipi ta' assistenza u selfiet esklużi mill-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 6***<br><br>***Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u 6 ma japplikawx għal assistenza finanzjarja mogħtija fuq bażi prekawzjonali u għal selfiet magħmula għar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a***<br>***Notifikazzjoni lill-Parlament Ewropew***<br><br>***Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 13b*** <br> ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali*** <br><br> ***Dan ir-Regolament għandu japplika għall-Istati Membri li jkunu diġà soġġetti għall-programm ta' assistenza fi [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 13c*** <br> ***Rapport*** <br><br> ***Sal-1 ta' Jannar 2014 u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** <br><br> ***Dak ir-rapport għandu jevalwa, inter alia:*** <br><br> ***(a) l-effikaċja ta' dan ir-Regolament;*** <br><br> ***(b) il-progress fl-iżgurar ta' koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza kontinwa fil-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri skont it-TFUE.*** <br><br> ***(c) il-kontribuzzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjieg.*** <br><br> ***(d) l-adegwatezza tal-estensjoni tal-iskop ta' dan ir-Regolament għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro.*** <br><br> ***2. Fejn xieraq, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament.*** <br><br> ***3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

# Dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro ***I

P7_TA(2012)0243

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (COM(2011)0821 – C7-0448/2011 – 2011/0386(COD))** (1)

(2013/C 332 E/32)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 1**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(1a) L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, meta tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' ħarsien soċjali adegwat, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (2) Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, partikolarment ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 li tithaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, ***imfassal biex*** jiżgura dixxipplina baġitarja fl-Unjoni kollha, jistabilixxi l-qafas għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi tal-gvern. Issaħħaħ aktar bir-Regolament Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika u r-Regolament (UE) Nru …/2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li tithaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja | (2) Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, partikolarment ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, ***bl-għan li*** tiġi żgurata dixxipplina baġitarja fl-Unjoni kollha, jistabilixxi l-qafas għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1466/97 u 1467/97 ġew emendati u l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir kompla jissaħħaħ, bir-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) u bir-Regolament (UE) Nru 1177/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2). Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro (3) żied sistema ta' mekkaniżmi ta' infurzar effikaċi, preventiva u gradwali fil-forma ta' sanzjonijiet finanzjarji għall-Istati |

(1) Il-każ kien riferut lura lill-kumitat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0173/2012).

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| fiż-żona euro żied sistema ta' mekkaniżmi ta' infurzar effikaċi, preventiva u gradwali fil-forma ta' sanzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro. | Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro. ***L-Artikolu 2-a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, barra minn hekk, jistipula l-elementi li jikkostitwixxu s-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.*** |

(1) *ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12.*
(2) *ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33.*
(3) *ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.*

**Emenda 3**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(2a) Skont l-Artikolu 2-a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, is-Semestru Ewropew jinkludi l-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida ġenerali tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika) b'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE; il-formulazzjoni, u l-eżami tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li għandhom jitqiesu mill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 148(2) TFUE (il-linji gwida dwar l-impjiegi); il-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tal-programmi ta' stabilità jew konverġenza tal-Istati Membri skont dan ir-Regolament; il-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' riforma tal-Istati Membri li jappoġġaw l-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi u li ġew stabbiliti b'konformità mal-linji gwida ġenerali, mal-linji gwida dwar l-impjiegi u mal-linji gwida ġenerali għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni u mill-Kunsill Ewropew fil-bidu taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza; is-sorveljenza biex jiġu preklużi u korretti l-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (1).*** |

(1) *ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.*

**Emenda 4**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (3) L-emendi għall-Patt ta' Stabilità u Tkabbir iżidu kemm il-gwida, kif ukoll, għall-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro, ***inċentivi għall-iffissar u l-implimentazzjoni ta'*** politika baġitarja prudenti, filwaqt li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern. Dawn id-dispożizzjonijiet ħolqu qafas iktar robust fil-livell tal-Unjoni għas-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi nazzjonali. | (3) L-emendi għall-Patt ta' Stabilità u Tkabbir iżidu kemm il-gwida, kif ukoll, għall-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro, ***sanzjonijiet imsaħħa u aktar awtomatiċi għan-nuqqas ta' konformità ma'*** politika baġitarja prudenti, filwaqt li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern. Dawn id-dispożizzjonijiet ħolqu qafas iktar robust fil-livell tal-Unjoni għas-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi nazzjonali ***iżda hemm bżonn ta' koordinazzjoni aktar profonda tal-politika ekonomika u l-inċentivi għall-konformità.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(3a) **Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir rivedut huwa bbażat fuq l-għan ta' finanzi tal-gvern sodi bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għal stabilità tal-prezzijet u għal tkabbir sostenibbli u sod imsejjes fuq stabilità finanzjarja, biex b'hekk ikunu appoġġati l-għanijiet tal-Unjoni għal tkabbir u impjiegi sostenibbli.*** |

**Emenda 6**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 3b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(3b) **Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tas-17 ta' Ġunju 2010, adotta strateġija ġdida tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, sabiex l-UE tkun tista' toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi, u biex iddawwar l-ekonomija tagħha lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien ma' livell għoli ta' impjiegi ta' kwalità, produttività u koeżjoni soċjali. L-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi fiha wkoll għanijiet fl-oqsma tal-faqar, l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-ambjent.*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 3c (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(3c) **Għandha tingħata l-attenzjoni xierqa fir-rigward tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi u fir-rigward ta' kif tiġi implimentata mill-Istati Membri permezz tal-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom.*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (4) It-Trattat jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi fiż-żona tal-euro li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. | (4) It-TFUE jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi fiż-żona tal-euro li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat***, u jiġu evitati politiki fl-Istati Memrbi li jipperikolaw***, il-funzjonament xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja. ***Fejn ikun xieraq u neċessarju, għandu jsir użu iżjed attiv tal-miżuri speċifiċi stipulati fl-Artikolu 136 TFUE sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji għal integrazzjoni iżjed profonda u reżiljenti li għandha timxi id f'id ma' leġittimità demokratika mtejba tal-unjoni ekonomika u monetarja.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 9**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(4a) Il-finanzi pubbliċi sodi u l-baġits ibbilanċati huma prerekwiżit għall-istabilità ekonomika u finanzjarja kif intwera b'mod ċar bil-kriżi tad-dejn sovran, li enfasizzat il-ħtieġa ta' oqfsa fiskali b'saħħithom u solidi. Barra minn hekk, id-defiċits tal-lum, li huma assoċjati ma' ekonomiji staġnati, jenfasizzaw il-ħtieġa ta' riformi aktar milli żieda fl-infiq.*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 4b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(4b) L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jadottaw kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-unjoni ekonomika u monetarja, b'mod partikolari l-prattika tal-akkumulazzjoni tad-djun barra l-kontijiet tal-amministrazzjoni pubblika.*** |

**Emenda 11**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 5**

| | |
|---|---|
| (5) Finanzi pubbliċi f'saħħithom jiġu żgurati l-aħjar fl-istadju tal-ippjanar u l-iżbalji kbar għandhom jiġu identifikati kmieni kemm jista' jkun. L-Istati Membri għandhom jibbenefikaw mhux biss minn l-iffissar ta' prinċipji ta' gwida u miri baġitarji imma wkoll minn monitoraġġ sinkronizzat tal-politiki baġitarji tagħhom. | (5) Finanzi pubbliċi b'saħħithom ***u politiki ekonomiċi kkoordinati*** jiġu żgurati l-aħjar fl-istadju tal-ippjanar u l-iżbalji kbar għandhom jiġu identifikati kmieni kemm jista' jkun. L-Istati Membri għandhom jibbenefikaw mhux biss mill-iffissar ta' prinċipji ta' gwida u miri baġitarji imma wkoll minn monitoraġġ sinkronizzat tal-politiki baġitarji ***u makroekonomiċi u l-ħruġ tad-dejn pubbliku tagħhom. Bl-għan li jikkoordinaw aħjar l-ippjanar tal-ħruġ tad-dejn nazzjonali tagħhom, jeħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-pjanijiet għall-ħruġ tad-dejn pubbliku tagħhom minn qabel.*** |

**Emenda 12**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(5a) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiddaħħlu fis-seħħ iżjed mekkaniżmi tal-Unjoni għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki baġitarji u ekonomiċi tal-Istati Membri. Madankollu, għandha tintwera kawtela fl-istadji kollha, u, għal din ir-raġuni, l-ebda kwistjoni relatata mal-pjanijiet ta' ħruġ tad-dejn tal-Istati Membri, mat-tiġdid ta' dejn pendenti u ma' operazzjonijiet rilevanti oħra ma għandha tinħareġ fil-pubbliku, u tali kwistjonijiet għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' koordinazzjoni interna. Din il-ħtieġa tirriżulta mir-riskju li Stat Membru jista' jkun suġġett għalih jekk jagħmel il-ħtiġijiet finanzjarji tiegħu magħrufa lis-swieq finanzjarji minn qabel.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 13**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) L-istipular ta' kronoliġija baġitarja komuni għall-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro għandu jissinkronizza aħjar il-passi ewlenin fit-tħejjija tal-baġits nazzjonali, b'hekk jikkontribwixxi favur l-effikaċja tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika baġitarja. L-adozzjoni ta' kronoliġija baġitarja komuni għandha twassal għal sinerġiji aqwa billi tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politika fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet tal-***Kunsill u tal-Kummissjoni*** jkunu integrati kif xieraq fil-proċess nazzjonali tal-adozzjoni tal-baġit. | (6) L-istipular ta' kronoliġija baġitarja komuni għall-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro għandu jissinkronizza aħjar il-passi ewlenin fit-tħejjija tal-baġits nazzjonali, b'hekk jikkontribwixxi favur l-effikaċja tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ***ekonomika u*** baġitarja. L-adozzjoni ta' kronoliġija baġitarja komuni għandha twassal għal sinerġiji aqwa billi tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politika fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet ta' ***politika speċifiċi skont il-pajjiż*** u ***l-programmi nazzjonali ta' riforma u l-programmi ta' stabilità u konverġenza, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-analiżi tal-iżbilanċi makroekonomiċi*** jkunu integrati kif xieraq fil-proċess nazzjonali tal-adozzjoni tal-baġit. |

**Emenda 14**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(6a) Huwa essenzjali li l-kronoloġija tal-pjan baġitarju komuni tkun koerenti mal-kronoloġija baġitarja tal-Istati Membri. Jekk dan ma jkunx il-każ, kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni rigward abbozz ta' pjan baġitarju ta' Stat Membru jkollha r-riskju li tkun nieqsa mil-leġittimità demokratika fil-parlament ta' dak l-Istati Membru.*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(6b) Meta l-baġit ma jiġix adottat sal-31 ta' Diċembru skont kif stipulat f'dan ir-Regolament, għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri ta' baġit reviżjonarji biex jiġi żgurat li l-gvern ikun għadu kapaċi jwettaq id-dmirijiet essenzjali tiegħ***u. |

**Emenda 16**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| (7) ***Hemm evidenza qawwija li turi l-effikaċja ta'*** oqfsa fiskali bbażati fuq regoli fl-appoġġ ta' politiki fiskali tajba u sostenibbli. L-introduzzjoni ta' regoli fiskali nazzjonali li jkunu konsistenti mal-objettivi baġitarji stabiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu element kruċjali biex tiġi żgurata l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Partikolarment, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw regoli ***strutturali tal-baġit bilanċjat li jittrasponu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali l-prinċipji ewlenin tal-qafas fiskali tal-Unjoni. Din it-traspożizzjoni għandha tkun effettivi permezz ta' regoli vinkolanti preferibbilment ta' natura kostituzzjonali sabiex jintwera l-aqwa impenn tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir***. | (7) Oqfsa fiskali ***effikaċi*** bbażati fuq regoli ***jistgħu jkunu importanti*** fl-appoġġ ta' politiki fiskali tajba u sostenibbli. L-introduzzjoni ta' regoli fiskali nazzjonali li jkunu konsistenti mal-objettivi e***konomiċi u*** baġitarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***, u li jinkludu d-definizzjoni ta' ċirkostanzi straordinarji u tnaqqis ekonomiku gravi***, għandhom ikunu element kruċjali biex tiġi żgurata l-osservanza ***sostenibbli*** tad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Partikolarment, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***mekkaniżmu li għandu jibda jaħdem b'mod awtomatiku fil-każ ta' devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju li jiġu kkoreġuti devjazzjonijiet sinifikanti mill-għan baġitarju ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh bl-għan li jiġi żgurat ritorn*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

***f'waqtu lejn l-objettiv ta' terminu medju. huwa essenzjali li dawk ir-regoli jkopru l-amministrazzjoni pubblika fis-sħuħija tagħha u jkunu vinkolanti jew garantiti b'xi mod ieħor sabiex ikun hemm konformità magħhom fil-proċessi baġitarji nazzjonali.***

**Emenda 17**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

***(7a) Il-livell ta' dejn sovran fl-Unjoni huwa sfida ewlenija li għandha tiġi indirizzata biex l-ekonomija terġa' lura għal tendenza ta' tkabbir reżiljenti u stabbli fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fuq perjodu ta' żmien twil. Irid jgħaddi perjodu sinifikanti ta' żmien qabel ma l-livell medju tad-dejn fost l-Istati Membri jerġa' lura għall-perkors ta' 60 % stipulat mill-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Il-kisba tal-objettivi baġitarji fuq perjodu ta' żmien medju hija prekundizzjoni fundamentali f'dan ir-rigward filwaqt li t-tbegħid minnhom jista' jwassal għal rati ta' interess għolja, u b'hekk jhedded it-tkabbir u l-irkupru.***

**Emenda 18**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 8**

(8) Previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji mhux oġġettivi u irrealistiċi jistgħu jfixklu konsiderevolment l-effikaċja tal-ippjanar baġitarju u konsegwentement ixekklu l-impenn lejn id-dixxiplina baġitarja. Previżjonijiet minn korpi indipendenti jistgħu jipprovdu previżjonijiet makroekonomiċi oġġettivi u realistiċi.

(8) Previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji mhux oġġettivi u irrealistiċi jistgħu jfixklu konsiderevolment l-effikaċja tal-ippjanar baġitarju u konsegwentement ixekklu l-impenn lejn id-dixxiplina baġitarja. Previżjonijiet minn korpi ***kompetenti tekniċi*** u indipendenti ***b'awtorità funzjonarja vis-à-vis l-awtoritajiet baġitarji tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi, kif stipulat fl-Anness I,*** jistgħu jipprovdu previżjonijiet makroekonomiċi oġġettivi u realistiċi, ***ladarba jiġu stabbiliti l-komparabilità u l-koerenza tagħhom.***

**Emenda 20**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 9**

(9) Din is-sorveljanza msaħħa gradwalment ser tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u ssaħħaħ is-sorveljanza tad-***dixxiplina*** baġitarja fl-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro. Proċedura ta' monitoraġġ imsaħħa gradwalment għandha tikkontribwixxi għal eżiti baġitarji aħjar għall-benefiċċju tal-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro. Bħala parti minn proċedura msaħħa gradwalment, monitoraġġ metikoluż huwa partikolarment ta' valur għall-Istati Membri li jkunu soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv.

(9) Tali sorveljanza ***u koordinazzjoni msaħħa gradwalment se jkomplu jikkompletaw is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika***, jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir u jsaħħu s-sorveljanza tas-saħħa baġitarja ***u mikrofinanzjarja u l-konverġenza ekonomika*** fl-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro. Proċedura ta' monitoraġġ imsaħħa gradwalment għandha tikkontribwixxi għal ***eżiti*** baġitarji u ***ekonomiċi*** aħjar għall-benefiċċju tal-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro, ***mingħajr ma tinħoloq burokrażija bla bżonn***. Bħala parti minn proċedura msaħħa gradwalment, monitoraġġ metikoluż huwa partikolarment ta' valur għall-Istati Membri li jkunu soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv.

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

**Emenda 21**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (10) ***B'li ħareġ mill-kriżi tad-dejn sovran, u partikolarment mill-ħtieġa li jiddaħħlu fis-seħħ ritensjonijiet finanzjarji aħħarin komuni***, l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro jikkondividu ***effetti sekondarji*** mtejba mill-***politika*** baġitarja tagħhom. Kull Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom tkun l-euro qabel ma jadottaw klawlunkwe pjanijiet kbar ta' riforma fil-politika fiskali b'effetti sekondarji potenzjali, sabiex jippermettu l-possibilità ta' valutazzjoni tal-impatt possibbli fuq iż-żona tal-euro kollha. Għandhom iqisu l-pjanijiet baġitarji tagħhom bħala ta' interess komuni u jissottomettuhom lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' monitoraġġ qabel il-pjanijiet isiru vinkolanti. Il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni, jekk neċessarju, li tadotta opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju, li l-Istat Membru u partikolarment l-awtoritajiet tal-baġit għandhom jiġu mistiedna jqisu fil-proċess tal-adozzjoni tal-liġi tal-baġit. Tali opinjoni għandha tiżgura li l-gwida politika tal-Unjoni fil-qasam baġitarju tkun adegwatament integrata fil-preparazzjonijiet baġitarji nazzjonali. Partikolarment, din l-opinjoni għandha tinkludi valutazzjoni dwar jekk il-pjanijiet baġitarji jindirizzawx adegwatament ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tas-Simestru Ewropew fil-qasam baġitarju. Il-Kummissjoni għandha tkun lesta biex tippreżenta din l-opinjoni lill-Parlament tal-Istat Membru konċernat, fuq it-talba tiegħu. L-estent safejn din l-opinjoni tkun tqieset għandu jkun parti mill-valutazzjoni, jekk u meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet, li twassal għad-deċiżjoni li l-Istat Membru konċernat jitpoġġa taħt proċedura tad-defiċit eċċessiv, fejn in-nuqqas ta' segwitu tal-gwida bikrija mill-Kummissjoni jitqies bħala fattur aggravanti. Ukoll, abbażi tal-valutazzjoni kumplessiva tal-pjanijiet mill-Kummissjoni, il-Grupp tal-euro għandu jiddiskuti s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro. | (10) L-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro ***jiġġeneraw jew jiġu effettwati bl-effetti sekondarji mill-politiki*** baġitarji u ***makroekonomiċi tagħhom. L-effetti sekondarji għandhom għaldaqstant jiġu identifikati u indirizzati fi ħdan il-qafas ta' proċeduri ta' sorveljanza speċifiċi skont il-pajjiż kif ukoll fil-valutazzjoni globali tas-sitwazzjoni baġitarja u l-prospetti fiż-żona tal-euro kollha. Il-valutazzjoni għandha tidentifika, fuq bażi ta' pajjiż pajjiż, effetti sekondarji negattivi potenzjali li jirrigwardaw is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri ġġenerati mis-setturi privati tagħhom jew minn Stati Membri oħra. Il-kriżi tad-dejn sovran uriet ukoll l-interkonnessjoni bejn id-dejn sovran, l-istabilità finanzjarja u s-solvenza tal-banek.*** Kull Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom tkun l-euro qabel ma jadottaw klawlunkwe pjanijiet kbar ta' riforma fil-***politika ekonomika*** u f'dik fiskali b'effetti sekondarji potenzjali, sabiex jippermettu l-possibilità ta' valutazzjoni tal-impatt possibbli fuq iż-żona tal-euro kollha. Għandhom iqisu l-pjanijiet baġitarji ***u ekonomiċi*** tagħhom bħala ta' interess komuni u jissottomettuhom lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' monitoraġġ qabel il-pjanijiet isiru vinkolanti. Il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni, jekk neċessarju, li tadotta ***mill-iktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru***, opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju, li l-Istat Membru u partikolarment l-awtoritajiet tal-baġit għandhom jiġu mistiedna jqisu fil-proċess tal-adozzjoni tal-liġi tal-baġit. Tali opinjoni għandha tiżgura li l-gwida politika tal-Unjoni fil-qasam ekonomiku u dak baġitarju tkun adegwatament integrata fil-preparazzjonijiet baġitarji nazzjonali. Partikolarment, din l-opinjoni għandha tinkludi valutazzjoni dwar jekk il-pjanijiet baġitarji jindirizzawx adegwatament ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tas-Simestru Ewropew fil-qasam ***ekonomiku u*** f'dak baġitarju ***(rakkomandazzjonijiet ta' politika speċifiċi skont il-pajjiż). Fl-istess kuntest, għandha tiżgura li l-impenji tal-Istati Membri, fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom kif ukoll kwalunkwe impenn li jkunu ħadu fil-qafas tal-programmi ta' sħubija ekonomika u rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi jkunu riflessi b'mod xieraq fl-abbozz tal-baġit nazzjonali.*** Il-Kummissjoni għandha tkun lesta biex tippreżenta din l-opinjoni lill-Parlament tal-Istat Membru konċernat, fuq it-talba tiegħu. L-estent safejn din l-opinjoni tkun tqieset għandu jkun parti mill-valutazzjoni, jekk u meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet, li twassal għad-deċiżjoni li l-Istat Membru konċernat jitpoġġa taħt proċedura tad-defiċit eċċessiv, fejn in-nuqqas ta' segwitu tal-gwida bikrija mill-Kummissjoni jitqies bħala fattur aggravanti. Ukoll, abbażi tal-valutazzjoni kumplessiva tal-pjanijiet mill-Kummissjoni, il-Grupp tal-***euro u l-Parlament Ewropew*** għandhom jiddiskutu s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro. |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 22**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(10a) Fil-każ ta' nonkonformità partikolarment serja tal-abbozz tal-pjan baġitarju mal-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju, il-Kummissjoni, fl-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju, għandha titlob, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru konċernat, abbozz ta' pjan baġitarju rivedut, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dan se jkun il-każ b'mod partikolari meta l-implimentazzjoni tal-pjan baġitarju inizjali tpoġġi l-istabilità finanzjarja tal-Istat Membru konċernat f'riskju jew tirriskja li tpoġġi f'periklu l-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja jew fejn l-implimentazzjoni tal-pjan baġitarju inizjali tinvolvi ksur sinifikanti u ovvju tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Kunsill skont il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir.* |

**Emenda 23**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(10b) Fil-kuntest ta' koordinazzjoni u diskussjoni ex ante aħjar fost l-Istati Membri ta' kwalunkwe pjan ta' riforma ta' politika ekonomika u fiskali b'effetti sekondarji potenzjali, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport, u jekk ikun meħtieġ proposta, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bi pjan dettaljat li jiddeskrivi kif se joperaw tali koordinazzjoni u diskussjonijiet ex ante, x'forma għandhom jieħdu tali koordinazzjoni u diskussjonijiet, liema huma l-politiki previsti, u x'inhuma l-konsegwenzi politiċi probabbli - għall-Istati Membri u, b'mod partikolari għall-parlamenti nazzjonali - tad-deċiżjonijiet li joħorġu minn tali koordinazzjoni u diskussjonijiet ex ante. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha, mill-inqas, tiżgura li l-koordinazzjoni tkun integrata fil-qafas tas-Semestru Ewropew.* |

**Emenda 24**
**Proposta għal Regolament**
**Premessa 10c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(10c) Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-governanza ekonomika għandha tinkludi involviment iżjed mill-qrib u iżjed f'waqtu tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kontrapartijiet tal-Parlament Ewropew fil-qafas tad-djalogu huma l-istituzzjonijiet relevanti tal-Unjoni u r-rappreżentanti tagħhom, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri opportunità ta' parteċipazzjoni fi skambju ta' fehmiet lill-Istat Membru li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill li timponi depożitu b'imgħax jew multa annwali, b'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru f'tali skambju ta' fehmiet hija volontarja.* |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

**Emenda 25**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 11**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (11) L-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u li jkunu soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv għandhom jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib biex tiġi żgurat korrezzjoni ***sħiħa*** u fil-ħin tad-defiċit eċċessiv. Monitoraġġ metikoluż għandu jiżgura l-korrezzjoni bikrija ta' kwalunkwe devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv. Tali monitoraġġ għandu jikkomplementa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1467/97. Il-modalitajiet ta' dan il-monitoraġġ metikoluż għandu jkun iggradat skont l-istadju tal-proċedura li għalih ikun soġġett l-Istat Membru, kif previst fl-Artikolu 126 tat-Trattat. | (11) L-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u li jkunu soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv għandhom jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib biex tiġi żgurata korrezzjoni ***koerenti, sostenibbli*** u fil-ħin tad-defiċit eċċessiv. Monitoraġġ iktar metikoluż għandu jiżgura l-***prevenzjoni u*** l-korrezzjoni bikrija ta' kwalunkwe devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv ***jew mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi skont il-pajjiż.*** Tali monitoraġġ għandu jikkomplementa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1467/97. Il-modalitajiet ta' dan il-monitoraġġ metikoluż għandhom ikunu ggradati skont l-istadju tal-proċedura li għalih ikun soġġett l-Istat Membru, kif previst fl-Artikolu 126 TFUE. ***L-Istati Membri li jkunu suġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv għandhom jippreżentaw programm ta' sħubija ekonomika li tkun tinkludi deskrizzjoni dettaljata tar-riformi strutturali. Huwa essenzjali li tali riformi strutturali jiddaħħlu fis-seħħ u jiġu implimentati sabiex tiġi żgurata korrezzjoni effikaċi u durabbli tad-defiċits eċċessivi tagħhom. Fejn ikun xieraq, is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti b'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (12) ***Il***-monitoraġġ metikoluż għall-Istati Membri soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv ***għandu jippermetti l-identifikazzjoni tar-riskji f'konformità mal-iskadenza għal Stat Membru biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv. Fil-każ li jiġu identifikati tali riskji***, il-Kummissjoni għandha ***toħroġ rakkomandazzjoni lill***-Istat Membru ***biex jittieħdu miżuri f'perjodu partikolari li għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament tal-Istat Membru konċernat, fuq it-talba tagħha. Din il-valutazzjoni għandha tippermetti korrezzjoni rapida ta' kwalunkwe żvilupp li joħloq riskju għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-iskadenza stabilita. Il-valutazzjoni tal-konformità ma' din ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għandha tkun parti mill-valutazzjoni kontinwa mill-Kummissjoni tal-azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv. Meta jiddeċiedi jekk ittiħditx azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv, il-Kunsill għandu wkoll jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq jekk l-Istat Membru kkonformax mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*** | (12) ***Huwa essenzjali li*** jsir monitoraġġ iktar metikoluż għall-Istati Membri soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv ***fil-kuntest ta' programm ta' sħubija ekonomika. F'dak il-kuntest***, il-Kummissjoni għandha ***tistieden*** lill-Istat Membru ***jagħmel valutazzjoni komprensiva tal-eżekuzzjoni baġitarja fis-sena għall-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tagħha u biex jirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, dwar l-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tagħha, l-eżekuzzjoni baġitarja fis-sena, l-impatt baġitarju tal-miżuri diskrezzjonali meħuda kemm mil-lat ta' nefqa kif ukoll mil-lat ta' dħul, il-miri għan-nefqa u d-dħul tal-gvern, kif ukoll informazzjoni dwar il-miżuri adottati u n-natura ta' dawk maħsubin biex jintlaħqu l-miri.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(12a) Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja u r-rispett tad-dixxiplina baġitarja, huwa indispensabbli li l-istabilità fiż-żona tal-euro kollha tiġi ssalvagwardjata u għaldaqstant huwa indispensabbli wkoll li jissaħħu l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro kontra*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***avvenimenti negattivi mhux mistennija, biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet ta' likwidità kif ukoll l-esternalitajiet negattivi marbuta mal-frammentazzjoni tas-swieq tal-bonds sovrani, u li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' finanzjament marġinali għall-Istati Membri li jkunu qed jiffaċċaw pressjonijiet ta' finanzjament. Għal dak l-għan primarju, jeħtieġ li jiġi adottat pjan direzzjonali lejn strumenti ta' dejn sovran komuni taż-żona tal-euro li jinkludi t-twaqqif ta' qafas imtejjeb għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Bħala l-ewwel pass għall-ħruġ ikkoordinat u komuni ta' strumenti tad-dejn sovran taż-żona tal-euro, jeħtieġ li jiġi stabbilit fond ta' fidwa fuq perjodu ta' madwar 25 sena flimkien mal-koordinazzjoni tal-ħruġ tad-dejn ta' Stat Membru fiż-żona tal-euro. Dan l-ewwel pass huwa bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' passi ulterjuri fil-pjan direzzjonali qabel tmiem dak il-perjodu.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(12b) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-rwol tas-sħab soċjali, kif ukoll id-differenzi fis-sistemi nazzjonali, bħalma huma s-sistemi relatati mal-formazzjoni tal-pagi.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 13**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (13) Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, partikolarment il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex tiġi żgurata trasparenza akbar u r-responsabilità pubblika akbar, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat minn rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jipparteċipa fi skambju ta' opinjonijiet, | (13) Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, partikolarment il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex tiġi żgurata trasparenza akbar u responsabilità pubblika akbar, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat minn rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jipparteċipa fi skambju ta' opinjonijiet. ***Għandhom jiġu pprovduti wkoll regoli għat-tisħiħ tal-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-iskrutinju ta' sorveljanza u koordinazzjoni tal-politiki baġitarji u b'mod usa' l-politika ekonomika taż-żona tal-euro, b'konformità mal-prinċipji demokratiċi. Għal dak l-għan, għandhom jiġu pprovduti dispożizzjonijiet speċifiċi, b'konformità mal-prattiki nazzjonali għall-involviment tal-parlamenti nazzjonali, tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(13a) Il-pjanijiet baġitarji u r-riformi strutturali għandhom ikunu konsistenti mal-protezzjoni tad-drittijiet soċjali u għandhom jevitaw li jżidu l-inugwaljanzi. Għaldaqstant, id-dixxiplina baġitarja m'għandhiex tiġi implimentata bi ħsara għall-mezzi b'perspettiva medja u fit-tul meħtieġa għal trasformazzjoni, sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, tal-ekonomija, b'konformità mal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi u mal-għanijiet 2050 dwar it-tibdil fil-klima.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

## Emenda 31
## Proposta għal Regolament
## Premessa 13b (ġdida)

| | |
|---|---|
| | *(13b) Il-politika fiskali għandha rwol kruċjali biex tagħmel il-pjanijiet baġitarji iktar effikaċi u ġusti filwaqt li tikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli. Sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi leġiżlattivi bħat-taxxa Ewropea fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u bażi ta' taxxa korporattiva konsolidata komuni għandhom jiġu adottati malajr fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali sabiex jitneħħew l-eċċezzjonijiet mhux ġustifikati, titwessa' l-bażi tat-taxxa, titjieb l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa, tiġi indirizzata l-evażjoni tat-taxxa u jiġi applikat b'mod komprensiv il-prinċipju ta' "min iniġġeż iħallas".* |

## Emenda 32
## Proposta għal Regolament
## Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| | |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ imsaħħaħ tal-politiki baġitarji fiż-żona tal-euro billi: | 1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ imsaħħaħ tal-politiki baġitarji ***u ekonomiċi u qafas imtejjeb għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika*** fiż-żona tal-euro billi: |

## Emenda 33
## Proposta għal Regolament
## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

| | |
|---|---|
| | *(aa) jikkumplimenta l-proċedura għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi kif ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1174/2011;* |

## Emenda 34
## Proposta għal Regolament
## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| | |
|---|---|
| | *(ca) jiggarantixxi l-kompatibilità bejn il-politiki baġitarji u l-proċedura għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi kif ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 permezz ta' monitoraġġ aktar mill-qrib tal-programmi nazzjonali ta' riforma u ta' kwalunkwe programm ta' sħubija ekonomika tal-Istati Membri, sabiex jiġu żgurati konformità u konverġenza sostenibbli fiż-żona tal-euro.* |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 35**
**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1a. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat b'konformità mal-Artikolu 152 TFUE u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati b'rispett sħiħ tal-prattiki u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dawk ir-rakomandazzjonijiet għandha tqis l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u, għaldaqstant, m'għandhiex taffettwa d-dritt li jiġu nnegozjati, konklużi jew infurzati ftehimiet kollettivi u li tittieħed azzjoni kollettiva skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali.*** |

**Emenda 36**
**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| | |
|---|---|
| (1) "kunsill fiskali ***indipendenti***" tfisser korp mogħni b'awtonomija funzjonali vis à vis l-awtoritajiet ***fiskali*** tal-Istat Membru inkarigati mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regoli fiskali nazzjonali; | (1) "kunsill fiskali" tfisser ***korp indipendenti u teknikament kompetenti*** mogħni b'awtonomija funzjonali vis à vis l-awtoritajiet ***baġitarji*** tal-Istat Membru inkarigat mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regoli fiskali nazzjonali; |

**Emenda 37**
**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| | |
|---|---|
| (2) "previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti" tfisser il-previżjonijiet makroekonomiċi ***u/jew baġitarji*** prodotti minn korp indipendenti jew korp mogħni b'awtonomija funzjonali vis à vis l-awtoritajiet ***fiskali*** tal-Istat Membru; | (2) "previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti" tfisser il-previżjonijiet makroekonomiċi prodotti ***jew approvati*** minn korp indipendenti ***u teknikament kompetenti*** mogħni b'awtonomija funzjonali vis à vis l-awtoritajiet ***baġitarji*** tal-Istat ***Membru li jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komparabilità u l-koerenza tal-previżjonijiet indipendenti madwar l-Istati Membri;*** |

**Emenda 38**
**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| | |
|---|---|
| (5) "gvern" ***u*** "defiċit" ifissru kif stipulat fl-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [defiċit eċċessiv] anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. | (5) "gvern", "defiċit" ***u*** "***dejn***" ifissru kif stipulat fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE. |

**Emenda 39**
**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(5a) "Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" tfisser is-sistema ta' sorveljanza multilaterali stipulata fir-Regolament (KE) Nru 1466/97 u l-proċedura biex jiġi evitat l-iżbilanċ eċċessiv tal-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 126 TFUE u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97;*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 40**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**

*(5b) "nonkonformità partikolarment serja mal-perkors ta' aġġustament lejn l-objettivbaġitarju ta' perjodu ta' żmien medju" tfisser devjazzjoni fiċ-ċifri ppreżentati fl-abbozz ta' baġit li tkun mill-inqas 1 % tal-PDG f'sena unika jew mill-inqas medja ta' 0.5 % tal-PDG kull sena fuq sentejn konsekuttivi u li ma tkunx tista' tiġi ġustifikata b'ċirkostanzi straordinarji jew bi tnaqqis ekonomiku qawwi, wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-fatturi ta' mitigazzjoni u l-effetti sekondarji, skont kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 u r-Regolament (UE) Nru 1176/2011.*

**Emenda 41**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

*2a. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija bla ħsara għall-Artikolu 9 TFUE.*

**Emenda 42**

**Proposta għal Regolament**
**Kapitolu I a (ġdid)**

*Kapitolu Ia*
*Koordinazzjoni tal-politika ekonomika*

*Artikolu 2a*

*Kronoloġija għas-Semestru Ewropew għall-koordinament tal-politika ekonomika msemmi fl-Artikolu 2-a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97*

*1. Il-proċedura baġitarja tal-Istati Membri għandha tkun koerenti mal-qafas tas-Semestru Ewropew, skont ċiklu annwali li jinkludi:*

*(a) l-orjentazzjonijiet ta' politika tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa għal Stati Membri individwali, ibbażati fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, inklużi l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-Kummissjoni, u r-rapporti annwali skont skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011; tali orjentazzjonijiet ta' politika se jipprovdu gwida għall-Istati Membri fl-abbozzar tal-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom u l-programmi ta' stabilità u konverġenza, li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri f'April skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97;*

*(b) l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika speċifika skont il-pajjiżi min-naħa tal-Kunsill Ewropew tas-Sajf, skont l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tal-programmi nazzjonali ta' riforma u l-programmi ta' stabilità u konverġenza tal-Istati Membri, ippreżentati skont l-Artikoli 121 u 148 TFUE.*

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 43**

**Proposta għal Regolament**
**Kapitolu 2 – titolu**

| | |
|---|---|
| Dispożizzjonijiet Baġitarji Komuni | Dispożizzjonijiet Baġitarji Komuni u rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-ħruġ ta' dejn pubbliku nazzjonali |

**Emenda 44**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw annwalment il-pjanijiet fiskali ta' terminu medju tagħhom skont il-qafas baġitarju ta' terminu medju bbażati fuq ***previżjoni*** makroekonomika indipendenti flimkien mal-***Programmi ta' Stabilità***, sa mhux aktar tard mill-***15 ta' April***. | 1. L-Istati Membri għandhom, ***fil-kuntest tas-Semestru Ewropew***, jippubblikaw, ***preferibbilment sal-15 ta' April iżda*** mhux aktar tard mit-***30 t'April kull se***na, il-pjanijiet fiskali ***nazzjonali*** ta' terminu medju tagħhom skont il-qafas baġitarju ta' terminu medju, ibbażati fuq previżjonijiet makroekonomiċi ***kredibbli u*** indipendenti. ***Tali pjanijiet għandhom jiġu ppreżentati*** flimkien ***mal-programmi nazzjonali ta' riforma u l-programmi ta' stabilità u konverġenza u għandhom ikunu kompletament konsistenti mal-orjentazzjonijiet ta' politika bbażati fuq l-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir u r-rapporti annwali skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Il-liġijiet tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika għandhom jiġu adottati u pubblikati kull sena sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru. | 3. Il-liġijiet tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika għandhom jiġu adottati u pubblikati kull sena sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru. ***L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri baġitarji reviżjonarji li jridu jiġu applikati fejn għal raġunijiet ġustifikati b'mod oġġettiv li ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-gvern tal-Istat Membru, il-baġit ma jkunx ġie adottat jew miftiehem u ppubblikat sal-31 ta' Diċembru.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ regoli fiskali numeriċi ***dwar il-bilanċ baġitarju*** li jimplimentaw fil-proċessi baġitarji nazzjonali l-objettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom kif iddefinit fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Tali regoli għandhom ikopru l-amministrazzjoni pubblika fis-sħuħija tagħha ***u jkunu ta' natura vinkolanti, preferibbilment kostituzzjonali.*** | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ regoli fiskali numeriċi li jimplimentaw fil-proċessi baġitarji nazzjonali l-objettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom kif iddefinit fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. ***Dawk ir-regoli għandhom jinkludu wkoll id-definizzjoni ta' ċirkostanzi straordinarji u tnaqqis ekonomiku gravi, li jafu jwasslu għal devjazzjoni temporanja mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, sakemm tali devjazzjoni ma tipperikolax is-sostenibilità fiskali fit-terminu medju, kif stipulat fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu mekkaniżmu, li għandu jibda jaħdem b'mod awtomatiku fil-każ ta' devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, bl-għan li jiġi żgurat ritorn f'waqtu lejn l-objettiv ta' terminu medju.*** Tali regoli għandhom ikopru l-amministrazzjoni pubblika fis-sħuħija tagħha ***u għandhom ikunu vinkolanti jew b'mod ieħor garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ tul il-proċess baġitarju nazzjonali.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 47**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ kunsill fiskali ***indipendenti*** għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali fiskali kif imsemmi fil-paragrafu 1. | 2. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ kunsill fiskali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ***kemm ex ante kif ukoll ex post*** tar-regoli nazzjonali fiskali ***b'konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness I***. |

**Emenda 48**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri kull sena għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-euro abbozz ta' pjan baġitarju għas-sena sussegwenti sa mhux aktar tard mill-***15 ta' Ottubru***. | 1. L-Istati Membri kull sena għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-euro abbozz ta' pjan baġitarju għas-sena sussegwenti sa mhux aktar tard mit-***1 ta' Ottubru, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet ta' politika speċifiċi skont il-pajjiżi tal-Kunsill Ewropew tas-Sajf u kwalunkwe rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istat Membru fil-kuntest tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir jew il-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) Nru 1174/2011 u 1176/2011.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-abbozz tal-pjan baġitarju għandu jsir pubbliku ***fl-istess waqt***. | 2. L-abbozz ta' pjan baġitarju, ***kif stipulat f'dan l-Artikolu***, għandu jsir pubbliku ***meta jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b**

| | |
|---|---|
| (b) il-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki għan-nefqa u d-dħul bħala persentaġġ tal-PDG tal-amministrazzjoni pubblikua u l-komponenti ewlenin tagħhom; | (b) il-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki għan-nefqa u d-dħul bħala persentaġġ tal-PDG tal-amministrazzjoni pubblika u l-komponenti ewlenin tagħhom; ***dawk il-projezzjonijiet għandhom ikopru l-infiq attwali u l-infiq tal-investiment u, għal dak l-għan, għandhom jiġu stabbiliti miri baġitarji ċari dwar l-infiq attwali u tal-investiment u, fil-każ tal-infiq tal-investiment, għandha tiġi ppubblikata valutazzjoni tar-redditu ekonomiku tiegħu***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(ca) id-dettalji tal-infiq direttament relatat mal-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, inkluż l-investiment pubbliku, flimkien mad-dettalji tar-rabta mal-kisba tal-objettivi baġitarji fuq perjodu ta' żmien fit-tul kif ukoll valutazzjoni tal-impatt soċjali tal-miżuri li jkun hemm provvediment għalihom fil-pjan baġitarju;*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 52**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt d**

| | |
|---|---|
| (d) deskrizzjoni dettaljata u kwantifikazzjoni ddokumentata sew tal-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-baġit għas-sena sussegwenti sabiex jixxejjen id-distakk bejn il-miri msemmija fil-***punt*** (c) u projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki pprovduti skont il-punt (b). Id-deskrizzjoni tista' tkun inqas dettaljata għal miżuri b'impatt baġitarju stmat li jkun inqas minn 0,1 % tal-PDG. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-pjanijiet ewlenin ta' riforma ta' politika fiskali b'effetti sekondarji potenzjali għall-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom tkun l-euro; | (d) deskrizzjoni dettaljata u kwantifikazzjoni ddokumentata sew tal-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-baġit għas-sena sussegwenti sabiex jixxejjen id-distakk bejn il-miri msemmija fil-***punti (c) u (ca)*** u projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki pprovduti skont il-punt (b). Id-deskrizzjoni tista' tkun inqas dettaljata għal miżuri b'impatt baġitarju stmat li jkun inqas minn 0,1 % tal-PDG. Għandha tingħata attenzjoni partikolari ***u espliċita*** lill-pjanijiet ewlenin ta' riforma ta' politika fiskali b'effetti sekondarji potenzjali għall-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom tkun l-euro; |

**Emenda 53**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e**

| | |
|---|---|
| (e) l-assunzjonijiet ewlenin dwar l-iżviluppi ekonomiċi mistennija u l-varjabbli ekonomiċi importanti li jkunu rilevanti għall-kisba tal-miri baġitarji. ***Dawn l-assunzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq previżjoni indipendenti tat-tkabbir makroekonomiku;*** | (e) l-assunzjonijiet ewlenin dwar l-iżviluppi ekonomiċi mistennija u l-varjabbli ekonomiċi importanti li jkunu rilevanti għall-kisba tal-miri baġitarji ***stipulati b'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/85/UE. Il-previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji għandhom jinkludu stima tal-impatt preżunt fuq il-prodott potenzjali u l-effetti ta' multiplikatur makroekonomiku. Il-metodoloġija, il-mudelli u l-preżunzjonijiet ekonomiċi u ekonometriċi sottostanti, kif ukoll kwalunkwe parametru relevanti ieħor li jirfed il-previżjoni makroekonomika indipendenti għandhom jiġu annessi mal-pjanijiet fiskali annwali ta' terminu medju;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt f**

| | |
|---|---|
| (f) fejn applikabbli, indikazzjonijiet addizzjonali dwar kif se jiġu ssodisfati r-rakkomandazzjonijiet eżistenti indirizzati lill-Istat Membru konċernat skont l-***Artikolu*** 121 tat-Trattat f***il-qasam baġitarju.*** | (f) fejn applikabbli, indikazzjonijiet addizzjonali dwar kif se jiġu ssodisfati r-rakkomandazzjonijiet eżistenti indirizzati lill-Istat Membru konċernat skont l-***Artikoli*** 121 ***u 148*** TFUE ***b'konformità mal-punti (a) sa (ca);*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(fa) kwantifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-investiment pubbliku u, kif xieraq, tal-impatt baġitarju flimkien ma' valutazzjoni tar-redditi tal-miżuri previsti fil-programmi nazzjonali ta' riforma;*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 56**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt fb (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(fb)*** ***analiżi tal-kontribuzzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi fil-programmi nazzjonali ta' riforma għall-kisba tal-għanijiet tal-programmi ta' stabilità inkluża analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tar-riformi minn perspettiva baġitarja.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Fejn il-miri baġitarji rrapportati fl-abbozz tal-pjan baġitarju skont il-punti (a) u ***(c)*** tal-paragrafu 3 jew il-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki jkunu differenti minn dawk tal-programm ta' stabilità l-aktar reċenti, id-differenzi għandhom ikunu spjegati kif xieraq. | 4. Fejn il-miri baġitarji rrapportati fl-abbozz tal-pjan baġitarju skont il-punti (a) u ***(ca)*** tal-paragrafu 3 jew il-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki jkunu differenti minn dawk tal-programm ta' stabilità l-aktar reċenti, id-differenzi għandhom ikunu spjegati kif xieraq. |

**Emenda 58**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. Il-pjanijiet fiskali ta' terminu medju għandu jkollhom projezzjoni aġġornata ta' nefqa multiannwali bħala perċentwal tal-PDG għall-amministrazzjoni pubblika u l-komponenti ewlenin tagħha kif ukoll miri multiannwali u impenji relatati mal-infiq allokat għall-kisba tal-għanijiet integrati fl-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***5. Fejn tidentifika nonkonformità partikolarment gravi mal-obbligi ta' politika baġitarja stipulati fil-Patt ta' Stabilità u Tkabbir,*** il-Kummissjoni ***għandha, fi żmien ġimagħtejn mid-data tas-sottomissjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju, titlob abbozz tal-pjan baġitarju rivedut mill-Istat Membru konċernat. Din it-talba għandha ssir pubblika.***<br>***Il-paragrafi 2 sa 4 għandhom japplikaw fil-każ ta' abbozz ta' pjan baġitarju rivedut.*** | 5. Il-Kummissjoni ***għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu -11 li jispeċifika l-kontenut tal-abbozz tal-pjan baġitarjiu msemmi fil-paragrafu 1 u l-kontenut tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2*** sa 4. |

**Emenda 60**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu -1 (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***-1. Meta l-Kummissjoni tidentifika nuqqas ta' konformità partikolarment serju tal-abbozz tal-pjan baġitarju mal-perkors ta' aġġustament favur l-objettiv baġitarju fuq perjodu ta' żmien medju, hija tista' titlob abbozz rivedut tal-pjan baġitarju, wara konsultazzjoni adegwata tal-Istat Membru u spjegazzjoni minnu. It-talba għandha ssir sa xahar qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju.***<br><br>***L-Artikolu 5(2) u (4) għandu japplika għall-abbozzi riveduti tal-pjanijiet baġitarji.*** |

**L-Erbgħa 13 ta’ Ġunju 2012**

**Emenda 61**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha, ***jekk neċessarju,*** tadotta opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju sat-***30*** ta’ Novembru. | 1. Il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju ta’ ***kull Stat membru sa mhux aktar tard mill-15*** ta’ Novembru. |

**Emenda 62**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha ssir pubblika u, ***fuq*** talba tal-Parlament tal-Istat Membru konċernat, għandha tiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament konċernat. | 2. L-opinjoni tal-Kummissjoni ***msemmija fil-paragrafu 1*** għandha ssir pubblika u għandha tiġi ***ppreżentata lill-Grupp tal-euro. Fuq*** talba tal-parlament tal-Istat Membru konċernat, ***jew tal-Parlament Ewropew, għandha*** tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni lill-parlament konċernat. |

**Emenda 63**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha. Il-valutazzjoni għanda ssir pubblika. | 3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha. Il-valutazzjoni ***globali*** għandha ***tinkludi testijiet tal-istress li jipprovdu indikazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi f’każ ta’ żviluppi finanzjarji jew baġitarji negattivi. Il-valutazzjoni għandha tidentifika fuq bażi ta’ pajjiż pajjiż l-effetti sekondarji negattivi potenzjali fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri ġġenerati mis-settur privat tagħhom jew minn Stati Membri oħra.***<br><br>***Il-valutazzjoni għanda ssir pubblika u għandha tiġi integrata fl-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir li jmiss. Mal-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tehmeż sommarju dettaljat tal-previżjonijiet tar-Rebbiegħa u tal-Ħarifa għaż-żona tal-euro b’mod globali. Ix-xenarju ta’ linja bażi magħżul għall-valutazzjoni għandu jiġi deskritt b’raġunament u għandu jkun mibni fuq kont ibbilanċjat ta’ riskji b’xejra pożittiva u dawk b’xejra negattiva sabiex tiġi kkunsidrata l-firxa sħiħa tar-riżultati possibbli. Il-valutazzjoni għandha tiżvela l-metodoloġiji, il-preżunzjonijiet u l-parametri relevanti li fuqhom ikunu bbażati l-previżjonijiet makroekonomiċi u t-testijiet tal-istress, kif ukoll valutazzjoni ex post tax-xenarju tal-linja bażi tas-sena preċedenti.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Il-Grupp tal-euro għandu jiddiskuti l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet baġitarji nazzjonali u s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-eura fis-sħuħija tagħha abbażi tal-valutazzjoni kumplessiva magħmula mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3. Il-***valutazzjoni*** għanda ssir pubblika. | 4. Il-Grupp tal-euro ***u l-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew*** għandhom jiddiskutu l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet baġitarji nazzjonali u s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-eura fis-sħuħija tagħha abbażi tal-valutazzjoni kumplessiva magħmula mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3. L-***eżitu ta’ dik id-diskussjoni*** għandu jsir pubbliku ***u għandu jitqies fis-Semestru Ewropew ta’ wara, b’mod partikolari fl-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir***. |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 65**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

*4a. Wara d-diskussjonijiet tal-Grupp tal-euro u l-kumitati relevanti tal-Parlament Ewropew, jekk ikun xieraq il-Kummissjoni għandha taġġorna r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tagħha fil-qafas tal-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir bl-għan li jsaħħu l-qafas makroekonomiku komuni taż-żona tal-euro kif ukoll biex tingħata deskrizzjoni tal-miżuri ta' appoġġ previsti f'każ ta' żviluppi finanzjarji, ekonomiċi jew baġitarji negattivi.*

**Emenda 66**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

*Artikolu 6a*
*Rappurtaġġ dwar il-ħruġ tad-dejn*

*1. L-Istati Membri għandhom jirrapurtaw ex ante fil-ħin lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Grupp tal-euro, dwar il-pjanijiet tal-ħruġ tad-dejn nazzjonali tagħhom.*

*2. Il-forma u l-kontenut tar-rappurtaġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu armonizzati u stipulati mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.*

*3. Kwistjonijiet relatati mal-pjan għall-ħruġ tad-dejn annwali tal-Istati Membri, bħalma huma l-ħtiġijiet finanzjarji u t-tiġdid ta' dejn pendenti, m'għandhomx jiġu ppubblikati.*

**Emenda 67**

**Proposta għal Regolament**
**Kapitolu IIIa (ġdid)**

*Kapitolu IIIa*

*Stabbiliment ta' pjan direzzjonali għal koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika, faċilità għat-tkabbir u qafas għall-ħruġ tad-dejn imsaħħaħ*

*Artikolu 6b*

*Pjan direzzjonali għal qafas ta' koordinazzjoni msaħħaħ tal-politika ekonomika u faċilità għat-tkabbir*

*1. Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jistabbilixxi pjan direzzjonali lejn bonds ta' stabilità għaż-żona tal-euro. Għandha tippreżenta wkoll proposta għal strument ta' tkabbir sostenibbli għaż-żona tal-euro bl-għan li jimmobilizza 1 % tal-PDG kull sena fuq perjodu ta' għaxar snin, inkluża żieda fil-kapital tal-BEI u bonds għall-proġetti, biex jiġu investiti f'infrastruttura Ewropea inklużi x-xjenza u t-teknoloġija. L-istrument għandu jkollu l-għan li joħloq il-kundizzjonijiet neċessarji għal tkabbir sostenibbli sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja u sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabilità tal-euro u b'hekk il-koordinazzjoni sostenibbli tad-dixxiplina baġitarja tal-Istati Membri.*

L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

*2. Il-passi stipulati fl-Artikoli 6c u 6d huma bla ħsara għal passi ulterjuri li qed jiġu implimentati qabel tmiem dan il-perjodu.*

*Artikolu 6c*

*Koordinazzjoni tal-ħruġ tad-dejn ta' Stat Membru fiż-żona tal-euro*

*1. Bl-għan li jkun ikkoordinat aħjar l-ippjanar u t-tqegħid tal-ħruġ tad-dejn nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jirrapurtaw ex ante dwar il-pjanijiet ta' ħruġ tad-dejn pubbliku lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.*

*2. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jippruvaw itejbu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament tad-dejn nazzjonali tagħhom billi jaqblu, wara proposta mill-Kummissjoni, dwar qafas ikkoordinat u annwali għall-ħruġ tad-dejn pubbliku.*

*3. L-Istati Membri, filwaqt li jikkooperaw skont il-paragrafu 2 jistgħu jkomplu jtejbu u jistabbilizzaw il-kundizzjonijiet ta' finanzjament tagħhom abbażi tal-prinċipji ekonomiċi u l-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti u skont metodoloġija li trid tiġi stabbilita b'regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*

*Artikolu 6d*

*Fond ta' fidwa Ewropew*

*1. Bħala element tal-ewwel pass tal-pjan direzzjonali msemmi fl-Artikolu 6a, għandu jiġi stabbilit Fond ta' fidwa Ewropew (ERF) ibbażat fuq responsabbiltà konġunta u dixxiplina fiskali stretta, bl-għan li jitnaqqas id-dejn eċċessiv tul perjodu ta' 25 sena li għandu jiġi aġġustat skont iċ-ċifri ta' tkabbir reali. Wara dak il-perjodu, l-ERF għandu jiġi xolt.*

*2. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li mhumiex soġġeti għal programm ta' għajnuna jew aġġustament għandhom:*

*(a) jittrasferixxu ammonti ta' dejn 'il fuq minn 60 % tal-PDG lill-ERF tul perjodu ta' introduzzjoni ta' ħames snin;*

*(b) ikollhom fis-seħħ regoli fiskali numeriċi li jimplimentaw fil-proċessi baġitarji nazzjonali l-objettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom kif deskritt fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97;*

*(c) jimplimentaw strateġija ta' konsolidazzjoni fiskali u aġenda ta' riforma strutturali;*

*(d) iħallu garanziji biex ikopru b'mod adegwat is-self ipprovdut mill-ERF;*

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(e) inaqqsu d-defiċit strutturali tagħhom waqt il-perjodu ta' introduzzjoni biex jikkonforma mar-regola tal-baġitarja fil-punt (b).* |
| | *3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-twaqqif u l-amministrazzjoni ta' kull jum tal-ERF, li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu stabbiliti f'Regolament mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.* |
| | *4. Il-parteċipazzjoni fl-ERF għandha tkun miftuħa għal Stati Membri oħra sa mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea meħuda skont l-Artikolu 140(2) TFUE biex tiġi abrogata d-deroga tagħhom rigward l-adozzjoni tal-euro.* |
| | *5. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali li jiżguraw ix-xoljiment u t-terminazzjoni tal-ERF wara perjodu massimu ta' 25 sena li jista' jiġi aġġustat skont iċ-ċifri ta' tkabbir reali.* |
| | *(*) ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.* |

**Emenda 68**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu -7 (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu -7*<br>*Programmi ta' sħubija ekonomika* |
| | *1. Jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 126(6) TFUE, jiddeċiedi li jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru, l-Istat Membru konċernat għandu jippreżenta programm ta' sħubija ekonomika lill-Kummissjoni u lill-Kunsill li jiddeskrivi l-miżuri ta' politika u r-riformi strutturali meħtieġa biex tiġi żgurata korrezzjoni effettivament dejjiema tad-defiċit eċċessiv, bħala żvilupp dettaljat tal-programm nazzjonali ta' riforma tiegħu u fil-programm ta' stabilità tiegħu u filwaqt li jikkunsidra b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida integrati għall-politiki ekonomiċi u tal-impjieg tal-Istat Membru konċernat.* |
| | *2. Il-programm ta' sħubija ekonomika għandu jkun kompletament konsistenti mal-politiki msemmija fl-Artikolu 1.* |
| | *Il-programm ta' sħubija ekonomika għandu jidentifika u jagħżel numru ta' prijoritajiet baġitarji speċifiċi bl-għan li jistabbilizzaw l-ekonomija fuq perjodu ta' żmien qasir, isaħħu t-tkabbir sostebnibbli fit-tul u jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fl-Istat Membru konċernat. Dawk il-prijoritajiet għandu jkollhom l-għan li jerġgħu jibbilanċaw il-kompetittività skont il-ħolqien ta' Valur Miżjud Ewropew u għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi. L-Istat Membru, b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, għandu jipprepara rapport li jiddeskrivi l-programmi u l-proġetti magħżula inkluż pjan ta' azzjoni bl-għan li jidentifika,* |

L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***iġib fuq quddiem u jimmobilizza r-riżorsi finanzjarji, inklużi linji ta' kreditu tal-BEI u strumenti finanzjarji rilevanti tal-Unjoni. Dak ir-rapport għandu jiġi aġġornat fuq bażi annwali.*** |
| | ***3. F'każ ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 jew korrezzjoni 'l isfel sinifikanti tal-previżjonijiet, l-Istat Membru konċernat għandu jadotta perkors ta' aġġustament aġġornat lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu ta' żmien medju li jrid jintlaħaq ftehim dwaru mal-Kummissjoni filwaqt li jitqiesu kif dovut l-effetti proċikliċi tal-miżuri ta' konsolidazzjoni. L-applikazzjoni tar-regola tad-dejn għandha tiġi aġġustata b'mod koerenti.*** |
| | ***4. Il-programm ta' sħubija ekonomika għandu jiġi ppreżentat fl-istess ħin meta jiġu ppreżentati r-rapporti msemmija fl-Artikolu 3(4a) u l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.*** |
| | ***5. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta opinjoni dwar il-programm ta' sħubija ekonomika.*** |
| | ***6. Jekk ikun jeżisti pjan ta' azzjoni korrettiva b'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu inklużi f'dak il-pjan.*** |
| | ***7. L-implimentazzjoni tal-programm, u l-pjanijiet baġitarji annwali konsistenti miegħu, għandhom jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.*** |
| | ***8. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat u lill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lil kumitati oħrajn tal-Parlament Ewropew biex jingħaqdu f'dak l-iskambju ta' fehmiet.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. ***Meta l-Kunsill jiddeċiedi skont l-Artikolu 126(6) tat-Trattat li jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru***, l-Istat Membru konċernat għandu ***jkun soġġett għall-paragrafi 2 sa 5*** ta' dan l-Artikolu, sa kemm tiġi abbrogata l-proċedura tad-defiċit eċċessiv. | 1. ***Bl-iskop li jiġi mmonitorjat il-programm ta' sħubija msemmi fl-Artikolu 7(7),*** l-Istat Membru konċernat, ***fuq talba mill-Kummissjoni***, għandu ***jissodisfa r-rekwiżiti deskritti fil-paragrafi 2 sa 6 ta'*** dan l-Artikolu, sa kemm tiġi abbrogata l-proċedura tad-defiċit eċċessiv. |

**Emenda 70**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-Istat Membru ***soġġett għal monitoraġġ metikoluż*** għandu ***mingħajr dewmien***, iwettaq valutazzjoni komprensiva tal-eżekuzzjoni baġitarja tas-sena kurrenti għall-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tagħha. Ir-riskji finanzjarji assoċjati | 2. ***Fuq talba mill-Kummissjoni***, l-Istat Membru għandu jwettaq valutazzjoni komprensiva tal-eżekuzzjoni baġitarja tas-sena kurrenti għall-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tagħha. Ir-riskji finanzjarji assoċjati mal-entitajiet b'sjieda |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| mal-entitajiet b'sjieda tal-gvern u mal-***kuntratti tal-gvern*** għandhom ukoll ikunu koperti mill-valutazzjoni sal-estent li dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni għandu jkun inkluż fir-rapport sottomess taħt l-Artikolu 3(4a) jew 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar l-azzjoni meħuda sabiex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv. | tal-gvern u mal-***obbligazzjonijiet kontinġenti b'impatti potenzjali kbar fuq il-baġits pubbliċi, kif deskritt fid-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE*** għandhom ukoll ikunu koperti mill-valutazzjoni sal-estent li dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni għandu jkun inkluż fir-rapport sottomess taħt l-Artikolu 3(4a) jew 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar l-azzjoni meħuda sabiex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv. |

**Emenda 71**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Stat Membru għandu jirrapporta regolarment lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ***jew kwalunkwe sottokumitat maħtur mill-KEF għal dak il-għan***, dwar l-amministrazzjoni pubbliku u s-sottosetturi tagħha, l-eżekuzzjoni baġitarja fis-sena kurrenti, l-impatt baġitarju ta' miżuri diskrezzjonarji meħuda kemm fuq in-naħa tan-nefqa kif ukoll fuq in-naħa tad-dħul, il-miri tan-nefqa u d-dħul tal-gvern, kif ukoll informazzjoni dwar il-miżuri adottati u n-natura ta' dawk maħsuba sabiex jintlaħqu l-miri. Ir-rapport għandu jsir pubbliku. | 3. ***Fuq talba mill-Kummissjoni, l-***Istat Membru għandu jirrapporta regolarment lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, dwar l-amministrazzjoni pubbliku u s-sottosetturi tagħha, l-eżekuzzjoni baġitarja fis-sena kurrenti, l-impatt baġitarju ta' miżuri diskrezzjonarji meħuda kemm fuq in-naħa tan-nefqa kif ukoll fuq in-naħa tad-dħul, il-miri tan-nefqa u d-dħul tal-gvern, kif ukoll informazzjoni dwar il-miżuri adottati u n-natura ta' dawk maħsuba sabiex jintlaħqu l-miri. Ir-rapport għandu jsir pubbliku. |
| Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kontenut tar-rapport imsemmi f'dan il-paragrafu. | Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kontenut tar-rapport imsemmi f'dan il-paragrafu. |
| | ***Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt a**

| | |
|---|---|
| (a) jwettaq, u jirrapporta dwar, awditu indipendenti komprensiv tal-kontijiet tal-amministrazzjoni pubblika mwettaq b'kordinament mal-istituzzjonijiet supremi nazzjonali tal-awditjar, bil-għan li jiġu vvalutati l-affidabilità, il-kompletezza u l-akkuratezza ta' dawn il-kontijiet pubbliċi għall-finijiet tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta rrapportata mill-Istat Membru konċernat skont ir-Regolament (KE) Nru 679/2010; | (a) jwettaq, u jirrapporta dwar, awditu indipendenti komprensiv tal-kontijiet tal-amministrazzjoni pubblika mwettaq b'kordinament mal-istituzzjonijiet supremi nazzjonali tal-awditjar, bil-għan li jiġu vvalutati l-affidabilità, il-kompletezza u l-akkuratezza ta' dawn il-kontijiet pubbliċi għall-finijiet tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta rrapportata mill-Istat Membru konċernat skont ir-Regolament (KE) Nru ***479/2009, fir-rigward tal-kwalità tad-dejta fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv;*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. F'każ ta' riskji ta' nonkonformità mal-iskadenza biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni għandha tindirizza rakkomandazzjoni lill-Istat Membru konċernat ***għall-adozzjoni ta'*** miżuri ulterjuri bi skadenza konsistenti mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tiegħu msemmija fil-paragrafu 1. Ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għandha ssir pubblika, | 2. Meta jkun hemm riskju ta' nonkonformità mal-iskadenza biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv ***u meta dawk ir-riskji ma jkunux minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-Istati Membri konċernat***, il-Kummissjoni għandha tindirizza rakkomandazzjoni lill-Istat Membru konċernat għall-***implimentazzjoni diliġenti*** tal-miżuri ***previsti fir-rakkomandazzjonijiet*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| u, fuq talba tal-Parlament tal-Istat Membru konċernat, għandha tiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament konċernat. | ***inizjali*** bi skadenza konsistenti mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tiegħu msemmija fil-paragrafu 1. Ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għandha ssir pubblika, u, fuq talba tal-parlament tal-Istat Membru konċernat, ***għandha*** tiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-parlament konċernat. |

**Emenda 74**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Fiż-żmien stabilit mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru konċernat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ***adottati*** b'respons għal din ir-rakkomandazzjoni ***flimkien mar-rapporti previst fl-Artikolu 7(3). Ir-rapport għandu jinkludi l-impatt baġitarju tal-miżuri diskrezzjonarji kollha meħuda, il-miri għan-nefqa u d-dħul tal-gvern, informazzjoni dwar il-miżuri adottati u n-natura ta' dawk maħsuba biex jinkisbu l-miri, kif ukoll informazzjoni dwar azzjonijiet oħra meħuda b'respons għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni***. Ir-rapport għandu jsir pubbliku. | 3. Fiż-żmien stabilit mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru konċernat għandu jirrappurta ***addizzjonalment*** lill-Kummissjoni dwar ***il***-miżuri ***implementati*** b'respons għal din ir-rakkomandazzjoni. Ir-rapport għandu jsir pubbliku. |

**Emenda 75**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu -11 (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu -11***<br>***Eżerċizzju tad-delega***<br><br>***1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni b'suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***<br><br>***2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(5) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix din l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***<br><br>***3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 5(5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.***<br><br>***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 5(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.* |

**Emenda 76**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu -11 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | *Artikolu -11a*<br>*Djalogu ekonomiku*<br><br>Sabiex jittejjeb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u obbligu ta' rendikont aqwa, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u fejn xieraq, lill-President tal-Kunsill Ewropew jew lill-President tal-Grupp tal-euro biex jidhru quddiem il-kumitat sabiex jiddiskutu deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu b'konformità mal-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 9(3).<br><br>*Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat b'tali deċiżjonijiet li jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet.* |

**Emenda 77**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | *(ba) il-kontribuzzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.* |

**Emenda 78**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | *3a. Kemm jista' jkun malajr u sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament u lill-Kunsill fejn teżamina l-fattibilità tal-possibilitajiet u tagħmel proposti għal pjan direzzjonali possibbli lejn strumenti għall-ħruġ komuni ta' dejn pubbliku, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet finanzjarji, fiskali u legali. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari for-rigward tal-fattibilità tal-introduzzjoni ta' fond ta' fidwa li jikkombina l-ħruġ komuni ta' dejn temporanju u regoli stretti dwar l-aġġustament fiskali.* |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 79**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 11a (ġdid)**

*Artikolu 11a*
*Rapport tal-Kummissjoni*

*Sa … (*), il-Kummissjoni gaħndha tressaq rapport, u jekk ikun neċessarju proposta, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif għandhom joperaw il-koordinazzjoni u d-diskussjonijiet ex ante fost l-Istati Membri ta' kwalunkwe pjan ta' riforma ta' politika ekonomika u fiskali b'effetti sekondarji potenzjali, x'forma għandhom jieħdu tali koordinazzjoni u diskussjonijiet, liema huma l-politiki li qed jiġu kkontemplati, u l-konsegwenzi politiċi probabbli - għall-Istati Membri u, b'mod partikolari għall-parlamenti nazzjonali - tad-deċiżjonijiet li jirriżultaw minn tali koordinazzjoni u diskussjonijiet ex ante.*

*(*) ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 80**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 11b (ġdid)**

**Artikolu 11b**
*Awtorità Ewropea dwar id-Dejn*

*Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tressaq rapport u, jekk ikun neċessarju, proposta, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fejn tevalwa l-possibbiltà tal-ħolqien ta' awtorità Ewropea tad-dejn, responsabbli għall-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet marbuta mal-pjan għall-ħruġ tad-dejn annwali tal-Istati Membri, mat-tiġdid ta' dejn pendenti u mal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-gvern tal-Istati Membri kollha. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jivvaluta wkoll il-pubblikazzjoni annwali possibbli tad-dejta relatata mad-dejn pubbliku tal-Istati Membri u indikaturi makroekonomiċi oħrajn.*

*(*) ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 81**

**Proposta għal Regolament**
**Anness I (ġdid)**

*Prinċipji komuni għal Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti (IFIs).*

— *Sjieda: bla ħsara għall-prinċipji stipulati hawn taħt, il-karattersitiċi tal-IFIs għandhom ikunu konsistenti mal-qafas legali u s-sistema politika u amministrattiva tal-Istat Membru. L-għażliet ta' tfassil jaf ikollhom iqisu l-limiti ta' kapaċità fi Stati Membri iżgħar.*

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | — *Mandat: il-mandat tal-IFIs għandu jkun definit b'mod ċar f'leġiżlazzjoni sabiex jiġu evitati l-interferenza inġustifikabbli mill-awtoritajiet fiskali jew l-estensjoni inġustifikabbli tal-mandat tiegħu askaptu tas-setgħat tal-awtoritajiet fiskali jew il-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali.* |
| | — *Riżorsi: ir-riżorsi allokati lill-IFIs għandhom ikunu proporzjonati mal-mandat tagħhom sabiex iwettquh b'mod kredibbli.* |
| | — *Obbligu ta' rendikont: għandhom jiddaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi statutorji sabiex jitħeġġeġ l-obbligu ta' rendikont xieraq lill-parlament. Ir-rapporti u l-analiżi tal-IFIs għandhom ikunu ppubblikati u disponibbli bla ħlas.* |
| | — *Tmexxija: il-ħatriet ta' livell għoli għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-mertu, l-esperjenza u l-kompetenza teknika, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċess tal-baġit. Il-proċess tal-ħatra jista' jinvolvi bosta istituzzjonijiet, pereżempju permezz ta' proċedura ta' konferma parlamentari jew meta diversi istituzzjonijiet jinnominaw membru wieħed jew iktar. It-tul tat-terminu li sservi t-tmexxija tal-IFIs għandu jkun speċifikat b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni, m'għandux ikun jista' jiġġedded u preferibbilment għandu jkun itwal mil-leġiżlatura parlamentari. It-terminazzjoni ta' kuntratti għandha tkun limitata strettament għal każijiet fejn il-membri jkunu ħatja ta' mġiba ħażina serja.* |
| | — *Persunal: il-persunal tal-IFIs għandu jintgħażel permezz ta' kompetizzjoni miftuħa bbażata fuq il-mertu u l-kompetenza teknika. Il-kundizzjonijiet ta' impjieg għandhom ikunu allinjati ma' dawk taċ-ċivil.* |
| | — *Aċċess għal informazzjoni, trasparenza u politika ta' komunikazzjoni: bħala regola, l-IFIs għandhom jiġu garantiti aċċess sħiħ fil-leġiżlazzjoni għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex iwettqu b'effikaċja l-mandat tagħhom fil-ħin. Kwalunkwe restrizzjoni għar-regola għandha tkun definita b'mod ċar ukoll. Bla ħsara għal dik il-leġiżlazzjoni, il-kapaċità tal-IFIs li jikkomunikaw fil-ħin permezz tal-kanali tal-midja disponibbli m'għandhiex tiġi mxekkla. Jekk tkun miżmuma f'entità oħra, għandu jkun ċar li l-opinjonijiet jorbtu biss lill-IFIs u mhux lill-istituzzjoni ospitanti.* |

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

## Twessigħ tal-ambitu ġeografiku tal-ħidma tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran ***I

P7_TA(2012)0244

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-ħidma tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran. (COM(2011)0905 – C7-0523/2011 – 2011/0442(COD))**

(2013/C 332 E/33)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0905),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0523/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenji meħuda mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-3 ta' Mejju 2012, li japprova l-pożizzjoni msemmija, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0142/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0442

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, id-Deċiżjoni Nru 602/2012/UE.)*

---

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

## L-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk ***I

P7_TA(2012)0253

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk. (COM(2011)0760 – C7-0432/2011 – 2011/0345(COD))**

(2013/C 332 E/34)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0760),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0432/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Jannar 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0145/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwestjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 74

## P7_TC1-COD(2011)0345

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali multiannwali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali multiannwali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk ([3]), jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jsegwi u jirrevedi r-rati massimi ta' mortalità mis-sajd u l-livelli relatati ma' bijomassa ta' stokkijiet li jbidu speċifikati ~~fl-Artikolu 3(2) u msemmija fl-Artikoli 4(2), 4(5) u 9 tiegħu~~ ***fih***. **[Em. 1]**

~~(2) Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat il-Kummissjoni tista' tingħata s-setgħa li tissupplimenta jew temenda elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv permezz ta' atti delegati.~~ **[Em. 2]**

(3) Biex ~~ikun hemm lok għal twettiq effiċjenti tal-miri~~ ***jiġi żgurat li l-miri*** stipulati fil-pjan multiannwali ***jintlaħqu b'mod effiċjenti*** u ~~għal reazzjoni fil-pront~~ ***li r-reazzjoni*** għal bidliet fil-kundizzjonijiet tal-istokk ***isseħħ malajr***, is-setgħa ***tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni*** biex jiġu riveduti r-rati massimi ta' mortalità mis-sajd u l-livelli relatati mal-bijomassa ta' stokkijiet li jbidu, meta data xjentifika tindika li dawn il-valuri m'għadhomx adattati biex jintlaħaq l-għan tal-pjan.~~, għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-Trattat~~ ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, waqt it-tħejjija u t-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** **[Em. 3]**

(4) Minħabba li l-aringa ~~fil-Punent tal-Iskozja~~ hija speċi ~~li temigra~~ ***migratorja***, l-ispeċifikazzjoni taż-żona li jgħix fiha bħalissa ***l-istokk tal-aringi li jinsab distribwuit lejn il-Punent tal-Iskozja*** għandha sservi biex tiġi ~~identifikata~~ ***distinta*** minn stokkijiet oħrajn, iżda m'għandhiex timpedixxi lil dan il-pjan milli japplika f'każ li ~~l-ispeċi tibdel~~ ***dak l-istokk jibdel*** ix-xejriet ta' mobilità ~~tagħha~~ ***tiegħu***. ~~L-Artikoli 1u 2 għandhom jiġu modifikati skont dan.~~ **[Em. 4]**

~~(5) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.~~ **[Em. 5]**

~~(6) Il-Kummissjoni, fil-preparazzjoni u t-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~ **[Em. 6]**

~~(7) Fl-okkażjoni ta' din l-emenda, għandu jiġi kkoreġut żball fit-titlu tal-Artikolu 7.~~ **[Em. 7]**

(8) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1300/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 74.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012.
([3]) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1300/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokk tal-aringi ~~fil-Punent~~ ***fiż-żona li tinsab in-naħa tal-Punent*** tal-Iskozja." **[Em. 8]**

(2) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) "stokk ta' aringi ~~fil-Punent~~ ***fiż-żona li tinsab in-naħa tal-Punent*** tal-Iskozja" jfisser l-istokk ta' aringi (*clupea harengus*) ***distribwit lejn il-Punent tal-Iskozja*** li ***bħalissa*** jgħix fl-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali ~~tad-diviżjonijiet~~ ***taż-żoni*** tal-ICES Vb, ~~VIa~~ u VIb ***kif ukoll il-parti taż-żoni tal-ICES VIa li tinsab in-naħa tal-Lvant tal-meridjan tal-lonġitudni 7º W u n-naħa tat-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 55º N, jew in-naħa tal-Punent tal-meridjan tal-lonġitudni 7º W u n-naħa tat-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 56º N, bl-esklużjoni tal-Clyde***." **[Em. 9]**

(3) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Reviżjoni tar-rati massimi tal-mortalità mis-sajd u tal-livelli relatati mal-bijomassa ta' stokkijiet li jbidu

Fejn ***il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u possibilment*** data xjentifika ~~tindika~~ ***oħra u wara li tikkonsulta bir-reqqa kollha mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali Pelaġiku, issib*** li ~~l-valuri għar-rati~~ ***r-rati*** tal-mortalità mis-sajd u l-livelli relatati mal-bijomassa ta' stokkijiet li jbidu speċifikati fl-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(2) sa (5) u l-Artikolu 9 m'għadhomx xierqa biex jintlaħaq l-għan ~~stipulat~~ ***stabbilit*** fl-Artikolu 3(1), ~~il-Kummissjoni~~ ***hija*** għandha ~~tistabbilixxi~~ ***tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a li jiffissaw*** valuri ġodda għal ~~tali~~ ***dawk*** rati u livelli ~~permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 9a~~." **[Em. 10]**

(4) L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Evalwazzjoni u reviżjoni tal-pjan pluriennali

***1. Tal-inqas*** kull erba' snin, mit-18 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-operat u l-adegwatezza tal-pjan pluriennali. ***Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tfittex il-parir tal-STECF u tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali Pelaġiku.*** Fejn ~~hu xieraq~~ ***ikun meħtieġ***, il-Kummissjoni ~~tista' tipproponi adattamenti għall-pjan~~ ***għandha tagħmel proposti xierqa, għall-adozzjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għall-emendar tal-pjan*** pluriennali ~~jew tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7~~.

***2. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-delega tas-setgħa fl-Artiklu 7.*** " **[Em. 11]**

(5) L-Artikolu 9a li ġej jiddaħħal:

"Artikolu 9a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati qiegħda tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ~~Id-delega tas-setgħa~~ ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati*** msemmija fl-Artikoli 7 ~~u 8~~ għandha tingħata ***lill-Kummissjoni*** għal perjodu ~~indeterminat~~ ta' ~~żmien~~ ***tliet snin*** minn … [1] ~~[jj/xx/ssss] [daħħal id-data tad-dħul~~***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.*** **[Em. 12]**

3. Id-delega tas-setgħa msemmija ~~fl-Artikoli 7 u 8~~ ***fl-Artikolu 7*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' ~~revoka~~ ***biex issir revoka*** għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ. **[Em. 13]**

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont ~~l-Artikoli 7 u 8~~ ***l-Artikolu 7*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

**[Em. 14]**

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

[1] Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

## Perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi ***I

P7_TA(2012)0254

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi (COM(2010)0781 – C7-0011/2011 – 2010/0377(COD))**

(2013/C 332 E/35)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0781),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0011/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2011 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tal-25 ta' April 2012 li l-pożizzjoni tal-Parlament tiġi approvata, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija kif ukoll tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0339/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 138.

**P7_TC1-COD(2010)0377**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/18/UE).*

---

**Anness**

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

**Dikjarazzjoni dwar l-esklużjoni tal-kategorija tossika akuta 3 dermali (Seveso Anness I, Parti 1**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kompromess milħuq fuq il-proposta tagħha jimplika titjib tal-livell tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem u tal-ħarsien tal-abjent, meta mqabbel ma' dak provdut mid-Direttiva attwali Seveso II Nru 96/82/KE.

Il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel analiżi ulterjuri tal-probabbiltà, ir-riskji u l-konsegwenzi potenzjali ta' aċċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikolużi klassifikati fil-kategorija tossika akuta 3 dermali. Skont ma jkun l-eżitu ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tinkludi din il-kategorija wkoll fl-ambitu ta' din id-Direttiva."

---

# Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali ***I

P7_TA(2012)0255

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali (COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD))**

(2013/C 332 E/36)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0353),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 144 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0169/2011),

— wara li kkunsidra l-Artkolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata mressqa mis-Senat Taljan, fil-qafas tal-protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tisħaq li l-abozz ta' att leġislattiv mhuwiex konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 [1],

[1] ĠU C 24, 28.1.2012, p. 119.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija kif ukoll tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0059/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0156

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar ~~u~~ dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali*u dwar ikel għal persuni intolleranti għall-glutina u dwar ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji* [Em. 1]**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Li taġixxi bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Filwaqt li:

(1) L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi miżuri li għandhom bħala għan it-twaqqif u t-tħaddim tas-suq intern u li jikkonċernaw inter alia is-saħħa, is-sigurtà u l-protezzjoni tal-konsumaturi, jridu jkunu msejsa fuq livell għoli ta' protezzjoni billi jqisu b'mod partikolari kwalunkwe żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi.

(2) ~~Il-moviment liberu ta' ikel sigur u nutrittiv huwa aspett~~ ***Is-sikurezza tal-ikel, speċjalment meta jkun maħsub biex jitma' popolazzjonijiet vulnerabbli bħal pereżempju t-trabi, it-tfal żgħar kif ukoll persuni li għandhom mard partikolari, tikkostitwixxi prerekwiżit*** essenzjali ~~tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv fis-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini, u fl-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom.~~***għall-moviment ħieles ta' tali persuni u għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.*** **[Em. 2]**

(1) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 119.
(2) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

***(2a) F'dan il-kuntest u minħabba li l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni ġiet stabbilita b'tali mod li hija tiggarantixxi li l-ebda ikel ma jitpoġġa fis-suq jekk ikun perikoluż, għandhom jiġu esklużi s-sustanzi suxxettibbli li jkollhom effett negattiv fuq is-saħħa tal-popolazzjonijiet ikkonċernati mill-kompożizzjoni tal-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament.*** **[Em. 3]**

(3) Id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari ([1]) tistabbilixxi regoli ġenerali dwar il-kompożizzjoni u t-tħejjija ta' ikel simili li huwa mfassal apposta biex jilħaq rekwiżiti ta' nutriment partikolari għall-persuni li hu maħsub għalihom dan l-ikel. Il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva jmorru lura għall-1977 ~~u b'hekk għandhom jiġu rreveduti~~ ***u ma jsolvux id-diffikultà tal-konsumatur meta jiġi biex jagħmel għażla informata bejn ikel djetetiku, ikel imsaħħaħ, ikel b'indikazzjoni dwar is-saħħa u ikel għall-konsum normali. L-interazzjoni ta' din il-leġislazzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni adottati riċentement, bħad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel ([2]), ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([3]) ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel ([4]) u r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi ([5]), teħtieġ ukoll reviżjoni profonda tad-Direttiva 2009/39/KE.*** **[Em. 4]**

(4) Id-Direttiva 2009/39/KE tistabbilixxi definizzjoni komuni għall-'oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari' u r-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar, inkluż li ikel simili jrid ikollu indikazzjoni li turi li huwa xieraq għall-għanijiet nutrittivi mistqarra.

(5) Ir-rekwiżiti ġenerali dwar il-kompożizzjoni u t-tikkettar stabbiliti fid-Direttiva 2009/39/KE għandhom jikkumplimentaw għadd ta' atti mhux leġiżlattivi tal-Unjoni, li huma applikabbli għal kategoriji speċifiċi tal-ikel. Minħabba f'hekk, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([6]) tistabbilixxi regoli armonizzati b'rabta ma' formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment, filwaqt li d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tistabbilixxi ċerti regoli armonizzati dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar ([7]). B'mod simili, ir-regoli armonizzati stabbiliti wkoll mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub sabiex jintuża f'dieti ta' restrizzjoni ta' enerġija għat-tnaqqis fil-piż ([8]), mid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali ([9]) u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 tal-20 ta' Jannar 2009 li jikkonċerna l-kompożizzjoni u l-ittikkettjar ta' oġġetti tal-ikel għal dawk li ma taqbilx magħhom il-glutina ([10]).

(6) Barra dan, id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE ([11]) tal-Kunsill jistabbilixxi regoli armonizzati b'rabta mal-formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment intiżi biex jiġu esportati lejn pajjiżi terzi.

***(6a) Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1992 ([12]) l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni ta' prattika xierqa għall-kummerċjalizzazzjoni tas-sostituti tal-ħalib tal-omm fil-pajjiżi terzi min-naħa tal-manifatturi tal-Komunità.*** **[Em. 5]**

---

([1]) ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.
([2]) ***ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.***
([3]) ***ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.***
([4]) ***ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.***
([5]) ***ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.***
([6]) ĠU L 401, 30.12.2006. p. 1.
([7]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.
([8]) ĠU L 55, 6.3.1996, p. 22.
([9]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.
([10]) ĠU L 16, 21.1.2009, p. 3.
([11]) ĠU L 179, 1.7.1992, p. 129.
([12]) ***ĠU C 172, 8.7.1992, p. 1.***

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

(7) Id-Direttiva 2009/39/KE tipprevedi li jistgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet speċjali dwar iż-żewġ kategoriji speċifiċi ta' ikel li ġejjin, u li huma klassifikati taħt id-definizzjoni ta' prodotti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari: 'ikel maħsub li jkun imfassal għal sforzi muskolari intensi, b'mod partikolari għall-isportivi' u 'ikel għall-persuni li jbatu minn problemi ta' metaboliżmu minħabba l-karboidrati (dijabete)'. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel maħsub li jkun imfassal għal sforzi muskolari intensi, ma setgħet tintlaħaq ebda konklużjoni ta' suċċess b'rabta mal-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet speċifiċi minħabba opinjonijiet ferm diverġenti bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati b'rabta mal-għan tal-leġiżlazzjoni speċifika, ~~l-għadd ta' kategoriji sekondarji tal-ikel li jridu jiġu inklużi, il-kriterji għat-twaqqif ta' rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni u l-impatt potenzjali fuq l-innovazzjoni fl-iżvilupp tal-prodott. F'dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet speċjali tal-ikel għal persuni li jbatu minn problemi ta' metaboliżmu minħabba l-karboidrati (dijabete), rapport tal-Kummissjoni ([1]) jikkonkludi li ma hemmx bażi xjentifika għat-twaqqif ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni~~. ***Madankollu, l-impenn meħud mill-Kummissjoni fid-Direttiva 2009/39/KE sabiex tirrikonoxxi r-rekwiżiti nutrizzjonali tal-persuni sportivi għandu jibqa' japplika, kif appoġġat mill-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-"Awtorità") dwar indikazzjonijiet rilevanti għall-individwi attivi, u r-rapport tal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel tat-28 ta' Frar 2001 dwar il-kompożizzjoni u l-ispeċifikazzjoni tal-ikel maħsub għal sforsi muskolari intensi, speċjalment għall-persuni sportivi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 2015, il-ħtieġa li terġa' teżamina l-liġi ġenerali dwar l-ikel f'dan ir-rigward.*** **[Em. 6]**

*(7a)* ***Ir-Rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2008 dwar ikel għal persuni li jbatu minn problemi ta' metaboliżmu minħabba l-karboidrati (dijabete) ([2]), jikkonkludi li ma hemmx bażi xjentifika għat-twaqqif ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni. Għalhekk dan ir-Regolament mhuwiex il-qafas legali xieraq għal din il-kategorija ta' ikel. Skont il-Kummissjoni, huwa aktar importanti, fir-rigward tal-persuni dijabetiċi, li jiġu kkunsidrati l-kwantità u t-tip ta' ikel mikul. Din il-konklużjoni ma topponiex l-istabbiliment ta' strateġija f'livell tal-Unjoni mmirata, b'mod globali, għad-dijabete (tat-tip 1 u tat-tip 2) li taffettwa aktar minn 32 miljun ċittadin Ewropew. Dawn iċ-ċifri li huma mistennija jiżdiedu b'16 % sal-2030 minħabba obesità endemika u t-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea, jiġġustifikaw attenzjoni kostanti f'livell tal-Unjoni, anke fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.*** **[Em. 7]**

(8) Id-Direttiva 2009/39/KE teħtieġ ukoll proċedura ta' notifika ġenerali fuq livell nazzjonali għall-ikel imressaq minn operaturi tan-negozju tal-ikel li jikklassifika taħt id-definizzjoni ta' 'prodotti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari' u li għalihom ma ġewx stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi tal-Unjoni, qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni, għat-tħaffif fl-effiċjenza tal-monitoraġġ ta' ikel simili mill-Istati Membri.

(9) Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din il-proċedura ta' notifika ([3]) wera li jistgħu jinqalgħu diffikultajiet minħabba interpretazzjonijiet differenti tad-definizzjoni tal-prodotti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari li kienu jidhru disponibbli għal interpretazzjonijiet differenti mill-awtoritajiet nazzjonali. Għaldaqstant, ġie konkluż li biex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar effettiva u armonizzata tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, hi meħtieġa reviżjoni tal-ambitu tad-Direttiva 2009/39/KE.

(10) Rapport ta' studju ([4]) dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar prodotti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari jikkonferma

---

([1]) ~~COM (2008) 392 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ikel għal persuni li jbatu minn taqlib fil-metaboliżmu tal-karboidrati (dijabete), Brussell, 26.6.2008.~~

([2]) COM(2008)0392.

([3]) Rapport mill-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 89/398/KEE tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-prodotti tal-ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari, COM (2008)0393, 27.6.2008.

([4]) Analiżi tal-impatt Ewropew, soċjali u ambjentali tal-għażliet politiċi għar-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-ikel djetetiku – Rapport ta' studju ta' Agra CEAS Consulting, 29.4.2009.

s-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' notifika u jindika żieda fl-għadd ta' prodotti tal-ikel li bħalissa qed jitqiegħdu fis-suq u jiġu klassifikati bħala prodotti tal-ikel xierqa għal użu ta' nutriment partikolari, minħabba d-definizzjoni wiesgħa stabbilita fid-Direttiva 2009/39/KE. Ir-rapport ta' studju juri wkoll li t-tip ta' ikel regolat taħt dik il-leġiżlazzjoni huwa ferm differenti bejn l-Istati Membri; ikel simili jista' fl-istess ħin jitqiegħed fis-suq minn Stati Membri differenti bħala ikel għal użu ta' nutriment partikolari u/jew bħala ikel għal konsum normali indirizzat lill-popolazzjoni ġenerali jew lil ċerti gruppi sekondarji minnhom bħan-nisa tqal, nisa b'postmenopawża, anzjani, tfal li għadhom qed jikbru, adolexxenti, individwi differenti li huma attivi u oħrajn. Dawn iċ-ċirkostanzi jnaqqsu t-tħaddim tas-suq intern, joħolqu inċertezzi legali għall-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-konsumaturi, filwaqt li r-riskji tal-abbuż tas-suq u t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ma jistgħux jiġu injorati.

(11) Jidher li atti oħra tal-Unjoni li ġew adottati reċentement huma aktar adattati għal suq tal-ikel li għadu qed jevolvi u innovattiv mid-Direttiva 2009/39/KE. F'dan ir-rigward, huma ta' rilevanza u importanza partikolari: Id-Direttiva 2002/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1925/2006. Barra dan, id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-atti tal-Unjoni għandhom jirregolaw b'mod adegwat għadd mill-kategoriji tal-ikel koperti mid-Direttiva 2009/39/KE b'inqas piż amministrattiv u b'mod aktar ċar skont l-iskop u l-għanijiet.

***(11a) Hemm il-ħtieġa, għalhekk, li jitneħħew id-differenzi fl-interpretazzjoni u li jiġu trattati d-diffikultajiet tal-Istati Membri u tal-operaturi tan-negozji tal-ikel meta jikkombinaw il-leġislazzjonijiet differenti dwar it-tipi ta' ikel, billi jiġi simplifikat l-ambjent regolatorju; Dan jiżgura li prodotti simili jiġu trattati bl-istess mod fl-Unjoni kollha u li jinħolqu kundizzjonijiet aktar ugwali għall-operaturi kollha fis-suq intern, speċjalment l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.*****[Em. 8]**

(12) Barra dan, l-esperjenza turi li ċerti regoli inklużi jew adottati skont id-Direttiva 2009/39/KE ma għadhomx effettivi biex jiggarantixxu t-tħaddim tas-suq intern.

(13) B'hekk, il-kunċett ta' "prodotti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari" għandu jiġi mħassar u d-Direttiva 2009/39/KE għandha tiġi mibdula bl-att preżenti. Għas-simplifikazzjoni tal-applikazzjoni tagħha u għall-garanzija ta' konsistenza fl-Istati Membri, l-att preżenti għandu jieħu l-forma ta' Regolament.

***(14)*** Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 jistabbilixxi l-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali dwar il-liġi tal-ikel, iwaqqaf l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi proċeduri b'rabta mas-sigurtà tal-ikel ([1]) għat-twaqqif ta' prinċipji u definizzjonijiet komuni għal-liġi tal-ikel tal-Unjoni sabiex jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa ~~u t-tħaddim~~ ***tal-bniedem u tal-interessi tal-konsumatur, filwaqt li jiġi żgurat it-tħaddim*** effettiv tas-suq intern. Dan jistabbilixxi l-prinċipji tal-analiżi tar-riskju relatati mal-ikel ***jiddikjara li skont il-prinċipju tal-prekawzjoni jistgħu jiġu adottati miżuri provviżorji tal-ġestjoni tar-riskji,*** u jistabbilixxi strutturi u mekkaniżmi għal valutazzjoni xjentifika u teknika li ssir mill-Awtorità. B'hekk, ċerti definizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll fil-kuntest ta' dan ir-Regolament. Barra dan, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tiġi kkonsultata fuq kull kwistjoni li tista' taffettwa s-saħħa pubblika. **[Em. 9]**

***(14a) Meta jkun hemm riskju għall-ħajja jew għas-saħħa, kemm jekk ikun immedjat jew fit-tul, iżda tkun tippersisti inċertezza xjentifika, il-prinċipju tal-prekawzjoni għandu japplika biex jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, b'kunsiderazzjoni tal-effetti tossiċi kumulattivi u s-sensittivitajiet partikolari tas-saħħa tal-gruppi tal-popolazzjoni partikolarment vulnerabbli speċifikati f'dan ir-Regolament.*** **[Em. 10]**

(15) Għadd limitat ta' kategoriji tal-ikel jikkostitwixxu s-sors ewlieni ta' tmigħ għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni jew jirrappreżentaw sors parzjali ta' tmigħ; kategoriji simili ta' ikel huma essenzjali għall-ġestjoni ta' ċerti kundizzjonijiet u/jew huma essenzjali biex jinżammu s-sustanzi xierqa meħtieġa għal ċerti gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni magħrufa. Dawn il-kategoriji tal-ikel jinkludu l-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, l-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel tat-trabi ~~u,~~ l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali***, l-ikel għal persuni intolleranti għall-glutina u l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx (LCD) u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji***. L-esperjenza wriet li d-dispożizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2006/141/KE, id-Direttiva 2006/125/KE, kif ukoll id-Direttiva 1999/21/KE jiggarantixxu l-moviment ħieles ta' ikel simili b'mod sodisfaċenti, filwaqt li jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. ***Ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx ħafna ta' kaloriji attwalment mhuwiex kopert mid-Direttiva 96/8/KE iżda biss mid-Direttiva Qafas 2009/39/KE.*** B'hekk huwa xieraq li dan ir-Regolament jiffoka fuq ir-rekwiżiti ġenerali dwar il-kompożizzjoni u

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

l-informazzjoni għall-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, l-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel tat-trabi għat-trabi u t-tfal żgħar, ~~u~~ l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali***, l-ikel għal persuni intolleranti għall-glutina u l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji***, filwaqt li jikkunsidra d-Direttiva 2006/141/KE, id-Direttiva 2006/125/KE u d-Direttiva 1999/21/KE. **[Em. 11]**

(16) Għall-garanzija taċ-ċertezza legali, id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2006/141/KE, id-Direttiva 2006/125/KE ~~u d-Direttiva~~***, id-Direttiva*** 1999/21/KE ***, ir-Regolament (KE) Nru 41/2009 u d-Direttiva 96/8/KE*** għandhom jiġu trasferiti għal dan ir-Regolament. Madankollu, id-definizzjonijiet tal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, l-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel tat-trabi, u l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali ***l-ikel għal persuni intolleranti għall-glutina u l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji*** għandhom jiġu adattati b'mod regolari billi jitqies il-progress tekniku u xjentifiku u l-iżviluppi rilevanti fuq livell internazzjonali, kif inhu xieraq. **[Em. 12]**

***(16a) Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organiżżazzjoni Dinjija tas-Saħħa, trabi tat-twelid b'piż baxx għandhom jiġu mitmigħa l-ħalib ta' ommhom stess. Madankollu, trabi tat-twelid b'piż baxx u trabi prematuri ħafna drabi jkollhom rekwiżiti nutrizzjonali speċjali li ma jistgħux jiġu sodisfati mill-ħalib tal-omm stess jew mill-formuli standard tat-trabi. L-ikel għal dawn it-trabi għandu jikkonforma mar-regoli applikabbli għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, meta dan it-tip ta' ikel jintgħażel bħala l-formula l-aktar xierqa, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni medika speċifika tat-tarbija. Il-formula maħsuba għal trabi tat-twelid b'piż baxx jew prematuri għandha fi kwalunkwe każ tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/141/KE.***[Em. 13]

(17) Huwa importanti li l-ingredjenti li jintużaw fil-manifattura tal-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament ikunu adegwati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi, u jkunu adegwati għall-persuni li huma maħsuba għalihom u li l-livell nutrittiv xieraq ikun stabbilit minn dejta xjentifika aċċettata b'mod ġenerali. Din l-adegwatezza għandha tintwera permezz ta' reviżjoni sistematika ***u indipendenti*** tad-dejta xjentifika disponibbli. **[Em. 14]**

***(17a) Huwa importanti li l-pestiċidi, livelli massimi ta' residwi li huma awtorizzati mid-Direttiva 2006/141/KE u mid-Direttiva 2006/125/KE u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' sigurtà tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]) ikunu pprojbiti mis-suq u ma jintużawx fil-produzzjoni tal-ikel kopert mir-regolament.*** [Em. 15]

***(17b) Livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali ([2]), għandhom japplikaw mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.*** [Em. 16]

***(17c) Madankollu, fid-dawl tan-natura vulnerabbli tat-trabi u tat-tfal żgħar, jeħtieġu restrizzjonijiet rigorużi fuq residwi tal-pestiċidi f'formuli tat-trabi u f'formuli tal-prosegwiment u fl-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar. Il-limiti massimi speċifiċi tar-residwi ta' pestiċidi għal***

([1]) ***ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.***
([2]) ***ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.***

***dawn il-prodotti huma stabbiliti fid-Direttiva 2006/141/KE u d-Direttiva 2006/125/KE. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-pestiċidi li għandhom sustanzi kklassifikati bħala perikolużi speċifikament għas-saħħa tal-bniedem.*** [Em. 17]

***(17d) Fl-istadji kollha tal-katina tal-produzzjoni tal-ikel, in-negozji tal-ikel u l-operaturi tan-negozji tal-ikel, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom jiżguraw li l-ikel kopert minn dan ir-Regolament jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel b'mod ġenerali u ma' dan ir-Regolament b'mod partikolari.*** [Em. 18]

(18) Ir-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar huma stabbiliti ~~fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel ([1]).~~ ***fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011***. Dawk ir-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar għandhom, bħala regola ġenerali, japplikaw għall-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jipprovdi wkoll rekwiżiti addizzjonali għal, jew derogi minn, dispożizzjonijiet ~~tad-Direttiva 2000/13/KE,~~ ***tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011*** fejn hu meħtieġ, sabiex jilħaq l-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament. **[Em. 19]**

(19) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi l-kriterji għat-twaqqif ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, l-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel tat-trabi, ~~u~~ l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali***, l-ikel għal persuni intolleranti għall-glutina u l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji***,billi jqis id-Direttiva 2006/141/KE, id-Direttiva 2006/125/KE u d-Direttiva 1999/21/KE. Sabiex jiġu ~~adattati d-definizzjonijiet tal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, l-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel tat-trabi, u l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali stabbiliti f'dan ir-Regolament billi jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fuq livell internazzjonali, għall-istabbiliment tar-rekwiżiti~~ ***stabbiliti r-rekwiżiti*** speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni b'rabta mal-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament~~, inkluż għar-rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar, jew derogi minn, dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/13/KE u għall-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet nutrittivi u tas-saħħa,~~ is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fuq livell ta' esperti. Waqt it-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati, il-Kummissjoni, għandha tiggarantixxi trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill.**[Em. 20]**

***(19a) Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Awtorità, tikkjarifika l-istatus tat-tipi ta' ħalib maħsubin għat-tfal bejn it-12 u s-36 xahar, li attwalment huma regolati minn atti legali differenti tal-Unjoni, bħal pereżempju r-Regolament (KE) Nru 178/2002, ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006, u d-Direttiva 2009/39/EC, u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta jekk hijiex meħtieġa azzjoni leġislattiva addizzjonali, sa mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Fejn xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.*** [Em. 21]

(20) Huwa xieraq li tiġi stabbilita u aġġornata lista ***annessa ma' dan ir-Regolament*** ta' vitamini, minerali, ~~aċidi amminiċi~~ u sustanzi oħra li jistgħu jiġu miżjuda mal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, l-ikel proċessat biċ-ċereali u l-ikel tat-trabi, ~~u~~ l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, ***kif ukoll l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji***, soġġetti għal ċerti kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***L-adozzjoni tal-lista annessa għandha issir b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifiċitajiet tal-ikel tal-gruppi tal-popolazzjonijiet kkonċernati u għandha tikkunsidra l-listi stabbiliti mid-Direttivi 2006/141/KE u 2006/125/KE, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 tat-13 ta' Ottubru 2009 dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari ([2]), li ma tapplikax għall-formuli***

([1]) ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~
([2]) ***ĠU L 269, 14.10.2009, p. 9.***

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

***kemm dawk likwidi kif ukoll dawk solidi għat-trabi u tfal żgħar, u li tissostitwixxihom.*** Minħabba l-fatt li l-adozzjoni ***u l-aġġornament tal-Anness*** ~~timplika l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni [1]~~ ***hija miżura ta' applikazzjoni ġenerali biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta b'mod immedjat atti ta' ~~implimentazzjoni~~ ***delegati*** applikabbli li jaġġornaw ~~il-lista tal-Unjoni~~ ***l-Anness***, fejn, f'każijiet b'raġuni adegwata relatati mas-saħħa pubblika, ikunu meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza. **[Em. 22]**

(21) Bħalissa, f'konformità mal-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji tas-Saħħa Emerġenti u Identifikati Ġodda (SCENIHR) dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti tan-nanoteknoloġiji, tad-19 ta' Jannar 2009, hemm informazzjoni mhux adegwata dwar ir-riskji assoċjati man-nanomaterjali artifiċjali u l-metodi ta' testijiet eżistenti jistgħu ma jkunux adegwati biex ikopru l-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu b'rabta man-nanomaterjali artifiċjali. ~~B'hekk~~ ***B'kunsiderazzjoni ta' din l-opinjoni xjentifika u rigward is-sensittività partikolari tal-kategoriji li għalihom huwa maħsub l-ikel kopert minn dan ir-Regolament***, in-nanomaterjali artifiċjali ma għandhomx jiġu nklużi fil-lista ~~tal-Unjoni~~ ***annessa ma' dan ir-Regolament*** għall-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament, sakemm ~~issir valutazzjoni~~ ***is-sikurezza, abbażi ta' biżżejjed metodi ta' testijiet, il-valur nutrizzjonali tagħhom u l-idoneità għall-persuni li għalihom huma maħsuba ma jintwerewx*** mill-Awtorità. **[Em. 23]**

(22) Fl-interessi ~~tal-effiċjenza u s-simplifikazzjoni~~ ***tas-simplifikazzjoni*** leġiżlattiva ***u tar-rieda ddikjarata għall-appoġġ tal-innovazzjoni***, għandu jkun hemm perjodu minimu ta' eżaminazzjoni dwar il-kwistjoni tal-estensjoni tal-għan tal-lista ~~tal-Unjoni~~ ***annessa ma' dan ir-Regolament*** għal kategoriji oħra tal-ikel mmexxija minn leġiżlazzjoni speċifika oħra tal-Unjoni. ***Tali estensjoni għandha tiġi deċiża mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni mill-Awtorità.*** **[Em. 24]**

(23) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-addozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet fejn l-ikel kopert minn dan ir-Regolament jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa umana. Għall-garanzija ta' kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni [2]. Il-Kummissjoni għandha tadotta b'mod immedjat atti ta' implimentazzjoni applikabbli relatati mal-miżuri ta' emerġenza, fejn, f'każijiet b'raġuni adegwata relatati mas-saħħa pubblika, jkunu meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

(24) Id-Direttiva 92/52/KEE tistqarr li l-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment li huma esportati jew esportati mill-ġdid mill-Unjoni Ewropea jridu jkunu konformi mal-liġi tal-Unjoni sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-pajjiż tal-importazzjoni. Dan il-prinċipju diġà ġie stabbilit għall-ikel fir-Regolament (KE) Nru 178/2002. Għall-fini ta' simplifikazzjoni u ċertezza legali, b'hekk id-Direttiva 92/52/KEE għandha tiġi rrevokata.

(25) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw bħala regola ġenerali għall-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament jew fl-atti mhux leġiżlattivi adottati bi qbil ma' dan ir-Regolament.

(1) ~~ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.~~
(2) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

(26) Bħalissa, l-indikazzjonijiet 'mingħajr glutina' u 'b'livell baxx ta' glutina' jistgħu jintużaw għall-ikel maħsub għal użu ta' nutriment partikolari u għall-konsum normali tal-ikel skont ir-regoli speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 41/2009. ~~Indikazzjonijiet simili jistgħu jiġu interpretati bħala indikazzjonijiet nutrittivi, kif inhuma definiti fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Għal għan ta' simplifikazzjoni, dawn l-indikazzjonijiet~~ ***Dawk l-indikazzjonijiet*** għandhom jiġu regolati biss ~~bir-Regolament (KE) Nru 1924/2006~~ ***b'dan ir-Regolament*** u ~~f'konformità mar-rekwiżiti msemmija. Huwa meħtieġ li l-adattamenti tekniċi bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, li jinkludu l-indikazzjonijiet nutrittivi 'mingħajr glutina' u 'b'livell baxx ta' glutina' u l-kundizzjonijiet tal-użu assoċjati magħhom kif inhuma rregolati mir-Regolament (KE) Nru 41/2009 jitwettqu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.~~ ***għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tiegħu. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 41/2009 għandu jiġi rrevokat.*** **[Em. 90]**

***(26a) Bħalissa, l-indikazzjonijiet 'mingħajr lattożju' u 'b'livell baxx ta' lattożju' mhumiex koperti mil-liġi tal-Unjoni. Dawn l-indikazzjonijiet madankollu huma importanti għall-persuni intolleranti għal-lattożju. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tikkjarifika l-istatus tagħhom skont il-liġi ġenerali dwar l-ikel.*** **[Em. 25]**

(27) It-'tibdil ta' ikel għall-kontroll tal-piż' u t-'tibdil tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż' huma ***attwalment*** meqjusa bħala ikel għal użu ta' nutriment partikolari u huma rregolati mir-regoli speċifiċi adottati skont id-Direttiva 96/8/KE***, filwaqt li l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji (VLCD) huwa regolat mid-Direttiva 2009/39/KE biss***. Madankollu, aktar u aktar ikel maħsub għall-popolazzjoni ġenerali deher fuq is-suq b'indikazzjonijiet simili li huma ppreżentati bħala indikazzjonijiet tas-saħħa għall-kontroll tal-piż. ***Huwa f'dan il-kuntest ta' żieda tal-prodotti tal-ikel li għandhom indikazzjonijiet ġeneriċi u r-riskju ta' drawwiet mhux normali tal-ikel miġjuba minn ċerti dieti mhux ikkontrollati li l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel għandha ta' spiss tevalwa xjentifikament id-domanda għall-indikazzjonijiet tas-saħħa rigward sostituti tal-ikliet. L-evalwazzjoni mwettqa mill-Awtorità ma tkopriex is-sigurtà tal-kriterji ta' kompożizzjoni proposti mill-operatur tan-negozju tal-ikel li japplika l-użu ta' indikazzjoni jew ċerti kundizzjonijiet tat-tikkettar. Għalhekk huma meħtieġa dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament dwar l-ikel għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji. Tali dispożizzjonijiet huma għodda importanti ta' sigurtà nutrizzjonali u ta' saħħa tal-persuni li jixtiequ jitilfu l-piż.*** Sabiex tiġi eliminata kwalunkwe konfużjoni potenzjali bejn l-ikel li jitqiegħed fis-suq għall-kontroll tal-piż u fl-interessi taċ-ċertezzi legali u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ***filwaqt li jitħarsu dawk l-aktar vulnerabbli,*** indikazzjonijiet simili ***dwar l-ikel maħsub għall-popolazzjoni ġenerali*** għandhom jiġu rregolati biss mir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u jkunu konformi mar-rekwiżiti tiegħu***, bl-eċċezzjoni tal-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx (LCD) u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji (VLCD), li għandhom jikkonformaw ma' dan ir-Regolament***. Huwa meħtieġ li l-adattamenti tekniċi bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, jinkludu indikazzjonijiet tas-saħħa li jirreferu għall-kontroll tal-piż tal-ġisem għall-ikel ippreżentat bħala 'tibdil ta' ikel għall-kontroll tal-piż' u t-'tibdil tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż' u l-kundizzjonijiet tal-użu assoċjati kif inhuma rregolati skont id-Direttiva 96/8/KE jridu jitwettqu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. **[Em. 26]**

***(27a) Bil-għan li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri proċeduri adegwati għas-superviżjoni, kemm tal-iġjene kif ukoll tal-kompożizzjoni, kemm qabel kif ukoll wara t-tqegħid fis-suq tal-ikel.*** [Em. 27]

***(27b) Skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), l-Istati Membri għandhom jagħmlu spezzjonijiet dwar il-konformità tal-impriżi ma' dan ir-Regolament u dwar l-atti delegati li jiġu adottati skont dan ir-Regolament, skont approċċ abbażi tar-riskju.*** **[Em. 28]**

([1]) ***ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.***

(28) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod adegwat mill-Istati Membri u b'hekk jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, bi qbil mal-principju ta' sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għall-ksib ta' dawn l-għanijiet.

(29) ~~Huma meħtieġa~~ ***Il-Kummissjoni għandha tieħu*** miżuri ~~tranżizzjonali~~ adegwati ***biex tiżgura ċ-ċertezza legali waqt it-tranżizzjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tipprovdi l-assistenza u l-informazzjoni aġġornata meħtieġa lill-operaturi tan-negozju tal-ikel biex*** li jippermettulhom ~~lill-operatur tan-negozju tal-ikel~~ jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. **[Em. 29]**

***(29a) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fis-suq, li f'ċerti settturi, bħal pereżempju l-ikel għat-trabi u l-ikel mediku, jidher li hu ddominat minn ftit kumpaniji kbar, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kkonċernati, tadotta linji gwida, permezz ta' atti delegati, sabiex tgħin lill-impriżi, partikolarment l-SMEs, jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u b'hekk tgħin il-kompetittività u l-innovazzjoni.*** **[Em. 30]**

***(29b) Bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess fis-suq għall-operaturi tan-negozju tal-ikel – speċjalment l-SMEs – li jkunu jixtiequ jbigħu prodotti tal-ikel li jirriżultaw minn progress xjentifiku u teknoloġiku, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti, għandha tadotta linji gwida dwar il-proċedura tat-tqegħid fis-suq, fuq bażi temporanja, ta' tali ikel.*** **[Em. 31]**

***(29c) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tawtorizza, permezz ta' atti delegati, li ikel li jirriżulta minn progress xjentifiku u teknoloġiku jitqiegħed fis-suq fuq bażi temporanja biex ikun jista' jinkiseb benefiċċju xieraq mix-xogħol tar-riċerka industrijali sa ma jiġi emendat l-att delegat għall-kategorija speċifika tal-ikel ikkonċernata. Madankollu, fl-interess tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur, awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tista' tingħata biss wara li l-Awtorità tkun ġiet ikkonsultata,*** **[Em. 91]**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Suġġett tal-kawża u definizzjonijiet

### Artikolu 1

### Is-suġġett

1. Dan ir-Regolament***, li jikkumplimenta l-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel,*** jistabbilixxi rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-kategoriji tal-ikel li ġejjin: **[Em. 33]**

(a) formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment;

(b) ikel proċessat biċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar;

(c) ikel għal skopijiet mediċi speċjali***inkluża l-formula maħsuba għat-trabi tat-twelid b'piż baxx u prematuri.*** **[Em. 34]**

***(ca) l-ikel għal persuni intolleranti għall-glutina; u*** **[Em. 35]**

***(cb) l-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx tal-kaloriji u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji.*** **[Em. 36]**

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għat-twaqqif u l-aġġornament ta' lista ~~tal-Unjoni~~ ***definiti b'mod ċar fl-Anness I, ta'*** vitamini, minerali u sustanzi oħra li jistgħu jiġu miżjuda mal-kategoriji tal-ikel li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 ***għal skop nutrizzjonali speċifiku***. **[Em. 37]**

***2a. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandu jkollhom il-prevalenza fuq kull rekwiżit konflittwali ieħor tal-liġi tal-Unjoni applikabbli għall-ikel.*** **[Em. 38]**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-definizzjonijiet ta' 'ikel'**, '*bejgħ bl-imnut*'** u 'tqegħid fis-suq' stabbiliti fl-Artikoli 2 u ***3(7) u*** 3(8) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002; **[Em. 39]**

(b) id-definizzjonijiet ta' ***ikel ippakkjat minn qabel' u*** 'tikkettar' ~~u 'prodotti tal-ikel ippakkjati' fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2000/13/KE~~ ***fil-punti (e)*** u ***(j) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011;*** **[Em. 40]**

(c) id-definizzjonijiet ta' 'indikazzjoni nutrittiva' u 'indikazzjoni tas-saħħa' stabbiliti fil-punti (4) u (5) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006;

(d) id-definizzjoni ta' 'sustanzi oħra' stabbilita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006; u

***(da) id-definizzjoni ta' 'nanomaterjal maħdum' stabbilita fil-punt (t) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.*** **[Em. 41]**

2. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(a) 'Awtorità' tfisser l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 178/2002;

(b) 'trabi' tfisser tfal ta' taħt it-12-il xahar;

(c) 'tfal żgħar' tfisser tfal bejn sena u tliet snin;

(d) 'formula tat-trabi' tfisser ikel li jintuża għat-trabi fl-ewwel snin ta' ħajjithom u li waħdu jissodisfa r-rekwiżiti nutrittivi tat-trabi sal-introduzzjoni ta' tmigħ kumplementari adegwat;

(e) 'formula tal-prosegwiment' tfisser ikel li jintuża għat-trabi meta jiġi introdott it-tmigħ ta' ikel kumplementari u li jikkostitwixxi element likwidu ewlieni f'dieta bi progess differenti ta' dawn it-trabi;

(f) 'ikel proċessat biċ-ċereali' tfisser ikel

(i) maħsub biex jissodisfa r-rekwiżiti partikolari tat-trabi b'saħħithom waqt li jiġu mreddgħa, u tat-tfal żgħar b'saħħithom u bħala suppliment għad-dieta tagħhom u/jew b'saħħithom li jkunu mreddgħa, u għat-tfal żgħar b'saħħithom bħala suppliment għad-dieta tagħhom u/jew għall-addattament progressiv tagħhom għall-ikel ordinarju u

(ii) li jaqgħu fl-erba' kategoriji li ġejjin:

— ċereali normali li huma jew li fihom il-ħalib jew likwidi nutrittivi oħra adegwati;

— ċereali miżjuda b'ikel b'livell għoli ta' proteini li huma jew fihom l-ilma jew likwidu ieħor mingħajr proteini;

— għaġin li jintuża wara li jissajjar fl-ilma jagħli jew f'likwidi oħra adegwati;

— ħobż mixwi u gallettini li jintużaw kif inhuma jew, wara li jitfarrku, biż-żieda tal-ilma, il-ħalib jew likwidi oħra adegwati;

(g) 'ikel tat-trabi' tfisser ikel maħsub biex jissodisfa r-rekwiżiti partikolari tat-tfal żgħar b'saħħithom li jkunu mreddgħa, u tat-tfal żgħar b'saħħithom bħala suppliment għad-dieta tagħhom u/jew għall-addatament progressiv tagħhom, għall-ikel ordinarju, minbarra:

(i) ikel proċessat biċ-ċereali u

(ii) ħalib maħsub għat-tfal żgħar;

(h) 'ikel għal skopijiet mediċi speċjali' tfisser ikel ***ipproċessat jew iffurmulat speċjalment u*** maħsub għall-ġestjoni djetetika tal-pazjenti li jintuża taħt sorveljanza medika. Huwa maħsub għat-tmigħ esklużiv jew parzjali tal-pazjenti li l-ħila limitata, debboli jew kompromessa tagħhom ma tippermettilhomx jieħdu, jiddiġerixxu, jassorbixxu, iħaddmu jew ineħħu ikel normali jew ċerti nutrijenti li jkollhom fihom ***jew metaboliti,*** jew ma' rekwiżiti nutrittivi oħra b'għan mediku, fejn il-ġestjoni djetetika tagħhom ma tistax tinkiseb biss permezz ta' tibdil fid-dieta normali. ***Ikel għal skopijiet mediċi speċjali jinkludi wkoll formula maħsuba għal trabi li jitwieldu b'piż baxx u għal trabi prematuri. Tali formula għandha tikkonforma ukoll mad-Direttiva 2006/141/KE.*** [Em. 92]

***(ha) 'formula maħsuba għal trabi tat-twelid b'piż baxx u prematuri' tfisser formula żviluppata speċifikament biex tissodisfa l-bżonnijiet nutrittivi determinati medikalment tat-trabi li jitwieldu qabel iż-żmien jew li jitwieldu b'piż baxx.*** [Em. 43]

***(hb) 'ikel għal persuni intolleranti għall-glutina' tfisser oġġetti tal-ikel maħsuba għal użi nutrizzjonali partikolari li jkunu prodotti, preparati jew proċessati b'mod speċjali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dieta ta' persuni intolleranti għall-glutina;*** [Em. 44]

***(hc) 'glutina', tfisser frazzjoni tal-proteina mill-qamħ, segala, xgħir, ħafur jew varjetajiet inkroċjati tagħhom u derivati tagħhom u li ma tinħallx fl-ilma jew f'soluzzjoni ta' klorur tas-sodju bi 0,5 M;*** [Em. 45]

***(hd) 'ikel maħsub għall-użu f'dieti baxxi fil-kaloriji jew prodotti LCD' u 'ikel maħsub għall-użu f'dieti baxxi ħafna fil-kaloriji jew prodotti VLCD' tfisser ikel ffurmulat speċifikament li, meta jintuża kif indikat mill-manifattur, jissostitwixxi d-dieta totali ta' kuljum.***

***Prodotti VLCD għandhom bejn l-400 u t-800 kalorija kuljum.***

***Prodotti LCD għandhom bejn t-800 u l-1 200 kalorija kuljum.***[Em. 46]

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

***Ikel għal skopijiet mediċi speċjali skont it-tifsira tal-punt (h) tal-ewwel subparagrafu jaqa' f'waħda mit-tliet kategoriji li ġejjin:***

*(i)* ***ikel komplut mil-lat nutrizzjonali b'formulazzjoni nutrittiva standard li, meta użata skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, tista' tikkostitwixxi l-uniku sors ta' tmigħ għal persuni li għalihom huwa maħsub;***

*(ii)* ***ikel komplut mil-lat nutrizzjonali b'formulazzjoni adattata għan-nutrijenti speċifika għall-mard, disturbi jew kundizzjoni medika, li, meta użata skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, tista' tikkostitwixxi l-uniku sors ta' tmigħ għal persuni li għalihom huwa maħsub;***

*(iii)* ***ikel komplut mil-lat nutrizzjonali b'formulazzjoni standard jew b'formulazzjoni adattata għan-nutrijenti speċifika għall-mard, disturbi jew kundizzjoni medika li mhuwiex adatt għall-użu bħala l-uniku sors ta' tmigħ.*** [Em. 47]

~~3. Il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 15 għall-adattament tad-definizzjonijiet tal-'formula tat-trabi', 'formula tal-prosegwiment', l-'ikel ibbażat fuq iċ-ċereali' u l-'ikel għat-trabi' u l-'ikel għal skopijiet mediċi speċjali' billi jitqies il-progress tekniku u xjentifiku u l-iżviluppi rilevanti fuq livell internazzjonali, kif inhu xieraq.~~ **[Em. 48]**

Kapitolu II

Tqegħid fis-suq

Artikolu 3

Tqegħid fis-suq

**1.** L-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament***u mal-leġislazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti tal-ikel***.

***2. Il-prodotti tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1) impurtati fl-Unjoni bl-għan li jitpoġġew fis-suq għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel. Il-prodotti tal-ikel msemmija fl-Artikolu 1(1) esportati jew esportati mill-ġdid mill-Unjoni bil-għan li jitpoġġew fis-suq f'pajjiż terz jirrispettaw il-preskrizzjonijiet applikabbli tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel, ħlief jekk ċirkustanzi partikolari fil-pajjiż importatur marbuta pereżempju mal-kundizzjonijiet klimatiċi jew mat-topografija jiġġustifikaw kompożizzjoni u kondizzjonament differenti.***

***3. L-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jitqiegħed fis-suq biss f'għamla ta' ikel ippakkjat minn qabel.***

***4. L-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' ikel li jikkonforma ma' dan ir-Regolament għal raġunijiet relatati mal-kompożizzjoni, il-manifattura, il-preżentazzjoni jew it-tikkettar tiegħu.***[Em. 49]

***4a. Sabiex tippermetti tqegħid fis-suq malajr tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) u li jirriżulta minn progress xjentifiku u teknoloġiku, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15, li jawtorizzaw għall-perjodu ta' sentejn, it-tqegħid fis-suq tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1), li ma jissodisfawx ir-regoli ta' kompożizzjoni stabbiliti minn dan ir-Regolament jew mill-atti delegati għall-gruppi ta' prodotti tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1).*** [Em. 50]

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

~~Artikolu 4~~

~~Ikel ippakkjat minn qabel~~

~~L-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkun awtorizzat biss fis-suq bl-imnut f'għamla ta' ikel ippakkjat minn qabel.~~**[Em. 51]**

~~Artikolu 5~~

~~Moviment ħieles tal-prodotti~~

~~L-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet relatati mal-kompożizzjoni, il-manifattura, il-preżentazzjoni jew it-tikkettar tagħhom, jillimitaw jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' ikel li jkun konformi ma' dan ir-Regolament.~~**[Em. 52]**

Artikolu 6

Miżuri ta' emerġenza

1. Fejn huwa evidenti li l-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) jista' jkollu riskji serji fuq is-saħħa umana u li riskji ma jistgħux jiġu kkontrollati b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i), fuq inizjattiva personali tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru, għandhom jittieħdu kwalunkwe miżuri temporanji ta' emerġenza xierqa mingħajr dewmien, inklużi miżuri li jillimitaw jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-ikel ikkonċernat, skont il-gravità tas-sitwazzjoni. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta' atti tal-implimentazzjoni bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2).

2. F'każ ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza li tikkonċerna jew tittratta riskju serju fuq il-ħajja umana, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli b'mod immedjat bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(3).

3. F'każ li Stat Membru jinforma uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' emerġenza u l-Kummissjoni ma tkunx ħadet azzjoni skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat jista' jadotta kwalunkwe miżuri temporanji ta' emerġenza adegwati, inklużi miżuri li jillimitaw jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-ikel ikkonċernat, skont il-gravità tas-sitwazzjoni fit-territorju tiegħu. Għandu minnufih jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan, u jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jimmiraw biex jestendu, jemendaw jew jirrevokaw il-miżuri temporanji nazzjonali ta' emerġenza. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2). L-Istat Membru jista' jżomm il-miżuri temporanji nazzjonali ta' emerġenza tiegħu sakemm jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu.

***Artikolu 6a***

***Prinċipju ta' prekawzjoni***

***Meta, wara l-valutazzjoni tal-informazzjoni xjentifika disponibbli, ikun hemm raġunijiet raġonevoli għal tħassib għall-possibbiltà ta' effetti negattivi iżda tippersisti l-inċertezza xjentifika, jistgħu jiġu adottati miżuri tal-ġestjoni tar-riskji, li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni li għalihom huwa maħsub l-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1).*** **[Em. 53]**

***Artikolu 6b***

***Sorveljanza***

***L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jiżguraw id-dħul fis-seħħ ta' sistema adegwata ta' kontroll li tiżgura li l-operaturi tan-negozju tal-ikel jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u mar-rekwiżiti tas-saħħa relevanti.*** **[Em. 54]**

Kapitolu III

Rekwiżiti

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet introduttorji

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet introduttorji

~~1.~~ L-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkun konformi ma' kwalunkwe rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni applikabbli għall-ikel.

~~2. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandu jkollhom il-prevalenza fuq kull rekwiżit konflittwali ieħor tal-liġi tal-Unjoni applikabbli għall-ikel.~~**[Em. 55]**

Artikolu 8

Opinijonijiet tal-Awtorità

L-Awtorità għandha tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi bi qbil mal-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għall-għan tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

***Artikolu 8a***

***Ikel għall-konsum normali***

***Fit-tikkettar, preżentazzjoni u reklamar tal-ikel għall-konsum normali dan li ġej għandu jkun projbit:***

***(a) l-użu tal-espressjoni 'nutrizzjoni speċjalizzata', waħidha jew flimkien ma' kliem ieħor, bħala indikazzjoni ta' tali ikel;***

***(b) markaturi oħra kollha jew kull preżentazzjoni li x'aktarx jagħtu l-impressjoni li l-ikel jappartjeni lil waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 1(1).*** **[Em. 56]**

Taqsima 2

Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 9

Rekwiżiti ġenerali għall-kompożizzjoni u l-informazzjoni

1. Il-kompożizzjoni tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tkun adegwata biex tissodisfa l-ħtiġijiet nutrittivi tiegħu, u li tkun adegwata għall-persuni li għalihom hija maħsuba, bi qbil mad-dejta xjentifika ġenerali aċċettata***, evalwata mill-pari u vvalutata indipendentement u mal-opinjoni medika***. **[Em. 57]**

2. L-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) ma għandux ikollu xi sustanza ta' kwalunkwe kwantità li tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tal-persuni li għalihom huwa maħsub.

3. It-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jipprovdu ~~informazzjoni adegwata lill-konsumatur~~ ***ikunu eżatti, ċari u jinftiehmu faċilment mill-konsumaturi*** u ma għandhomx jiżgwidaw. ***Tali prodotti tal-ikel m'għandhomx jiġu attribwiti proprjetajiet għall-prevenzjoni, trattament jew kura tal-mard tal-bniedem, jew jimplikaw tali proprjetajiet.*** **[Em. 58]**

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

***3a. L-ittekkettjar tal-formuli u l-formuli tal-prosegwiment għat-trabi m'għandux ikollu stampi ta' trabi, u lanqas m'għandu jinkludi stampi oħra jew kitba li tista' tidealizza l-użu tal-prodott. Madankollu, rappreżentazzjonijiet grafiċi għall-identifikazzjoni faċli tal-prodott u għall-illustrazzjoni tal-metodi tal-preparazzjoni għandhom ikunu permessi. Id-Direttiva 2006/141/KE għandha tiġi emendata skont dan.*** **[Em. 59]**

4. It-tixrid ta' informazzjoni utli jew ir-rakkomandazzjonijiet b'referenza għall-kategoriji tal-ikel imsemmija ~~fl-Artikolu 1(1) għandhom isiru~~ ***fil-punti (a), (b) (c) u (ca) tal-Artikolu 1(1) jistgħu jsiru*** esklużivament ~~mill-~~lill-persuni bi kwalifiki fil-mediċina, in-nutrizzjoni, ~~il-farmaċewtika jew~~ ***jew fil-farmaċewtika***. ***Informazzjoni addizzjonali mxerrda minn*** professjonisti ~~oħra responsabbli mill-kura materna u dik tas-saħħa tat-trabi~~***tal-kura tas-saħħa lill-konsumatur finali għandha tkun biss ta' natura xjentifika u fattwali u m'għandhiex ikollha riklamar***. **[Em. 60]**

***4a. Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ uffiċjali effiċjenti, l-operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru fejn iqiegħdu fis-suq ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) billi jibagħtulha mudell tat-tikketta tal-prodott.*** **[Em. 61]**

***4b. L-użu ta' pestiċidi fil-prodotti agrikoli maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jiġi limitat kemm jista' jkun, mingħajr ħsara għad-Direttiva 2006/125/KE u d-Direttiva 2006/141/KE.*** **[Em. 62]**

***4c. Rekwiżiti speċifiċi relatati mal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) li jistabbilixxu limitazzjonijiet fuq l-użu jew il-projbizzjoni ta' ċerti pestiċidi għandhom jiġu aġġornati regolarment, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-pestiċidi li għandhom sustanzi attivi, safeners jew synergists ikklassifikati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet [1], bħala mutaġen fil-kategorija 1A jew 1B, karċinoġeni tal-kategorija 1A jew 1B, tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B meqjusa li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, li jistgħu jikkawżaw effett negattiv fil-bnedmin, jew sustanzi attivi approvati bħala "kandidati għas-sostituzzjoni" skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.*** **[Em. 63]**

Taqsima 3

Rekwiżiti speċifiċi

Artikolu 10

Rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni

1. L-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7 u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni provduti fl-Artikolu 9.

2. Soġġett għar-rekwiżiti ġenerali tal-Artikoli 7 u 9***, u għar-rekwiżiti speċifiċi tal-Artikoli 10a u 10b,*** u billi titqies id-Direttiva 2006/141/KE, id-Direttiva 2006/125/KE u d-Direttiva 1999/21/KE kif ukoll kwalunkwe progress tekniku u xjentifiku,***partikolarment ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet tar-riskju u l-prinċipju tal-prekawzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6a,*** il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta ~~Regolamenti~~ ***atti*** delegati mhux aktar tard minn … [2]. bi qbil mal-Artikolu 15, b'rabta ma' dan li ġej: **[Em. 64]**

(a) ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kompożizzjoni tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1);

(b) ir-rekwiżiti speċifiċi dwar l-użu ta' pestiċidi fil-prodotti agrikoli maħsuba għall-produzzjoni ta' ikel simili u dwar ir-residwi tal-pestiċidi f'ikel simili;

---

[1] ***ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.***

[2] Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(c) ir-rekwiżiti speċifiċi dwar it-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1), ~~inkluża l-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet nutrittivi u tas-saħħa.~~ ***dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu r-regoli relatati speċifiċi diġà fis-seħħ għall-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1);*** [Em. 66]

***(ca) ir-rekwiżiti għall-informazzjoni li trid tingħata dwar ir-rakkomandazzjonijiet għall-użu xieraq tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1).*** [Em. 67]

(d) il-proċedura ta' notifika għat-tqegħid fis-suq tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ uffiċjali effiċjenti ta' dan l-ikel fuq liema bażi l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat(i) Membru(i) fejn il-prodott qed jitqiegħed fis-suq;

(e) ir-rekwiżiti dwar il-prattiċi promozzjonali u kummerċjali relatati mal-formuli tat-trabi;

(f) ir-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta dwar it-tmigħ tat-trabi u t-tfal żgħar sabiex jiggarantixxu informazzjoni adegwata dwar il-prattiċi tat-tmigħ adegwati; u

***(fa) rekwiżit għall-monitoraġġ wara s-suq tal-ikel msemmija fl-Artikolu 1(1) sabiex jivverifika jekk hemm konformità mar-rekwiżiti speċifiċi.*** [Em. 68]

3. Suġġett għar-rekwiżiti ***ġenerali*** tal-Artikoli 7 u 9***, u għar-rekwiżiti speċifiċi tal-Artikoli 10a u 10b,*** u billi jitqies il-progress tekniku u xjentifiku rilevanti, ***b' mod partikolari r-riżultati ta' evalwazzjonijiet ġodda tar-riskju u l-prinċipju tal-prekawzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6a,*** il-Kummissjoni għandha taġġorna ~~r-Regolamenti~~ ***l-atti*** delegati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu bi qbil mal-Artikolu 15. **[Em. 69]**

F'każ ta' riskji emerġenti tas-saħħa, li jeħtieġu raġunijiet imperattivi ta' urġenza, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 16 għall-atti delegati adottati f'konformità ma' dan il-paragrafu.

*Artikolu 10a*

***l-ikel għal persuni intolleranti għall-glutina.***

***1. Apparti r-rekwiżiti tal-Artikolu 9, l-ikel maħsub għal persuni intolleranti għall-glutina jikkonsistu minn jew li fih ingredjent wieħed jew iżjed magħmulmill-qamħ, mis-segala, mix-xgħir, mill-ħafur jew mill-varjetajiet mit-taħlit tar-razez tagħhom li ġew ipproċessati speċjalment biex titnaqqas il-glutina, m'għandux ikun fih livell ta' glutina ta' aktar minn 100 mg/kg fl-ikel kif mibjugħ lill-konsumatur aħħari.***

***2. L-ikel maħsub għal persuni intolleranti għall-glutina mibjugħ lill-konsumatur aħħari, li fih livell ta' glutina:***

***— mhux aktar minn 100 mg/kg, jista' jiġ tikkettat bħala "kontenut baxx ħafna ta' glutina;***

**— mhux aktar minn 20 mg/kg, jista' jiġ tikkettat bħala 'mingħajr glutina'.**

***3. ikel maħsub għal persuni intolleranti għall-glutina għandu wkoll ikun konformi mal-kriterji li ġejjin:***

***— għandu jipprovdi bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' vitamini u minerali bħall-prodotti tal-ikel li qed jissostitwixxu,***

— *għandu jiġi ppreparat b'attenzjoni partikolari, b'konformità mal-prattiki tajba ta' manifattura (PTM), biex tkun evitata kull kontaminazzjoni bil-glutina,*

— *fejn jintużaw it-termini ""kontenut baxx ħafna ta' glutina" u "mingħajr glutina" huma għandhom jidhru viċin l-isem li taħtu huwa kkummerċjalizzat l-ikel.* [Em. 70]

*Artikolu 10b*

*L-ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx tal-kalorijiu b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji*

*1. Il-prodotti LCD u VLCD għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kompożizzjonali stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.*

*2. Il-komponenti individwali kollha li jiffurmaw il-prodotti LCD u VLCD, għandhom ikunu f'pakkett uniku.*

*3. L-isem li taħtu jinbiegħu l-prodott LCD u VLCD għandu jkun:*

*(a) għall-prodotti VLCD,*

*'Sostitut tad-dieta totali għall-użu f'dieti b'ammont baxx ħafna ta' kaloriji'."*

*(b) għall-prodotti LCD,*

*'Sostitut tad-dieta totali għall-użu f'dieti b'ammont baxx ħafna ta' kaloriji'."*

*4. L-ittikkettjar tal-prodotti LCD u VLCD għandu jkollu, flimkien mad-dettalji li għalihom hemm provdut fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, id-dettalji mandatorji li ġejjin:*

*(a) il-valur tal-enerġija disponibbli espressa f'kJ u kcal, u l-kontenut ta' proteini, karboidrati u xaħam, espressi f'forma numerika, għal kull kwantità speċifikata tal-prodott lest għall-użu kif propost għall-konsum;*

*(b) il-kwantità medja ta' kull mineral u kull vitamina li għalihom, il-kondizzjonijiet mandatorji huma stipulati fil-paragrafu 5 tal-Anness II, espressi f'forma numerika, għal kull kwantità speċifikata tal-prodott lest għall-użu kif propost għall-konsum;*

*(c) istruzzjonijiet għal preparazzjoni xierqa, fejn meħtieġ, u dikjarazzjoni dwar l-importanza li wieħed isegwi dawk l-istruzzjonijiet;*

*(d) jekk prodott, jipprovdi l-ammont ta' kuljum ta' polyols f'eċċess ta' 20 g kuljum, meta użat kif avżat mill-manifattur, ikun hemm dikjarazzjoni b'effett li dak l-ikel jista' jkollu effett lassattiv;*

*(e) dikjarazzjoni dwar l-importanza li wieħed jieħu ammont ta' fluwidu adegwat kuljum;*

*(f) dikjarazzjoni li l-prodott jipprovdi ammonti adegwati tan-nutrijenti essenzjali kollha għall-ġurnata;*

*(g) dikjarazzjoni li l-prodott m'għandux jintuża għal iktar minn tliet ġimgħat mingħajr parir mediku.*

*5. It-tikkettar, ir-riklamar u l-preżentazzjoni tal-prodotti LCD u VLCD ikkonċernati m'għandhom jagħmlu l-ebda referenza għar-rata jew l-ammont tat-telf tal-piż li jista' jirriżulta mill-użu tagħhom.* [Em. 71]

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

***Artikolu 10c***

***Aċċess għas-suq intern għall-SMEs***

***Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha u l-Awtorità, tadotta linji gwida xierqa u tipprovdi gwida teknika biex tippermetti lill-impriżi, speċjalment lill-SMEs, li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u tgħinhom fit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-valutazzjoni xjentifika. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 sabiex tadotta dawn il-linji gwida.*** **[Em. 72]**

Kapitolu iv

Il-lista ta' sustanzi permessi ~~tal-unjoni~~

Artikolu 11

IL-lista ***It-twaqqif ta' lista*** ta' sustanzi permessi tal-Unjoni

1. ***Filwaqt li tqis id-Direttivi 2006/141/KE u 2006/125/KE u r-regolament (KE) Nru 953/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, mhux aktar tard mill-… (*) [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti ddelegati skont l-Artikolu 15, sabiex iddaħħal fl-Anness I lista ta' vitamini, minerali u sustanzi oħra li jistgħu jiżdiedu ma' kull kategorija ta' ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1).***

~~1.~~**2.** Mal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) jistgħu jiġu miżjuda vitamini, minerali, aċidi amminiċi u sustanzi oħra, sakemm tali sustanzi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn ma għandhomx, fuq bażi tal-evidenza xjentifika disponibbli, ***aċċettata b'mod ġenerali u rieżaminata minn esperti***, jippreżentaw problema ta' sigurtà għas-saħħa tal-konsumatur; ~~u,~~

(b) għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-ġisem uman;

***(ba) għandhom ikunu xierqa għall-użu nutrittiv li għalih ikunu maħsuba; u***

***(bb) għandu jkollhom, abbażi ta' evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali, effett nutrittiv u/jew fiżjoloġiku.***

~~2. Mhux aktar tard minn [sentejn (2) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u sussegwentement taġġorna lista tal-Unjoni tas-sustanzi permessi li jilħqu l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, permezz tar-Regolamenti ta' implimentazzjoni. Id-dħul ta' sustanza fil-lista tal-Unjoni għandha tinkludi speċifikazzjoni dwar is-sustanza, u, fejn ikun meħtieġ, tispeċifika l-kundizzjonijiet tal-użu u l-kriterji tal-purità applikabbli. Dawn ir-Regolamenti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2). Permezz ta' raġunijiet xierqa ta' urġenza estrema relatati mar-riskji emerġenti tas-saħħa, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli b'mod immedjat li jaġġornaw il-lista tal-Unjoni bi qbil mal-Artikolu 14(3).~~

***2a. Għas-sustanzi msemmija fil-paragrafu 2 li huma nanomaterjali maħdumin, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:***

***(a) il-kundizzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 2 intweriet abbażi ta' metodi ta' ttestjar adegwati; kif ukoll***

***(b) il-valur nutrittiv tagħhom u kemm ikunu xierqa għall-persuni li għalihom huma maħsuba jkunu ntwerew.*** **[Em. 87]**

(*) ***Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

*Artikolu 11a*

***Aġġornament tal-lista ta' sustanzi permessi***

~~3.~~***1.*** Iż-żieda ta' sustanza ~~fil-lista tal-Unjoni skont il-paragrafu 2~~ ***ġdida fl-Anness -1*** għandu jsir jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella permezz ta' applikazzjoni. L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru minn Stat Membru jew minn parti interessata, li tista' wkoll tirrappreżenta bosta partijiet interessati (~~minn issa 'l quddiem magħrufa bħala~~ l-applikant).~~ L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, bi qbil mal-paragrafu 4.~~

***1a. L-applikant għandu jressaq applikazzjoni lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha tagħti konferma li rċevietha bil-miktub sa mhux aktar tard minn 14-il ġurnata.***

~~4~~ ***2.*** L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

b) l-isem u deskrizzjoni ċara tas-sustanza

(c) il-kompożizzjoni tas-sustanza;

(d) l-użu propost tas-sustanza u l-kundizzjonijiet tagħha;

(e) reviżjoni sistematika tad-dejta xjentifika u l-istudji xierqa ***eżaminati mill-pari u*** mwettqa skont gwida esperta b'validità ġenerali dwar it-tfassil u t-twettiq ta' studji simili;

(f) evidenza xjentifika li turi l-kwantità tas-sustanza li mhix ta' periklu għas-saħħa tal-persuni li hija maħsuba għalihom u kemm hi xierqa għall-użi maħsuba;

(g) evidenza xjentifika li turi li s-sustanza tista' tintuża għall-ġisem uman ***u għandha effett nutrittiv jew fiżjoloġiku***;

(h) taqsira tal-kontenut tal-applikazzjoni.

~~5~~***3***. Jekk sustanza tkun diġà ġiet inkluża ~~fil-lista tal-Unjoni~~ ***fl-Anness I*** u jkun hemm tibdil sinifikanti fil-metodi tal-produzzjoni, jew ikun hemm tibdil fid-daqs tal-partikuli, eżempju permezz tan-nanoteknoloġija, is-sustanza mħejjija minn dawn il-metodi l-ġodda ***jew ~~b'bidla fid-daqs tal-partikuli~~*** ~~għandha tkun meqjusa bħala sustanza differenti u l-lista tal-Unjoni~~ ***~~li ma tkunx inkluża fl-Anness -1 u li~~*** ~~għandha tiġi emendata kif suppost qabel titqiegħed fis-suq tal-Unjoni~~ ***Applikazzjoni separata għandha tkun meħtieġa fl-Anness I***.

***4. Jekk sustanza li tkun fl-Anness I ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(2) u (2a), il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tneħħi dik is-sustanza mill-Anness I.***

***5. L-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I għandha tinkludi:***

— ***speċifikazzjoni tas-sustanza***

— ***meta jkun xieraq, speċfikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu, u***

— ***meta jkun xieraq, speċfikazzjoni tal-kriterji tal-purità applikabbli.***

***6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 15 sabiex taġġorna l-Anness I. Meta, fil-każ ta' riskji emerġenti għas-saħħa, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeħtieġu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 16 għandha tapplika għall-atti delegati adottati f'konformità ma' dan il-paragrafu.*** **[Em. 88]**

Artikolu 12

Informazzjoni kunfidenzjali relatata mal-applikazzjonijiet

1. Fost l-informazzjoni provduta fl-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 11, għandu jingħata trattament kunfidenzjali għall-informazzjoni li x-xandir tagħha jista' jkun ta' ħsara sinifikanti għall-pożizzjoni kompetittiva tal-applikant.

2. Informazzjoni relatata ma' dan li ġej ma għandhiex, taħt l-ebda ċirkostanza, tiġi trattata b'mod kunfidenzjali:

(i) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(ii) l-isem u d-deskrizzjoni tas-sustanza;

(iii) il-ġustifikazzjoni għall-użu tas-sustanza fi jew fuq ikel speċifiku;

(iv) informazzjoni li hija rilevanti għall-valutazzjoni tas-sigurtà tas-sustanza;

(v) fejn japplika, il-metodu(i) tal-analiżi użat mill-applikant.

***(va) kwalunkwe dejta xjentifika miġbura mill-ittestjar fuq l-annimali għall-valutazzjoni tas-sikurezza tas-sustanza.*** **[Em. 75]**

3. L-applikanti għandhom jindikaw liema informazzjoni jixtiequ li tiġi trattata b'mod kunfidenzjali. F'dawn il-każijiet, għandha tingħata informazzjoni li tista' tiġi verifikata.

4. Wara li tikkonsulta lill-applikanti, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema informazzjoni tista' tibqa' kunfidenzjali u għandha tavża lill-applikanti u lill-Istati Membri b'mod xieraq.

5. Wara li jiġu infurmati bil-pożizzjoni tal-Kummissjoni, l-applikanti jkollhom tliet ġimgħat li fihom jistgħu jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom sabiex jippreservaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta. Il-kunfidenzjalità għandha tiġi ppreservata sakemm jiskadi dan il-perjodu.

Kapitolu V

Kunfidenzjalità

Artikolu 13

Klawżola ***tat-traspaerenza u*** ġenerali tal-kunfidenzjalità

Il-Kummissjoni, l-Awtorità u l-Istati Membri, bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1], ***għandhom jiggarantixxu aċċess wiesgħa kemm jista' jkun għad-dokumenti u partikolarment jassistu u jinfurmaw lill-membri tal-pubbliku rigward proċeduri ta' applikazzjoni tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti. Huma*** għandhom jieħdu ***wkoll*** l-miżuri meħtieġa għall-garanzija ta' kunfidenzjalità adegwata tal-informazzjoni li jirċievu skont dan ir-Regolament, minbarra

(1) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

l-informazzjoni li għandha tixxandar skont iċ-ċirkustanzi għall-protezzjoni tas-saħħa umana, is-saħħa tal-annimali jew tal-ambjent. **[Em 76]**

Kapitolu VI

Dispożizzjonijiet proċedurali

Artikolu 14

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata appoġġ mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont id-definizzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-mexxej tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew meta titlob dan maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, b'rabta mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 15

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ~~Id-delega tas-~~ ***Is-***setgħa ***ta' adozzjoni ta' atti delegati*** msemmija ~~fl-Artikoli 2(3) u 10~~ ***fl-Artikoli 3(4a), 10(2) u (3), 10c, 11(1) u 11a(6)*** ta' dan ir-Regolament għandha tingħata għal perijodu ta' ~~żmien mhux determinat minn (*) [(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew minn kull data oħra stabbilita mil-leġiżlatur.] ta'~~ ***ħames … (*). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa hija estiża b'mod taċitu għall-perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponi għal din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem ta' kull perjodu.*** **[Em 77]**

3. ~~Id-delega tas-~~***Is-***setgħa ***ta' adozzjoni ta' atti delegati*** msemmija ~~fl-Artikoli 2(3) u 10~~ ***fl-Artikoli 3(4a), 10(2) u (3), 10c, 11(1)*** u ***11a(6)*** tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'din id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tiġi ppubblikata d-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data speċifikata aktar tard fih. Din ma għandhiex tħalli effett fuq il-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà qiegħed fis-seħħ. **[Em 78]**

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha fl-istess ħin tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(*) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli ~~2(3) u 10~~ ***3(4a), 10(2), u (3), 10(c), 11(1) u 11a (6)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel id-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż għal xahrejn (2) fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. **[Em 79]**

Artikolu 16

Proċedura ta' urġenza

1. Atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw ladarba ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni bi qbil mal-paragrafu 2. In-notifika tal-att delegat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tistqarr ir-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew inkella l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15. F'każ simili, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Kapitolu VII

Dispożizzjonijiet finali

***Artikolu 16a***

***l-ikel għal persuni intolleranti għal-latożju.***

***Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, u jekk ikun xieraq ikun akkumpanjat minn proposta leġislattiva, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tikkjarifika l-istatus tal-indikazzjonijiet ta' tikkettar ta' 'mingħajr lattożju' u 'kontent baxx ħafna ta' lattożju' skont il-liġi ġenerali dwar l-ikel.*** **[Em 80]**

***Artikolu 16b***

***Ħalib maħsub għat-tfal żgħar;***

***Sa … (*), il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Awtorità, tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta l-ħtieġa għal dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-ħalib maħsub għal tfal żgħar. Dan ir-rapport għandu jikkunsidra l-ħtiġijiet nutrizzjonali, ix-xejra tal-konsum, in-nutrijenti kkunsmati u l-livell ta' sustanzi kontaminanti u pestiċidi li għalih qed jiġu esposti t-tfal żgħar. Ir-rapport għandu jikkunsidra wkoll jekk dan il-ħalib għandux benefiċċji nutrizzjonali meta mqabbel ma' dieta normali għal tarbija li qed tiġi miftuma. Fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha jew:***

***(a) tiddeċiedi li ma jkunx hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet speċjali rigward il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-ħalib maħsub għal tfal żgħar; jew***

***(b) jekk ikun xieraq, tibgħat, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u fuq il-bażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE, proposta leġislattiva.***

***Qabel it-tħejjija tar-rapporti tal-Kummissjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, il-ħalib maħsub għal tfal żgħar għandu jkompli jaqa' taħt l-ambitu tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni bħal pereżempju r-Regolament (KE) Nru 178/2002, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1924/2006.*** **[Em 81]**

(*) ***Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

Artikolu 17

Revoka

1. Id-Direttiva 92/52/KEE u d-Direttiva 2009/39/KE ġew revokati minn… (*). Referenzi għall-atti revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

2. Id-Direttiva 96/8/KE u r-Regolament (KE) Nru 41/2009 ġew revokati minn … (*).

Artikolu 18

Miżuri tranżitorji

Ikel li mhux konformi ma' dan ir-Regolament iżda li hu konformi mad-Direttivi 2009/39/KE u 96/8/KE, mar-Regolamenti (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009, u li ngħata tikketta qabel … (**) jista' jibqa' fis-suq wara dik id-data sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika minn … (***),

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli f'kull Stat Membru.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

(*) L-ewwel ġurnata tax-xahar sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
(**) Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
(***) L-ewwel ġurnata tax-xahar sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

*Anness I*

*Lista ta' sustanzi permessi* [Em. 89]

---

*Anness II*

*Rekwiżiti kompożizzjonali għall-prodotti LCD u VLCD*

*Dawn l-speċifikazzjonijiet jirreferu għall-prodotti LCD u VLCD lesti għall-użu, imqiegħda fis-suq, jew ikkostitwiti mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-manifattur.*

*1. Enerġija*

*1.1. L-enerġija pprovduta minn prodott VLCD m'għandhiex tkun inqas minn 1 680 kJ (400 kcal) u m'għandhiex taqbeż it-3 360 kJ (800 kcal) għar-razzjon totali ta' kuljum.*

*1.2. L-enerġija pprovduta minn prodott LCD m'għandhiex tkun inqas minn 3 360 kJ (800 kcal) u m'għandhiex taqbeż il-5 040 kJ (1 200 kcal) għar-razzjon totali ta' kuljum.*

*2. Proteini*

*2.1 Il-proteini li jinsabu fil-prodotti LCD u VLCD m'għandhomx jipprovdu inqas minn 25 % u mhux aktar minn 50 % tal-enerġija totali tal-prodott. Fi kwalunkwe każ, l-ammont tal-proteini ta' dawn il-prodotti m'għandux ikun iktar minn 125 g*

*2.2. Il-punt 2.1 jirreferi għal proteina li l-indiċi kimiku tagħha huwa daqs dak tal-proteini ta' referenza tal-FAO/WHO (1985) stabbilita fit-Tabella 2. Jekk l-indiċi kimiku huwa iktar baxx minn 100 % tal-proteina ta' referenza, il-livelli minimi ta' proteina għandhom jiġu miżjuda b'mod li jikkorrispondi. Fi kwalunkwe każ l-indiċi kimiku tal-proteini għandu jkun għalinqas ugwali għal 80 % ta' dak tal-proteini ta' referenza.*

*2.3. L-'indiċi kimiku' għandu jfisser il-proporzjon l-aktar baxxa bejn il-kwantità ta' kull aċidu amminiku essenzjali tal-proteini tat-test u l-kwantità ta' kull aċidu amminiku li jikkorrispondi tal-proteina ta' referenza.*

*2.4. Fi kwalunkwe każ, iż-żieda ta' aċidu amminiku hija permessa biss għall-għan ta' titjib tal-valur nutrittiv tat-taħlita tal-proteini, u biss fil-proporzjonijiet meħtieġa għal dak il-għan.*

*3. Xaħam*

*3.1. L-enerġija miksuba mix-xaħam m'għandhiex taqbeż it-30 % tal-enerġija disponibbli totali tal-prodott.*

*3.2. L-aċidu linoleiku (fil-forma ta' ma għandux ikun inqas minn 4,5 g.*

*4. Fibra tad-dieta*

*Il-kontenut tal-fibra tad-dieta ta' prodotti LCD u VLCD m'għandhiex tkun inqas minn 10 g u m'għandhiex tkun aktar minn 30 g għar-razzjon ta' kuljum.*

*5. Vitamini u minerali*

*Il-prodotti LCD u VLCD għandhom jipprovdu għad-dieta kollha ta' kuljum tal-anqas: 100 % tal-ammonti ta' vitamini u minerali speċifikati fit-Tabella 1.*

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

*Tabella 1*

| | | |
|---|---|---|
| *Vitamina A* | *(μg RE)* | *700* |
| *Vitamina D* | *(μg)* | *5* |
| *Vitamina E* | *(mg-TE)* | *10* |
| *Vitamina C* | *(mg)* | *45* |
| *Tiamina* | *(mg)* | *1,1* |
| *Riboflavin* | *(mg)* | *1,6* |
| *Niaċina* | *(mg-NE)* | *18* |
| *Vitamina B6* | *(mg)* | *1,5* |
| *Folat* | *(μg)* | *200* |
| *Vitamina B12* | *(μg)* | *1,4* |
| *Biotin* | *(μg)* | *15* |
| *Aċidu Pantoteniku* | *(mg)* | *3* |
| *Kalċju* | *(mg)* | *700* |
| *Fosfru* | *(mg)* | *550* |
| *Potassju* | *(mg)* | *3 100* |
| *Ħadid* | *(mg)* | *16* |
| *Żingu* | *(mg)* | *9,5* |
| *Ram* | *(mg)* | *1,1* |
| *Jodju* | *(μg)* | *130* |
| *Selenju* | *(μg)* | *55* |
| *Sodju* | *(mg)* | *575* |
| *Manjeżju* | *(mg)* | *150* |
| *Manganiż* | *(mg)* | *1* |

*Tabella 2*

*XEJRA TAR-REKWIŻIT TAL-AĊIDU AMMINIKU* (1)

| | *g/100 g proteina* |
|---|---|
| *Ċistina + metijonina* | *1,7* |
| *Istidina* | *1,6* |
| *Iżolewċina* | *1,3* |
| *Lewċina* | *1,9* |
| *Liżina* | *1,6* |
| *Fenilalanina + Tirożina* | *1,9* |
| *Treonina* | *0,9* |
| *Triptofan* | *0,5* |
| *Valina* | *1,3* |

(1) *Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (World Health Organisation - WHO) Rekwiżiti tal-enerġija u tal-proteini. Rapport ta' Laqgħa Konġunta FAO/WHO/UNU. Ġinevra: L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 1985. (WHO Technical Report Series, 724).*

[Em. 82]

2013/C 332 E/17 Mutilazzjoni tal-ġenitali femminili

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar it-tmiem għall-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa (2012/2684(RSP)) .......... 87

2013/C 332 E/18 Proteżijiet tas-sider difettużi magħmulin minn ġel tas-silikon manifatturati mill-kumpanija Franċiża PIP

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proteżijiet tas-sider difettużi magħmulin minn ġel tas-silikon manifatturati mill-kumpanija Franċiża PIP (2012/2621(RSP)) .......... 89

2013/C 332 E/19 Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel (2012/2680(RSP)) .......... 94

2013/C 332 E/20 Każijiet ta' impunità fil-Filippini

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar każijiet ta' impunità fil-Filippini (2012/2681(RSP)) 99

2013/C 332 E/21 Is-sitwazzjoni tal-minoranzi etniċi fl-Iran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tal-minoranzi etniċi fl-Iran (2012/2682(RSP)) .......... 102

2013/C 332 E/22 Ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-istabbiliment ta' ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku .......... 104

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

2013/C 332 E/23 Rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar is-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar is-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2012/2036(INI)) .......... 106

2013/C 332 E/24 Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (2012/2088(INI)) .......... 114

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012**

2013/C 332 E/25 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) - applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana - żraben, Spanja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana xdud tas-saqajn minn Spanja) (COM(2012)0204 – C7-0112/2012 – 2012/2089(BUD)) ...................... 118

*ANNESS* ...................... 121

2013/C 332 E/26 Abbozz ta' Baġit ta' Emenda Nru 2 għall-2012: approprjazzjonijiet mill-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-għargħar fl-Italja (Ligurja u Toskana) fl-2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (09916/2012 – C7-0123/2012 – 2012/2057(BUD)) ...................... 121

2013/C 332 E/27 Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE - l-għargħar fil-Ligurja u t-Toskana

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2012)0126 – C7-0078/2012 – 2012/2051(BUD)) 122

*ANNESS* ...................... 123

2013/C 332 E/28 Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EGF/2012/000 TA 2012 - Talba għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (FEG/2012/000 TA 2012 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) (COM(2012)0160 – C7-0091/2012 – 2012/2058(BUD)) ...................... 123

*ANNESS* ...................... 126

**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012**

2013/C 332 E/29 Ħatra ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri (Iliana Ivanova - Bulgarija)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-ħatra proposta ta' Iliana Ivanova bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0111/2012 – 2012/0803(NLE)) ...................... 127

MT

2013/C 332 E/30 Skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (COM(2011)0241 – C7-0116/2011 – 2011/0117(COD)) ..... 127

P7_TC1-COD(2011)0117

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsil (KE) Nru 732/2008 ..... 128

2013/C 332 E/31 It-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro (COM(2011)0819 – C7-0449/2011 – 2011/0385(COD)) ..... 128

2013/C 332 E/32 Dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (COM(2011)0821 – C7-0448/2011 – 2011/0386(COD)) ..... 150

2013/C 332 E/33 Twessigħ tal-ambitu ġeografiku tal-ħidma tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-ħidma tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran. (COM(2011)0905 – C7-0523/2011 – 2011/0442(COD)) ..... 177

P7_TC1-COD(2011)0442

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran ..... 177

**Il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012**

2013/C 332 E/34 L-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk. (COM(2011)0760 – C7-0432/2011 – 2011/0345(COD)) ..... 178

P7_TC1-COD(2011)0345

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali multiannwali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk ..... 178

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

2013/C 332 E/35 — Perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi (COM(2010)0781 – C7-0011/2011 – 2010/0377(COD)) .......... 182

P7_TC1-COD(2010)0377

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE .......... 183

Anness .......... 183

2013/C 332 E/36 — Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali (COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD)) .......... 183

P7_TC1-COD(2011)0156

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar ~~u~~ dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali*u dwar ikel għal persuni intolleranti għall-glutina u dwar ikel maħsub għall-użu f'dieti b'ammont baxx u b'ammont baxx ħafna tal-kaloriji* [Em. 1] [1] .......... 184

*Anness I* .......... 207

*Anness II* .......... 207

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

**MT**